

Gwida dwar il-kumpilazzjoni ta' skedi ta' *data* ta' sigurtà

Verżjoni 4.0
Diċ 2020



AVVIŻ LEGALI

Dan id-dokument għandu l-għan li jassisti lill-utenti fil-konformità mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament REACH. Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-test tar-Regolament REACH huwa l-unika referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwix parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Referenza: ECHA-20-H-25-MT

ISBN: 978-92-9481-787-7

Data tal-pubblikazzjoni: Diċembru 2020

Lingwa: MT

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2020

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti fir-rigward ta' dan id-dokument, jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola ta' talba għal informazzjoni. Il-formola ta' talba għal informazzjoni tista' tiġi aċċessata permezz tal-paġna ta' Kuntatt tal-ECHA fuq: <http://echa.europa.eu/contact>

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: P.O. Box 400, FI-00121 Helsinki, Finland

Indirizz taż-żjarat: Telakkakatu 6, Helsinki, Finland

Verżjoni	Bidliet	Data
Verżjoni 1.0	L-ewwel edizzjoni.	Settembru 2011
Verżjoni 1.1	Rettifika li tkopri dan li ġej: (1) In-nota f'qiegħ il-paġna 25 fil-paġna 24 ġiet korretta billi żdied magħha elenkar sħiħ tal-klassijiet jew tal-kategoriji ta' periklu taħt (b), (c), (d) kif ukoll dawk taħt (a) diġà mogħtija. (2) Fid-diskussjoni tal-fatturi-M għal komponenti ta' taħlitiet taħt 3.2 fil-paġna 51 referenza għal preferenza għall-elencar fi 2.1 (li tapplika għas-sustanzi) ġiet korretta biex ikun ikkjarifikat li għat-taħlitiet, il-fatturi-M għall-komponenti għandhom jiġu indikati flimkien mal-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni tagħhom taħt 3.2.	Diċembru 2011
Verżjoni 1.2	Rettifika tal-verżjoni bil-lingwa Spanjola.	April 2013
Verżjoni 2.0	Aġġornament tal-gwida li jkopri b'mod partikolari l-estensjoni tal-Appendiċi 2 ta' din il-gwida permezz tat-trasferiment u l-aġġornament ta' informazzjoni qabel inkluża f'dokument ta' gwida separat (Parti G tal-Gwida għal IR&CSA). L-Appendiċi aġġornat jipprovdi gwida dwar kif għandha tiġi inkluża l-informazzjoni tax-xenarju tal-esponiment f'SDS u dwar kif SDS tista' tiġi estiża billi jkun meħmuż xenarju tal-esponiment. Hija pprovduta gwida aġġornata dwar il-korrelazzjoni bejn ix-xenarju tal-esponiment u t-taqsimiet tal-SDS. L-aġġornament ikopri wkoll il-kwistjonijiet li ġejjin: (1) Iż-żieda ta' nota fil-kapitolu 3.14 dwar id-dispożizzjoni taħt ir-Regolament Nru 649/2012 (ir-Regolament PIC) biex tiġi pprovduta SDS bil-lingwa tal-pajjiż jew taż-żona tad-destinazzjoni. (2) Aġġornament tal-kapitolu 3.22 bit-tħassir ta' informazzjoni diġà koperta mill-Gwida aġġornata għal utenti downstream (verżjoni 2.0). (3) Aġġornament tal-kapitolu 3.23 biex tiġi żgurata konsistenza mal-Gwida aġġornata għal utenti downstream (verżjoni 2.0). B'mod partikolari żdiedet għażla addizzjonali għal utenti downstream li jeħtieġu li jgħaddu informazzjoni dwar taħlitiet. (4) Aġġornament tat-tabella 2 fl-Appendiċi 1 biex titħassar informazzjoni dwar perjodi ta' tranżizzjoni li diġà skadew u biex jiżdied dettall li jikkjarifika f'format imtejjeb, dwar l-informazzjoni miżmuma. (5) Korrezzjonijiet minuri biex jiġu aġġornati l-iperlinks u l-iżbalji tipografiċi. (6) Il-bidla fil-format għal identità korporattiva ġdida tal-ECHA.	Diċembru 2013
Verżjoni 2.1	Rettifika tal-verżjoni bil-lingwa Ingliża biss. Tħassir tal-aħħar parti tas-sentenza fil-parentesi fit-tieni paragrafu tal-kapitolu 3.22. Din issa taqra kif ġej: "(jigħifieri dawk li jissodisfaw il-kriterji PBT/vPvB jew il-kriterji għal kwalunkwe mill-klassijiet ta' periklu elenkati fl-Artikolu 14(4) ta' REACH kif emendat mill-Artikolu 58 ta' CLP)".	Frar 2014

<p>Verżjoni 2.2</p>	<p>Rettifika tal-verżjonijiet tal-lingwi li ġejjin biss: BG, DA, DE, GR, ES, ET, FI, FR, HR, HU, LT, MT, NL, RO, SL, SV.</p> <p>Sostituzzjoni fil-kapitoli 4.2, 4.3 u 4.16 tal-Klassi ta' Perikli u tal-Kodiċijiet ta' Kategorija tradotti bil-verżjonijiet korretti (jiġifieri kodiċi ta' test ibbaża fuq l-Ingliż) jif jidher fl-Anness VI u VII tar-Regolament CLP.</p>	<p>Diċembru 2014</p>
<p>Verżjoni 3.0</p>	<p>Aġġornament tal-Gwida biex jitqies il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ittikkettar ta' taħlitiet skont id-Direttiva dwar Preparati Perikolużi (DPD), il-ħtieġa li tiġi indikata l-klassifikazzjoni tal-komponenti tagħhom skont id-Direttiva dwar Sustanzi Perikolużi (DSD) u li tiġi riflessa l-implimentazzjoni sħiħa tar-regolament CLP.</p> <p>L-aġġornament huwa limitat għal li ġej:</p> <p>(1) It-tħassir tar-referenza għall-verżjoni obsoleta tal-Anness II (sostitwita bl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 453/2010 u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830);</p> <p>(2) Iż-żieda ta' referenzi għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830 li japplika mill-1 ta' Ġunju 2015;</p> <p>(3) Aġġornament tar-referenzi għat-test legali kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830;</p> <p>(4) Iż-żieda fil-kapitolu 1.1 ta' referenza għat-tabelli 3.4.6, 3.6.2, 3.7.2, 3.8.3 u 3.9.4 tal-Anness I ta' CLP li jiddefinixxi l-kundizzjonijiet li skonthom xi taħlitiet li ma jissodisfawx il-kriterji għal klassifikazzjoni bħala perikolużi skont is-CLP jeħtieġu wkoll li tiġi ppreparata SDS jew li ssir disponibbli meta tintalab;</p> <p>(5) Iż-żieda fil-kapitolu 1.2 ta' kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni tal-gwida aġġornata;</p> <p>(6) Iż-żieda ta' subkapitolu 1.3 ġdid b'test ta' spjegazzjoni tad-dispożizzjonijiet tranżitorji fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830;</p> <p>(7) It-tħassir tal-kapitolu 2 oriġinali (u n-numerazzjoni mill-ġdid tal-kapitolu 3 u s-subkapitoli tiegħu) li jinkludi informazzjoni mhux aġġornata, ma għadhiex rilevanti iktar għal dan id-dokument li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu issa huwa biss li jipprovdi gwida dwar il-kumpilazzjoni tal-SDSs skont ir-rekwiżiti fis-seħħ mill-1 ta' Ġunju 2015;</p> <p>(8) Iż-żieda fil-kapitolu 2.14 tal-kjarifika li l-Kodiċijiet tal-Klassi u tal-Kategorija tal-Periklu (kif mogħtija fl-Anness VI u VII tar-Regolament CLP) ma għandhomx jiġu tradotti meta jintużaw fl-SDS;</p> <p>(9) Iż-żieda fil-kapitolu 2.15 tal-kjarifika tar-rekwiżit li tiġi pprovdata SDS għal taħlitiet mhux perikolużi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Tabella 3.4.6 tal-Anness I ta' CLP;</p> <p>(10) Iż-żieda fil-kapitolu 2.16 ta' kjarifika rigward l-obbligu li tiġi pprovdata SDS fuq talba għal taħlitiet mhux ikklassifikati li jinkludu sustanzi b'limiti ta' esponiment fuq il-postijiet tax-xogħol f'livell tal-UE irrispettivament mill-konċentrazzjoni tagħhom;</p> <p>(11) Iż-żieda fil-kapitolu 3.2 tar-referenza sħiħa għall-punt 0.5 tal-Anness II ta' REACH skont ir-Regolament (UE) 2015/830;</p>	<p>Awwissu 2015</p>

	<p>(12) It-tfassir tal-Appendiċi 1 dwar il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-applikazzjoni tal-ittikkettar ta' CLP u r-rekwiżiti korrispondenti tal-SDS;</p> <p>(13) It-tfassir ta' informazzjoni mhux aġġornata u korrezzjonijiet lingwistiċi minuri tal-verżjoni bil-lingwa Ingliża.</p>	
Verżjoni 3.1	<p>Rettifika biex:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Jiġi kkoreġut it-test legali ta' (UE) 2015/830 u l-immarkar korrett tat-test legali l-ġdid (BG, CS, DE, EL, ES, FI, FR, HR, HU, LT, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, SV); • Jiġi kkoreġut liema test kien immarkat bil-blu (ET); • Tiġi kkoreġuta xi punteġġatura u l-iffomatjar (IT) • Jiġi ttrasformat in-numru tal-konvenzjoni MARPOL mill-eżempju fil-kapitolu 3.14 (EN, BG, CS, EL, ES, FR, HR, HU, IT, LT, LV, MT, NL, PL, PT, SK, SL, SV). 	Novembru 2015
Verżjoni 4.0	<p>Aġġornament tal-gwida biex jittikkettaw l-Anness II rivedut applikabbli mill-1 ta' Jannar 2021.</p> <p>L-aġġornament jinkludi parir dwar id-dispożizzjonijiet rigward:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Nanoforum (diversi taqsimiet) • L-identifikatur uniku tal-formula (UFI) (Taqsimiet 1.1 tal-SDS) • Dettalji tal-fornitur tal-iskeda ta' data ta' sigurtà (Taqsimiet 1.3 tal-SDS) • Proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali (diversi taqsimiet) • Il-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku, il-fattur M u l-istima ta' tossiċità akuta (Taqsimiet 3.1 u 3.2 tal-SDS) • Espansjoni tat-Taqsimiet 9 tal-SDS: Proprjetajiet fiżiċi u kimiċi, f'konformità mal-GHS • Aġġornament tat-Taqsimiet 14 tal-SDS: Informazzjoni dwar it-trasport • Applikazzjoni tal-perjodu ta' tranżizzjoni (l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/878) <p>L-aġġornament ippermetta wkoll korrezzjonijiet minuri (eż. aġġornament tal-iperlinks), u l-editjar/it-tneħħija ta' pariri mhux aġġornati (eż. parir dwar il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' CLP).</p>	

Werrej

1	Introduzzjoni Ġenerali.....	8
1.1	L-iskeda ta' data ta' sigurtà.....	8
1.2	L-għan ta' din il-gwida.....	10
1.3	Dispożizzjoni tranżitorja biex tiġi implimentata l-aħħar verżjoni tal-Anness II ta' REACH.....	11
1.4	L-udjenja fil-mira ta' din il-gwida.....	11
1.5	Ir-relazzjoni mas-CLP u l-GHS.....	11
2	Kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kumpilazzjoni ta' SDS.....	13
2.1	Definizzjoni ta' skeda ta' data ta' sigurtà (SDS).....	13
2.2	Responsabbiltà għall-kontenut ta' SDS.....	13
2.3	Kif tiddikjara SDS bħala kunfidenzjali.....	14
2.4	Il-possibbiltà li jintalab ħlas għall-provvista ta' SDS.....	14
2.5	Min għandu jikkompila SDS.....	14
2.5.1	Definizzjoni ta' persuna kompetenti.....	14
2.5.2	Taħriġ u edukazzjoni kontinwa tal-persuni kompetenti.....	15
2.6	Is-sekwenza, l-għoti ta' ismijiet u n-numerazzjoni ta' taqsimiet u subtaqsimiet li għandhom jintużaw f'SDS.....	16
2.7	Grad neċessarju ta' kompletezza meta tiġi pprovduta informazzjoni f'SDS.....	17
2.8	Ħtieġa li jiġu aġġornati l-SDSs.....	18
2.9	Il-ħtieġa li jiġi kkomunikati bidliet fl-SDS.....	19
2.10	Ħtieġa potenzjali li jinżammu rekords tal-SDSs u l-emendi tagħhom.....	19
2.11	Eżempju ta' sekwenza għall-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni għall-kumpilazzjoni tal-SDS.....	20
2.12	Kif tgħin biex tiżgura l-konsistenza u l-kompletezza tal-SDS.....	20
2.13	Mezzi li bihom, u sa meta, għandha tiġi pprovduta l-SDS.....	21
2.14	Lingwa(i) li biha(hom) għandha tiġi pprovduta l-SDS.....	22
2.15	Sustanzi u taħlitiet li għalihom għandha tiġi pprovduta SDS mingħajr talba minn qabel.....	23
2.16	Ċerti taħlitiet li għalihom għandha tiġi pprovduta SDS fuq talba.....	23
2.17	L-ittikkettar meħtieġ għal taħlita mhux ikklassifikata bħala perikoluża u mhux maħsuba għall-pubbliku ġenerali li għaliha l-SDS għandha tkun disponibbli jew fornuta fuq talba.....	24
2.18	SDSs għal sustanzi u taħlitiet perikolużi magħmula disponibbli għall-pubbliku ġenerali.....	24
2.19	Aċċess għall-informazzjoni fl-SDS mill-ħaddiema.....	25
2.20	Prodotti li għalihom mhijiex meħtieġa SDS.....	25
2.21	Kumpilazzjoni possibbli ta' SDS għal sustanzi u taħlitiet anke meta mhux legalment meħtieġa.....	26
2.22	Meta jkun meħtieġ li jiġu mehmuża x-Xenarji tal-Esponiment mal-SDS.....	27
2.23	Mezzi alternattivi biex informazzjoni dwar ix-Xenarju tal-Esponiment tiġi inkluża fl-SDS għal sustanzi u taħlitiet.....	28
2.24	Forum ta' assistenza disponibbli fil-kumpilazzjoni tal-SDSs.....	30
2.25	Sorsi magħżula ta' data tas-sustanzi utli għall-kumpilazzjoni tal-SDSs.....	30
2.26	Kif tikkompila SDS għal sustanza rkuprata jew taħlitiet li jinkludu sustanza bħal din.....	32
2.27	L-ittestjar għall-iskopijiet tal-ġenerazzjoni tal-informazzjoni għal SDS.....	32
3	Informazzjoni dettaljata, taqsima b'taqsima.....	34

3.1	SDS TAQSIMA 1: Identifikazzjoni tas-sustanza/taħlita u tal-kumpanija/impriża.....	34
3.2	SDS TAQSIMA 2 Identifikazzjoni tar-riskji	42
3.3	SDS TAQSIMA 3 II-kompożizzjoni/informazzjoni dwar l-ingredjenti.....	48
3.4	SDS TAQSIMA 4 II-miżuri tal-ewwel għajnuna	59
3.5	SDS TAQSIMA 5 Miżuri għat-tifi tan-nar.....	61
3.6	SDS TAQSIMA 6: Miżuri għar-rilaxx aċċidentali.....	63
3.7	SDS TAQSIMA 7: Ġestjoni u ħżin	66
3.8	SDS TAQSIMA 8 Kontrolli tal-esponiment/protezzjoni personali.....	70
3.9	SDS TAQSIMA 9: Proprjetajiet fiżiċi u kimiċi	80
3.10	SDS TAQSIMA 10 Stabbiltà u Reattività	96
3.11	SDS TAQSIMA 11 Informazzjoni tossikoloġika.....	100
3.12	SDS TAQSIMA 12 Informazzjoni ekoloġiku	106
3.13	SDS TAQSIMA 13: Kunsiderazzjonijiet ta' rimi	112
3.14	SDS TAQSIMA 14: Informazzjoni dwar it-trasport	114
3.15	SDS TAQSIMA 15 Informazzjoni regolatorja	119
3.16	SDS TAQSIMA 16 Informazzjoni oħra	122
	Appendiċi 1. L-inklużjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar ix-xenarju tal-esponiment fi-iskedi ta' data ta' sigurtà	125
	Appendiċi 2. SDS għal Taħlitiet Speċjali.....	132
	Appendiċi 3. Kwistjonijiet speċifiċi rilevanti għall-kumpilazzjoni tal-SDSs għal sustanzi u taħlitiet irkuprati.	134
	Appendiċi 4. Glossarju / Lista ta' akronimi.....	138

Figuri

Figura 1: Sekwenza ta' eżempju għall-kumpilazzjoni ta' SDS	20
--	----

Tabelli

Tabella 1: informazzjoni addizzjonali meħtieġa għan-nanoforom (reġistrati) ta' sustanza:.....	51
Tabella 2 Relazzjoni bejn ix-xenarju tal-esponiment u t-Taqsimiet tal-SDS.....	128

1 Introduzzjoni Ġenerali

1.1 L-iskeda ta' data ta' sigurtà

L-iskedi ta' data ta' sigurtà (SDSs) huma metodu aċċettat sew u effettiv għall-għoti ta' informazzjoni lir-riċevituri tas-sustanzi u t-taħlitiet fl-UE. Dawn saru parti integrali tas-sistema tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH)¹. Ir-rekwiżiti oriġinali ta' REACH għall-SDSs ġew addattati aktar biex iqisu r-regoli għall-iskedi ta' data ta' sigurtà tas-Sistema Globalment Armonizzata (GHS)² u l-implimentazzjoni ta' elementi oħra tal-GHS fil-leġiżlazzjoni tal-UE li kienu introdotti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP)³ permezz ta' emendi għall-Anness II ta' REACH⁴.

L-SDS tipprovdi mekkaniżmu biex tintbagħat informazzjoni xierqa ta' sikurezza dwar sustanzi u taħlitiet fejn:

- sustanza jew taħlita tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikoluża skont is-CLP; jew
- sustanza hija persistenti, bijoakkumulattiva u tossika (PBT) jew għandha persistenza għolja u bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB), skont il-kriterji mogħtija fl-Anness XIII ta' REACH, jew;
- sustanza hija inkluża fil-lista tal-kandidati għal awtorizzazzjoni eventwali skont l-Artikolu 59(1) ta' REACH għal xi raġunijiet oħra.

(Ara l-Artikolu 31(1) ta' REACH).

Taħt ċerti kundizzjonijiet xi taħlitiet li ma jissodisfawx il-kriterji għal klassifikazzjoni bħala perikoluża skont is-CLP jeħtieġu wkoll li SDS tiġi ppreparata jew li ssir disponibbli meta tintalab (Ara l-Artikolu 31(3) ta' REACH u n-noti għat-tabelli = 3.4.6, 3.6.2, 3.7.2, 3.8.3 u 3.9.4 tal-Anness I tas-CLP estratti hawn taħt):

Sensitizzatur tal-Ġilda: Tabella 3.4.6 Limiti tal-konċentrazzjoni għall-eliċitazzjoni tal-komponenti ta' taħlita

Nota 1: Dan il-limitu ta' konċentrazzjoni għall-eliċitazzjoni jintuża għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti speċjali tal-ittikkettar li hemm fit-taqsimha 2.8 tal-Anness II sabiex ikunu protetti individwali li huma diġà sensitizzati. Hija meħtieġa SDS għat-taħlita li fiha komponent ta' jew ogħla minn din il-konċentrazzjoni. Għal sustanzi sensibbli b'limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, verżjoni kkoreġuta f'ĠU L 136, 29.5.2007, p.3).

2 L-edizzjonijiet kollha tal-GHS huma disponibbli fuq:
https://www.unece.org/trans/danger/publi/ghs/ghs_welcome_e.html

3 Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p.1).

4 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 453/2010 tal-20 ta' Mejju 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) (ĠU L 133, 31.05.2010, p.1-43) u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH).

inqas minn 0.1 %, il-limitu ta' konċentrazzjoni għall-elicitazzjoni għandu jiġi stabbilit għal wieheh minn għaxra tal-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku.

Karċinoġeniċità: Tabella 3.6.2 Limiti ta' konċentrazzjoni ġeneriċi ta' ingredjenti ta' klassifikazzjoni ta' taħlita bħala karċinoġen li jwasslu għall-klassifikazzjoni ta' taħlita

Nota 1: Jekk ikun hemm karċinoġen tal-Kategorija 2 fit-taħlita bħala ingredjent f'konċentrazzjoni ta' ≥ 0.1 % għandha ssir disponibbli SDS għat-taħlita meta tintalab

Tossiċità Riproduttiva Tabella 3.7.2: Limiti ta' konċentrazzjoni ġeneriċi ta' ingredjenti ta' taħlita klassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni jew għall-effetti fuq jew permezz tat-treddiġh li jwasslu għall-klassifikazzjoni ta' taħlita

Nota 1: Jekk sustanza tossika għar-riproduzzjoni tal-Kategorija 1 jew tal-Kategorija 2 jew sustanza klassifikata għall-effetti fuq jew permezz tat-treddiġh tkun preżenti fit-taħlita bħala ingredjent f'konċentrazzjoni ta' jew oġġla minn 0.1 %, SDS għandha tkun disponibbli għat-taħlita meta tintalab.

Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira-esponiment ta' darba Tabella 3.8.3: Limiti ta' konċentrazzjoni ġeneriċi ta' ingredjenti ta' taħlita klassifikati bħala sustanza tossika speċifika għall-organi fil-mira li jwasslu għall-klassifikazzjoni tat-taħlita fil-Kategorija 1 jew 2

Nota 1: Jekk ikun hemm sustanza tossika speċifika għall-organi fil-mira tal-Kategorija 2 fit-taħlita bħala ingredjent f'konċentrazzjoni ≥ 1.0 % għandu ssir disponibbli SDS għat-taħlita meta tintalab.

Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira-esponiment ripetut: Tabella 3.9.4: Limiti ta' konċentrazzjoni ġeneriċi ta' ingredjenti ta' taħlita kklassifikata bħala sustanza tossika speċifika għall-organi fil-mira li jwasslu għall-klassifikazzjoni tat-taħlita

Nota1: Jekk ikun hemm sustanza tossika speċifika għall-organi fil-mira tal-Kategorija 2 fit-taħlita bħala ingredjent f'konċentrazzjoni ≥ 1.0 % għandha ssir disponibbli SDS għat-taħlita meta tintalab.

1

2 L-SDSs ma għandhomx għalfejn jiġu pprovduti għal oġġetti. Għalkemm il-format tal-SDS jista',
3 għal ftit oġġetti speċifiċi, jintuża biex jagħti informazzjoni ta' sikurezza 'l isfel fil-katina tal-
4 provvista, mhuwiex addattat għall-biċċa l-kbira tal-oġġetti⁵.

5 L-SDS issegwi format ta' 16-il taqsimu maqbul internazzjonalment. L-SDS għandha tiġi
6 fornuta f'lingwa uffiċjali tal-Istat(i) Membru(i) fejn is-sustanza jew it-taħlita hija mqiegħda fis-

5 Għalkemm skont l-Artikolu 4(8) u t-Taqsimu 2.1 tal-Anness I tas-CLP ċerti oġġetti deskritti fis-CLP bil-kelma "oġġett" (speċifikament fil-kombinazzjonijiet "oġġetti splussivi", "oġġett pirotekniku" jew "sustanzi, taħlitiet u oġġetti manifatturi bil-ħsieb li jipproduċu effett prattiku, splussiv jew pirotekniku" kif definiti permezz tal-punt 2.1.1.1 (b) jew (c) u 2.1.1.2 tal-Anness I tas-CLP) għandhom ikunu kklassifikati u ttikettati skont is-CLP, l-użu tal-kelma "oġġett" f'dan il-kontest ikkombinat ivarja mid-definizzjoni awtonoma ta' "oġġett" kemm taħt REACH (l-Artikolu 3 (3)) kif ukoll taħt is-CLP (l-Artikolu 2 (9)). Għall-iskopijiet ta' REACH hemm iktar probabbiltà li dawn jiġu kkunsidrati bħala kombinazzjoni ta' oġġett (il-kontenitur/l-imballaġġ) u sustanza/taħlita (ara l-Gwida tal-ECHA dwar ir-rekwiżiti għal sustanzi f'oġġetti). Jekk xieraq, f'każijiet bħal dawn tkun fornuta SDS għas-sustanza/taħlita korrispondenti. Innota li d-Direttiva 2013/29/UE teħtieġ SDS għall-oġġett pirotekniku għall-vetturi: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013L0029>

1 suq, sakemm l-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i) ma jipprovdux/ux mod ieħor (l-Artikolu 31(5)
2 ta' REACH)⁶.

3 Meta Rapport tas-Sigurtà Kimika (CSR) ikun meħtieġ li jiġi ppreparat għal sustanza, l-
4 informazzjoni fl-SDS għas-sustanza għandha tkun konsistenti ma' dik ipprovduta fis-CSR, kif
5 ukoll ma' dik ipprovduta fid-dossier ta' reġistrazzjoni (meta s-CSR jiġi ppreparat skont l-
6 Artikolu 14). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 31(7) ta' REACH, ir-reġistranti u l-utenti
7 downstream li huma meħtieġa jippreparaw CSR, għandhom iqiegħdu x-xenarju(i) tal-
8 esponiment rilevanti f'anness mal-iskeda ta' data ta' sigurtà. Skont l-Artikolu 62(4)(d) bħala
9 parti mill-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, l-applikant għandu jipprepara CSR, inkluż xenarju
10 tal-esponiment għall-użu li qed issir l-applikazzjoni għalih (l-Anness I, taqsima 5.1.2). Skont l-
11 Anness 1 taqsima 0.7 jekk is-sustanza titqiegħed fis-suq, ix-xenarju(i) tal-esponiment
12 rilevanti, inkluż il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju u l-kundizzjonijiet operazzjonali għandu jiġi
13 inkluż f'anness mal-iskeda ta' data ta' sigurtà. L-utenti downstream għandhom jikkunsidraw
14 informazzjoni tal-esponiment rilevanti li jirċievu mill-fornituri meta jikkompilaw l-iskedi ta' data
15 ta' sigurtà tagħhom. Għat-taħlilitiet, hemm diversi possibbiltajiet biex jitqiegħdu xenarji tal-
16 esponiment rilevanti f'anness jew biex tkun inkluża informazzjoni rilevanti tal-esponiment fit-
17 Taqsimiet prinċipali 1 – 16 tal-SDS. Jekk madankollu, utent downstream ikun meħtieġ
18 jipprepara s-CSR tiegħu stess skont l-Artikolu 37 ta' REACH u dan jirriżulta fil-ġenerazzjoni ta'
19 xenarju tal-esponiment, dan ix-xenarju tal-esponiment għandu jitqiegħed f'anness mal-SDS⁷.
20

21 **1.2 L-għan ta' din il-gwida**

22 L-iskop ta' din il-gwida huwa li tassisti lill-industrija fid-determinazzjoni ta' liema kompiti u
23 rekwiżiti għandu jkun hemm konformità magħhom sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi tagħhom taħt
24 l-Artikolu 31 ta' REACH (Rekwiżiti għal skedi ta' data ta' sigurtà) u l-Anness II ta' REACH, kif
25 sostitwit bi:

26 - Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/878: li jemenda l-Anness II bl-introduzzjoni ta'
27 rekwiżiti speċifiċi rigward in-nanoforom ta' sustanzi, li jadatta għas-sitt u s-seba' reviżjoni tal-
28 GHS, u jżid rekwiżiti rigward l-Identifikatur Uniku tal-Formula (kif stabbilit mill-Anness VIII
29 mar-Regolament (KE) 1272/2008), proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali, limiti ta'
30 konċentrazzjoni speċifiċi, fatturi M u stimi tat-tossiċità akuta.

31 Din il-gwida tipprovdi informazzjoni speċjalment dwar:

- 32 • kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kumpilazzjoni ta' SDS;
- 33 • dettalji tar-rekwiżiti għall-informazzjoni li għandha tiġi inkluża f'kull Taqsima ta' SDS;
- 34 • min għandu jikkompila l-SDS u liema kompetenzi għandu jkollu l-awtur.

35

36 Ir-referenzi għat-test legali ġew aġġornati biex jirriflettu l-aħħar verżjoni tal-Anness II (jiġifieri
37 l-Anness tar-Regolament (UE) 2020/878).

38

39 Barra minn hekk, mill-1 ta' Ġunju 2017, is-sustanzi u t-taħlilitiet għandhom jiġu kklassifikati u
40 ttikkettati skont is-CLP biss, u dan għandu jiġi rifless fit-taqsimiet xierqa tal-SDS. Għalhekk, ir-
41 referenzi u l-pariri relatati mas-sistema ta' klassifikazzjoni obsoleta tal-DSD/DPD tneħħew
42 minn din il-Gwida.

6 L-ECHA ppubblikat it-tabella "Lingwi meħtieġa għal tikketti u skedi ta' data ta' sigurtà" li hija disponibbli fuq il-paġna web tal-SDSs tas-sit web tal-ECHA fuq: <https://echa.europa.eu/safety-data-sheets>

7 Informazzjoni dettaljata dwar kif l-utenti downstream jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont REACH hija pprovduta fil-Gwida għal utenti downstream disponibbli fuq echa.europa.eu/guidance-documents/guidance-on-reach.

1.3 Dispożizzjoni tranżitorja biex tiġi implimentata l-aħħar verżjoni tal-Anness II ta' REACH

F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/878, l-iskedi ta' data ta' sigurtà kkompilati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830, jistgħu jibqgħu jintużaw sal-31 ta' Diċembru 2022. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu li jiġu aġġornati l-iskedi ta' data ta' sigurtà skont l-Artikolu 31(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, inkluż il-każijiet meta l-Identifikatur Uniku tal-Formula (UFI) jiġi miżjud mal-iskedi ta' data ta' sigurtà kif previst fit-taqsimha 5 tal-Parti A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP).

Fi kliem ieħor, sal-31 ta' Diċembru 2022, l-iskedi ta' data ta' sigurtà kollha pprovduti wara l-1 ta' Jannar 2021, inklużi skedi ta' data ta' sigurtà ġodda u aġġornati, jistgħu jiġu pprovduti fil-format attwali skont ir-Regolament (UE) 2015/830 jew fil-format il-ġdid skont ir-Regolament (UE) 2020/878, inkluż ix-xenarji li ġejjin:

- L-ebda bidla fl-iskeda ta' data ta' sigurtà
- Bidla żgħira fl-iskedi ta' data ta' sigurtà li mhijiex fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 31(9)
- Aġġornament fl-iskedi ta' data ta' sigurtà fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 31(9) jew l-introduzzjoni tal-UFI
- Skedi ta' data ta' sigurtà ġodda miktuba għall-ewwel darba wara l-1 ta' Jannar 2021

L-iskedi ta' data ta' sigurtà kollha pprovduti wara l-31 ta' Diċembru 2022 għandhom ikunu fil-format skont ir-Regolament (UE) 2020/878. Huwa rakkomandat li l-format il-ġdid, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2020/878, jiġi adottat, kif ikun prattikabbli, biex jiġi żgurat li l-SDSs kollha jikkonformaw mal-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2022.

1.4 L-udjenza fil-mira ta' din il-gwida

L-udjenza fil-mira prinċipali ta' din il-gwida hija dik li tikkompila SDSs biex jintużaw minn fornituri ta' sustanzi u taħlitiet li għalihom huma meħtieġa SDSs skont l-Artikolu 31 ta' REACH. Filwaqt li r-rekwiżiti ta' REACH li jirrigwardaw l-SDSs huma mmirati lejn il-fornituri ta' sustanzi u taħlitiet, dan id-dokument jipprovdi wkoll informazzjoni utli għar-riċevituri ta' SDS. F'dan il-kuntest jiġi nnotat li l-informazzjoni provduta mill-SDS se tgħin ukoll lill-impjegaturi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 98/24/KE⁸ dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol.

L-SDS għandha tippermetti lill-utenti biex jieħdu l-miżuri neċessarji li huma relatati mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem fuq il-post tax-xogħol, u l-protezzjoni tal-ambjent.

1.5 Ir-relazzjoni mas-CLP u l-GHS

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u t-taħlitiet (CLP) jarmonizza d-dispożizzjonijiet u l-kriterji għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi u taħlitiet fi ħdan l-Unjoni⁹, billi jqis il-kriterji tal-klassifikazzjoni u tar-

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol (l-erbatax-il Direttiva individwali fit-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), ĠU L 131, 5.5.1998, p.11).

⁹ Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-2009, it-terminu "Komunità" ġie sostitwit b"Unjoni". Jekk jogħġbok, innota li r-Regolament CLP ma ġiex emendat biex jimplementa din il-bidla u għaldaqstant it-terminu "Komunità" għadu jintuża f'xi kwotazzjonijiet mit-test legali magħmula f'dan id-dokument.

- 1 regoli tal-ittikkettar tas-Sistema Globalment Armonizzata tan-NU tal-Klassifikazzjoni u l-
2 Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS). Ir-Regolament CLP jikkontribwixxi għall-mira tal-GHS
3 tan-NU li l-istess perikli jiġu deskritti u kkomunikati bl-istess mod madwar id-dinja. Ir-
4 Regolament CLP daħal fis-seħħ fl-20 ta' Jannar 2009.
- 5 Fit-12 ta' April 2017, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/542¹⁰ daħal fis-seħħ, biż-żieda
6 ta' Anness VIII ġdid għar-Regolament CLP. Dan jarmonizza l-informazzjoni relatata ma'
7 reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa li l-kumpaniji li jqiegħdu ċerti taħlitiet perikolużi
8 fis-suq tal-UE huma meħtieġa jissottomettu lill-korpi nazzjonali maħtura. L-informazzjoni
9 sottomessa għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni fl-SDS. Barra minn hekk, jista' jkun
10 meħtieġ li l-Identifikatur Uniku tal-Formula (UFI) meħtieġ mill-istess Anness jiġi indikat fl-SDS
11 ta' ċerti taħlitiet perikolużi¹¹.
- 12 Fiż-ŻEE, il-format u l-kontenut meħtieġa tal-SDS huma definiti mill-Artikolu 31 u mill-Anness II
13 ta' REACH. Dawn ġew adattati biex jiġu allinjati mar-rekwiżiti tal-GHS, b'mod partikolari mal-
14 "gwida dwar il-preparazzjoni tal-iskedi ta' data ta' sigurtà (SDS)" mogħtija fl-Anness 4 tal-
15 GHS¹², kif ukoll biex ikunu kompletament konformi mar-Regolament CLP. Din il-verżjoni tal-
16 Gwida dwar il-kumpilazzjoni tal-SDSs tirrifletti t-test tar-reviżjoni tal-Anness II ta' REACH, kif
17 sostitwit mill-Anness tar-Regolament (UE) 2020/878 (li jemenda lil REACH) b'effett mill-
18 1 ta' Jannar 2021.

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/542 tat-22 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet billi jżid Anness dwar l-informazzjoni armonizzata relatata mar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa.

¹¹ Ara l-Gwida dwar l-informazzjoni armonizzata marbuta mar-rispons ta' emerġenza relatata mas-saħħa – l-Anness VIII għal CLP: https://echa.europa.eu/documents/10162/13643/guidance_on_annex_viii_to_clp_mt.pdf/
12 Il-verżjoni attwali tal-GHS u l-verżjonijiet preċedenti kollha huma disponibbli fuq:
https://www.unece.org/trans/danger/publi/ghs/ghs_welcome_e.html

2 Kwistjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati fil-kumpilazzjoni ta' SDS

2.1 Definizzjoni ta' skeda ta' data ta' sigurtà (SDS)

L-SDS hija dokument bi skop u rwol fi ħdan is-sistema armonizzata li jista' jkun deskritt kif ġej (abbażi tat-test fil-kapitolu 1.5 tar-reviżjoni 7 tal-GHS tan-NU¹³):

L-SDS għandha tipprovdi informazzjoni komprensiva dwar sustanza jew taħlita għall-użu f'oqfsa regolatorji ta' kontroll tas-sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol. Kemm l-impjegaturi kif ukoll ħaddiema¹⁴ jużawha bħala sors ta' informazzjoni dwar perikli, u biex jiksibu pariri dwar l-istruzzjonijiet ta' prekawzjoni. L-SDS hija relatata mal-prodott u normalment [fl-assenza ta' xenarju(i) tal-esponiment rilevanti meħmuż(in)] ma tkunx tista' tipprovdi informazzjoni speċifika li hija rilevanti għal kwalunkwe post tax-xogħol partikolari fejn il-prodott jista' fl-aħħar jintuża, għalkemm meta l-prodotti jkollhom użi finali speċjalizzati l-informazzjoni tal-SDS tista' tkun aktar speċifika għall-ħaddiem. L-informazzjoni għaldaqstant tippermetti lill-impjegatur (a) biex jiżviluppa programm attiv ta' miżuri għall-protezzjoni tal-ħaddiem, inkluż it-taħriġ, li huwa speċifiku għall-post tax-xogħol individwali; u (b) biex jikkunsidra kull miżura li tista' tkun meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent.

Barra minn hekk, l-SDS tipprovdi sors importanti ta' informazzjoni għal udjenzi fil-mira oħrajn. Għalhekk ċerti elementi ta' informazzjoni jistgħu jintużaw minn dawk involuti fit-trasport ta' merkanzija perikoluża, dawk li jwieġbu għall-emerġenzi inklużi ċentri għal kontra l-velenu, dawk involuti fl-użu professjonali tal-pestiċidi u l-konsumaturi. Madankollu, dawn l-udjenzi jirċievu informazzjoni addizzjonali minn varjetà ta' sorsi oħra bħar-*Rakkmandazzjonijiet tan-NU dwar it-Trasport ta' Merkanzija Perikoluża, Regolamenti ta' Mudell u fuljetti ta' tagħrif għal konsumaturi* u se jibqgħu jirċivuha. L-introduzzjoni ta' sistema tal-ittikkettar armonizzata għaldaqstant, mhijiex maħsuba biex taffettwa l-użu primarju tal-SDS li huwa għall-utenti fuq il-post tax-xogħol.

Barra minn hekk, il-kontenut tal-SDS huwa sors importanti ta' informazzjoni għat-tnejn tas-sottomissjoni meħtieġa skont l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP).

Il-format u l-kontenut meħtieġ ta' SDS fi ħdan l-Istati Membri tal-UE li fihom japplika direttament ir-Regolament REACH (u f'pajjiżi oħra li adottaw ir-Regolament REACH) huma definiti fl-Anness II ta' REACH.

L-informazzjoni kollha inkluża fl-SDS għandha tkun miktuba b'mod ċar u konċiż.

2.2 Responsabbiltà għall-kontenut ta' SDS

Meta jkun hemm katina tal-provvista, ir-rekwiżiti ta' REACH fir-rigward tad-dispożizzjoni tal-iskedi ta' data ta' sigurtà japplikaw f'kull stadju tal-katina tal-provvista. Ir-responsabbiltà inizjali għat-tfassil tal-iskeda ta' data ta' sigurtà taqa' fuq l-ewwel fornitur tas-sustanza fis-suq tal-UE. Fil-prattika, dan jista' jkun il-manifattur, l-importatur jew – f'xi każijiet – l-uniku rappreżentant li għandu jantiċipa, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, l-użi li għalihom

¹³ http://www.unece.org/trans/danger/publi/ghs/ghs_rev07/07files_e.html; Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS). Is-Seba' Edizzjoni Riveduta, 2017. In-Nazzjonijiet Uniti.

¹⁴ Għandu jiġi nnutat li fil-qafas regolatorju tal-Unjoni Ewropea l-SDS hija mmirata b'mod ċar lejn l-impjegatur li għandu jużaha bħala l-bażi ta' informazzjoni u istruzzjonijiet li huwa jittrażmetti lill-impjegat skont l-Artikolu 8.1 ir-raba' inċiż tad-Direttiva 98/24/KE. Madankollu, l-impjegat MHUWIEX il-mira primarja tad-dokument u d-dispożizzjoni tiegħu lill-impjegat ma tirrilaxxax lill-impjegatur mill-obbligi tiegħu skont id-Direttiva 98/24/KE.

1 tista' tintuża s-sustanza jew it-taħlita. Atturi iktar 'l isfel fil-katina tal-provvista għandhom ukoll
2 jipprovdu skeda ta' data ta' sigurtà li tibbaża fuq, tikkontrolla l-adeqwatezza ta', u żżid mal-
3 informazzjoni pprovduta mill-fornituri tagħhom sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet speċifiċi tal-
4 konsumaturi tagħhom. Fil-każijiet kollha, il-fornituri ta' sustanza jew taħlita li teħtieġ skeda ta'
5 data ta' sigurtà għandhom ir-responsabbiltà għall-kontenut tagħha, għalkemm jistgħu ma
6 jkunux ippreparaw l-iskeda ta' data ta' sigurtà huma stess. F'każijiet bħal dawn, l-
7 informazzjoni pprovduta mill-fornituri tagħhom hija b'mod ċar sors utli u rilevanti ta'
8 informazzjoni li għandhom jużaw meta jikkompilaw l-iskedi ta' data ta' sigurtà tagħhom stess.
9 Madankollu, huma jibqgħu responsabbli għall-preċiżjoni tal-informazzjoni fl-iskedi ta' data ta'
10 sigurtà li huma jipprovdu (dan japplika wkoll għal SDSs distribwiti f'lingwi oħra minbarra l-
11 lingwa oriġinali ta' kumpilazzjoni). Għandu jiġi nnutat li l-fornitur dejjem jeħtieġ li jżid id-
12 dettalji ta' kuntatt tiegħu fit-Taqsima 1.3 tal-SDS, anke meta juża l-SDS mill-fornitur tiegħu
13 mingħajr ma jbidel l-ebda kontenut (ara t-taqsima 3.1 ta' dan id-dokument ta' gwida għal
14 aktar dettalji).
15

16 **2.3 Kif tiddikjara SDS bħala kunfidenzjali**

17 L-informazzjoni li hija meħtieġa tidher f'SDS ma tistax tiġi ddikjarata bħala kunfidenzjali.
18

19 **2.4 Il-possibbiltà li jintalab ħlas għall-provvista ta' SDS**

20 Skont l-Artikolu 31(8) u 31(9) ta' REACH, l-SDS u kull aġġornament meħtieġ tagħha
21 għandhom jiġu pprovduti mingħajr ħlas.
22

23 **2.5 Min għandu jikkompila SDS**

24 It-test tal-Anness II jispeċifika fil-paragrafu 0.2.3 li:

25 *"[...] L-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha titħejja minn persuna kompetenti li tqis ir-*
26 *rekwiżiti u l-għarfien speċifiċi tal-utenti indirizzati, sa fejn dawn ikunu magħrufa. Il-fornituri*
27 *ta' sustanzi u ta' taħlitiet għandhom jiżguraw li dawn il-persuni kompetenti jkunu ħadu*
28 *taħriġ xieraq, inkluż taħriġ ta' aġġornament."*
29

30 **2.5.1 Definizzjoni ta' persuna kompetenti**

31 L-ebda definizzjoni speċifika tal-"persuna kompetenti" ma hija mogħtija fir-Regolament.
32 Madankollu t-terminu jista' jiġi definit b'mod utli f'dan il-kuntest fis-sens ta' persuna (jew
33 kombinazzjoni ta' persuni) – jew koordinatur ta' grupp ta' persuni – li għandha jew għandhom,
34 bħala riżultat tat-taħriġ, tal-esperjenza u tal-edukazzjoni kontinwa tagħhom, għarfien
35 suffiċjenti għall-kumpilazzjoni tat-taqsimiet rispettivi tal-SDS jew tal-SDS kollha.

36 Il-fornitur tal-SDS jista' jiddelega din il-funzjoni lill-persunal tiegħu jew lil partijiet terzi.
37 Mhuwiex meħtieġ li l-għarfien espert jiġi pprovdut kompletament minn persuna kompetenti
38 waħda.

39 Huwa mifhum li huwa rari ħafna li persuna waħda jkollha għarfien estensiv fl-oqsma kollha
40 koperti minn SDS. Huwa għaldaqstant neċessarju li l-persuna kompetenti tistrieħ fuq
41 kompetenzi addizzjonali, jew interni jew esterni. Il-persuna kompetenti għandha tiżgura l-
42 konsistenza tal-SDS, speċjalment jekk taġixxi bħala l-koordinatriċi ta' grupp ta' persuni.

2.5.2 Taħriġ u edukazzjoni kontinwa tal-persuni kompetenti

Għandu jiġi nnutat (mit-test ikkwotat hawn fuq) li hemm dmir speċifiku fuq il-fornitur tas-sustanzi u tat-taħliliet li jiżgura li l-persuni kompetenti jkunu rċevew taħriġ u taħriġ ta' aġġornament xierqa. Ma hemm l-ebda indikazzjoni speċifika fir-Regolament REACH tat-taħriġ li l-persuna kompetenti għandu jkollha jew li għandha tattendi kors speċjali jew tgħaddi minn eżami uffiċjali. Madankollu l-attenzenza f'kursijiet bħal dawn u kull eżami u ċertifikat jista' jkun utli biex juri l-kompetenza meħtieġa.

It-taħriġ u l-edukazzjoni kontinwa għal dawn il-persuni jistgħu jingħataw internament jew esternament. Huwa rakkomandat li jiġi ddokumentat il-fluss organizzazzjonali fil-kumpilazzjoni u l-aġġornament tal-SDSs fi ħdan kumpanija, eż. permezz ta' linji gwida interni jew proċeduri ta' operazzjoni.

Jekk għandhom jiġu kkompilati SDSs għal splussivi, bijoċidi, prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti¹⁵, jew aġenti tensjoattivi huwa meħtieġ għarfien addizzjonali dwar leġiżlazzjoni dwar il-prodott speċifiku applikabbli għalihom.

Il-lista (mhux eżawrjenti) li ġejja tagħti indikazzjoni tad-diversi oqsma ta' għarfien li persuna li tixtieq turi l-kompetenza tagħha tista' tirreferi għalihom:

1. Nomenklatura tas-sustanzi kimiċi

2. **Regolamenti u Direttivi Ewropej** rilevanti għal sustanzi kimiċi u l-implimentazzjonijiet tagħhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri, leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli (fil-verżjonijiet validi u attwali tagħhom), sa fejn dawn huma rilevanti fil-kumpilazzjoni tal-SDSs, pereżempju (lista mhux eżawrjenti, titoli mqassra):

- o **REACH:** Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (b'mod partikolari kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/878 fir-rigward tal-SDSs)
- o **CLP:** Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
- o **Id-Direttiva dwar l-Aġenti Kimiċi:** Id-Direttiva 98/24/KE
- o **Limiti Indikattivi ta' esponiment professjonali:** Id-Direttivi 2000/39/KE, 2006/15/KE, 2009/161/UE, 2017/164/UE u [2019/1831/UE](#)
- o **Il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esponiment għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol:** Id-Direttiva 2004/37/KE
- o **It-titjib fis-saħħa u s-sigurtà għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement u li qed ireddgħu:** Id-Direttiva 92/85/KEE
- o **Tagħmir ta' protezzjoni personali:** Ir-Regolament (UE) 2016/425
- o **It-trasport intern ta' oġġetti perikolużi:** Id-Direttiva 2008/68/KE
- o **Ir-Regolament dwar Diterġenti:** Ir-Regolament(KE) Nru 648/2004
- o **Il-protezzjoni taż-żgħażaġh fuq ix-xogħol:** Id-Direttiva 94/33/KE
- o **L-iskart:** Id-Direttiva 2008/98/KE

3. **Linji gwida nazzjonali jew internazzjonali rilevanti** tal-assoċjazzjoni rispettiva tas-settur

4. Il-miżuri tal-ewwel għajnuna

¹⁵ Għal lista ta' leġiżlazzjoni rilevanti dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u bijoċidali ara l-Artikolu 15 ta' REACH.

1 ○ (Ara l-kapitolu 3.4 ta' dan id-dokument)

2 **5. II-prevenzjoni tal-aċċidenti**

3 ○ Prevenzjoni ta' nirien u splużjonijiet, tifi tan-nar, mezzi għat-tifi tan-nar

4 ○ Miżuri fil-każ ta' rilaxx aċċidentali

5 ○ (Ara l-kapitolu 3.6 ta' dan id-dokument)

6 **6. Miżuri għat-trattament u l-ħżin sikur**

7 ○ (Ara b'mod partikolari l-kapitolu 3.7 ta' dan id-dokument)

8 **7. II-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi:**

9 ○ B'mod partikolari l-proprjetajiet kif elenkati u diskussi fit-test legali hawn taħt
10 taħt is-Subtaqsima 9.1 tal-Anness II (ara l-kapitolu 3.9 ta' dan id-dokument).

11 **8. Tossikoloġija/ekotossikoloġija:**

12 ○ B'mod partikolari l-proprjetajiet kif elenkati u diskussi fit-test legali hawn taħt
13 taħt it-Taqsima 11 u 12 tal-Anness II (ara l-kapitolu 3.11 u 3.12 ta' dan id-
14 dokument).

15 **9. Dispożizzjonijiet dwar it-trasport**

16 ○ B'mod partikolari kif elenkati u diskussi fit-test legali hawn taħt taħt it-
17 Taqsima 14 tal-Anness II (ara l-kapitolu 3.14 ta' dan id-dokument).

18 **10. Dispożizzjonijiet nazzjonali**

19 ○ Dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti, bħal (din hija lista mhux eżawrjenti)

20 Fil-Ġermanja:

21 ■ Klassijiet ta' periklu tal-ilma (Wassergefährdungsklassen)

22 ■ Istruzzjoni teknika tal-arja (TA-Luft)

23 ■ Regoli tekniċi għal sustanzi perikolużi (Technische Regeln für
24 Gefahrstoffe)

25 Fi Franza:

26 ■ Tableaux de maladies professionnelles

27 ■ Nomenclature des installations classées pour la protection de
28 l'environnement

29 Fin-Netherlands:

30 ■ De Algemene Beoordelingsmethodiek Water (ABM)

31 ○ Reġistri nazzjonali tal-prodott (pereżempju d-Danimarka, il-Finlandja, l-Italja,
32 l-Iżvezja eċċ.)
33

34 **2.6 Is-sekwenza, l-għoti ta' ismijiet u n-numerazzjoni ta' taqsimiet u**
35 **subtaqsimiet li għandhom jintużaw f'SDS**

36 L-isem tal-intestatura ta' kull taqsima u subtaqsima, intestaturi u subintestaturi individwali fl-
37 SDS huwa speċifikat fl-Anness II. B'mod partikolari l-Parti B tal-Anness II teħtieġ li:

38 *"L-iskeda tad-data tas-sigurtà għandha tinkludi s-16-il intestatura li ġejjin skont l-Artikolu 31(6) u*
39 *flimkien magħhom is- subintestaturi elenkati wkoll minbarra t-Taqsima 3, fejn is-Subtaqsimiet 3.1 jew*
40 *3.2 biss jeħtieġ li jiġu inklużi kif xieraq:"*
41

42 (Ara t-test legali għal-lista sħiħa ta' intestaturi u subintestaturi).

1 Ta' min jinnota li għall-intestaturi fit-Taqsima nfushom il-kelma "TAQSIMA" hija parti mill-
2 intestatura speċifikata bħala meħtieġa. Pereżempju, l-intestatura sħiħa għat-Taqsima 1 tal-
3 SDS hija:

4 *"TAQSIMA 1: Identifikazzjoni tas-sustanza/taħlita u tal-kumpanija/impriża"*
5

6 L-ebda numerazzjoni f'livell iktar baxx mis-subintestatura ma hija legalment meħtieġa, iżda din
7 tista' tkun introdotta mill-fornitur għall-interessi taċ-ċarezza (eż. fit-Taqsima 14 biex ikun
8 hemm distinzjoni bejn mezzi ta' trasport differenti).

9 B'mod partikolari, in-numerazzjoni tas-subparagrafi u tal-punti fil-parti A tat-test legali tal-
10 Anness II ma għandhiex tkun konfuża man-numerazzjoni meħtieġa tat-taqsimiet u tas-
11 subtaqsimiet skont il-Parti B.

12 Għaldaqstant, pereżempju fil-każ ta' informazzjoni tossikoloġika tat-TAQSIMA 11, skont il-
13 Parti B l-intestatura u s-subintestaturi li ġejjin għandhom jintużaw:

14 *"TAQSIMA 11: Informazzjoni tossikoloġika*

15 *11.1. Informazzjoni dwar il-klassi ta' periklu kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008"*
16

17 Il-preżenza tal-punti ("sub-subparagrafi") numerati 11.1.1, 11.1.2, 11.1.12.2, eċċ fil-
18 parti A taħt l-intestatura tat-TAQSIMA 11 biex jiffaċilitaw id-distinzjoni tal-elementi individwali
19 ma tfissirx li l-informazzjoni meħtieġa taħt dawn il-punti jeħtieġ li tkun inkluża taħt
20 deskrizzjoni jew intestatura identika għal dik mogħtija fil-Parti A fi kwalunkwe livell taħt il-livell
21 tas-subtaqsima. L-istruttura tal-SDS, kif definita mill-intestaturi tat-taqsima u tas-subtaqsima
22 hija predefinita biss sa fejn mogħti fil-Parti B.

23 Dan japplika wkoll għall-eżempji kollha mogħtija għall-istrutturar ta' data fi ħdan taqsimiet u
24 subtaqsimiet ta' SDS inkluża f'dan id-dokument. Kull substrutturar jew titoli ta' aktar
25 subtaqsimiet ta' data mogħtija lil hinn mit-TAQSIMA prinċipali u l-ewwel numerazzjoni tas-
26 subtaqsimiet huwa biss eżempju ta' struttura possibbli.

27 L-informazzjoni li l-SDS għandha tinkludi fi ħdan kull waħda minn dawn l-intestaturi u s-
28 subintestaturi hija diskussa f'aktar dettall fil-kapitolu 3 ta' dan id-dokument. Bl-eċċezzjoni tas-
29 subtaqsimiet 3.1 u 3.2 (fejn wieħed jew l-ieħor għandu jinkludi informazzjoni) xi informazzjoni
30 trid tiddaħħal f'kull subtaqsima, anke jekk din l-"informazzjoni" hija biss spjegazzjoni ta'
31 għaliex id-data mhijiex disponibbli jew konferma ta' nuqqas ta' applikabbiltà eċċ. L-
32 informazzjoni għandha tiddaħħal f'subtaqsimiet, mhux direttament taħt l-intestatura tat-
33 taqsima prinċipali.

34 Meta dokument li juża l-format ta' SDS jiġi prodott għal sustanza jew taħlita li ma teħtieġx
35 SDS skont l-Artikolu 31 ta' REACH (eż. bħala mezz konvenjenti biex tiġi fornuta informazzjoni
36 meħtieġa mill-Artikolu 32 jew fuq il-bażi ta' deċiżjoni kummerċjali biex jiġu furnuti dokumenti
37 "bħall-SDS" għas-sustanzi u għat-taħlitiet kollha furnuti minn attur) ir-rekwiżiti għall-kontenut
38 f'kull waħda mit-taqsimiet ma jkunux japplikaw. F'każijiet bħal dawn jista' jkun rakkomandat li
39 d-dokument ikun barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 31 ta' REACH għall-konvenzjona
40 tar-riċevituri u tal-awtoritajiet tal-infurzar.

41

42 **2.7 Grad neċessarju ta' kompletezza meta tiġi pprovduta** 43 **informazzjoni f' SDS**

44 Ir-rekwiżiti tal-informazzjoni huma spjegati fid-dettall fil-kapitolu 3. Għandu jiġi nnutat li meta
45 ma tintużax data speċifika jew meta din id-data ma tkunx disponibbli, dan għandu jiġi
46 ddikjarat b'mod ċar. Fejn it-test legali jiddikjara "jekk disponibbli", dan ifisser mhux biss li l-
47 informazzjoni teżisti iżda li hija aċċessibbli għall-fornitur tal-iskeda ta' data ta' sigurtà.

1

2 2.8 Ħtieġa li jiġu aġġornati I-SDSs

3 II-kundizzjonijiet li taħthom SDS **għandha** tiġi aġġornata u maħruġa mill-ġdid huma mogħtija
4 fl-Artikolu 31(9) ta' REACH kif ġej:

5 *"9. Il-fornituri għandhom jaġġornaw l-iskeda ta' data ta' sigurtà mingħajr dewmien f'dawn l-
6 okkażjonijiet:*

7 *(a) malli ssir disponibbli informazzjoni ġdida li tista' tolqot il-miżuri tal-immaniġġar tar-riskji, jew
8 informazzjoni ġdida dwar perikli;*

9 *(b) meta tkun ngħatat jew ġiet miċħuda l-awtorizzazzjoni;*

10 *(c) meta tiġi imposta restrizzjoni.*

11 *Il-verżjoni ġdida u datata ta' din l-informazzjoni, identifikata bħala "Reviżjoni: (data)", għandha
12 tingħata mingħajr ħlaq fuq karta jew b'mod elettroniku lir-riċevituri preċedenti kollha li lilhom il-
13 fornituri fornaw is-sustanza jew il-preparat fit-tmax-il xahar preċedenti. Kwalkwhe aġġornament wara
14 r-reġistrazzjoni għandu jinkludi n-numru tar-reġistrazzjoni."*

15

16 Għalhekk, għalkemm hemm disponibbli dokumenti tal-industrija li jagħtu rakkmandazzjonijiet
17 dwar meta bidla f' SDS titqies bħala bidla "maġġuri" jew "minuri", din it-terminoloġija ma
18 tintużax fir-Regolament REACH. Il-bidliet skont l-Artikolu 31 (9) ta' REACH biss jikkawżaw
19 obbligu legali li jiġu pprovduti verżjonijiet aġġornati lir-riċevituri kollha li lilhom is-sustanza jew
20 it-taħlita kienet fornuta fit-12-il xahar preċedenti. Il-paragrafu 42 tad-deċiżjoni tal-qorti
21 ġenerali T-268/10 RENV¹⁶ mill-2015 (ikkonfermata mill-kawża tal-qorti C-650/15-P fl-2017),
22 jipprovdi li ż-żieda ta' sustanza fil-lista tal-kandidati (l-Artikolu 59 ta' REACH) tissodisfa l-
23 Artikolu 31(9)(a) u teħtieġ aġġornament tal-SDS, b'parir addizzjonali speċifiku għar-riċevitur
24 tal-SDS (għas-sustanza bħala tali jew f'taħlita) relatata mal-istatus tal-lista tal-kandidati l-
25 ġdida tas-sustanza. Organizzazzjonijiet tas-settur u tal-fergħa jistgħu jipprovdu l-gwida
26 tagħhom dwar meta jkun ideali li jintbagħtu verżjonijiet aġġornati tal-SDSs li mhumiex
27 speċifikament meħtieġa mill-Artikolu 31(9) ta' REACH, iżda aġġornamenti addizzjonali bħal
28 dawn mhumiex rekwiżit legali.

29 Skont l-Artikolu 31(9)(b) SDS għandha tiġi aġġornata mingħajr dewmien, ladarba tkun
30 ingħatat awtorizzazzjoni. L-awtorizzazzjonijiet, mogħtija skont l-Artikolu 60 ta' REACH,
31 jimponu kundizzjonijiet fuq l-użu tas-sustanza awtorizzata. Dawn il-kundizzjonijiet jinkludu
32 mhux biss il-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju u l-kundizzjonijiet operazzjonali, deskritti fix-xenarji
33 tal-esponiment tar-rapport tas-sigurtà kimika, imsemmija fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, iżda
34 wkoll kwalunkwe arranġament ta' monitoraġġ jew kundizzjoni addizzjonali li jaffettwaw il-
35 miżuri tal-ġestjoni tar-riskju indikati fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni. F'konformità mal-
36 Artikolu 31(9)(a) l-informazzjoni l-ġdida li taffettwa l-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju mill-utenti
37 downstream għandha tiġi pprovduta fl-aġġornament tal-SDS mingħajr dewmien (ara wkoll il-
38 kjarifika fit-taqsima 3.15 ta' din il-gwida, dwar deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni li fihom obbligi
39 għall-utenti downstream).

40 Madankollu, huwa rakkomandat li tiġi rieżaminata t-totalità tal-kontenut ta' SDS f'intervalli
41 regolari. Jista' jkun mistenni li l-frekwenza ta' rieżamijiet bħal dawn tkun ekwivalenti għall-
42 perikli tas-sustanza jew tat-taħlita u li r-rieżami jitwettaq minn persuna kompetenti.

43

44 Minbarra r-rekwiżiti ta' aġġornament deskritti fl-Artikolu 31(9), SDS tkun teħtieġ li tiġi
45 aġġornata minħabba bidla leġiżlattiva fl-Anness II il-ġdid ta' REACH, skont l-iskedi ta' żmien
46 previsti fir-regolament emendatorju.

¹⁶ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:62010TJ0268&from=MT>

1

2 2.9 Ii-ħtieġa li jiġi kkomunikati bidliet fl-SDS

3 It-test tal-punt 0.2.5 tal-Anness II ta' REACH jispeċifika li:

4 *"0.2.5. Id-data ta' kumpilazzjoni tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tinkiteb fl-ewwel*
5 *paġna. Meta skeda tad-data dwar is-sikurezza tkun ġiet riveduta u l-verżjoni l-ġdida u riveduta*
6 *tingħata lill-benefiċjarji, fit-Taqsima 16 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandhom jitniżżlu l-*
7 *bidliet għall-attenzjoni tal-benefiċjarji, sakemm ma jkunux ġew indikati band'oħra. Għall-iskedi*
8 *riveduti tad-data dwar is-sikurezza, fl-ewwel paġna għandhom jidhru d-data tal-kumpilazzjoni*
9 *identifikata bħala "Reviżjoni: (data)" kif ukoll in-numru tal-verżjoni, in-numru tar-reviżjoni, id-data*
10 *tas-sostituzzjoni jew xi indikazzjoni oħra ta' liema verżjoni nbidlet."*
11

12 Għalhekk, ir-reviżjonijiet għandhom jiġu identifikati bħala tali fuq l-ewwel paġna u l-
13 informazzjoni dwar il-bidliet għandha tingħata jew fit-Taqsima 16 jew xi mkien ieħor fl-SDS.

14 Kif indikat f'2.8 hawn fuq, għal kwalunkwe reviżjoni ta' SDS skont l-Artikolu 31(9) ta' REACH
15 jew minħabba bidla leġiżlattiva fl-Anness II ta' REACH, l-SDS riveduta għandha tiġi pprovduta
16 lir-riċevituri preċedenti kollha li rċevew is-sustanza jew it-taħlita fit-12-il xahar preċedenti.
17 Fornitur jista' jagħżel ukoll li (addizzjonalment) jerġa' joħroġ SDSs retrospettivament għal
18 reviżjonijiet oħra li jista' jikkunsidra li jeħtieġu azzjoni addizzjonali bħal din. Huwa ssuġġerit li
19 sistema ta' numerazzjoni inkriminali tintuża biex jiġu identifikati verżjonijiet ġodda ta' SDS.
20 F'sistema bħal din, bidliet fil-verżjonijiet li jeħtieġu l-għoti ta' aġġornamenti skont l-
21 Artikolu 31(9) jistgħu jiġu identifikati biż-żieda ta' numru sħiħ li dejjem jizjed, filwaqt li bidliet
22 oħra jistgħu ikunu identifikati biż-żieda ta' deċimali, eż:

23 Verżjoni 1.0: l-ewwel ħarġa

24 Verżjoni 1.1: l-ewwel bidla(iet) li ma teħtieġx aġġornament u ħruġ mill-ġdid lir-riċevituri preċedenti

25 Verżjoni 1.2: it-tieni bidla(iet) li ma teħtieġx aġġornament u ħruġ mill-ġdid lir-riċevituri preċedenti

26 Verżjoni 2.0: l-ewwel bidla li teħtieġ l-għoti ta' aġġornament skont l-Artikolu 31(9) lir-riċevituri
27 preċedenti.

28 Eċċ.

29

30 Dan huwa biss eżempju ta' kif tista' tiġi ffaċilitata t-traċċabilità tal-verżjonijiet. Hemm ħafna
31 sistemi oħrajn.

32

33 2.10 Ħtieġa potenzjali li jinżammu rekords tal-SDSs u l-emendi 34 tagħhom

35 L-ewwel sentenza tal-Artikolu 36(1) ta' REACH teħtieġ li:

36 *"1. Kull manifattur, importatur, utent 'downstream' u distributtur għandu jiġbor u jżomm disponibbli l-*
37 *informazzjoni kollha li huwa jkollu bżonn sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu taħt dan ir-Regolament għal*
38 *perjodu ta' mill-inqas 10 snin wara li jkun l-aħħar immanifattura, importa, forna jew uża s-sustanza*
39 *jew preparat."*
40

41 Peress li l-kumpilazzjoni u l-forniment tal-iskedi ta' data ta' sigurtà, kif ukoll meta titqies l-
42 informazzjoni mill-SDS fl-użu ta' sustanzi u taħlitiet, huma obbligi skont REACH, l-SDSs huma
43 kemm għall-fornituri tal-SDSs kif ukoll għar-riċevituri tagħhom "informazzjoni li huwa jkollu
44 bżonn sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu taħt dan ir-Regolament", li għandha tinżamm għal
45 perjodu minimu ta' 10 snin. Barra minn hekk, l-informazzjoni użata fil-kumpilazzjoni tal-SDS
46 fiha nnifisha x'aktarx tikkostitwixxi informazzjoni meħtieġa biex jitwettqu dmirijiet taħt REACH
47 u tista' f'kull każ tkun meħtieġa li tinżamm indipendentement mir-relazzjoni tagħha għall-


1 kontenut tal-SDS. Detenturi kemm tal-SDSs kif ukoll ta' informazzjoni oħra jistgħu f'kull każ
2 jiddeċiedu li din għandha tinżamm għar-responsabbiltà tal-prodott u rekwiżiti legali oħrajn u
3 jista' jitqies xieraq (pereżempju għal sustanzi u taħlitiet b'effetti kroniċi) li din l-informazzjoni
4 tinżamm għal perjodu ta' aktar minn 10 snin, skont il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali
5 applikabbli.
6

7 2.11 Eżempju ta' sekwenza għall-ġbir u l-ipproċessar ta' 8 informazzjoni għall-kumpilazzjoni tal-SDS

9 Suġġeriment għal approċċ gradwali biex tinħoloq SDS biex tiġi żgurata l-konsistenza interna
10 tagħha jingħata fil-Figura 1 hawn taħt (in-numri jirreferu għat-taqsimiet tal-SDS):

11 Il-Figura 1 hawn taħt turi l-proċess bħala wieħed lineari biex tenfasizza li, pereżempju, l-
12 identifikazzjoni finali tal-perikli fit-Taqsima 2 tal-SDS mhux probabbli li tkun possibbli sakemm
13 l-inputs għal taqsimiet oħra jkun għew ikkunsidrati. Fir-realtà il-proċess x'aktarx ikun wieħed
14 iterattiv li jinvolvi l-kunsiderazzjoni ta' xi aspetti fis-sekwenzi differenti għal dik murija jew
15 anke b'mod parallel.

16
17



18

19 **Figura 1: Sekwenza ta' eżempju għall-kumpilazzjoni ta' SDS**

20

21 2.12 Kif tgħin biex tiżgura l-konsistenza u l-kompletezza tal-SDS

22 L-SDS tagħti informazzjoni dwar firxa wiesgħa ħafna ta' aspetti tas-saħħa u sikurezza
23 okkupazzjonali, tas-sikurezza tat-trasport u tal-ħarsien tal-ambjent. Minħabba li ħafna drabi l-

1 SDSs ma jiġux ikkompilati minn persuna waħda biss iżda pjuttost minn diversi membri tal-
2 persunal, id-diskrepanzi u t-trikkib mhux intenzjonati ma jistgħux jiġu esklużi. B'konsegwenza,
3 huwa utli li l-SDS kompluta u l-anness tagħha (jekk applikabbli) jiġu soġġetti għal kontroll ta'
4 konsistenza u plawżibbiltà qabel ma jiġu pprovduti lil riċevituri. Jista' jkun mixtieg li r-rieżami
5 finali jitwettaq minn persuna kompetenti waħda iktar milli minn individwi separati sabiex tkun
6 permessa ħarsa ġenerali lejn id-dokument sħiħ. Bħala parti minn verifika tal-kompletezza,
7 huwa rakkomandat li jiġi vverifikat ukoll li l-informazzjoni fl-SDS tkun konsistenti mal-
8 informazzjoni fuq it-tikketta u mad-dossier ta' reġistrazzjoni ta' REACH fil-każ ta' kumpilazzjoni
9 magħmula minn manifattur jew importatur ta' sustanzi rreġistrati.
10

11 **2.13 Mezzi li bihom, u sa meta, għandha tiġi pprovduta l-SDS**

12 Skont l-Artikolu 31(8) ta' REACH "*Skeda ta' data ta' sigurtà għandha tingħata mingħajr ħlas*
13 *fuq karta jew b'mod elettroniku sa mhux aktar tard mid-data li fiha s-sustanza jew it-taħlita*
14 *kienet l-ewwel fornuta.*"

15 Għalhekk, l-iskeda ta' data ta' sigurtà tista' tiġi pprovduta fuq il-karta, pereżempju b'ittra, bil-
16 fax jew elettronikament, pereżempju bil-posta elettronika.

17 Għandu jiġi nnutat madankollu li f'dan il-kuntest il-kliem "*għandha tingħata*" għandu jinftiehem
18 bħala dmir proattiv tal-fornitur li jikkonsenja fil-fatt l-SDS (u kull aġġornament meħtieġ) aktar
19 milli jagħmilha sempliċiment disponibbli b'mod passiv, pereżempju fuq l-internet jew
20 reattivament billi jikkonsenjaha fuq talba. Għaldaqstant, il-Forum tal-ECHA li jinkludi
21 rappreżentanti tal-infurzar nazzjonali qabel li, pereżempju, sempliċiment l-ippostjar ta' kopja
22 ta' SDS (jew aġġornament ta' waħda) fuq sit web biss ma jiġix ikkunsidrat bħala konformità
23 mad-dmir li wieħed "jipprovdi". Fil-każ ta' "provvediment" elettroniku, il-provvista tal-SDS (u
24 kull dokument mehmuż ta' xenarju tal-esponiment korrispondenti) bħala mehmuża ma' ittra
25 elettronika f'format li huwa ġeneralment aċċessibbli għar-riċevituri kollha għaldaqstant tkun
26 aċċettabbli. B'kuntrast, li wieħed jibgħat ittra elettronika b'link għal sit web ġenerali fejn l-SDS
27 (jew l-SDS l-iktar aġġornata) jeħtieġ li tinstab u titniżżel minnha ma jkunx aċċettabbli. Il-biċċa
28 l-kbira tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar jaqblu li l-għoti ta' SDS billi tiġi pprovduta link
29 għandu jissodisfa l-prekundizzjonijiet li ġejjin (lista indikattiva tar-rekwiżiti):

- 30 1) Il-link tkun diretta u twassal għall-SDS speċifika għas-sustanza kimika fornuta
- 31 2) Il-link hija affidabbli u taħdem, u għandha tibqa' attiva kontinwament u, preferibbilment,
32 b'mod permanenti
- 33 3) Jekk ma tistax tiġi żgurata attività permanenti, il-fornitur għandu jwissi lill-konsumatur
34 dwar l-aċċessibbiltà temporanja u t-tul tagħha sabiex il-konsumatur ikun jista' jniżżel l-SDS
- 35 4) Aġġornamenti għal-link (eż. minħabba bidliet fis-sit web) għandhom jintbagħtu b'mod attiv
36 lill-konsumatur
- 37 5) Aġġornamenti fl-SDS innifisha għandhom jiġu kkomunikati wkoll lill-konsumatur b'mod
38 attiv
- 39 6) Ma għandu jkun hemm l-ebda tfixkil fl-aċċess tal-SDS meta tintuża l-link - eż., ma jistax ikun
40 meħtieġ l-illoggjar jew ir-reġistrazzjoni.

41

42 Ladarba SDS tkun ġiet fornuta għall-ewwel konsenja ta' sustanza jew taħlita lil riċevitur
43 partikolari, ma hemm l-ebda ħtieġa li tiġi fornuta kopja ulterjuri tal-SDS b'konsenja
44 sussegwenti lill-istess riċevitur sakemm l-SDS ma tkunx riveduta. Aktar informazzjoni dwar il-
45 komunikazzjoni ta' bidliet li jirriżultaw mir-reviżjonijiet tingħata fil-kapitolu 2.9 hawn fuq.

46

1 2.14 Lingwa(i) li biha(hom) għandha tiġi pprovduta l-SDS

2 Skont l-Artikolu 31(5) ta' REACH, "*L-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tingħata f'lingwa*
3 *uffiċjali tal-Istat jew Stati Membri fejn is-sustanza jew preparat jitqiegħdu fis-suq, sakemm l-*
4 *Istat jew Stati Membri konċernati ma jipprovdux mod ieħor*". Għandu jiġi nnutat li hija r-
5 responsabbiltà tal-Istat Membru (MS) riċevitur li jipprovdi mod ieħor – jiġifieri pereżempju l-
6 eżistenza ta' eżenzjoni fl-MS tal-manifattura ma tagħtix eżenzjoni f'MS differenti fejn is-
7 sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq. Anke jekk l-MS jipprovdi mod ieħor, jista' jkun
8 mixtieq li l-SDS dejjem tiġi pprovduta (possibbilment b'mod addizzjonali) bil-lingwa tal-pajjiż.

9 Għandu jiġi nnutat li ċerti Stati Membri jeħtieġu li l-SDS tiġi pprovduta b'lingwi addizzjonali
10 uffiċjali tal-MS (ta' dak l-MS, fejn hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda)¹⁷.

11 Għandu jiġi nnutat ukoll li minħabba li x-xenarju tal-esponiment anness huwa kkunsidrat bħala
12 parti integrali tal-SDS huwa soġġett għall-istess rekwiżiti ta' traduzzjoni bħall-SDS innifisha –
13 jiġifieri għandu jiġi fornuta f'lingwa uffiċjali tal-Istat(i) Membru(i) fejn is-sustanza jew it-taħlita
14 titqiegħed fis-suq, sakemm l-Istat(i) Membru(i) riċevitur(i) kkonċernat(i) ma jipprovdux
15 (jipprovdux) mod ieħor.

16 Huwa importanti li jiġi enfasizzat li fit-Taqsima 2 tal-SDS, jista' jintuża jew il-kliem kollu tal-
17 klassifikazzjoni ta' periklu u tad-dikjarazzjonijiet ta' periklu jew tal-"Kodiċi(jiet) tal-Klassi u tal-
18 Kategorija ta' Periklu" (elenkati fit-Tabella 1.1 tal-Anness VI tas-CLP u li jidhru fit-Tabella 3 tal-
19 Anness VI u t-Tabella 3.1 tal-Anness VII tas-CLP)¹⁸. Jekk jintuża l-kliem kollu, jeħtieġ li jkun
20 bil-lingwa tal-SDS. Jekk jintuża(w) il-Kodiċi(jiet) tal-Klassi u tal-Kategorija ta' Periklu, l-
21 abbrevjazzjonijiet mogħtija għal kull klassi ta' periklu ma għandhomx jiġu tradotti (dawn huma
22 **kodiċijiet** indipendenti mil-lingwa bbażati fuq kliem bl-Ingliż [imqassar], iżda mhux "test bl-
23 Ingliż"). Il-kodiċijiet għandhom għaldaqstant jibqgħu minħabba li dawn huma mogħtija fl-
24 Annessi VI ta' CLP. Jekk jintużaw il-kodiċijiet, abbrevjazzjonijiet jew akronimi oħrajn, it-test
25 sħiħ u l-ispedjazzjoni tagħhom għandhom jingħataw fit-Taqsima 16 tal-SDS, bil-lingwa tal-
26 SDS.

27 Pereżempju, għal sustanza li taqbad, jekk jintuża l-Kodiċi tal-Klassi u tal-Kategorija ta' Periklu
28 "Flam.Lik.1, H224" (li tikkorrispondi għal Likwidu li jaqbad, Kategorija 1), dan ma għandux jiġi
29 tradott. It-test sħiħ li jikkorrispondi għal dak il-kodiċi, madankollu, għandu jingħata bil-lingwa
30 tal-SDS, fit-Taqsima 16. Jekk, madankollu, il-klassifikazzjoni, inkluż id-dikjarazzjonijiet ta'
31 periklu, jiġu miktubin bis-sħiħ, imbagħad ma tkunx meħtieġa spjegazzjoni ulterjuri fit-
32 Taqsima 16.

33 Għandu jiġi nnutat ukoll li skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17 (4) tar-Regolament dwar il-
34 Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC)¹⁹, għal sustanzi li għalihom hija meħtieġa SDS (fil-format
35 tal-Anness II ta' REACH) skont l-Artikolu 17 (3) tal-istess regolament: "*L-informazzjoni fuq it-*
36 *tikketta u fuq l-iskeda dwar is-sikurezza għandha sa fejn prattikabbli tingħata fil-lingwa/i*
37 *uffiċjali, jew f'waħda jew aktar mil-lingwi prinċipali, tal-**pajjiż destinatariju jew taż-żona tal-***
38 ***użu maħsub***" jiġifieri, f'każijiet bħal dawn, il-lingwa(i) li biha(bihom) għandha tiġi fornuta l-
39 SDS tista'(jistgħu) tinkludi(jinkludu) (meta jkun prattiku) lingwi li mhumiex lingwi uffiċjali ta'
40 kwalunkwe Stat Membru tal-UE.

17 L-ECHA ppubblikat it-tabella "Lingwi meħtieġa għal tikketti u skedi ta' data ta' sigurtà", u hija disponibbli fuq:
<https://echa.europa.eu/en/safety-data-sheets>

18 Huwa importanti li jiġi sottolinjat li fis-CLP jintużaw tipi differenti ta' kodiċijiet. Għaldaqstant, il-"Kodiċijiet tal-Klassi u tal-Kategorija ta' Periklu" (eż. "Toss. Akuta 4") ma għandhomx jiġu konfużi ma' "Kodiċijiet tad-dikjarazzjoni ta' periklu" (eż. H312).

19 Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (riformulazzjoni); ĠU L 201 27.07.2012 p 60. Disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32012R0649>

2.15 Sustanzi u taħlitiet li għalihom għandha tiġi pprovduta SDS mingħajr talba minn qabel

Skont l-Artikolu 31 (1) ta' REACH (kif emendat mill-Artikolu 59(2)(a) u ta' CLP) il-kriterji għal meta għandha tiġi pprovduta SDS (anke mingħajr talba) huma:

(a) fejn sustanza jew preparat jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikoluża skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008; jew

(b) fejn sustanza tkun persistenti, bjoakkumulattiva u tossika jew persistenti ħafna u bjoakkumulattiva ħafna skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII; jew

(c) fejn sustanza tkun inkluża fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 59(1) għal raġunijiet diversi minn daww imsemmija fil-punti (a) u (b).” (meta l-lista tal-aħħar tikkorrispondi għal dik magħrufa bħala l-“lista tal-kandidati”²⁰ għal awtorizzazzjoni (il-lista ppubblikata fuq is-sit web tal-ECHA, ara l-link fin-nota f'qiegħ il-paġna).

2.16 Ċerti taħlitiet li għalihom għandha tiġi pprovduta SDS fuq talba

L-Artikolu 31(3) ta' REACH (kif emendat bl-Artikolu 59(2)(b) ta' CLP) jispeċifika l-kundizzjonijiet li skonthom SDS għandha tiġi pprovduta fuq talba (għal ċerti taħlitiet). It-test li jispeċifika dawn il-kundizzjonijiet huwa li ġej:

“3. Il-fornitur għandu jipprovdi lir-riċevitur fuq talba tiegħu karta tad-data tas-sigurtà kompilata skont l-Anness II, fejn preparat ma jilħaqx il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala perikoluża skont it-Titoli I u II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, iżda fih:

(a) f'konċentrazzjoni individwali ta' ≥ 1 % bil-piż għal preparati mhux gassużi u ≥ 0.2 % bil-volum għal preparati gassużi, mill-inqas sustanza waħda li tkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent; jew

(b) f'konċentrazzjoni individwali ta' $\geq 0,1$ % bil-piż għal preparati mhux gassużi, mill-inqas sustanza waħda li tkun karċinoġenika tal-kategorija 2 jew tossika għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1A, 1B u 2, sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1, sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1, jew għandha effetti fuq it-treddiġh jew permezz tiegħu jew hija persistenti, bjoakkumulattiva u tossika (PBT) skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII jew għandha persistenza għolja u bjoakkumulazzjoni għolja (vPvB) skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII jew għet inkluża għal raġunijiet minbarra daww imsemmija fil-punt (a) fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 59(1); jew

(c) sustanza li għaliha jkun hemm limiti Komunitarji ta' esponiment fuq il-post tax-xogħol.”

Huwa imprtanti li wieħed jinnota li l-obbligu mitlub mill-punt (c) ma jiddependix fuq il-konċentrazzjoni tas-sustanza fit-taħlita. L-obbligu li SDS tiġi fornuta fuq talba japplika għal taħlita li tinkludi sustanza li għaliha hemm limitu ta' esponiment fuq il-post tax-xogħol fil-livell tal-UE²¹, preżenti fi kwalunkwe konċentrazzjoni. Huwa rakkomandat li dejjem jiġi indikat fl-SDS għat-taħlita liema sustanza tikkawża r-rekwiżit (anke jekk is-sustanza jeħtieġ biss li tissemma u l-konċentrazzjoni preċiża tagħha indikata jekk tkun preżenti f'konċentrazzjoni daqs jew akbar mil-limitu indikat fil-punt 3.2.2 tal-Anness II, ara l-kapitolu 3.2).

Minħabba l-obbligu mitlub mill-punt (b), il-fornituri jkun jeħtieġu li jipprovdu, fuq talba, skeda ta' data ta' sigurtà għal taħlita mhux ikklassifikata li tinkludi ċerti sustanzi perikolużi f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn jew daqs il-valur speċifikat iżda ma jkunux obbligati jindikaw is-sustanzi preżenti jew il-konċentrazzjonijiet li fihom huma preżenti jekk ebda limitu

²⁰ <https://echa.europa.eu/candidate-list-table>

²¹ <https://osha.europa.eu/en/legislation/directive/directive20191831-indicative-occupational-exposure-limit-values>

1 ma jiġi speċifikat fis-subtaqsima 3.2.2 tal-Anness II ta' REACH jew jekk ma jintlaħaq l-ebda
2 limitu speċifikat.

3 *L-obbligu li SDS tiġi ipprovduta fuq talba huwa stabbilit ukoll fir-Regolament CLP. Skont in-Nota 1 fit-*
4 *tabelli 3.4.6, 3.6.2, 3.7.2, 3.8.3 u 3.9.4 tal-Anness I tar-Regolament CLP, dan ir-rekwiżit japplika*
5 *wkoll għal taħlitiet mhux ikklassifikati iżda li jinkludu mill-inqas sustanza waħda kklassifikata bħala*
6 *sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1, tas-subkategorija 1A jew 1B, sensitizzatur respiratorju tal-*
7 *kategorija 1, tas-subkategorija 1A, 1B, karċinoġeniku tal-kategorija 2, sustanza tossika għar-*
8 *riproduzzjoni tal-kategorija 1 jew 2 jew għal effetti fuq/permezz tat-treddiġh u sustanza tossika*
9 *speċifika għall-organi fil-mira tal-kategorija 2 (esponiment ta' darba jew ripetut) f'aktar mil-livell limitu*
10 *definit fit-Noti mal-istess tabelli.*

11 **2.17 L-ittikkettar meħtieġ għal taħlita mhux ikklassifikata bħala** 12 **perikoluża u mhux maħsuba għall-pubbliku ġenerali li għaliha l-** 13 **SDS għandha tkun disponibbli jew fornuta fuq talba**

14 Għal taħlitiet mhux ikklassifikati bħala perikolużi skont is-CLP u mhux maħsuba għall-pubbliku
15 ġenerali iżda li jinkludu ċerti komponenti kklassifikati speċifikati fil-limiti speċifikati u aktar
16 minnhom, li għalihom għandha tiġi ipprovduta SDS fuq talba, it-tikketta fuq l-imballaġġ
17 għandu jkollha informazzjoni li tindika d-disponibbiltà tal-SDSs bħal dawn.

18 It-test meħtieġ biex jindika d-disponibbiltà ta' SDS huwa d-dikjarazzjoni EUH210: "L-iskeda
19 tad-data dwar is-sikurezza hija disponibbli meta tintalab".

20 Il-limiti ta' konċentrazzjoni speċifikati fil-punt 2.10 tal-Anness II tas-CLP, huma dawn li ġejjin:

21 Għall-taħlitiet mhux klassifikati bħala perikolużi iżda li fihom:

22 ≥ 0,1 % ta' sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1, 1B,
23 sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1, 1B, jew karċinoġeniku tal-kategorija 2, jew

24 ≥ 0,01 % ta' sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1A,
25 sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1A, jew

26 ≥ wieħed minn għaxra tal-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku għal sustanza klassifikata
27 bħala sensitizzatur tal-ġilda jew sensitizzatur respiratorju b'limitu ta' konċentrazzjoni
28 speċifiku inqas minn 0.1 %, jew

29 ≥ 0.1 % ta' sustanza klassifikata bħala tossika għar-riproduzzjoni tal-kategoriji 1A, 1B jew
30 2, jew b'effetti fuq jew permezz tat-treddiġh; jew

31 mill-inqas sustanza waħda f'konċentrazzjoni individwali ta' ≥ 1 % skont il-piż għal taħlitiet
32 mhux gassużi u ≥ 0.2 % skont il-volum għal taħlitiet gassużi jew:

33 ikklassifikata ma' perikli oħra għas-saħħa u għall-ambjent; jew

34 li għaliha hemm limiti Komunitarji ta' esponiment fuq il-post tax-xogħol

35

36 **2.18 SDSs għal sustanzi u taħlitiet perikolużi magħmula** 37 **disponibbli għall-pubbliku ġenerali**

38 L-Artikolu 31 (4) ta' REACH jiddikjara għal sustanzi u taħlitiet mibjugħa lill-pubbliku ġenerali:

39 *"L-iskeda ta' data ta' sigurtà ma għandhiex bżonn tiġi provduta meta s-sustanzi jew il-preparati*
40 *perikolużi offruti jew mibjugħa lill-pubbliku ġenerali jkun fihom informazzjoni suffiċjenti sabiex jgħinu*

1 *lill-utenti jieħdu l-miżuri neċessarji fir-rigward tal-protezzjoni tassafha tal-bniedem, fir-rigward tas-*
2 *sigurtà u tal-ambjent, sakemm ma tkunx mitluba mill-utent 'downstream' jew minn distributtur."*
3

4 Għalhekk, mhuwiex obligatorju li skeda ta' data ta' sigurtà li għandha tiġi fornuta għal
5 sustanza jew taħlita perikoluża ssir disponibbli għall-pubbliku ġenerali²² jekk ikun hemm
6 konformità mal-kundizzjonijiet ta' hawn fuq. Madankollu, jekk il-prodott jiġi furnut ukoll lil
7 utent downstream jew lil distributtur u dan jitlob SDS, din għandha tiġi fornuta lilu. Jista' jiġi
8 rakkomandat lid-distributtur (eż. il-bejjiegħ bl-imnut) li joffri jew ibigħ dawn is-sustanzi jew
9 taħlitiet li jkun fil-pussess ta' SDS għal kull sustanza jew taħlita ta' periklu li jbigħ. Dawn l-
10 SDSs jinkludu wkoll informazzjoni importanti għalih minħabba li jrid jaħżen is-sustanza jew it-
11 taħlita u jistgħu jagħtu informazzjoni importanti eż. dwar miżuri fil-każ ta' aċċident (jew nar
12 eċċ.). Jekk l-utent downstream jew id-distributtur iħoss il-ħtieġa ta' SDS għal dawn l-iskopijiet
13 jew skopijiet oħrajn jista' jitlob waħda.

14 Għandu jiġi nnutat li l-attur li jitħalla speċifikament jitlob l-SDS permezz ta' din id-dispożizzjoni
15 huwa l-utent downstream jew id-distributtur – **mhuwiex** il-membri tal-pubbliku
16 ("konsumatur"). Il-mistoqsija ta' jekk konsumatur partikolari għal sustanza jew taħlita bħal din
17 huwiex intitolat jitlob u jirċievi SDS għaliha tista' għaldaqstant tiġi indirizzata fuq il-bażi ta'
18 jekk jikkwalifikax bħala "utent downstream" jew "distributtur" skont id-definizzjonijiet mogħtija
19 fl-Artikolu 3 (13) u 3 (14) tar-regolament REACH rispettivament. "Konsumatur" huwa
20 speċifikament eskluż mid-definizzjoni ta' utent downstream. Jekk riċevitur jikkwalifikax bħala
21 utent downstream fir-rigward tal-użu ta' sustanza jew taħlita "tul l-attivitàjiet industrijali jew
22 professjonali tiegħu" jista' jiġi ddeterminat pereżempju fuq il-bażi tal-isfond professjonali
23 tiegħu. Prova affidabbli tad-dritt li tintalab SDS tista' tkun silta mir-reġistru kummerċjali/mir-
24 reġistru tal-kumpaniji jew akkreditazzjoni professjonali oħra jew potenzjalment numru tal-VAT
25 (jew kont mal-fornitur), aktar milli wieħed jiddependi biss fuq il-kwantitajiet (li fih innifsu jista'
26 jservi bħala l-ewwel indikatur).
27

28 **2.19 Aċċess għall-informazzjoni fl-SDS mill-ħaddiema**

29 Skont l-Artikolu 35 ta' REACH:

30 *"Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandhom jingħataw aċċess minn min iħaddimhom għall-*
31 *informazzjoni provduta skont l-Artikoli 31 u 32 fir-rigward ta' sustanzi jew preparati li huma jużaw jew*
32 *li għalihom jistgħu jkunu esposti fil-kors tax-xogħol tagħhom."*
33

34 L-SDS (fl-UE) hija mmirata lejn l-impjegatur u l-ħaddiema għal rashom. L-impjegatur għandu
35 responsabbiltà li jittrasforma l-informazzjoni f'formati adattati għall-ġestjoni tar-riskju fil-post
36 tax-xogħol speċifiku. Madankollu għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni rilevanti tal-SDS
37 lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom skont l-Artikolu 35 ta' REACH (kif ukoll skont l-
38 Artikolu 8 tad-Direttiva 98/24/KE).
39

40 **2.20 Prodotti li għalihom mhijiex meħtieġa SDS**

41 Ir-rekwiżiti li tiġi provduta SDS jirriżultaw mill-Artikolu 31 tar-Regolament REACH.

42 Ċerti eżenzjonijiet ġenerali mill-ħtieġa li tiġi fornuta informazzjoni skont it-Titolu IV (li
43 għalhekk tinkludi SDSs skont l-Artikolu 31) jingħataw fl-Artikolu 2(6):

22 Ma hemm l-ebda dispożizzjoni f'REACH li skontha qatt ma għandha tiġi fornuta SDS lil membru tal-pubbliku ġenerali ("konsumatur"); lanqas ma hemm dispożizzjoni biex dan ma jibqax isir fuq bażi volontarja minn kwalunkwe attur fil-katina tal-provvista.

1 *"Id-dispożizzjonijiet tat- Titolu IV ma għandhomx japplikaw għall-preparati li ġejjin fl-istat lest, maħsub*
2 *għall-utent finali:*

3 *(a) prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem jew għall-użu veterinarju, fi ħdan il-kamp ta'*
4 *applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 726/2004 u tad-Direttiva 2001/82/KE u kif definiti fid-*
5 *Direttiva 2001/83/KE;*

6 *(b) prodotti kożmetiċi kif definiti fid-Direttiva 76/768/KEE;*

7 *(c) apparati mediċi li huma invażivi jew użati f'kontatt fiżiku dirett mal-ġisem tal-bniedem sa fejn*
8 *miżuri Komunitarji jkunu jstabbilixxu dispożizzjonijiet għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi u*
9 *preparati perikolużi li jiżguraw l-istess livell ta' għoti u protezzjoni ta' informazzjoni bħad-*
10 *Direttiva 1999/45/KE;*

11 *(d) ikel jew prodotti tal-għalf konformi mar-Regolament (KE) Nru 178/2002 inkluż l-użu:*

12 *(i) bħala addittiv fi prodotti tal-ikel fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/107/KEE;*

13 *(ii) bħala sustanza li tagħti t-togħma fi prodotti tal-ikel fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-*
14 *Direttiva 88/388/KEE u d-Deċiżjoni 1999/217/KE;*

15 *(iii) bħala addittiv f'għalf fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003;*

16 *(iv) fin-nutrizzjoni tal-annimali fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 82/471/KEE."*
17

18 Eżenzjonijiet saħansitra aktar ġenerali mir-regolament sħiħ ta' REACH japplikaw għal klassijiet
19 oħra ta' prodotti permezz tal-Artikolu 2(1) (sustanzi radjoattivi, sustanzi taħt sorveljanza
20 doganali, sustanzi intermedji mhux iżolati, prodotti waqt il-ġarr bil-ferrovija, bit-triq,
21 b'passaġġi fuq l-ilma intern, bil-baħar jew bl-arja).

22 L-iskart kif definit fid-Direttiva 2008/98/KE ²³ huwa wkoll eżentat b'mod ġenerali minħabba li
23 huwa eskluż permezz tal-Artikolu 2(2) milli jkun definit bħala sustanza, taħlita jew oġġett fis-
24 sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament REACH.

25 Naturalment, l-SDSs ukoll **mhumix** meħtieġa għal prodotti li ma jikkonformaw la mal-kriterji
26 mogħtija fl-Artikolu 31(1) (a), (b) u (c) u lanqas ma' dawk fl-Artikolu 31(3) għal meta l-SDSs
27 **huma** meħtieġa (ara t-Taqsima 1.1 tal-Introduzzjoni Ġenerali hawn fuq u t-test ta' REACH
28 għal aktar dettall dwar x'inhuma l-kriterji).
29

30 **2.21 Kumpilazzjoni possibbli ta' SDS għal sustanzi u taħlitiet anke** 31 **meta mhux legalment meħtieġa**

32 Minn aspetti ta' tqegħid fis-suq u/jew loġistiċi jista' f'ċerti każijiet ikun utli għall-fornituri li
33 jkollhom SDSs disponibbli għas-sustanzi u għat-taħlitiet kollha, inklużi dawk li għalihom ma
34 hemm l-ebda obbligu legali li tiġi pprovduta SDS. F'każijiet bħal dawn, jista' jkun mixtieq li fid-
35 dokument jiġi indikat li s-sustanza jew it-taħlita ma teħtieġx SDS legalment biex jiġi evitat li
36 jinqalgħu kwistjonijiet mhux neċessarji ta' osservanza u konformità. **Mhuwix** ġeneralment
37 mixtieq li jiġu kkompilati SDSs għal **oġġetti**.

38 Jista' jkun utli ukoll li tiġi fornuta informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 32 ta' REACH li
39 tikkonċerna d-dmir li tiġi kkomunikata l-informazzjoni 'l isfel fil-katina tal-provvista għal
40 sustanzi weħidhom jew f'taħlitiet li għalihom mhijiex meħtieġa SDS fil-format ta' SDS.
41 Madankollu għandu jiġi nnutat li dan **mhuwix** meħtieġ mir-Regolament REACH, u għal darba
42 oħra f'dawn il-każijiet jista' jkun mixtieq li jiġi indikat fid-dokument li s-sustanza jew it-taħlita
43 ma teħtieġx SDS legalment, biex jiġi evitat li jinqalgħu kwistjonijiet mhux neċessarji ta'
44 osservanza u konformità. Bl-istess mod jista' jiġi speċifikament indikat meta dokument bħal
45 dan ikun qiegħed jintuża biex tiġi kkomunikata informazzjoni skont l-Artikolu 32.

²³ Id-Direttiva 2006/12/KE - imħassra bid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-
19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (Direttiva Qafas dwar l-iskart).

1

2 2.22 Meta jkun meħtieġ li jiġu mehmuża x-Xenarji tal-Esponiment 3 mal-SDS

4 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 31(7) ta' REACH:

5 *"Kwalunkwe attur fil-katina tal-provvista li jkun meħtieġ jipprepara rapport ta' sigurtà kimika skont l-*
6 *Artikolu 14 jew l-Artikolu 37 għandu jqiegħed ix-xenarji rilevanti ta' esponiment (inklużi l-kategoriji*
7 *ta' użu u esponiment fejn ikun il-każ) f'anness mal-iskeda ta' data ta' sigurtà li tkopri l-użi identifikati*
8 *u li jinkludi l-kondizzjonijiet speċifiċi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Taqsima 3 tal-Anness XI."*
9

10 Għaldaqstant, kull meta jkun hemm il-ħtieġa li attur (eż. reġistrant jew utent downstream li
11 jipprepara CSR skont l-Artikoli 14 jew 37(4) ta' REACH) jinkludi x-xenarji tal-esponiment fis-
12 CSR tiegħu, l-attur għandu obbligu li jqiegħed ix-xenarji tal-esponiment rilevanti f'Anness tal-
13 SDS. Madankollu, għandu jiġi nnutat li mhux ir-reġistranti kollha li huma meħtieġa jwettqu
14 CSA u jippreparaw CSR²⁴ huma neċessarjament meħtieġa li jippreparaw xenarju tal-
15 esponiment. Għaldaqstant, pereżempju, għalkemm CSA u CSR huma ġeneralment meħtieġa
16 għas-sustanzi kollha soġġetti għar-reġistrazzjoni fi kwantitajiet ta' 10 tunnelli jew aktar,
17 xenarju tal-esponiment jkun meħtieġ biss għal dawk li japplikaw għalihom ukoll il-kriterji
18 ulterjuri mogħtija fl-Artikolu 14(4) (jiġifieri dawk li jissodisfaw il-kriterji PBT/vPvB jew il-kriterji
19 għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet ta' periklu elenkati fl-Artikolu 14(4) ta' REACH kif
20 emendat mill-Artikolu 58 ta' CLP). Dawn il-kriterji huma²⁵:

21 *"4. Jekk, b'riżultat tal-istadji (a) sa (d) tal-paragrafu 3, ir-reġistrant jikkonkludi li s-sustanza tissodisfa*
22 *l-kriterji għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet jew il-kategoriji ta' periklu li ġejjin stabbiliti fl-Anness I*
23 *għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008:*

24 *(a) il-klassijiet ta' periklu 2.1 sa 2.4, 2.6 u 2.7, 2.8 it-tipi A u B, 2.9, 2.10, 2.12, 2.13 l-kategoriji 1 u*
25 *2, 2.14 l-kategoriji 1 u 2, 2.15 it-tipi A sa F;*

26 *(b) il-klassijiet ta' periklu 3.1 sa 3.6, 3.7 effetti negattivi fuq il-funzjoni sesswali u l-fertilità jew fuq l-*
27 *iżvilupp, 3.8 effetti oħra barra effetti narkotiċi, 3.9 u 3.10;*

28 *(c) il-klassi ta' periklu 4.1;*

29 *(d) il-klassi ta' periklu 5.1*

30 *jew hija vvalutata li hija PBT jew vPvB,"*
31

32 Għaldaqstant, jekk is-sustanza ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kriterji tal-Artikolu 14(4)
33 (klassijiet, kategoriji jew proprjetajiet ta' periklu) ma tkunx meħtieġa valutazzjoni tal-
34 esponiment u r-reġistrant jista' jiddokumenta l-valutazzjoni tal-periklu u l-valutazzjoni
35 PBT/vPvB direttament fir-rapport tas-sigurtà kimika mingħajr ma jkun jeħtieġ li jiġġenera
36 xenarju tal-esponiment. Barra minn hekk, is-CSA u CSR normalment isiru bħala parti mill-
37 preparazzjonijiet għal reġistrazzjoni. Xenarji tal-esponiment għal sustanzi partikolari wehdom

24 Innota li jeżistu każijiet fejn ma huwa meħtieġ l-ebda CSA/CSR (u għaldaqstant ma għandhomx jiġu pprovduti ESs), pereżempju fil-każ ta' sustanzi eżentati mir-reġistrazzjoni skont l-anness IV jew V jew għal sustanzi rkuprati eżentati mill-preżentazzjoni ta' dossier ta' reġistrazzjoni skont l-Artikolu 2(7) (d).

25 Il-klassijiet jew il-kategoriji ta' periklu li jikkorrispondu għall-elenkar (meta ma jkunux diġà msemmija bis-sħiħ fit-test ta' hawn fuq) huma: (a) splussivi (2.1), gassijiet li jaqdbu (2.2), aerosols (2.3), gassijiet ossidanti (2.4), likwidi li jaqdbu (2.6), solidi li jaqdbu (2.7), sustanzi u taħlitiet awtoreattivi tipi A u B (2.8 A + B), likwidi piroforiċi (2.9), solidi piroforiċi (2.10), sustanzi u taħlitiet li meta jiġu f'kontatt mal-ilma jemmettu gassijiet li jaqdbu (2.12), likwidi ossidanti kategoriji 1 u 2 (2.13 1 + 2), solidi ossidanti tal-kategoriji 1 u 2 (2.14 1 + 2), perossidi organiċi tat-tipi A sa F (2.15 A sa F inklużi) (b) tossità akuta (3.1), korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda (3.2), ħsara serja fl-għajnejn/irritazzjoni fl-għajnejn (3.3) sensitizzazzjoni respiratorja jew al-ġilda (3.4), mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali (3.5), karċinoġeniċità (3.6), [3,7, 3.8 kif imsemmi aktar 'il fuq], tossiċità speċifika għall-organi fil-mira – esponiment ripetut (3.9), periklu ta' aspirazzjoni (3.10); (c) perikolu għall-ambjent akkwatiku (4.1); (d) perikolu għas-saff tal-ożonu (5.1).

1 jew f'taħlitiet għaldaqstant ikunu normalment mehmuża biss mal-SDSs wara li s-sustanza
2 rispettiva tkun għet irreġistrata.

3 L-Artikoli 60(7), 62(4) (d) u t-taqsimiet 0.7, 5.1.1 u 5.1.2 tal-Anness I ta' REACH, jiddeskrivu
4 l-obbligi relatati mar-rapport tas-sigurtà kimika u x-xenarju tal-esponiment. Dawn l-aspetti
5 jiffurmaw parti integrali mill-applikazzjoni għall-proċess ta' awtorizzazzjoni. L-
6 awtorizzazzjonijiet mogħtija bbażati jew fuq l-Artikolu 60(2) jew fuq l-Artikolu 60(4) jinkludu l-
7 kunsiderazzjoni tal-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju proposti fix-xenarji ta' esponiment tar-rapport
8 ta' awtorizzazzjoni tas-sigurtà kimika.

9 Ladarba jkun għe ppreparat, ix-xenarju tal-esponiment għandu jiġi mehmuż mal-SDS u t-
10 tehmiż tiegħu f'dak il-każ jikkostitwixxi reviżjoni tal-SDS. Meta x-xenarju tal-esponiment
11 jirriżulta f'miżuri ġodda tal-ġestjoni tar-riskju, l-SDS għandha tiġi aġġornata mingħajr dewmien
12 u l-verżjoni riveduta għandha tiġi pprovduta lil riċevituri preċedenti li jkunu riċevew is-sustanza
13 jew it-taħlita fi żmien it-12-il xahar preċedenti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(9)(a)
14 ta' REACH (ara wkoll il-kapitolu 2.8 fuq).

15 **2.23 Mezzi alternattivi biex informazzjoni dwar ix-Xenarju tal- 16 Esponiment tiġi inkluża²⁶ fl-SDS għal sustanzi u taħlitiet**

17 Għall-każijiet deskritti f'2.21 hawn fuq, l-Artikolu 31(7) ta' REACH jispeċifika li x-xenarju tal-
18 esponiment **għandu** jitqiegħed f'anness mal-SDS.

19 Madankollu, it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-Artikolu 31(7) jiddikjaraw ukoll li:

20 *"Kwalunkwe utent 'downstream' għandu jinkludi xenarji relevanti ta' esponiment, u juża informazzjoni
21 oħra relevanti, mill-iskeda ta' data ta' sigurtà fornita lilu meta jikkompila l-iskeda ta' data ta' sigurtà
22 tiegħu stess għal użi identifikati.*

23 *Kwalunkwe distributtur għandu jgħaddi xenarji relevanti ta' esponiment, u juża informazzjoni relevanti
24 oħra, mill-iskeda ta' data ta' sigurtà fornita lilu meta jikkompila l-iskeda ta' data ta' sigurtà tiegħu
25 stess għal użi li dwarhom ikun għadda informazzjoni skont l-Artikolu 37(2)."*

26
27 Għal **utenti downstream** li **mhumie**x meħtieġa jwettqu s-CSA tagħhom stess għal sustanza
28 (komponent) partikolari²⁷ hemm għaldaqstant għażliet alternattivi biex tiġi inkluża
29 informazzjoni mix-xenarju tal-esponiment²⁸.

30 Fil-każ ta' taħlita li tinkludi sustanzi li għalihom kien meħtieġ xenarju tal-esponiment, l-
31 inklużjoni ta' informazzjoni mix-xenarju tal-esponiment fl-SDS għat-taħlita għandha tqis mill-
32 inqas dawk is-sustanzi preżenti f'aktar mil-livelli limiti mogħtija fl-Artikolu 14 ta' REACH.

33 Ir-riżultat huwa l-każijiet possibbli li ġejjin għall-inklużjoni ta' informazzjoni mix-xenarju(i) tal-
34 esponiment (imwettqa minn manifattur/importatur jew minn utent downstream) fl-SDSs:

35 **1.** it-tehmiż tax-xenarju(i) tal-esponiment attwali li jirriżulta(w) minn CSA għal
36 sustanza bħala tali jew xenarju tal-esponiment li jirriżulta minn CSA għal sustanza
37 f'taħlita f'konċentrazzjonijiet f'aktar mil-livelli limiti mogħtija fl-Artikolu 14. F'dan il-

26 "Tkun inkluża" hawnhekk tfisser jew li x-xenarju(i) tal-esponimenti jiġi(u) anness(i) kollu(kollha) kemm huwa (huma) mal-SDS (bħala anness) u/jew li informazzjoni mix-xenarju tal-esponiment tiġi integrata fil-parti prinċipali (it-Taqsimiet 1 sa 16 inkluża) tal-SDS u/jew li mal-SDS tiġi mehmuża informazzjoni dwar l-użu sikur tat-taħlita.

27 Dawn l-għażliet alternattivi huma disponibbli **biss** għal utenti downstream bħal dawn.

28 Il-bidla fil-kliem minn "għandu jqiegħed" fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 31(7) fir-rigward ta' dawk meħtieġa kemm li jwettqu CSA/CSR **kif ukoll** li jippreparaw xenarju tal-esponiment għal "għandu jinkludi xenarji tal-esponiment rilevanti" fit-tieni paragrafu fir-rigward ta' utenti downstream hija sinifikanti. Il-kliem tal-aħħar għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti (jekk min jikkompila l-SDS jagħżel dan) "l-inklużjoni" tal-informazzjoni rilevanti minn xenarji tal-esponiment riċevuti b'metodi **oħra apparti** mit-tehmiż, bħala Anness mal-SDS.

- 1 każ, mill-inqas sommarju tal-informazzjoni ewlenija rilevanti mix-xenarju tal-
2 esponiment meħmuż għandu jkun inkluż fit-taqsimiet ewlenin tal-SDS,
3 b'kontroreferenza għad-dettalji fix-xenarju tal-esponiment;
- 4 2. integrazzjoni ta' informazzjoni mix-xenarju tal-esponiment għal sustanza jew li
5 tirriżulta mill-konsolidazzjoni ta' diversi xenarji tal-esponiment għal sustanzi użati
6 f'taħlita fit-Taqsimiet ewlenin 1-16 tal-SDS;
- 7 3. teħmiż tax-xenarju tal-esponiment li jirriżulta mis-CSA għal taħlita speċjali²⁹;
- 8 4. (potenzjalment) teħmiż tax-xenarju tal-esponiment li jirriżulta minn CSA għal taħlita
9 skont l-Artikolu 31(2) ta' REACH³⁰.
- 10 5. l-anness ta' informazzjoni dwar l-użu sikur għat-taħlita derivata mix-xenarji tal-
11 esponiment tas-sustanzi komponenti.
- 12
- 13 Għandu jiġi nnutat li għal komponent ta' taħlita li għaliha l-utent downstream huwa meħtieġ li
14 jwettaq l-għażla 2 tas-CSA hawn fuq mhijiex disponibbli.
- 15 Għandu jiġi nnotat ukoll li għalkemm l-għażliet kollha ta' hawn fuq huma permessi taħt il-
16 kundizzjonijiet speċifikati jistgħu mhux kollha jkunu addattati bl-istess mod, fil-prattika, bħala
17 mezz biex tiġi trażmessa l-informazzjoni rilevanti – pereżempju l-utenti downstream ulterjuri
18 jistgħu jippreferu li jirċievu xenarji tal-esponiment mibgħuta mas-sustanzi komponenti fit-
19 taħlitiet li jirċievu aktar milli dokumentazzjoni konsolidata. B'dan il-mod, meta mbagħad huma
20 jifformulaw dawn it-taħlitiet f'taħlitiet ulterjuri, is-sustanzi komponenti jistgħu imbagħad
21 jerġgħu jiġu kkunsidrati flimkien mal-komponenti l-ġodda. L-għażla 2 tista' tkun aktar xierqa
22 eż. meta jiġu fornuti utenti finali professjonali. Bl-istess mod, huwa rakkomandat ħafna li
23 tintuża l-għażla 2 jekk it-teħmiż tax-xenarji tal-esponiment għal sustanzi komponenti f'taħlitiet
24 inkella jwassal għal SDSs ta' tul tant eċċessiv li r-riċevituri tagħhom aktar 'l isfel fil-katina tal-
25 provvista ma jkunux jistgħu jkempaw aktar bl-ammont ta' informazzjoni li tkun tinsab fihom.
- 26 L-attur li jikkompila l-SDS għandu jiftakar li rakkomandazzjonijiet mix-xenarji tal-esponiment
27 jirriżultaw f'obbligi speċifiċi fuq l-utenti downstream (l-Artikolu 37(4)). Sabiex l-utenti
28 downstream ikunu jistgħu jirrikonossu obbligi bħal dawn (bħal RMMs li għandhom jiġu
29 implimentati), huwa rakkomandat li l-informazzjoni li toriġina minn xenarju(i) tal-esponiment –
30 jew inkorporata fil-parti ewlenija tal-SDS jew meħmuża mal-SDS - tiġi indikata bħala tali.
- 31 L-Appendiċi 1 jagħti aktar gwida lill-utenti downstream li jeħtieġu li "jinkludu" informazzjoni
32 mix-xenarju tal-esponiment, għal sustanza f' SDS.
- 33 Gwida dettaljata dwar għażliet għall-utenti downstream dwar kif jgħaddu l-informazzjoni
34 downstream riċevuta minn fornitur(i) dwar is-sustanza(i) weħidha (waħidhom) jew f'taħlita(iet)
35 hija pprovduta fil-*Gwida għal Utenti downstream*³¹.
- 36 Barra minn hekk, ġie stabbilit network speċifiku mill-ECHA u minn xi organizzazzjonijiet tas-
37 settur bl-iskop li jiġu żviluppanti u pprovduti metodoloġiji u għodod għat-titjib tal-
38 komunikazzjoni effettiva tul il-katina tal-provvista. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq il-
39 paġna ENES tas-sit web tal-ECHA³².

29 Ara l-Appendiċi 2 għal aktar informazzjoni dwar "taħlitiet speċjali".

30 Attwalment ma hemm l-ebda gwida disponibbli dwar kif titwettaq tali CSA. CSA bħal din għal taħlita hija prevista mill-Artikolu 31(2) ta' REACH għall-iskopijiet tal-ġenerazzjoni ta' informazzjoni konsolidata għal SDS. La l-Artikolu 14 u lanqas l-Artikolu 37 ta' REACH ma jiġġeneraw il-ħtieġa li CSA bħal din tiġi ppreparata bħala parti minn reġistrazzjoni.

31 Disponibbli fuq: <https://echa.europa.eu/guidance-documents/guidance-on-reach>

32 Network ta' Skambju dwar ix-Xenarji tal-Esponiment ara: <https://echa.europa.eu/mt/about-us/exchange-network-on-exposure-scenarios>

1 L-Appendiċi 1 ta' din il-gwida u, f'aktar dettall, l-Appendiċi 1 tal-*Gwida għal utenti downstream*,
2 jipprovdi aktar informazzjoni dwar ir-rwoli u l-obbligi tad-distributuri. Dawn għandhom rwol
3 importanti fil-fluss tal-komunikazzjoni 'l fuq u 'l isfel fil-katina tal-provvista.

4 **2.24 Forom ta' assistenza disponibbli fil-kumpilazzjoni tal-SDSs**

5 Il-fornituri jistgħu jużaw fornitur estern tas-servizzi biex jaċċessaw is-servizzi ta' persuni
6 kompetenti għall-kumpilazzjoni tal-SDSs, iżda naturalment xorta hija r-responsabbiltà tal-
7 fornitur li jipprovdi SDSs li jikkonformaw mar-rekwiżiti legali.

8 Partijiet li jikkompilaw u joħorġu SDSs jistgħu ikunu appoġġati minn applikazzjonijiet ta'
9 software rilevanti. Dawn l-applikazzjonijiet ġeneralment għandhom funzjoni ta' bażi tad-*data*.
10 Dawn il-bażijiet tad-*data* jinkludu listi ta' sustanzi u libreriji ta' frażijiet standard. Hawn
11 prodotti ta' software jinkludu għażliet biex jiġu ġenerati SDSs f'diversi lingwi. Dawn il-prodotti
12 ta' software jistgħu ukoll jappoġġaw il-ġestjoni u l-konsistenza ta' informazzjoni bejn id-dossier
13 ta' reġistrazzjoni (inkluż is-CSR) u l-SDS.

14 Eżempju ta' sors ta' frażijiet standard huwa l-Katalgu Ewropew tal-Frażijiet, li huwa disponibbli
15 (mingħajr ħlas) bil-Ġermaniż u bl-Ingliż minn [https://www.esdscom.eu/english/euphrac-
16 phrases/](https://www.esdscom.eu/english/euphrac-phrases/). Fornituri oħra ta' servizzi joffru wkoll libreriji ta' frażijiet standard. L-użu korrett ta'
17 frażijiet standard jista' jgħin biex itejjeb il-kwalità u l-komprensibbiltà, madankollu għandha
18 tingħata attenzjoni meta jintużaw dawn il-frażijiet, peress li l-kontenut jista' ma jkunx dejjem
19 ċar biżżejjed. Il-prodotti tas-software ma jirrilaxxawx lill-fornitur mill-obbligu tiegħu li jkollu l-
20 iskada ta' *data* ta' sigurtà mħejjija minn persuna kompetenti.

21

22 Xi assoċjazzjonijiet tal-industrija jew kummerċjali joffru appoġġ (eż. permezz tal-paġni ewlenin
23 tal-internet tagħhom) b'informazzjoni li tirrigwarda s-settur speċifiku tagħhom.

24

25 **2.25 Sorsi magħżula ta' data tas-sustanzi utli għall-kumpilazzjoni** 26 **tal-SDSs**

27 Parti kbira tal-informazzjoni neċessarja sabiex tiġi kompilata l-SDS għandha tkun diġà
28 disponibbli għall-fornitur, minħabba li kien neċessarju li tinġabar għall-iskopijiet ta'
29 leġiżlazzjoni ta' kontroll ta' sustanzi kimiċi oħra, notevolment sabiex jiġu ddeterminati eż. ir-
30 rekwiżiti tal-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ skont is-CLP u skont il-leġiżlazzjoni
31 internazzjonali tat-trasport, u sabiex ikun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni tas-saħħa u
32 sikurezza okkupazzjonali.

33 Jekk is-sustanza hija soġġetta għal Reġistrazzjoni skont REACH u l-fornitur huwa membru ta'
34 sottomissjoni konġunta jew konsorzju³³, jekk jeżisti wieħed għal dik is-sustanza, jista' jkollu
35 aċċess kondiviż għal informazzjoni addizzjonali dwar is-sustanza.

36 Għall-utenti downstream tas-sustanzi (u l-formulatori kollha ta' taħlitiet), is-sors ewleni ta'
37 informazzjoni huwa dak ipprovdut mill-fornitur fl-SDS għas-sustanza(i) jew it-taħlita(iet)
38 (komponenti) speċifika(ċi).

39 Fejn isir evidenti matul il-kumpilazzjoni tal-SDS li xi *data* ma tkunx faċilment disponibbli għall-
40 kompilatur, hemm ukoll bażijiet tad-*data* pubblikament disponibbli bl-informazzjoni rilevanti.
41 Dawn jistgħu jiġu kkonsultati jew biex titfittex *data* li ma tkunx disponibbli b'mod ieħor jew

33 Innota li l-parteċipazzjoni f'konorzju mhijiex obligatorja.

1 biex tiġi vverifikata d-*data* pprovduta mill-upstream, li tidher inkonsistenti jew mhux
2 plawżibbli, pereżempju:

3 Il-bażi tad-*data* tal-**ECHA** dwar sustanzi reġistrati:
4 (<https://echa.europa.eu/information-on-chemicals/registered-substances>)

5 Din tagħti varjetà ta' informazzjoni dwar is-sustanzi li l-kumpaniji jimmanifatturaw jew jimportaw:
6 pereżempju, il-proprjetajiet perikolużi tagħhom, il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tagħhom u kif is-
7 sustanzi għandhom jintużaw b'mod sikur. L-informazzjoni fil-bażi tad-*data* hija dik ipprovduta minn
8 kumpaniji fid-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom.
9

10 L-inventarju tal-**ECHA** tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar:
11 (<https://echa.europa.eu/mt/information-on-chemicals/cl-inventory-database>)

12
13 L-Inventarju tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikettar (C&L) huwa bażi tad-*data* li se jkun jinkludi
14 informazzjoni bażika dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar dwar sustanzi notifikati u reġistrati riċevuti
15 minn manifatturi u importaturi. Dan se jkun jinkludi wkoll il-lista ta' klassifikazzjonijiet armonizzati
16 (Tabella 3 tal-Anness VI tas-CLP). L-Inventarju se jkun stabbilit u miżmum mill-ECHA.

17

18 **CheLIST**
19 (<http://chelist.jrc.ec.europa.eu>)

20 Il-bażi tad-*data* CheLIST (Sistema ta' Informazzjoni ta' Listi dwar Sustanzi Kimiċi) żviluppata mill-
21 Istitut għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Konsumatur (IHCP) tipprovdi informazzjoni dwar identifikaturi kimiċi
22 (eż. l-isem, in-numru CAS) u l-istruttura kimika.
23

24 **GESTIS**
25 (<http://gestis-en.itrust.de>)

26 Din il-bażi tad-*data* tal-Berufsgenossenschaften Ġermaniż tinkludi iktar minn 7,000 sustanza
27 perikoluża alfabetikament skont l-isem, bil-klassifikazzjoni, l-ittikkettar, il-valuri limiti, il-metodi ta'
28 kejl, l-informazzjoni dwar it-tagħmir ta' protezzjoni personali, il-valuri limiti fuq il-post tax-xogħol u l-
29 mediċina okkupazzjonali.
30

31 **eChemPortal**
32 (<http://www.echemportal.org/echemportal/>)

33 L-eChemPortal huwa sforz tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)
34 f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea (KE), l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), l-
35 ISTATI Uniti, il-Kanada, il-Ġappun, il-Kunsill Internazzjonali tal-Assoċjazzjonijiet għas-Sustanzi Kimiċi
36 (ICCA), il-Kumitat Konsultattiv Kummerċjali u Industrijali (BIAC), il-Programm Internazzjonali dwar is-
37 Sigurtà tas-Sustanzi Kimiċi (IPCS) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), il-Programm dwar l-
38 Ambjent tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEP) u organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi.
39 eChemPortal jipprovdi aċċess pubbliku mingħajr ħlas għal informazzjoni dwar il-proprjetajiet tas-
40 sustanzi kimiċi, inklużi il-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi, id-destin ambjentali u mġiba, l-ekotossiċità u t-
41 tossiċità) permezz ta' tfittxija simultanja ta' rapporti u settijiet tad-*data*.
42

43 **IPCS INCHEM**
44 (<http://www.inchem.org/>)

45 Is-sit web INCHEM tal-Programm Internazzjonali dwar is-Sigurtà tas-Sustanzi Kimiċi (IPCS) jagħti
46 Aċċess rapidu għal informazzjoni rieżaminata bejn il-pari internazzjonalment dwar sustanzi kimiċi użati
47 b'mod komuni madwar id-dinja, li jistgħu jsejtnu wkoll bħala kontaminanti fl-ambjent u fl-ikel. Dan
48 jikkonsolida informazzjoni minn għadd ta' organizzazzjonijiet intergovernattivi li l-mira tagħhom hija li
49 jassistu fil-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi.
50

1 **TOXNET**

2 (<http://toxnet.nlm.nih.gov/index.html>)

3 Toxnet hija l-Librerija Nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerka tan-Network ta' data tossikoloġika tal-
4 medicina. Din tagħti aċċess għal bażijiet tad-data dwar it-tossikoloġija, is-sustanzi kimiċi perikolużi, is-
5 saħħa ambjentali, u r-rilaxxi tossiċi.

7 Għandha tingħata attenzjoni għall-varjazzjoni potenzjali fl-affidabbiltà ta' informazzjoni minn
8 dawn is-sorsi.

9 Għandu jiġi nnutat li fil-każijiet kollha (inkluż meta l-informazzjoni dwar sustanzi komponenti
10 tkun inkisbet minn SDSs ta' fornituri ta' dawn is-sustanzi – ara l-kapitolu 2 il-paragrafu 2.2
11 fuq) huwa l-fornitur tal-SDS li jżomm ir-responsabbiltà għall-preċiżjoni tal-kontenut tagħha.

13 **2.26 Kif tikkompila SDS għal sustanza rkuprata jew taħlitiet li**
14 **jinkludu sustanza bħal din**

15 L-Appendiċi 3 ta' dan id-dokument jiddiskuti kwistjonijiet speċifiċi rilevanti għall-kumpilazzjoni
16 tal-SDSs għal sustanzi u taħlitiet irkuprati. Il-Gwida tal-ECHA dwar l-iskart u sustanzi
17 rkuprati³⁴ tinkludi informazzjoni addizzjonali dwar kwistjonijiet li huma speċifiċi għal SDSs għal
18 sustanzi rkuprati.

20 **2.27 L-ittestjar għall-iskopijiet tal-ġenerazzjoni tal-informazzjoni**
21 **għal SDS**

22 L-SDS hija maħsuba biex tipprovdi informazzjoni komprensiva dwar sustanza jew taħlita għall-
23 użu f'oqfsa regolatorji ta' kontroll tas-sustanzi kimiċi fuq il-post tax-xogħol (ara l-paragrafu 2.1
24 hawn fuq). Din tikkonsolida din l-informazzjoni f'dokument wieħed. L-informazzjoni meħtieġa li
25 tingħata f'SDS għandha jew tkun disponibbli (minħabba li hija meħtieġa, pereżempju, bħala
26 parti mis-sett tad-data meħtieġ għal reġistrazzjoni taħt REACH jew għal skopijiet ta'
27 klassifikazzjoni) jew ir-raġuni għaliex mhijiex disponibbli għandha tingħata fis-subtaqsima
28 xierqa tal-SDS.

29 Il-proċess ta' kumpilazzjoni tal-SDS jista' ovvjament jiżvela li d-data li hija meħtieġa
30 (pereżempju biex issir klassifikazzjoni korretta skont is-CLP) mhijiex disponibbli.

31 F'każijiet bħal dawn, qabel ma jinbeda kwalunkwe ttestjar, għandha tiġi kkonsultata l-
32 leġiżlazzjoni ewlenija applikabbli għall-konformità li fir-rigward tagħha tkun nieqsa d-data u jiġi
33 propost ittestjar addizzjonali. L-ittestjar **ma għandux** jinbeda fuq il-bażi ta' ħtieġa li "jimtlew
34 l-oqfsa vojta" f'SDS.

35 B'mod partikolari għandha ssir referenza għat-Titolu III tar-Regolament REACH dwar il-
36 *Kondiviżjoni ta' Data u l-Evitar ta' Ttestjar Bla Bżonn* u għall-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament CLP
37 dwar *L-ittestjar fuq l-annimali u l-bnedmin* u l-*Ġenerazzjoni ta' informazzjoni ġdida għal*
38 *sustanzi u taħlitiet*, rispettivament.

39 B'mod partikolari, **l-ebda ttestjar fuq l-annimali** ma għandu jinbeda biss għall-iskopijiet tal-
40 ġenerazzjoni ta' kontenut għal SDS. Għandu jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tad-

34 Il-Gwida dwar l-iskart u sustanzi rkuprati hija disponibbli fuq: <https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-reach>.

- 1 Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE³⁵ u 2010/63/UE³⁶ tal-PE u tal-Kunsill. Ma hemm ukoll l-ebda
- 2 rekwiżit li jirriżulta direttament mill-Anness II ta' REACH biex tiġi ġġenerata *data* tal-ittestjar
- 3 mhux mill-annimali (inkluża dik għal perikli fiżiċi) biss bl-iskop li jitlestew jimtew l-entrati ta'
- 4 SDS.

35 Id-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE tal-24 ta' Novembru 1986 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-annimali użati għall-għanijiet sperimentali u għanijiet oħra xjentifiċi, (ĠU L 358, 18.12.1986. p.1).

36 Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p.33).

3 Informazzjoni dettaljata, taqsima b'taqsima

F'dan il-kapitolu ta' din il-gwida tingħata kwotazzjoni tat-test li jirrelata mas-subtaqsima rilevanti fil-Parti A tal-Anness II qabel ma jiġi diskuss aktar fit-tul.

Għandu jiġi nnutat li għalkemm jista' jkun hemm test fl-Anness II, li jippreċedi s-subtaqsimiet, li jiddiskuti l-kontenut ta' ċerti taqsimiet b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda hteġa li t-test jiddaħħal fl-SDS attwali h'ief fis-subtaqsimiet. Madankollu, it-titolu tat-taqsimiet għandu jiġi kkwotat kif elenkat fir-regolament – jiġifieri inkluż in-numru tat-taqsima kif spjegat hawn fuq. Għalhekk, pereżempju, l-intestatura korretta għat-Taqsima 10 ta' SDS hija "TAQSIMA 10: Stabbilità u reattività", jiġifieri inklużi l-kliem "TAQSIMA 10".

Għandu jiġi nnutat ukoll li għalkemm it-test s'hih tal-Anness II li jikkonċerna taqsimiet u subtaqsimiet speċifiċi huwa kkwotat bis-s'hih hawn taħt, partijiet oħra tal-Anness II (eż. il-paragrafi introduttorji għall-Parti A, il-Parti B kollha) mhumiex ikkwotati bis-s'hih hawn taħt u lanqas ma huwa t-test s'hih tal-bqija tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/830 u (UE) 2020/878.

Jista' jkun hemm postijiet fl-SDS fejn l-informazzjoni ma tkunx mimlija minħabba eż. lakun fid-data, jew l-applikazzjoni tista' tkun iddubitata, eċċ. Madankollu, l-SDS għandha tikkontjeni spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni ta' għaliex it-taqsima ma tkunx ġiet mimlija.

3.1 SDS TAQSIMA 1: Identifikazzjoni tas-sustanza/taħlita u tal-kumpanija/impriża

Test tal-Anness II

Din it-taqsima tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tippreskrivi l-mod kif għandha tiġi identifikata s-sustanza jew it-taħlita u l-mod kif l-użi rilevanti identifikati, l-isem tal-fornitur tas-sustanza jew tat-taħlita u l-informazzjoni bid-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur tas-sustanza jew tat-taħlita inkluż kuntatt ta' emerġenza għandhom jingħataw fl-iskeda ta' data ta' sigurtà.

20

1.1 Identifikatur tal-prodott

Test tal-Anness II

Fil-każ ta' sustanza, l-identifikatur tal-prodott għandu jingħataw skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, filwaqt li fil-każ ta' taħlita dan għandu jingħataw skont l-Artikolu 18(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, kif stipulat fit-tikketta bl-ilsna uffċjali tal-Istati Membri fejn titqiegħed fis-suq is-sustanza jew it-taħlita, sakemm l-Istati Membri kkonċernati ma jkunux jistipulaw mod ieħor.

Għal sustanzi soġġetti għal reġistrazzjoni, l-identifikatur tal-prodott għandu jkun konsistenti ma' dak pprovvdut fir-reġistrazzjoni u għandu jiġi indikat ukoll in-numru tar-reġistrazzjoni assenjat skont l-Artikolu 20(3) ta' dan ir-Regolament. [Jistgħu jingħataw identifikaturi addizzjonali anke jekk ma jkunux intużaw fir-reġistrazzjoni.](#)

Mingħajr ma jintlaqtu l-obbligi tal-utenti downstream stipulati fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, fornitur li huwa distributtur jew utent downstream jista' jħalli barra dik il-parti tan-numru tar-reġistrazzjoni li tirreferi għar-reġistrant individwali ta' sottomissjoni konġunta, bil-kundizzjoni li:

(a) dan il-fornitur jerfa' r-responsabbiltà li jagħti n-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ malli jintalab għal skopijiet ta' infurzar jew, jekk in-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ ma jkunx disponibbli għalih, li jibgħat it-talba lill-fornitur tiegħu skont il-punt (b); u

(b) dan il-fornitur jipprovdni n-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ lill-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-infurzar ("l-awtorità tal-infurzar") fi żmien sebat (7) ijiem malli jintalab, jew direttament mingħand l-awtorità tal-infurzar inkella mid-destinatarju tiegħu, jew jekk in-numru tar-reġistrazzjoni sħiħ mhuwiex disponibbli għalih, dan il-fornitur għandu jgħaddi t-talba lill fornitur tiegħu fi żmien sebat (7) ijiem minn meta tasallu t-talba u fl-istess waqt jinforma l-awtorità tal-infurzar b'dan.

Tista' tingħata skeda ta' data ta' sigurtà waħda li tkun tkopri aktar minn sustanza jew taħlita waħda diment li l-informazzjoni f'dik l-iskeda ta' data ta' sigurtà tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-Anness għal kull waħda minn dawk is-sustanzi jew taħlitiet.

Meta forum differenti ta' sustanza jkun koperti minn skeda ta' data ta' sigurtà waħda, għandha tiġi inkluża l-informazzjoni rilevanti li tindika b'mod ċar liema informazzjoni hija relatata ma' liema forma. Inkella tista' titħejja skeda ta' data ta' sigurtà separata għal kull forma jew għal kull grupp ta' forum.

Meta l-iskeda ta' data ta' sigurtà tkun tappartjeni għal nanoforma waħda jew iktar, jew għal sustanzi li jinkludu n-nanoforum, dan għandu jiġi indikat billi tintuża l-kelma "nanoforma".

Mezzi oħra ta' identifikazzjoni

Jistgħu jingħataw ismijiet jew sinonimi oħra s-sustanza jew it-taħlita tkun tikkettata bihom jew tkun magħrufa l-aktar bihom, bħalma huma ismijiet alternattivi, numri, kodiċi tal-prodotti tal-kumpanija, jew identifikaturi uniċi oħra.

Meta taħlita jkollha Identifikatur Uniku tal-Formula (UFI) skont it-Taqsima 5 tal-Parti A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u dak l-identifikatur uniku tal-formula huwa indikat fl-iskeda ta' data ta' sigurtà, f'dak il-każ il-UFI għandu jingħata f'din is-subtaqsima.

1

2 **Għas-sustanzi**, ir-rekwiżiti tal-identifikatur tal-prodott skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament
3 CLP huma:

4 "L-identifikatur tal-prodott għal sustanza għandu jikkonsisti għall-anqas f'dan li ġejj:

5 (a) jekk is-sustanza hija inkluża fil-Parti 3 tal-Anness VI, l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni kif
6 mogħti hemm;

7 (b) jekk is-sustanza mhijiex inkluża fil-Parti 3 tal-Anness VI, imma tidher fl-inventarji tal-
8 klassifikazzjoni u l-ittikkettar, l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni kif mogħti hemm;

9 (c) jekk is-sustanza mhijiex inkluża fil-Parti 3 tal-Anness VI u lanqas fl-inventarju tal-klassifikazzjoni u
10 l-ittikkettar, in-numru provdut mis-Servizzi tal-Astratti tal-Kimiċi (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "in-
11 numru CAS"), flimkien mal-isem mogħti fin-nomenklatura provduta mill-Unjoni Internazzjonali tal-
12 Kimika Pura u Applikata (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "in-Nomenklatura IUPAC"), jew in-numru
13 CAS flimkien ma' isem/ismijiet ieħor/oħra internazzjonali tal-kimika; jew

14 (d) jekk in-numru CAS ma jkunx disponibbli, l-isem stabbilit fin-Nomenklatura IUPAC jew isem/ismijiet
15 ieħor/oħra internazzjonali tal-kimika.

16 Fejn l-isem fin-nomenklatura IUPAC jaqbeż il-100 karattru, jista' jintuża wieħed mill-ismijiet l-oħra (l-
17 isem tas-soltu, l-isem kummerċjali, l-abbrevjazzjoni) imsemmija fit-taqsima 2.1.2 tal-Anness VI ta'
18 REACH bil-kondizzjoni li n-notifika skont l-Artikolu 40 tas-CLP tinkludi kemm l-isem stabbilit fin-
19 Nomenklatura IUPAC kif ukoll l-isem l-ieħor użat."

20 In-numri tal-identifikazzjoni għandhom jingħataw skont il-ġerarkija mogħtija fuq (jiġifieri (a)
21 qabel (b), qabel (c)). Madankollu ma tingħata **l-ebda** indikazzjoni ulterjuri dwar liema min-
22 numri ta' identifikazzjoni permessi għandu jintuża meta ssir l-għażla minn kwalunkwe mill-
23 għażlijiet 3 (a) u (b). Pereżempju, jekk tapplika l-għażla (b), jista' jintuża **kwalunkwe** wieħed
24 min-numri ta' identifikazzjoni mogħtija fl-inventarju tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar, sakemm
25 fil-każijiet kollha n-numru kkwoat ikun jaqbel man-numru ta' identifikazzjoni użat fuq it-
26 tikketta u jkun konsistenti mal-identifikatur ipprovdut fir-reġistrazzjoni, jekk applikabbli.

- 1 Għalhekk, pereżempju, filwaqt li għal komposti tal-berillju koperti min-numru tal-indiċi 004-
2 002-00-2 fil-parti 3 tal-Anness VI ta' CLP, in-numru tal-indiċi fih innifsu jintuża bħala
3 identifikatur skont (a) (minħabba li ma hemm ebda numru KE jew numru CAS "mogħti
4 hemmhekk" għal din l-entrata), fil-każ speċifiku ta' ossidu tal-berillju (numru tal-indiċi 004-
5 003-00-8) jew dan in-numru tal-indiċi **jew** in-numru KE (215-133-1) **jew** in-numru CAS
6 (1304-56-9) jista' jintuża **sakemm** l-istess numru ta' identifikazzjoni jidher fuq it-tikketta.
- 7 Fil-każ fejn japplika x-xenarju (b) għandu jiġi nnutat li għal darba oħra "numru **wieħed** ta'
8 identifikazzjoni" kif mogħti hemmhekk jirreferi għal **kwalunkwe** wieħed mill-identifikaturi
9 permessi li huma inklużi fin-notifika mal-inventarju. B'mod partikolari għandu jiġi nnutat li fil-
10 prattika mhuwiex probabbli li jkun konvenjenti li jintgħażel in-numru ta' referenza attribwit
11 matul (jew bħala riżultat ta') proċess ta' notifika ta' CLP minħabba li dan ma jkunx disponibbli
12 qabel l-attribuzzjoni tiegħu. L-għażla ta' identifikatur alternattiv bħal (meta applikabbli) numru
13 KE jew numru CAS li jkunu wkoll inklużi bħala identifikaturi fin-notifika ta' CLP tista' tkun
14 issuġġerita sabiex tiġi minimizzata l-ħtieġa li tiġi riveduta l-SDS.
- 15 Għandu jiġi nnutat ukoll li meta jintuża isem mill-Anness VI dan ikun soġġett għall-istess
16 rekwiżiti ta' traduzzjoni bħalma japplikaw għall-bqija ta' SDS³⁷.
- 17 Jekk ma jingħata l-ebda numru tar-reġistrazzjoni, tista' tizzied spjegazzjoni dwar għaliex dan
18 huwa l-każ biex ikunu evitati mistoqsijiet dwar ir-raġuni għall-assenza tiegħu, pereżempju:

"Ebda numru tar-reġistrazzjoni ma huwa mogħti għal din is-sustanza minħabba li hija eżentata mir-rekwiżiti tar-reġistrazzjoni skont it-Titolu II ta' REACH u hija wkoll eżentata mit-Titoli V u VI minħabba li hija sustanza rkuprata u tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 2(7)(d) ta' REACH."

"Din is-sustanza hija eżentata mir-Reġistrazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) u l-Anness IV ta' REACH."

- 19
20 Madankollu spjegazzjoni bħal din mhijiex obligatorja.
- 21 Fil-każ ta' sustanzi importati mill-ġdid, huwa rakkomandat li n-numru ta' reġistrazzjoni sħiħ
22 tar-reġistrant Ewropew tas-sustanza, li minnu tkun inkisbet is-sustanza importata mill-ġdid,
23 jiġi indikat hawnhekk, flimkien ma' spjegazzjoni.
- 24 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsimha tista' tidher għal sustanza jingħata hawn taħt.

TAQSIMA 1: Identifikazzjoni tas-sustanza/taħlita u tal-kumpanija/impriża

1.1 Identifikatur tal-prodott:

Isem tas-sustanza:

Nru KE:

Nru CAS:

Nru tal-Indiċi:

Nru tar-Reġistrazzjoni REACH.: XX-XXXXXXXXXX-XX-XXXX

37 It-traduzzjonijiet tal-ismijiet tas-sustanzi armonizzati huma inklużi fl-Inventarju C&L fuq is-sit web tal-ECHA fuq:
<https://echa.europa.eu/mt/regulations/clp/cl-inventory>

1

2 Fir-rigward tan-nanoforom, l-Anness VI rivedut ta' REACH jintroduċi l-kunċetti ta' "nanoforma"
3 u "settijiet ta' nanoforom". Jista' jinholq "sett ta' nanoforom simili", meta jkun possibbli li jiġi
4 konkluż li l-valutazzjoni tal-perikli, il-valutazzjoni tal-esponiment u l-valutazzjoni tar-riskju ta'
5 dawn in-nanoforom (b'limiti definiti b'mod ċar fil-parametri tal-Anness VI) jistgħu jitwettqu
6 b'mod konġunt għall-punti tat-tmiem kollha. L-Appendiċi għan-nanoforom għall-Gwida dwar ir-
7 Reġistrazzjoni u l-Gwida dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi jispjega kif għandhom jinħolqu
8 settijiet ta' nanoforom differenti.

9 Skont l-Anness VI "It-terminu 'nanoforma', fejn imsemmi fl-Annessi l-oħra, għandu jirreferi
10 għal nanoforma jew sett ta' nanoforom simili, fejn tkun saret definizzjoni tagħha jew tiegħu,
11 skont kif iddefinit f'dan l-Anness". Konsegwentement, f'din il-gwida t-terminu nanoforma jista'
12 jirreferi għal nanoforma individwali jew għal sett ta' nanoforom (eż. kif ġew irreġistrati skont l-
13 Anness VI).

14 **Għat-taħlitiet**, ir-rekwiżiti tal-identifikatur tal-prodott skont l-Artikolu 18(3)(a) tas-CLP huma:

15 *"3. L-identifikatur tal-prodott għal taħlita għandu jikkonsisti f'dawn it-tnejn li ġejjin:*

16 *(a) l-isem kummerċjali jew id-deżinjazzjoni tat-taħlita;"*

17 (Għal aktar rekwiżiti li jikkonċernaw informazzjoni dwar il-komponenti ta' taħlitiet, inklużi rekwiżiti
18 għal numri tar-reġistrazzjoni ara d-diskussjoni tat-Taqsima 3 tal-SDS hawn taħt.)

19 L-Anness VIII tas-CLP introduċa element addizzjonali li jiffaċilita l-identifikazzjoni tal-prodott u
20 tat-taħlita inkluża fih, l-Identifikatur Uniku tal-Formula (UFI). Din hija parti mill-informazzjoni li
21 għandha tiġi sottomessa skont l-Artikolu 45 l-Anness VIII tas-CLP għal raġunijiet ta' reazzjoni
22 għal emerġenza. Il-ġenerazzjoni tal-UFI u s-sottomissjoni tal-informazzjoni huma obligatorji
23 għal taħlitiet ikklassifikati għal perikli fiżiċi u/jew għas-saħħa u mqiegħda fis-suq tal-UE. Il-
24 kodiċi tal-UFI jippermetti link unika għall-informazzjoni dwar it-taħlita sottomessa mill-
25 kumpanija u eventwalment disponibbli għal dawk li jwieġbu għal emerġenza. Il-UFI
26 normalment jikkorrispondi għal kompożizzjoni ta' taħlita waħda biss, madankollu, UFI wieħed
27 jista' jkopri wkoll taħlitiet li l-kompożizzjonijiet tagħhom ivarjaw f'ċerti limiti. Dan jista' jkun il-
28 każ meta l-komponenti jiġu nnotifikati bħala parti mill-Grupp ta' Kompożizzjoni
29 Interkambjabbli (ICG) jew it-taħlita tikkonforma ma' Formoli Standard speċifiċi elenkati fl-
30 Anness VIII tas-CLP.

31 Normalment il-UFI għandu jiġi inkluż fuq it-tikketta³⁸. L-inklużjoni tal-UFI fl-SDS ġeneralment
32 mhijiex obligatorja, iżda tista' ssir b'mod volontarju. Fil-każ biss ta' taħlitiet li mhumiex
33 ippakkjati, l-UFI għandu jiġi indikat fl-SDS jew jiġi inkluż fil-kopja tal-elementi tat-tikketta
34 msemmija fl-Artikolu 29(3), kif applikabbli. Għal taħlitiet ippakkjati biex jintużaw f'siti
35 industrijali l-fornitur għandu l-possibbiltà li jinkludi l-UFI fuq l-SDS minflok fuq it-tikketta (jew
36 it-tnejn). L-UFI għandu jiġi indikat (fejn rilevanti) fit-Taqsima 1.1.

37 L-użu tal-UFI huwa relattivament flessibbli. Pereżempju, meta jintuża iktar minn UFI wieħed
38 għall-istess taħlita, huwa possibbli u rakkomandat li jiġi inkluż UFI wieħed biss fl-SDS. Meta l-
39 istess SDS tintuża fi Stati Membri differenti, huwa rakkomandat li jintuża (u jiġi nnotifikat) l-
40 istess UFI f'kull waħda minnhom. Il-UFI(s) mhux innotifikati fi Stat Membru ma għandhomx
41 jintużaw fl-SDS fornuta f'dak l-Istat Membru.

42 Għandu jiġi nnutat li d-dispożizzjonijiet tal-Anness VIII tas-CLP japplikaw minn dati ta'
43 applikazzjoni speċifiċi abbażi tal-użu finali tat-taħlita. Barra minn hekk, f'ċerti każijiet japplika

³⁸ Jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet speċjali u alternattivi dwar l-ittikkettar, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness VIII Gwida (ara n-nota f'qiegħ il-paġna li jmiss) u l-Gwida dwar it-Tikkettar (disponibbli fuq: <https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-clp>)

1 perjodu tranżitorju. Aktar dettalji dwar il-UFI huma pprovduti fil-Gwida dwar l-informazzjoni
2 armonizzata marbuta mar-rispons ta' emerġenza relatata mas-saħħa.³⁹

3
4 **1.2 Użi identifikati rilevanti tas-sustanza jew tat-taħlita u użi mhux rakkomandati**

Test tal-Anness II

Mill-inqas għandha tiġi indikata deskrizzjoni qasira tal-użi identifikati (pereżempju t-tindif tal-art, jew l-użu industrijali fil-produzzjoni tal-polimeri, jew l-użu professjonali fl-aġenti tat-tindif) li huma rilevanti għar-riċevitur(i) tas-sustanza jew tat-taħlita.

Meta jkun japplika, għandhom jiġu ddikjarati l-użi li l-fornitur iwissi kontribom u r-raġunijiet għaliex iwissi kontribom. Din ma hemmx għalfejn tkun lista eżawrjenti.

Fejn ikun jinħtieġ rapport dwar is-sikurezza kimika, l-informazzjoni f'din is-subtaqsima tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tkun konsistenti mal-użi identifikati fir-rapport dwar is-sikurezza kimika u x-xenarji ta' esponiment mir-rapport dwar is-sikurezza kimika stipulat fl-anness tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

5
6 L-SDS għandha tinkludi mill-inqas deskrizzjoni qasira tal-użi identifikati⁴⁰ tas-sustanza jew tat-
7 taħlita rilevanti għall-riċevitur(i) sa fejn huma magħrufa. Għal sustanzi rreġistrati li għalihom
8 huwa meħtieġ CSR, din il-lista ta' użi għandha tkun konsistenti mal-użi identifikati fis-CSR ta'
9 reġistrazzjoni u fix-xenarju tal-esponiment. Għal sustanzi soġġetti għal awtorizzazzjoni l-użu(i)
10 (bħala tali jew f'taħlita) għandu (għandhom) ikun(u) konsistenti mal-użu(i) identifikat(i) fis-
11 CSR ta' awtorizzazzjoni u fix-xenarji tal-esponiment (sakemm l-użu(i) ma jkunx (ma jkunux)
12 eżentat(i) mir-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni).

13 Sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit biex din id-deskrizzjoni ta' użi identifikati tkun fil-
14 qosor, huwa rakkomandat li l-inklużjoni ta' lista komprensiva potenzjalment twila ta'
15 "deskritturi tal-użu"⁴¹ formali f'din it-taqsimha tkun evitata. Inkella tista' tirriżula fi blokka ta'
16 test, twila mingħajr il-bżonn, li tnaqqas mill-informazzjoni kritika fuq il-paġna ta' quddiem tal-
17 SDS. Alternattiva hija li jkun hemm lista iktar ġenerika ta' applikazzjonijiet u referenza għal
18 kwalunkwe Xenarju(i) tal-Esponiment meħmuż(in). Jista' jkun miżjud indiċi jew werrej mat-
19 taqsima 16 b'referenza f'din it-taqsimha għad-dettalji tax-xenarju tal-esponiment eż. lista
20 ġenerika ta' applikazzjonijiet kif ukoll nota bħal "ara t-TAQSIMA 16 għal lista kompleta ta' użi li
21 għalihom xenarju ta' esponiment huwa pprovdut bħala anness".

22 L-informazzjoni fis-subtaqsima dwar użi mhux rakkomandati għandha tkun konsistenti mal-
23 informazzjoni fit-taqsimha 3.6 ta' IUCLID (Użi Mhux Rakkomandati) għal sustanzi li għalihom
24 hija meħtieġa reġistrazzjoni. Innota li meta jingħata parir kontra użu ir-raġuni għaliex hija
25 wkoll meħtieġa meta applikabbli. Użi mhux rakkomandati jistgħu ukoll ikunu rrapportati billi
26 jintużaw elementi tas-sistema tad-Deskrittur tal-Użu, u/jew b'deskrizzjoni ġenerika tal-użu(i).
27 Eżempju ta' kif din is-subtaqsima tista' tkun tidher, inkluża entrata illustrattiva jingħata hawn
28 taħt:

³⁹ https://echa.europa.eu/documents/10162/13643/guidance_on_annex_viii_to_clp_mt.pdf/

⁴⁰ Użu identifikat huwa definit f'REACH, l-Artikolu 3 (26).

⁴¹ Aktar informazzjoni dwar deskritturi tal-użu tingħata fil-Kapitolu R.12 tal-Gwida tal-ECHA dwar ir-Rekwiżiti tal-
Informazzjoni u Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika disponibbli fuq:
http://guidance.echa.europa.eu/docs/guidance_document/information_requirements_en.htm.

1.2. Użi identifikati rilevanti tas-sustanza jew tat-taħlita u użi mhux rakkomandati

Użi identifikati rilevanti: Użi tal-konsumatur [SU 21]⁴² ta' Linka u Toners [PC18].

Użi mhux rakkomandati: Użi tal-konsumatur [SU 21] ta' Kisi u żebgħa, thinners, kimiċi li jneħħu ż-żebgħa [PC9a].

Raġuni għaliex l-użi mhumiex rakkomandati: L-użu fuq superfiċje kbira għandu l-potenzjal li jikkawża esponiment eċċessiv għall-fwar.

1
2 Jista' jkun utli wkoll li jiġi indikat jekk l-użu ma jkunx qed jiġi rakkomandat abbażi ta' (i) użu
3 mhux rakkomandat skont l-Anness I ta' REACH il-punt 7 2.3 (sustanzi li saritilhom CSA), (ii)
4 rakkomandazzjoni mhux statutorja minn fornitur skont l-Anness VI ta' REACH il-punt 3.7 jew,
5 (iii) għal sustanzi jew taħlitiet mhux irreġistrati li jinkluduhom, sempliċiment rakkomandazzjoni
6 mhux statutorja mill-fornitur, li jista' wkoll ikollha l-bażi tagħha f'raġunijiet tekniċi.

7 **1.3 Dettalji tal-fornitur tal-iskeda ta' data ta' sigurtà**

Test tal-Anness II

Il-fornitur tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandu jiġi identifikat, kemm jekk huwa l-manifattur, l-importatur, l-uniku rappreżentant, l-utent downstream jew id-distributur. Għandhom jingħataw ukoll l-indirizz sħiħ u n-numru tat-telefown tal-fornitur kif ukoll l-indirizz elettroniku ta' persuna kompetenti responsabbli mill-iskeda ta' data ta' sigurtà.

Barra minn hekk, jekk il-fornitur ma jkunx jinsab fl-Istat Membru fejn is-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq u dan ikun innomina persuna responsabbli għal dak l-Istat Membru, għandhom jingħataw l-indirizz sħiħ u n-numru tat-telefown ta' dik il-persuna responsabbli.

Meta jkun inħatar rappreżentant uniku, jistgħu jingħataw ukoll id-dettalji tal-manifattur jew tal-formulatur li mhuwiex fl-Unjoni.

Għar-reġistranti, l-informazzjoni dwar il-fornitur tal-iskeda ta' data ta' sigurtà u, jekk tkun ipprovduta, dwar il-fornitur tas-sustanza jew tat-taħlita, għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni dwar l-identità tal-manifattur, tal-importatur jew tal-uniku rappreżentant mogħtija fir-reġistrazzjoni.

8
9 Id-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur għandhom jiġu speċifikati f'din it-taqsim. F'ċerti
10 sitwazzjonijiet, jista' jkun meħtieġ li jiġu indikati aktar minn fornitur wieħed fl-istess katina tal-
11 provvista. Pereżempju, għandu jiġi nnutat li distributur huwa wkoll il-fornitur u għalhekk
12 jeħtieġ ukoll li dejjem iżid id-dettalji ta' kuntatt tiegħu fit-Taqsima 1.3 tal-SDS, anke meta juża
13 l-SDS mill-fornitur tiegħu mingħajr ma jbidel l-ebda kontenut. Jekk xejn aktar ma jinbidel,
14 jista' jkun biżżejjed li jinżammu d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur preċedenti u jiżiedu d-dettalji
15 ta' kuntatt tal-fornitur attwali b' "timbru".

16 Għalkemm id-dettalji tal-manifattur jew tal-formulatur mhux tal-Unjoni huma fakultattivi,
17 huwa ssuġġerit li kull meta jkun possibbli jiġu inklużi d-dettalji tal-manifattur/formulatur mhux
18 tal-UE biex jiġi ffaċilitat it-traċċar tal-prodotti importati mill-awtoritajiet tal-infurzar.

42 It-titolu sħiħ tad-[u l-kodiċi għad-] deskritturi tal-użu kif mogħtija fil-Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-valutazzjoni tas-sigurtà kimika Kapitolu R.12: Deskrizzjoni tal-użu qed tingħata hawnhekk għal referenza iżda mhijiex meħtieġa bil-liġi fi ħdan l-SDS.

1 Għandu jiġi nnutat ukoll li "persuna responsabbli" tiġi nnominata minn "fornitur" li, skont id-
2 definizzjoni ta' "fornitur" taħt REACH tkun tinsab fi Stat Membru wieħed. Din il-"persuna
3 responsabbli" tista' għaldaqstant tkun deskritta għal raġunijiet prattiċi bħala "kull persuna li l-
4 fornitur minn Stat Membru wieħed jista' jkun għażel li jaħtar fi Stat Membru differenti biex
5 titratta kwalunkwe domanda li tikkonċerna l-SDSs li tirriżulta f'dak l-Istat Membru differenti".

6 L-informazzjoni għal din is-subtaqsima tista' tkun strutturata kif ġej:

1.3. Dettalji tal-Fornitur tal-iskeda ta' data ta' sigurtà

- Manifattur/Fornitur
- Indirizz tat-triq/Kaxxa postali
- ID tal-pajjiż/Kodiċi postali/Post
- Numru tat-telefon (jekk possibbli, indika t-telefax)
- Indirizz elettroniku tal-persuna kompetenti responsabbli għall-SDS
- Kuntatt nazzjonali:

7
8 Għall-indirizz elettroniku tal-persuna kompetenti responsabbli għall-SDS, huwa rakkomandat li
9 jintuża indirizz elettroniku ġeneriku (mhux personali) dedikat li jista' mbagħad jiġi ċċekkjat
10 minn diversi persuni - eż. SDS@companyX.com. Ma hemm l-ebda rekwiżit speċifiku li din il-
11 persuna kompetenti tkun tinsab fi ħdan it-territorju tal-Unjoni Ewropea jew taż-Żona
12 Ekonomika Ewropea.

13 Minbarra r-rekwiżiti legali speċifikati fuq dipartiment/persuna ta' kuntatt addizzjonali (eż.
14 konsulent intern jew estern tas-saħħa u sikurezza) responsabbli għall-kontenut tal-SDS jista'
15 jiġi indikat taħt "TAQSIMA 16: Informazzjoni oħra" (li tinkludi numru tat-telefon bħala l-
16 informazzjoni minima ta' kuntatt).

17 Ma hemm l-ebda rekwiżit li jissemma l-isem tal-persuna fiżika f'SDS, il-"fornitur" imsemmi
18 hawn fuq jista' jkun persuna fiżika (naturali) jew ġuridika.
19

20 **1.4 Numru tat-telefown ta' emerġenza**

Test tal-Anness II

Għandhom jingħataw referenzi għas-servizzi ta' informazzjoni ta' emerġenza. Jekk jeżisti korp konsultattiv uffiċjali fl-Istat Membru fejn is-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq (dan jista' jkun il-korp responsabbli li jirċievi informazzjoni relatata mas-saħħa msemmi fl-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008), għandu jingħata n-numru tat-telefown tiegħu u dan għandu jkun biżżejjed. Jekk id-disponibilità ta' servizzi bħal dawn tkun limitata għal xi restrizzjoni, pereżempju s-sigħat tal-operat, jew jekk ikun hemm limiti fuq tipi speċifiċi ta' informazzjoni mogħtija, dan għandu jiġi dikjarat b'mod ċar.

21
22 Għandek tinnota li għalkemm il-korp konsultattiv uffiċjali jista' jkun xieraq, jista' jkun hemm
23 ukoll każijiet fejn ċerti Stati Membri jkollhom korp konsultattiv li jista' jiġi kkuntattjat biss mill-
24 persunal mediku. F'każijiet bħal dawn, jekk in-numru tat-telefon jingħata f'SDS għandu jiġi
25 ddikjarat ukoll b'mod espliċitu fl-SDS li hija maħsuba biex tintuża biss minn professjonisti tal-
26 mediċina. F'kull każ għandu jiġi kkonfermat mal-korp rilevanti jekk jistax jingħata n-numru

- 1 tiegħu u jekk ikunox japplikaw xi kundizzjonijiet (eż. possibbilment l-għoti minn qabel ta' kopja
2 tal-SDSs kollha jew informazzjoni oħra).
- 3 Jekk jogħġbok innota wkoll li fuq stedina tal-ECHA, u fuq bażi volontarja, ċerti Stati Membri
4 elenkaw links għan-numru(i) tat-telefon ta' servizzi xierqa ta' informazzjoni nazzjonali ta'
5 emerġenza li għandhom ikunu elenkati fis-subtaqsima 1.4 tal-SDS fl-entrati tagħhom fuq l-
6 elenkar tal-paġni web tal-ECHA ta' helpdesks nazzjonali fuq:
7 http://echa.europa.eu/help/nationalhelp_contact_en.asp.
- 8 Il-fornitur għandu jipprovdi referenza għas-servizzi ta' informazzjoni ta' emerġenza. Jekk ikun
9 jeżisti korp konsultattiv uffiċjali kif definit fit-test legali hawn fuq għandu jkun hemm referenza
10 għalih. Inkella (jew barra minn hekk) għandha ssir referenza għal servizz ta' emerġenza li
11 jappartjeni għall-fornitur innifsu jew għal fornitur kompetenti ta' parti terza ta' dan is-servizz.
12 Meta l-fornitur jipprovdi s-servizz ta' informazzjoni ta' emerġenza tiegħu stess, kemm jekk
13 waħdu kemm jekk ikkombinat ma' korp uffiċjali konsultattiv jew fornitur ieħor, għandha tkun
14 disponibbli l-kompetenza neċessarja.
- 15 Kull limitazzjoni fuq kull korp uffiċjali konsultattiv, tal-fornitur stess, jew fuq xi servizz ta' parti
16 terza (ħinijiet tal-ftuħ jew tip ta' informazzjoni li tista' tkun ipprovduta) għandha tkun indikata
17 eż.:
- (1) Disponibbli biss matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

(2) Disponibbli biss matul il-ħinijiet tal-uffiċċju li ġejjin: xx - xx
- 18
- 19 Huwa importanti għall-qarrej tal-SDS li jiġu indikati ż-żoni tal-ħin għall-ħinijiet tal-uffiċċju
20 kkwotati, b'mod partikolari meta l-uffiċċji jkunu jinsabu fi Stat Membru b'żona tal-ħin differenti
21 mill-Istat Membru fejn il-prodott ikun qed jitqiegħed fis-suq, u speċjalment jekk ikunu barra
22 mill-UE.
- 23 Dawn is-servizzi għandhom ikunu jistgħu jindirizzaw talbiet/telefonati bil-lingwa(i) uffiċjali tal-
24 Istat(i) Membru(i) li għalih(għalihom) tkun maħsuba l-SDS. Prefissi internazzjonali xierqa tat-
25 telefon għandhom ikunu indikati wkoll bħala parti min-numri tat-telefon barra l-pajjiż tal-
26 forniture tas-sustanza/tat-taħlita msemmija.
- 27 Eżempju ta' kif l-istruttura tas-subtaqsimiet 1.3 u 1.4 tista' tkun tidher jingħata hawn taħt:

1.3 Dettalji tal-fornitur tal-iskeda ta' data ta' sigurtà:

Fornitur (manifattur/importatur/rappreżentant uniku/utent downstream/distributur):

Indirizz tat-triq/Kaxxa postali

ID tal-pajjiż/Kodiċi postali/Post

Numru tat-telefon

Indirizz elettroniku tal-persuna kompetenti għall-iskeda ta' data ta' sigurtà

Kuntatt nazzjonali:

1.4 Numru tat-telefon ta' emerġenza

Ħinijiet tal-ftuħ:

Kummenti oħra (eż. lingwa(i) tas-servizz tat-telefon)

1

2 3.2 SDS TAQSIMA 2 Identifikazzjoni tar-riskji

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda ta' data ta' sigurtà tiddekrivi l-perikli tas-sustanza jew tat-taħlita u l-informazzjoni xierqa ta' twissija assoċjata ma' daww il-perikli.

3

4 L-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar mogħtija fit-Taqsima 2 tal-SDS għandha
5 tkun konsistenti ma' dik fuq it-tikketti attwali għas-sustanza/taħlita inkwistjoni.

6

7 2.1 Klassifikazzjoni tas-sustanza jew it-taħlita

Test tal-Anness II

Għandha tingħata l-klassifikazzjoni tas-sustanza jew it-taħlita li toħroġ meta jiġu applikati l-kriterji tal-klassifikazzjoni li hemm fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Meta l-fornitur ikun innotifika l-informazzjoni fir-rigward tas-sustanza għall-inventarju tal-klassifikazzjoni u tat-tikkettar skont l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, [jew ikun ipprova l-informazzjoni bħala parti minn reġistrazzjoni skont dan ir-Regolament](#), il-klassifikazzjoni mogħtija fl-iskeda ta' data dwar is-sikurezza għandha tkun l-istess bħall-klassifikazzjoni mogħtija f'dik in-notifika [jew f'dik ir-reġistrazzjoni](#).

Jekk it-taħlita ma tkunx tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar.

L-informazzjoni dwar is-sustanzi fit-taħlita tingħata skont is-Subtaqsima 3.2.

Jekk il-klassifikazzjoni, inkluż id-dikjarazzjonijiet tal-periklu, ma tkunx inkitbet b'mod sħiħ, għandha ssir referenza għat-Taqsima 16, fejn għandu jingħata t-test sħiħ ta' kull klassifikazzjoni, inkluża kull dikjarazzjoni tal-periklu.

Għandhom jiġu mniżżlin l-iktar effetti fiżiċi, sanitarji u ambjentali negattivi importanti skont it-Taqsimiet minn 9 sa 12 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza, b'tali mod li persuni bla għarfien espert fil-qasam ikunu jistgħu jidentifikaw il-perikli tas-sustanza jew it-taħlita.

1

2 **Għal sustanza**

3 II-klassifikazzjoni mogħtija fl-SDS għandha tkun l-istess bħal dik ipprovduta fid-dossier ta'
4 reġistrazzjoni jew, jekk il-fornitur ma jkunx reġistrant, l-istess li l-fornitur ikun innotifika lill-
5 inventarju tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar.

6 II-klassifikazzjoni għandha tingħata skont ir-regoli fir-Regolament CLP: jiġifieri indikazzjoni tal-
7 klassijiet u l-kategoriji ta' periklu u tad-dikjarazzjonijiet ta' periklu.

8 Għalkemm mhux rekwiżit legali, informazzjoni dwar liema proċedura intużat għal kull punt tat-
9 tmiem ta' klassifikazzjoni (eż. ibbażata fuq data tal-ittestjar, esperjenza tal-bniedem,
10 klassifikazzjoni minima, metodu ta' addizzjoni jew prinċipji speċifiċi ta' tqarrib eċċ.) għandha
11 tingħata preferibbilment hawnhekk, meta tkun disponibbli.

12 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsima tista' tidher għal **sustanza** jingħata hawn taħt⁴³:

TAQSIMA 2: Identifikazzjoni tar-riskji

2.1 Klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita

2.1.1 Klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (CLP)

Fjam. Lik. 2, H225

Toss. Akuta 3, H301

Toss. Akuta 3, H311

Toss. Akuta 3, H331

STOT SE 1, H370

Akkwatika Akuta 1; H400

2.1.2 Informazzjoni addizzjonali:

Għal test sħiħ ta' dikjarazzjonijiet ta' Periklu u dikjarazzjonijiet ta' Periklu tal-UE: ara t-TAQSIMA 16.

13

14 **Għal taħlita**

15 II-klassifikazzjoni tingħata skont ir-Regolament CLP: indikazzjoni tal-klassijiet u l-kategoriji ta'
16 periklu u tad-dikjarazzjonijiet ta' periklu.

17 Meta l-SDS tkun qiegħda tiġi pprovduta fuq talba għal taħlita mhux ikklassifikata (skont ir-
18 rekwiżiti tal-Artikolu 31(3) ta' REACH jew fl-Anness I ta' CLP), dan għandu jkun indikat. Jista'
19 jkun mixtieq li tiġi indikata r-raġuni speċifika għall-inklużjoni tat-taħlita fil-kamp ta'

43 Innota li numerazzjoni addizzjonali u substrukturat taħt il-livell tas-subtaqsima mhuwiex rekwiżit legali.

1 applikazzjoni tal-Artikolu 31(3) jew l-Anness I tas-CLP. Eżempju ta' dikjarazzjoni biex dan isir,
2 f'każ li huwa relatat mal-Artikolu 31(3) (c), jista' jkun:

3 *'Dan il-prodott ma jissodisfax il-kriterji għal klassifikazzjoni fi kwalunkwe klassi ta' periklu skont ir-*
4 *Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u*
5 *taħlitiet. Madankollu skeda ta' data ta' sigurtà qiegħda tiġi fornuta għalih fuq talba minħabba li*
6 *tikkontjeni sustanza li għaliha hemm limitu tal-Unjoni ta' esponiment fuq il-post tax-xogħol'.*
7

8 Jekk jogħġbok innota li aktar u aktar informazzjoni dwar il-komponenti tat-taħlitiet qiegħda
9 ssir disponibbli (eż. bħala riżultat ta' testijiet ġodda jew skambji ta' informazzjoni oħra) wara r-
10 reġistrazzjoni ta' REACH jew aġġornament tar-reġistrazzjoni, bħala riżultat ta' attivitajiet fis-
11 sottomissjoni konġunta jew konsorzju jew minn reġistrant individwali. Iż-żieda fid-disponibbiltà
12 tal-informazzjoni tkompli permezz tal-Istrateġija Regolatorja Integrata tal-ECHA u l-attivitajiet
13 regolatorji li għaddejjin imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

14 2.2 Elementi tat-tikketta

Test tal-Anness II

Abbażi tal-klassifikazzjoni, fuq it-tikketta għandhom jingħataw tal-inqas dawn l-elementi skont ir-
Regolament (KE) Nru 1272/2008: stampa/stampi ta' periklu, kliem ta' sinjal, dikjarazzjonijiet ta'
periklu u dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni. Riproduzzjoni grafika tal-pittogramma sħiħa tal-periklu
bajda u sewda jew riproduzzjoni grafika tas-simbolu biss jistgħu jiġu sostitwiti bl-istampa bil-kulur
prevista fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Għandhom jingħataw l-elementi applikabbli tat-tikketta skont l-Artikolu 25(1) sa (6) u l-
Artikolu 32(6) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

15
16 Kemm għal sustanzi kif ukoll għal taħlitiet, l-elementi tat-tikketta għandhom jiġu indikati skont
17 ir-Regolament CLP. Dawn l-elementi għandhom jinkludu l-elementi **kollha** tat-tikketta li jidhru
18 fuq it-tikketta (jiġifieri, inkluż, fejn xieraq, l-elementi tat-tikketta tal-imballaġġ ta' ġewwa⁴⁴).

19 L-elementi tat-tikketta indikati għandhom ikunu konsistenti mat-tikketta korrispondenti
20 mwaħħla mal-prodott.

21 L-elementi tat-tikketta skont ir-Regolament CLP jinkludu:

- 22 • Pittogramma(i) ta' periklu⁴⁵,
- 23 • Kelma bħala sinjal;
- 24 • Dikjarazzjoni(jiet) ta' periklu, H u EUH, sħaħ (jew agħtihom sħaħ fit-Taqsima 16 jekk
25 mhux hawnhekk);
- 26 • Dikjarazzjoni(jiet) ta' prekawzjoni, P, sħaħ
- 27 • Kull element tat-tikketta addizzjonali applikabbli skont l-Artikolu 25 tas-CLP dwar
28 "Informazzjoni supplimentari fuq it-tikketta"
29

44 Jiġifieri inklużi, pereżempju, pittogrammi ta' periklu li ma għandhomx jidhru fuq l-imballaġġ ta' barra skont l-
Artikolu 33(1) tas-CLP minħabba li huma relatati mal-istess periklu bħal fir-regoli għat-trasport ta' oġġetti perikolużi.

45 Skont l-Artikolu 2(3) tas-CLP "pittogramma ta' periklu" tfisser kompożizzjoni grafika li tinkludi simbolu kif ukoll
elementi grafiċi oħrajn, bħall-bordura, l-mudell jew il-kulur tal-isfond li huma maħsuba biex jagħtu informazzjoni
speċifika dwar il-periklu kkonċernat;"

1 Kif indikat fit-test legali kkwotat hawn fuq, il-pittogramma ta' periklu tista' tkun sostitwita
2 b'riproduzzjoni grafika tal-pittogramma ta' periklu kompleta bl-iswed u bl-abjad jew
3 riproduzzjoni grafika tas-simbolu biss.

4 Id-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni jistgħu jintgħażlu skont il-kriterji stabbiliti fil-Parti 1 tal-
5 Anness IV tas-CLP waqt li jitqiesu d-dikjarazzjonijiet ta' periklu u l-użu jew l-użi intiżi jew
6 identifikati tas-sustanza jew tat-taħlita. Ladarba jkunu magħżula, id-dikjarazzjonijiet ta'
7 prekawzjoni għandhom jiġu formulati skont il-Parti 2 tal-Anness IV tas-CLP. Madankollu, il-
8 kliem tad-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni magħżula jew tal-kombinazzjonijiet tagħhom jistgħu
9 jinkorporaw varjazzjonijiet testwali minuri meta dawn il-varjazzjonijiet jgħinu fil-
10 komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sikurezza u l-parir dwar is-sikurezza ma jiġix dilwit
11 jew kompromess, kif deskritt fil-paragrafu (1) tal-Anness IV tar-Regolament CLP (kif emendat
12 bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/521)

13 Fl-għażla tad-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni skont l-Artikoli 22 u 28 tas-CLP, il-fornituri
14 jistgħu jgħaqqdu d-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni, filwaqt li jqisu ċ-ċarezza u l-
15 komprensibbiltà tal-parir ta' prekawzjoni. Għandu jiġi nnutat li skont l-Artikolu 28(3) tas-CLP
16 mhux aktar minn sitt dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni għandhom jidhru fuq it-tikketta sakemm
17 ma jkunux neċessarji. Għal aktar informazzjoni dwar l-għażla ta' dikjarazzjonijiet ta'
18 prekawzjoni ara l-Gwida tal-ECHA *dwar l-ittikkettar u l-imballaġġ* skont ir-Regolament (KE)
19 1272/2008⁴⁶.

20 Jista' jkun utli għall-utenti industrijali u professjonali (mhux għall-konsumaturi ladarba ma
21 jirċivux l-SDSs) li jiġu inklużi dikjarazzjonijiet speċjali ta' prekawzjoni fit-taqsimiet xierqa tal-
22 parti prinċipali tal-SDS sabiex jitnaqqas l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni fuq it-
23 tikketta^{47 48}. Eżempji ta' dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni bħal dawn li jistgħu, pereżempju,
24 jingħataw fis-subtaqsima 7.1 "prekawzjonijiet għal trattament sikur" minflok fuq it-tikketta
25 huma kif ġej:

- 26 • Tmissux qabel ma tkun qrajt u fhimt l-istruzzjonijiet kollha ta' prekawzjoni (P202)
- 27 • Aħsel idejk sew wara li tmissu (P264)
- 28 • Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li tuża dan il-prodott (P270)
- 29 • Ilbies tax-xogħol kontaminat ma għandux jitħalla joħroġ mill-post tax-xogħol (P272)

30
31 Skont l-Artikolu 65 ta' REACH, id-detenturi ta' awtorizzazzjoni, kif ukoll l-utenti downstream
32 imsemmija fl-Artikolu 56(2) li jinkludu sustanza soġġetta għall-awtorizzazzjoni f'taħlita,
33 għandhom jinkludu n-numru tal-awtorizzazzjoni fuq it-tikketta tas-sustanza jew tat-taħlita
34 rispettiva qabel titqiegħed fis-suq. F'dawn il-każijiet in-numru tal-awtorizzazzjoni jsir element
35 obbligatorju fuq it-tikketta skont is-CLP (permezz tal-Artikolu 32(6) tas-CLP dwar "l-elementi
36 tat-tikketta li jirriżultaw minn atti Komunitarji oħra") u għaldaqstant għandu jiġi inkluż f'din it-
37 taqsima tal-SDS. Elementi meħtieġa tat-tikketta skont l-Anness XVII ta' REACH (bħal "Ristrett
38 għal utenti professjonali" huma wkoll eżempji ta' elementi tat-tikketta li għandhom ikunu
39 inklużi fl-SDS, fis-subtaqsima 2.2. għal sustanzi u taħlitiet ittikkettati skont is-CLP. Elementi
40 tat-tikketta li jirriżultaw potenzjalment mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jistgħu ukoll jingħataw
41 hawnhekk.

46 Disponibbli fuq: <https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-clp>

47 Għandek tinnota li l-kodiċi P (eż. "P202") mhuwiex fih innifsu parti mid-dikjarazzjoni ta' prekawzjoni, iżda jista' jkun utli li jiġi indikat fil-parentesi wara d-dikjarazzjoni għall-faċilità ta' referenza.

48 Id-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni għandhom jipu pprovduti fl-SDS (u mhux fuq it-tikketta) biss meta ma jkunux neċessarji fuq it-tikketta nnifisha biex jirriflettu n-natura u s-severità tal-perikli (ara l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 28(3) tas-CLP).

1 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din is-subtaqsima tista' tidher għal sustanza jingħata hawn
2 taħt⁴⁹:

2.2: Elementi tat-tikketta⁵⁰

L-ittikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 [CLP]

Pittogrammi ta' periklu



Kelma bħala sinjal:

Periklu

Dikjarazzjonijiet ta' periklu:

H271⁵¹Jista' jikkawża nar jew splużjoni; ossidant qawwi.

H314 Jagħmel ħruq serju lill-ġilda u ħsara lill-għajnejn

Dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni⁵²:

P210 Żomm 'il bogħod mis-sħana/xrar tan-nar/fjammi mikxufa/uċuh jaħarqu. - Tpejjjpx.

P221 Hu kull prekawzjoni biex tevita li jitħallat mal-kombustibbli.

P280 Ilbes ingwanti protettivi/ilbies protettiv/protezzjoni għall-għajnejn/protezzjoni għall-wieċ.

P301+P330+P331 JEKK JINBELA': laħlaħ il-ħalq. TIPPROVOKAX ir-remettar.

P303+P361+P353+310 JEKK FUQ IL-ĠILDA (jew xagħar): Neħħi/inża' minnufih l-ilbies kontaminat. Laħlaħ il-ġilda bl-ilma/bix-xawer. Ikkuntattja ĊENTRU TA' L-AVVELENAMENT⁵³ jew tabib.

P305+P351+P338 JEKK JIDĦOL FL-GĦAJNEJN: Laħlaħ b'attenzjoni bl-ilma għal diversi minuti. Neħħi l-lentijiet tal-kuntatt, jekk ikun hemm u jkunu faċli biex tneħħihom. Komplilaha.

49 Il-perossidu tas-sodju nuża bħala eżempju attwali biex juri aktar it-tnaqqis tal-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni. Għaldaqstant **mhuwiex** eżempju ta' sustanza soġġetta għal awtorizzazzjoni.

50 Innota li l-identifikatur tal-prodott, għalkemm element tat-tikketta, mhuwiex mogħti fit-subtaqsima 2.2 minħabba li mhuwiex speċifikat bħala wieħed mill-elementi li għandhom jidhru hemmhekk. Għandu jingħata fit-taqsima 1.1.

51 Innota li n-numru ta' referenza tal-pittogrammi u d-dikjarazzjonijiet H u P (eż. "H271") ma għandhomx għalfejn jidhru fuq it-tikketta u fis-subtaqsima 2.2 tal-SDS; huwa meħtieġ biss it-test sħiħ tagħhom. Madankollu, sabiex tkun tista' tivverifika u/jew tqabbel informazzjoni tal-ittikkettar, huwa rakkomandat li dawn in-numri jiġu kkwotati fis-subtaqsima 2.2 tal-SDS.

52 Ara l-paġna li jmiss għal aktar informazzjoni dwar kif l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni ġie mnaqqas.

53 Ma japplikax għall-verżjoni bil-Malti.

P371+P380+P375 F'każ ta' nar kbir u kwantitajiet kbar: Evakwa ż-żona. Itfi n-nar mill-bogħod minħabba r-riskju ta' splużjoni.

Informazzjoni Supplimentari ta' periklu (UE)⁵⁴: Mhux applikabbli.

1 Tnaqqis tal-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' prekawżjoni

2 Skont l-Artikolu 28(3) tar-Regolament CLP "Ma jistgħux jidhru aktar minn sitt dikjarazzjonijiet
3 ta' prekawżjoni fuq it-tikketta, ħlief jekk dan ma jkunx neċessarju biex ikunu riflessi n-natura u
4 s-severità tal-perikli".

5 Id-determinazzjoni ta' liema dikjarazzjonijiet ta' prekawżjoni jidhru fuq it-tikketta għandha
6 titwettaq f'konformità mar-regolament CLP. Ir-rekwiżit tal-Anness II ta' REACH fir-rigward tal-
7 inklużjoni tagħhom f' SDS huwa sempliċiment li d-dikjarazzjonijiet li jidhru fuq it-tikketta
8 jingħataw f'din is-subtaqsima (2.2) tal-SDS.

9 Aktar informazzjoni dwar kif l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' prekawżjoni jista' jitnaqqas biex
10 ikun viċin kemm jista' jkun għall-għadd immirat ta' massimu ta' sitta tingħata fil-Gwida dwar l-
11 ittikkettar u l-imballaġġ tal-ECHA skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008⁵⁵.

12

13 2.3 Perikli oħrajn

Test tal-Anness II

Għandha tingħata informazzjoni dwar jekk is-sustanza tissodisfax il-kriterji bħala persistenti, bjoakkumulattiva u tossika jew li għandha persistenza għolja u bjoakkumulazzjoni għolja skont l-Anness XIII, dwar jekk is-sustanza ġietx inkluża fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 59(1) bħala li għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali, u dwar jekk is-sustanza hijiex identifikata bħala sustanza li għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2100⁵⁶ jew fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605⁵⁷. Għal taħlita, għandha tingħata l-informazzjoni għal kull sustanza bħal din li jkun hemm fit-taħlita f'konċentrazzjoni daqs jew akbar minn 0.1% skont il-piż.

Għandha tingħata informazzjoni dwar perikli oħra li ma jirriżultawx fil-klassifikazzjoni iżda li jistgħu jikkontribwixxu għall-perikli globali tas-sustanza jew tat-taħlita, bħalma huma l-formazzjoni ta' elementi li jniġġsu l-arja waqt it-twebbis jew l-ipproċessar, il-ħolqien ta' trab, proprjetajiet splussivi li ma jissodisfawx il-kriterji tal-klassifikazzjoni ta' parti 2, it-Taqsima 2.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, perikli ta' splużjoni tat-trab, transsensitizzazzjoni, soffokazzjoni, iffriżar, qawwa kbira għax-xamm jew it-togħma, jew effetti ambjentali bħal perikli għall-organiżmi li jgħixu fil-ħamrija, jew il-potenzjal ta' ħolqien ta' ożonu fotokimiku. Id-dikjarazzjoni "Jekk tixxerred, tista' tifforma taħlita ta' trab splussiv fl-arja" hija xierqa fil-każ ta' periklu ta' splużjoni tat-trab.

⁵⁴ Jekk applikabbli.

⁵⁵ Disponibbli fuq: <https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-clp>

⁵⁶ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2100 tal-4 ta' Settembru 2017 li jstabbilixxi l-kriterji xjentifiċi għad-determinazzjoni tal-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 301, 17.11.2017, p. 1).

⁵⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/605 tad-19 ta' April 2018 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 billi jstabbilixxi l-kriterji xjentifiċi biex jiġu ddeterminati l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (ĠU L 101, 20.4.2018, p. 33).

1
2 L-informazzjoni dwar perikli oħra li ma jirriżultawx fil-klassifikazzjoni, iżda li għandhom
3 jingħataw hawnhekk, tinkludi, pereżempju informazzjoni dwar il-preżenza ta' sensitizzaturi,
4 skont l-Artikolu 25(6) tas-CLP⁵⁸.

5 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din is-subtaqsima tista' tidher, li jinkludi xi frażijiet li jistgħu
6 jintużaw jekk xierqa, jingħata hawn taħt:

2.3 Perikli oħrajn

Riskju li tagħma wara li jinbela' l-prodott.

Is-sustanza tissodisfa l-kriterji għal vPvB u PBT skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-Anness XIII

Sustanza identifikata li għandha proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont ir-Regolament (UE) 2017/2100

Is-sustanza hija fototossika.

7
8

9 3.3 SDS TAQSIMA 3 II-kompożizzjoni/informazzjoni dwar l-ingredjenti

Test tal -Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tiddeskrivi l-identità kimika tal-ingredjent(i) tas-sustanza jew tat-taħlita, inkluż l-impurità u l-addittivi ta' stabbiltà kif stipulat hawn taħt. Għandha tiġi indikata informazzjoni tas-sikurezza xierqa u disponibbli dwar il-kimika tas-superfiċje.

10
11 It-taqsimha 3.1 jew 3.2 għandha tkun inkluża fl-SDS, kif xieraq, għal waħda biss minn sustanza
12 jew taħlita kif applikabbli⁵⁹.

13 Għandu jiġi nnutat li t-terminu "kimika tas-superfiċje" kif użat fit-test hawn fuq huwa maħsub
14 biex jirreferi għall-proprjetajiet li jistgħu jirriżultaw bħala riżultat tal-proprjetajiet partikolari
15 tas-superfiċje ta' sustanza (solida) jew taħlita (eż. minħabba li jkollha ċerti dimensjonijiet fil-
16 firxa nano)⁶⁰.

17

18 3.1 Sustanzi

58 Bħala eżempju ieħor, informazzjoni dwar karatteristiċi splussivi tinkludi, pereżempju, informazzjoni relatata mal-imballaġġ għat-trasport, il-metodu tat-test UE A.14, ir-riskju potenzjali minn atmosferi splussivi, u ċirkostanzi oħra mhux assoċjati mal-klassifikazzjoni tas-CLP.

59 Liema minn dawn iż-żewġ subtaqsimiet ma tkunx applikabbli ssir l-unika subtaqsima fl-SDS li tista' titihalla kompletament vojta. **Jekk** is-subintestatura li ma tapplikax hija inkluża, l-entrata jeħtieġ li timtela bl-indikazzjoni li ma tapplikax (jiġifieri "mhux applikabbli"). Għandek tinnota, **mhuwix** biżżejjed li tuża l-intestatura prinċipali "Taqsimha 3: informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-ingredjenti" biss.

60 **Mhuwix** maħsub b'mod speċifiku li tkun meħtieġa informazzjoni li tingħata hawnhekk dwar il-proprjetajiet tensjoattivi ta' sustanzi jew taħlitiet (likwidi jew dissolti).

Test tal-Anness II

L-identità kimika tal-kostitwent ewlieni tas-sustanza għandha tingħata billi jingħata tal-inqas identifikatur tal-prodott jew wieħed mill-mezzi l-oħra ta' identifikazzjoni mogħtija fis-subtaqsima 1.1.

L-identità kimika ta' kull impurità, addittiv ta' stabbilizzazzjoni jew kostitwent individwali ieħor minbarra l-kostitwent ewlieni, li hija min-naħa tagħha klassifikata u li tikkontribwixxi għall-klassifikazzjoni tas-sustanzi għandha tingħata kif ġej:

(a) l-identifikatur tal-prodott skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(b) jekk l-identifikatur tal-prodott mhux disponibbli, wieħed mill-ismijiet l-oħra (l-isem tas-soltu, l-isem kummerċjali, it-taqkira) jew numri ta' identifikazzjoni.

Il-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku, il-fattur M u l-istima tat-tossiċità akuta għas-sustanzi inklużi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jew determinati skont l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu indikati, jekk ikunu disponibbli.

Jekk is-sustanza tkun reġistrata u tkopri nanoforma, għandhom jiġu indikati l-karatteristiċi tal-partikoli li jispeċifikaw in-nanoforma, kif deskritt fl-Anness VI.

Jekk is-sustanza ma tkunx reġistrata, iżda l-iskeda ta' data ta' sigurtà tkun tkopri n-nanoforum, li l-karatteristiċi tal-partikoli tagħhom ikollhom impatt fuq is-sikurezza tas-sustanza, dawk il-karatteristiċi għandhom jiġu indikati.

Il-fornituri tas-sustanzi jistgħu jagħżlu li jelenkaw ukoll il-kostitwenti kollha inkluż dawk mhux klassifikati.

Din is-subtaqsima tista' tintuża wkoll biex tagħti informazzjoni dwar sustanzi multikostitwenti.

1

2 L-identifikaturi kimiċi tal-kostitwent prinċipali jeħtieġ li jiddiedu ma' din it-taqsisma
3 (informazzjoni mit-Taqsisma 1.1).

4 L-aġġornament tar-Regolament 2020/878 iżid ma' din it-taqsisma r-rekwiżit li jiġi indikat il-
5 limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku (SCL), il-fattur ta' multiplikazzjoni (fattur M) u l-istima tat-
6 tossiċità akuta (ATE), jekk applikabbli u disponibbli. L-Anness II jispeċifika li din l-
7 informazzjoni għandha tiġi pprovduta fit-Taqsisma 3.1, aktar milli fit-Taqsisma 2.1.

8 Id-derivazzjoni ta' SCL jew ta' ATE, meta dan ikun xieraq, jew l-assenjazzjoni ta' fatturi M
9 meta sustanza tkun ikklassifikata bħala Akkwatika akuta tal-kategorija 1 jew Akkwatika
10 kronika tal-kategorija 1, hija parti essenzjali mill-proċedura ta' klassifikazzjoni, biex jiġi żgurat
11 li s-sustanzi u t-taħlitiet li fihom is-sustanza jkunu klassifikati b'mod korrett. Madankollu,
12 filwaqt li dawn il-valuri huma parti integrali minn klassifikazzjoni, jistgħu jitqiesu bħala għodod
13 għad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni korretta ta' taħlita li fiha s-sustanza inkwistjoni, u
14 għalhekk, għall-konsistenza, dawn kollha għandhom jiġu indikati fit-Taqsisma 3.

15 Innota li **mhuwiex** rekwiżit li l-klassifikazzjoni eċċ. tingħata separatament għal impuritajiet
16 f'**sustanza** (b'kuntrast għall-każ għal taħlitiet koperti mill-punt 3.2.3 fit-test legali hawn taħt)
17 minħabba li dawn suppost diġà jkunu tqiesu fil-klassifikazzjoni tas-sustanza kif irreġistrata taħt
18 REACH / innotifikata taħt CLP.

- 1 Eżempju illustrattiv estiż ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsimha tista' tkun tidher għal monomeru
2 tal-istiren jingħata hawn taħt⁶¹:
3

TAQSIMA 3: KOMPOŻIZZJONI/INFORMAZZJONI DWAR L-INGREDJENTI					
3.1 SUSTANZI					
Tip ta' identifikatur tal-prodott skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008	Numru tal-identifikazzjoni	Isem tas-sustanza	Kontenut % tal-piż (jew firxa)	Numru KE ⁶²	SCL/ Fattur M/ ATE
Numru tal-indiċi fl-Anness VI ta' CLP	601-026-00-0	stiren	99.70 – 99.95	202-851-5	ATE (inalazzjoni, fwar): 11, 8 mg/l/4h
Numru CAS fl-Anness VI ta' CLP	98-83-9	α-metilstiren	0.04 massimu	202-705-0	STOT SE 3; H335: C ≥ 25 %
Numru CAS fl-Anness VI ta' CLP ⁶³	100-41-4	etilbenzen	0.05 massimu	202-849-4	ATE (inalazzjoni, fwar): 17.6 mg/l/4h ATE (orali): 3500 mg/kg ATE (dermali): 15400 mg/kg
Numru CAS	98-29-3	4-tert-butylbenzen-1,2-diol ⁶⁴	0.0015 (15 ppm) massimu	202-653-9	M = 1 (Akkwatika akuta) ATE (orali): 815 mg/kg ATE (dermali): 1331 mg/kg

61 Innota li l-ismijiet fl-entrati ma jeħtiġux li fil-prattika jkunu pedantiċi daqs dawk użati bħala eżempju hawnhekk u li elenkar aktar "klassiku" b'identifikaturi multipli jkun ukoll aċċettabbli, sakemm il-kontenut tal-entrati jikkonforma mar-rekwiżiti – ara l-eżempju mnaqqas fil-paġna li jmiss.

62 Jekk l-ewwel tliet kolonni kollha f'dan l-eżempju jkunu mimlija din il-kolonna ma tkunx meħtieġa – hija għall-informazzjoni biss.

63 L-Etilbenzen u l-α-metilstiren ovvjament għandhom ukoll numru tal-indiċi fl-Anness VI tas-CLP – in-numru CAS intagħżel hawnhekk biex juri l-prinċipju li jista' jintuża kwalunkwe wieħed mill-identifikaturi mogħtija fl-Anness – fil-prattika tista' tkun mixtieqha l-konsistenza fl-għażla ta' numri disponibbli.

64 Dan huwa l-isem IUPAC attwali għas-sustanza xort'oħra magħrufa bħala 4-tert-butyl katekol./ 4-tert-butyl pirokatekol / TBC.

(Kostitwent mhux ikklassifikat)	Mhux applikabbli	Polimeri	Massimu 0.00 20	Mhux applikabbli	-
---------------------------------	------------------	----------	-----------------	------------------	---

1
2 Fil-prattika, għall-każ partikolari spjegat hawn fuq, minħabba li komponenti oħra apparti l-
3 istiren huma preżenti f'livell taħt dak li għandu jitqies għall-klassifikazzjoni, l-eżempju jista'
4 jitnaqqas għal dan li ġej fejn il-fornitur ma jixtieqx juża l-SDS biex jagħti wkoll informazzjoni
5 dwar l-ispeċifikazzjoni:

6

TAQSIMA 3: KOMPOŻIZZJONI/INFORMAZZJONI DWAR L- INGREDJENTI: 3.1 SUSTANZI			
Isem tas-sustanza	Numru tal-indiċi fl-Anness VI ta' CLP	Kontenut % tal-piż (jew firxa)	SCL, fattur-M, ATE
Stiren	601-026-00-0	> 99.5 %	ATE (inalazzjoni, fwar): 11.8 mg/l/4h

7

8

9 L-eżempju għal sustanza bl-impuritajiet jista' jiġi kkuntrastat mal-eżempju mogħti għal taħlita
10 fit-taqsima li jmiss. Dan jista' jgħin biex tiġi kkjarifikata d-differenza fir-rekwiżiti għal
11 informazzjoni dwar is-sustanzi taħt is-subtaqsima 3.1 ma' dawg għal informazzjoni dwar it-
12 taħlita taħt is-sub-taqsima 3.2.

13 Għan-nanoforum, għandhom jiġu pprovduti l-karatteristiċi tal-partikoli li jispeċifikaw in-
14 nanoforma, kif deskritt fl-Anness VI. L-Appendiċi għan-nanoforum applikabbli għall-Gwida dwar
15 ir-Reġistrazzjoni u l-Identifikazzjoni ta' Sustanzi⁶⁵ jipprovdi parir dwar il-karatterizzazzjoni u l-
16 obbligi ta' rapportar għan-nanoforum skont l-Anness VI ta' REACH.

17 Għan-nanoforum li ma ġewx irreġistrati, għandhom jiġu pprovduti l-karatteristiċi tal-partikoli
18 tagħhom li għandhom impatt fuq is-sikurezza tas-sustanza. Kemm l-Appendiċi ta' hawn fuq kif
19 ukoll l-Appendiċi R.6-1: għan-nanomaterjali applikabbli għall-Gwida dwar il-QSARs u r-
20 Raggruppament, tingħata deskrezzjoni tal-karatteristiċi tal-partikoli li jista' jkollhom impatt fuq
21 is-sikurezza tan-nanoforum.

22

23 L-informazzjoni addizzjonali għan-nanoforum tista' ssegwi l-mudell muri fit-Tabella 1.

24

25 **Tabella 1: informazzjoni addizzjonali meħtieġa għan-nanoforum (reġistrati) ta'**
26 **sustanza:**

27

Isem ta' (sett ta') nanoforma (nanoforum)	[Isem]		
		Valur	Unità
Distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli abbażi tan-numru	d10	[medda]	
	d50	[medda]	

⁶⁵ https://echa.europa.eu/documents/10162/13655/how_to_register_nano_mt.pdf

	d90	[medda]	
Forma u proporzjon tal-aspett tal-partikoli		[forma] [medda tal-proporzjon tal-aspett]	
Kristallinità		[Proporzjon tal-istrutturi tal-kristall]	
Funzjonalizzazzjoni tas-superfiċje / trattament	Aġent(i)	[Lista ta' aġenti tat-trattament]	
	Proċess	[deskrizzjoni fil-qosor tal-proċess]	
Erja tas-superfiċje speċifika		[medda]	
Informazzjoni addizzjonali		[kwalunkwe informazzjoni addizzjonali]	

1
2
3

3.2 Taħlitiet

Test tal-Anness II

Għandhom jingħataw l-identifikatur tal-prodott, il-konċentrazzjoni jew il-meded ta' konċentrazzjoni tal-inqas għas-sustanzi kollha msemmija fil-punti 3.2.1 jew 3.2.2. *Il-fornituri tat-taħlitiet jistgħu jagħżlu li minbarra hekk jelenkaw is-sustanzi kollha fit-taħlita, inklużi s-sustanzi li ma jikkonformawx mal-kriterji għall-klassifikazzjoni. L-informazzjoni għandha tippermetti li d-destinatarju jidentifika mill-ewwel il-perikli tas-sustanzi fit-taħlita. Il-perikli tat-taħlita nnifisha għandhom jingħataw fit-Taqsima 2.*

Il-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi f'taħlita għandhom jiġu deskritti b'mod minn dawn li ġejjin:

(a) *il-perċentwali eżatta f'ordni tal-ikbar l-ewwel mil-lat ta' massa jew volum, jekk teknikament possibbli;*

(b) *il-meded ta' perċentwali f'ordni tal-ikbar l-ewwel mil-lat ta' massa jew volum, jekk teknikament possibbli.*

Meta tintuża medda ta' perċentwali, jekk l-effetti tat-taħlita fit-totalità tagħha ma jkunux disponibbli, il-perikli għas-saħħa u għall-ambjent għandhom jiddeskrivu l-effetti tal-ogħla konċentrazzjonijiet ta' kull ingredjent.

Jekk l-effetti tat-taħlita bħala entità sħiħa huma disponibbli, il-klassifikazzjoni determinata minn din l-informazzjoni għandha tiġi inkluża fit-taqsima 2.

Meta l-użu ta' isem kimiku alternattiv ikun permess skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, dak l-isem jista' jintuża.

3.2.1. Għal taħlita li tissodisfa l-kriterji għall-klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, is-sustanzi li ġejjin (ara wkoll it-Tabella 1.1) għandhom jiġu indikati, flimkien mal-konċentrazzjoni jew mal-medda tal-konċentrazzjoni tagħhom fit-taħlita:

(a) *is-sustanzi li jippreżentaw periklu għas-saħħa jew għall-ambjent fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jekk ikunu preżenti f'konċentrazzjonijiet li jsarrfu daqs jew iktar mill-inqas minn kull wieħed minn dawn li ġejjin:*

(i) *il-valuri ġeneriċi ta' limitu stipulati fit-Tabella 1.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;*

(ii) *il-limiti ġeneriċi ta' konċentrazzjoni mogħtija fil-partijiet 3 sa 5 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1272/2008, filwaqt li jitqiesu l-konċentrazzjonijiet speċifikati fin-noti ta' ċertu tabelli fil-parti 3 fejn jidħol l-obbligu li skeda tad-data dwar is-sikurezza ta' xi taħlita trid issir disponibbli meta tintalab, u*

għall-periklu ta' aspirazzjoni (it-Taqsima 3.10 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008) \geq 10 %;

(iii) il-limiti speċifiċi ta' konċentrazzjoni speċifikati fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(iv) jekk ngħata fattur M (fattur multiplikanti) fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-valur ġeneriku ta' limitu fit-Tabella 1.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, aġġustat bl-użu tal-kalkolu stabbilit fit-Taqsima 4.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament;

(v) il-limiti speċifiċi ta' konċentrazzjoni mogħtija lill-inventarju tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(vi) wieħed minn għaxra tal-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku għal sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda jew sensitizzatur respiratorju b'limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku;

(vii) il-limiti ta' konċentrazzjoni stipulati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(viii) jekk ingħata fattur M lill-inventarju tal-klassifikazzjoni u t-tikkettar stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, il-valur ġeneriku ta' limitu fit-Tabella 1.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, aġġustat bl-użu tal-kalkolu stipulat fit-Taqsima 4.1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(b) sustanzi li għalihom ikun hemm limiti tal-Unjoni dwar l-esponiment fuq il-post tax-xogħol li ma jkunux diġà inklużi taħt il-punt (a);

(c) bil-kundizzjoni li l-konċentrazzjoni ta' sustanza individwali tkun 0.1 % jew aktar, is-sustanzi li jissodisfaw xi wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- sustanzi li huma persistenti, bjoakkumulattivi u tossiċi jew persistenti ħafna u bjoakkumulattivi ħafna skont il-kriterji stipulati fl-Anness XIII,

- sustanzi inklużi fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 59(1) għal raġunijiet għajr il-perikli msemmija fil-punt (a) ta' din is-subtaqsima bħal proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali,

- sustanzi identifikati li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/2100 jew fir-Regolament (UE) 2018/605.

Lista ta' klassijiet tal-periklu, kategoriji tal-periklu u limiti ta' konċentrazzjoni li għalihom sustanza għandha titniżżel bħala sustanza f'taħlita fis-subtaqsima 3.2.

1.1 Klassi u kategorija ta' periklu	Limitu ta' konċentrazzjoni %
Tossiċità akuta, il-kategorija 1, 2 u 3	\geq 0.1
Tossiċità akuta, il-kategorija 4	\geq 1
Korrużżjoni/irritazzjoni tal-ġilda, il-kategorija 1, il-kategoriji 1 A, 1B, 1C u l-kategorija 2	\geq 1
Ħsara serja lill-għajnejn/irritazzjoni tal-għajnejn, il-kategorija 1 u 2	\geq 1
Sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 1B	\geq 0.1
Sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1 A	\geq 0.01

Sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1 jew tal-kategorija 1B	≥ 0.1
Sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1 A	≥ 0.01
Mutaġeniċità għaċ-ċellooli ġerminali tal-kategoriji 1 A u 1B	≥ 0.1
Mutaġeniċità għaċ-ċellooli ġerminali tal-kategorija 2	≥ 1
Karċinoġeniċità tal-kategoriji 1 A, 1B u 2	≥ 0.1
Tossiċità għar-riproduzzjoni tal-kategorija 1 A, 1B, 2 u effetti fuq jew permezz tat-treddiġh	≥ 0.1
Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira (STOT) - esponiment ta' darba tal-kategoriji 1, 2 u 3	≥ 1
Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira (STOT) – esponiment ripetut tal-kategoriji 1 u 2	≥ 1
Tossiċità mill-aspirazzjoni	≥ 1
Perikoluża għall-ambjent akkwatiku – Akuta, il-kategorija 1	≥ 0.1
Perikoluża għall-ambjent akkwatiku – Kronika, il-kategorija 1	≥ 0.1
Perikoluża għall-ambjent akkwatiku – Kronika, il-kategoriji 2, 3 u 4	≥ 1
Perikoluża għas-saff tal-ożonu	≥ 0.1

3.2.2. *Għal taħlita li ma tissodisfax il-kriterji għall-klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, għandhom jiġu indikati s-sustanzi preżenti f'konċentrazzjoni individwali li ssarraf daqs jew iktar mill-konċentrazzjonijiet li ġejjin, flimkien mal-konċentrazzjoni tagħhom jew mal-medda ta' konċentrazzjoni tagħhom:*

(a) 1 % mil-lat ta' piż f'taħlitiet mhux gassużi u 0,2 % mil-lat ta' volum f'taħlitiet gassużi għal:

(i) *sustanzi li jippreżentaw periklu għas-saħħa jew għall-ambjent fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008; jew*

(ii) *sustanzi li għalihom ġew assenjati limiti esponiment fuq il-post tax-xogħol mill-Unjoni;*

(b) *0.1 % skont il-piż għas-sustanzi li jissodisfaw xi wieħed mill-kriterji li ġejjin:*

- is-sustanzi li huma persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII,
 - is-sustanzi li għandhom persistenza għolja u bijoakkumulazzjoni għolja skont il-kriterji stipulati fl-Anness XIII,
 - is-sustanzi inklużi fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 59(1) għal raġunijiet għajr il-perikli msemmija fil-punt (a) ta' din is-subtaqsima bħal proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali;
 - identifikati li għandhom proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/2100 jew fir-Regolament (UE) 2018/605;
- (c) 0.1 % ta' sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1 jew 1B, sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1 jew, 1B, jew karċinoġenika tal-kategorija 2;
- (d) 0.01 % ta' sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda tal-kategorija 1A jew bħala sensitizzatur respiratorju tal-kategorija 1A;
- (e) wieħed minn għaxra tal-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku għal sustanza klassifikata bħala sensitizzatur tal-ġilda jew sensitizzatur respiratorju b'limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku;
- (f) 0.1 % ta' sustanza klassifikata bħala tossika għar-riproduzzjoni tal-kategoriji 1A, 1B jew 2, jew b'effetti fuq jew permezz tat-treddiġh.

3.2.3. Għas-sustanzi indikati fis-subtaqsima 3.2.:

- il-klassifikazzjoni tas-sustanza skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, inklużi l-klassijiet tal-periklu u l-kodiċi tal-kategorija kif mogħtija fit-Tabella 1.1 tal-Anness VI għal dak ir-Regolament, u kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet tal-periklu supplimentari. F'din is-subtaqsima ma hemmx il-ħtieġa li d-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet tal-periklu supplimentari jinkitbu b'mod sħiħ; il-kodiċijiet tagħhom għandhom ikunu biżżejjed. Meta ma jinkitbu b'mod sħiħ, għandha ssir referenza għat-taqsima 16, fejn it-test sħiħ ta' kull dikjarazzjoni rilevanti ta' periklu għandu jkun elenkat. Jekk is-sustanza ma tissodisfax il-kriterji ta' klassifikazzjoni, għandha tingħata deskrizzjoni tar-raġuni tal-indikazzjoni tas-sustanza fis-subtaqsima 3.2, pereżempju "sustanza vPvB mhux klassifikata" jew "sustanza b'limitu tal-Unjoni ta' esponiment fuq il-post tax-xogħol"

- il-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku, il-fattur M u l-istima tat-tossiċità akuta għas-sustanza fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jew kif determinati skont l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandhom jiġu indikati, jekk ikunu disponibbli.

- jekk is-sustanza użata fit-taħlita hija fin-nanoforma u fil-fatt tkun irreġistrata jew indirizzata bir-rapport tas-sigurtà kimika għall-utent downstream, għandhom jiġu indikati l-karatteristiċi tal-partikoli li jispeċifikaw in-nanoforma, kif deskritti fl-Anness VI. Jekk is-sustanza kif użata fit-taħlita hija f'nanoforma iżda ma tkunx irreġistrata jew indirizzata bir-rapport tas-sigurtà kimika għall-utent downstream, għandhom jiġu indikati l-karatteristiċi tal-partikoli li għandhom impatt fuq is-sikurezza tat-taħlita.

3.2.4. Għas-sustanzi indikati fis-subtaqsima 3.2 għandhom jingħataw l-isem u, jekk ikun disponibbli, in-numru tar-reġistrazzjoni, kif assenjat skont l-Artikolu 20(3) ta' dan ir-Regolament.

Mingħajr ma taffettwa l-obbligi tal-utenti downstream stipulati fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, il-parti tan-numru ta' reġistrazzjoni li tirreferi għar-reġistrant individwali ta' sottomissjoni konġunta tista' titthalla barra mill-fornitur tat-taħlita bil-kundizzjoni li:

(a) dan il-fornitur jerfa r-responsabilità li jagħti n-numru sħiħ ta' reġistrazzjoni malli jintalab għal skopijiet ta' infurzar jew, jekk in-numru sħiħ ta' reġistrazzjoni ma jkunx disponibbli għalih, li jibgħat it-talba lill-fornitur tiegħu skont il-punt (b); u

(b) dan il-fornitur jipprovdni n-numru sħiħ ta' reġistrazzjoni lill-awtorità tal-Istat Membru responsabbli għall-infurzar (minn issa 'l quddiem 'l-awtorità tal-infurzar') fi żmien sebat ijiem malli jintalab, jew direttament mill-awtorità tal-infurzar inkella mid-destinatarju tiegħu, jew jekk in-numru sħiħ ta' reġistrazzjoni mhuwiex disponibbli għalih, dan il-fornitur għandu jgħaddi t-talba lil fornitur tiegħu fi żmien sebat ijiem minn meta tasallu t-talba u fl-istess waqt jinforma l-awtorità tal-infurzar b'dan.

Għandu jingħata n-numru tal-KE, jekk disponibbli, skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Jistgħu jingħataw ukoll in-numru CAS u l-isem IUPAC, jekk dawn ikunu disponibbli.

Għas-sustanzi indikati f'din is-subtaqsima permezz ta' isem kimiku alternattiv skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, in-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru KE u identifikaturi kimiċi preċiżi oħra mhum iex meħtieġa.

- 1
2 Meta l-limitu ta' konċentrazzjoni speċifiku (SCL), fattur ta' multiplikazzjoni (fattur M), jew
3 stima ta' tossiċità akuta (ATE) jkunu disponibbli, dawn għandhom jiġu indikati flimkien mal-
4 informazzjoni ta' klassifikazzjoni u kwalunkwe dikjarazzjoni ta' periklu supplimentari rilevanti
5 għall-komponent rilevanti f'din is-subtaqsima 3.2.
- 6 It-terminu "jekk teknikament possibbli", kif użat fil-kuntest tar-rekwiżit li jingħataw il-
7 konċentrazzjonijiet tas-sustanzi f'taħlita jew bħala perċentwali eżatti jew bħala firxiet ta'
8 perċentwali f'ordni dekrexxenti, ifisser li l-espressjoni tal-konċentrazzjonijiet jew bħala
9 perċentwali eżatti jew bħala firxiet ta' perċentwali għandha ssir jekk eż. is-software li jiġġenera
10 l-SDS jippermetti din il-klassifikazzjoni bl-informazzjoni disponibbli dwar il-kompożizzjoni. Ma
11 jfissirx li l-istadji tekniċi kollha (inkluża eż. l-analiżi) jeħtieġ li jiġu eżawriti sabiex tkun
12 determinata l-informazzjoni preċiża neċessarja għal din il-klassifikazzjoni fejn ma tkunx
13 disponibbli mod ieħor.
- 14 Fil-każ ta' taħlitiet, il-parti tan-numru tar-reġistrazzjoni REACH għal sustanzi komponenti li
15 jirreferu għal reġistrant individwali ta' sottomissjoni konġunta (l-aħħar erba' ċifri tan-numru
16 tar-reġistrazzjoni oriġinali komplet) tista' titħalla barra minn **kwalunkwe** fornitur (għandu jiġi
17 nnutat li f'dan il-każ mhuwiex rekwiżit li l-fornitur ikun utent downstream jew distributtur kif
18 inhu l-każ biex jinqata' n-numru tar-reġistrazzjoni mogħti għal sustanzi fis-subtaqsima 1.1)⁶⁶.
19 Għandu jkun innutat ukoll li n-numri tar-reġistrazzjoni huma meħtieġa biss f'din is-subtaqsima
20 għas-sustanzi msemmija fil-punti 3.2.1 jew 3.2.2. Madankollu, jekk fornituri jagħżlu li jelenkaw
21 sustanzi addizzjonali fit-taħlita taħt is-subtaqsima 3.2, għalkemm mhum iex obbligati jagħtu l-
22 informazzjoni speċifikata fil-punt 3.2.1 jew 3.2.2 għal dawn is-sustanzi, għandhom imbagħad
23 jagħtu l-informazzjoni applikabbli speċifikata fil-punti 3.2.3 u 3.2.4, inklużi n-numri tar-
24 reġistrazzjoni jekk disponibbli. Jista' jkun utli li jiġi indikat fuq liema bażi sustanza tkun ġiet
25 inkluża fit-Taqsima 3.2, eż., minħabba l-iskattaturi tal-klassifikazzjoni tas-CLP (eż. limiti ta'
26 konċentrazzjoni ġeneriċi, prinċipji ta' addittività jew ta' tqarrib) jew minħabba r-rekwiżiti tal-
27 Anness II ta' REACH.
- 28 Is-"sustanzi inklużi fil-lista stabbilita skont l-Artikolu 59(1), għal raġunijiet għajr il-perikli
29 msemmija fil-punt (a), jekk il-konċentrazzjoni ta' sustanza individwali tkun daqs jew aktar
30 0,1 %" fit-test legali kkwotat hawn fuq huma daww is-sustanzi hekk magħrufa bħala sustanzi
31 tal-"lista tal-kandidati" (ara l-kapitolu 2, il-paragrafu 2.15 ta' dan id-dokument għal aktar
32 informazzjoni).

66 Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima Q&A (Q&As nr 137, 144 u 145) fis-sit web tal-ECHA fuq: <https://www.echa.europa.eu/mt/web/guest/support/qas-support/qas>.

1 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din is-subtaqsima tista' tidher għal sustanza jingħata hawn
2 taħt⁶⁷:

Nru CAS	Nru KE	Nru. tal-Indiċi	Nru tar-Registrazzjo ni REACH	% [piż]	Isem tas-sustanza	Klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1278/2008 (CLP).	SCL, Fattur-M, ATE
7681-52-9	231-668-3	017-011-00-1	01-XXXXXXXXXX-XX-YYYY	60	Ipoklorit tas-sodju	Korr. għall-Ġilda 1B, H314 Ħsara lill-Għajn. 1, H318 Akkwatika Akuta 1; H400 Akkwatika Kronika 1, H410	EUH031: C ≥ 5 % M (akuta) =1 M (kronika) =10
1310-73-2	215-185-5	011-002-00-6	01-NNNNNNNNNN-NN-ZZZZ	39	Idrossidu tas-sodju	Korr. għall-Ġilda 1A, H314 Ħsara lill-Għajn. 1, H318	Irrit. lill-Għajn. 2; H319: 0.5 % ≤ C < 2 % Korr. għall-Ġilda 1A; H314: C ≥ 5 % Korr. għall-Ġilda 1B; H314: 2 % ≤ C < 5 % Irrit. tal-Ġilda 2; H315: 0.5 % ≤ C < 2 %

67 JEKK JOGĦĠBOK INNOTA: Dan l-eżempju qiegħed jingħata bl-iskop li juri l-format ta' entrati f'din is-subtaqsima, u b'mod partikolari d-differenza b'paragun ta' entrata fis-subtaqsima 3.1 għal sustanza b'impuritatiet. MA GĦANDUX JITTIEĦED BĦALA INDIKAZZJONI LI TAĦLITA BĦAL DIN TKUN STABBLI KONTRA KWALUNKWE REAZZJONI.

7758-98-7	231-847-6	029-004-00-0	01- NNNNNNNNNN -NN-WWWW	1	Sulfat tar- ram	Toss. akuta 3 Irrit. tal- Ġilda 2 Irrit. tal- Ġhajnejn 2 Akkwatika Akuta 1 Akkwatika Kronika 1	ATE (orali): 482 mg/kg M(akut) = 10 M(kroniku) = 1
-----------	-----------	--------------	-------------------------------	---	--------------------	---	---

1
2 Għall-komponenti tan-nanoforom, japplikaw l-istess rekwiżiti tal-karatterizzazzjoni dettaljati
3 għat-taqsim 3.1 tal-SDS (ara t-Tabella 1).

4

5 *Informazzjoni addizzjonali:*

6 *Għat-test sħiħ ta' dikjarazzjonijiet H: ara t-TAQSIMA 16.*

7 Innota li ladarba numru wieħed biss CAS, KE jew tal-indiċi huwa meħtieġ, din it-tabella tista'
8 alternattivament tkun simplifikata billi t-tliet kolonni (waħda għal kull tip ta' numru) ikunu
9 sostitwiti b'żewġ kolonni: waħda għat-"tip ta' numru" u t-tieni għal "numru". Alternattivament
10 dawn it-tabelli ta' eżempji jistgħu jiġu ppreżentati b'modi oħra, eż. billi jintużaw żewġ kolonni
11 għat-"tip ta' numru" u għan-"numru".

12 Għandu jiġi nnutat li l-klassifikazzjoni mogħtija għal sustanza komponenti fiż-żewġ kolonni
13 finali għandha tkun dik tas-sustanza pura (100 %).

14 Il-firxiet tal-piż jistgħu jingħataw minflok il-perċentwali attwali tal-piż. Meta tintuża firxa ta'
15 perċentwali, il-perikli għas-saħħa u l-ambjent indikati għandhom jirriflettu l-effetti tal-ogħla
16 konċentrazzjoni ta' kull sustanza ta' ingredjent. Għandu jiġi nnutat li jekk l-ammont totali tal-
17 ogħla konċentrazzjonijiet jaqbeż il-100 %, il-klassifikazzjoni tat-taħlita ma tistax tiġi derivata
18 b'mod korrett.

19 Għandu jiġi nnutat li t-tabella mogħtija fit-test tal-Anness II ikkwotata fuq taħt it-titolu "*Lista*
20 *ta' klassijiet tal-periklu, kategoriji tal-periklu u limiti ta' konċentrazzjoni (inklużi valuri ġeneriċi*
21 *ta' limitu fit-Tabella 1.1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u limiti ġeneriċi ta'*
22 *konċentrazzjoni mogħtija fil-partijiet 3 sa 5 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament) li għalihom*
23 *sustanza għandha tiġi elenkata bħala sustanza f'taħlita fis-subtaqsima 3.2"* tagħti l-valuri li
24 fuqhom is-sustanzi speċifikati għandhom **ikunu elenkati f' SDS**. Dawn **mhumix**
25 neċessarjament il-limiti ġeneriċi għall-klassifikazzjoni – il-valuri f'din it-tabella partikolari ġew
26 aġġustati biex jinkorporaw in-noti fir-Regolament CLP li jeħtieġu d-dispożizzjoni ta' SDS f'ċerti
27 każijiet **anke meta** l-valur huwa taħt dak li jwassal għal klassifikazzjoni. Pereżempju, fil-każ
28 ta' Tossiċità għar-riproduzzjoni, il-kategorija 1A, 1B, 2 u tal-effetti fuq jew permezz tat-
29 treddiġh, il-valur mogħti fit-tabella huwa ≥ 0.1 , għalkemm skont it-Tabella 3.7.2 "*Limiti ta'*
30 *konċentrazzjoni ġeneriċi ta' ingredjenti ta' taħlita klassifikati bħala tossikanti għar-riproduzzjoni*
31 *jew għall-effetti fuq it-treddiġh jew minnu li jwasslu għall-klassifikazzjoni ta' taħlita"* fl-
32 Anness I tar-Regolament CLP jagħtu valur ta' ≥ 0.3 għal-limitu ta' konċentrazzjoni għal
33 klassifikazzjoni. Dan huwa minħabba li din it-tabella tinkorpora n-Nota 1 rilevanti taħt it-tabella
34 li tgħid li "*Jekk tossikant għar-riproduzzjoni tal-Kategorija 1 jew 2 jew sustanza klassifikata*
35 *għal effetti fuq it-treddiġh jew permezz tat-treddiġh ikunu preżenti fit-taħlita bħala ingredjent*
36 *b'konċentrazzjoni ogħla minn 0,1 %, għandu jkun disponibbli SDS għat-taħlita fuq talba"*.

1 Huwa l-valur tal-aħħar li jidher fit-tabella msemija hawn fuq, minħabba li l-iskop tiegħu huwa
2 li jindika l-valur rilevanti għall-SDS, mhux dak li jiddetermina l-klassifikazzjoni.

3 Meta jintuża isem kimiku alternattiv skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tas-CLP għal
4 sustanza f'taħlita, huwa rakkomandat li dan ikun indikat (b'identifikatur xieraq bħal numru ta'
5 notifika) f'din is-subtaqsima (jew fit-Taqsimiet 15 jew 16) sabiex jiġu evitati domandi dwar l-
6 użu tiegħu minn riċevituri jew minn awtoritajiet tal-infurzar. Għas-sustanzi indikati f'din is-
7 subtaqsima permezz ta' isem kimiku alternattiv, in-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru KE u
8 identifikaturi kimiċi preċiżi oħra mhumiex neċessarji.

9 Is-subtaqsima 3.2 tal-SDS tista' wkoll tintuża biex tipprovi ċerta informazzjoni dwar il-
10 kompożizzjoni ta' deterġenti maħsuba biex jintużaw fis-settur industrijali u istituzzjonali, u
11 mhux magħmula disponibbli għal membri tal-pubbliku ġenerali⁶⁸.

12 Fir-rigward tal-elenkar taħt is-subtaqsima 3.2 għandu jiġi nnutat li r-rekwiżit legali (għal
13 sustanzi mhux diġà elenkati għal raġunijiet oħra) għandu jkun elenkat meta jkunu "(b)
14 sustanzi li għalihom hemm limiti tal-esponiment tal-Unjoni fuq il-post tax-xogħol ..." jiġifieri
15 jkun limitu tal-**Unjoni** li jiddetermina elenkar. Madankollu, il-kompilaturi jistgħu jelenkaw
16 volontarjament sustanzi f'din is-subtaqsima (jew fit-TAQSIMIET 15 jew 16) li għalihom ikun ġie
17 attribwit limitu nazzjonali, iżda mhux tal-Unjoni (b'kuntrast mal-każ li jidher hawn taħt għas-
18 subtaqsima 8.1 fejn hija l-informazzjoni dwar limiti **nazzjonali** li **għandha tiġi pprovduta**,
19 irrispettivament minn jekk jeżistix limitu tal-Unjoni korrispondenti).
20

21 3.4 SDS TAQSIMA 4 II-miżuri tal-ewwel għajnuna

Test tal-Anness II

Din it-taqsima tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tiddekrivi l-ewwel kura b'tali mod li tista' tinftiehem u tista' tingħata minn persuna mhux imħarrġa mingħajr l-użu ta' tagħmir sofistikati u mingħajr id-disponibilità ta' għażla wiesgħa ta' medikamenti. Jekk ikun hemm bżonn attenzjoni medika, l-istruzzjonijiet għandhom jiddikjaraw dan, inkluż l-urġenza tagħha.

22

23 4.1 Deskrizzjoni tal-miżuri tal-ewwel għajnuna

Test tal-Anness II

4.1.1. L-istruzzjonijiet tal-ewwel għajnuna għandhom jingħataw permezz tar-rotot rilevanti ta' esponiment. Għandhom jintużaw subdiviżjonijiet biex jindikaw il-proċedura għal kull rotta, pereżempju permezz tan-nifs meħud 'il ġewwa, il-ġilda, l-għajnejn jew indiġestjoni.

4.1.2. Għandu jingħata parir dwar jekk:

⁶⁸ Ingredjenti meħtieġa li jkunu elenkati skont ir-Regolament dwar id-Deterġenti jistgħu jintwerew taħt is-subtaqsima 3.2. tal-SDS, sakemm dawn ikunu distinti b'mod ċar minn xulxin permezz ta' subintestaturi adattati li jindikaw għal liema parti mil-leġiżlazzjoni japplikaw. Għal aktar tagħrif ara:

https://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/specific-chemicals_en

(a) ikunx hemm bżonn attenzjoni medika immedjata u jekk wieħed jistax jistenna effetti rritardjati wara l-esponiment;

(b) huwiex rakkomandat il-moviment tal-individwu espost miż-żona għall-arja friska;

(c) humiex rakkomandati t-tneħħija u t-trattament tal-ilbies u ż-żraben mill-individwu; u

(d) huwiex rakkomandat tagħmir personali protettiv għall-persuni li qed jagħtu l-ewwel għajjnuna.

1
2 L-informazzjoni f'din is-subtaqsima tista' tkun strutturata kif ġej:

4.1 Deskrizzjoni tal-miżuri tal-ewwel għajjnuna

- noti ġenerali
- wara l-inalazzjoni
- wara kuntatt mal-ġilda
- wara kuntatt mal-għajnejn
- wara l-inġestjoni
- protezzjoni awtonoma ta' min jagħti l-ewwel għajjnuna

3
4 **4.2 Iktar sintomi u effetti importanti, kemm akuti kif ukoll irritardjati**

Test tal-Anness II

Għandha tingħata informazzjoni fil-qosor dwar l-iktar sintomi u effetti importanti, kemm akuti kif ukoll irritardjati, mill-esponiment.

5
6 Għandu jiġi nnutat li din is-subtaqsima hija għas-sintomi u l-effetti – it-trattamenti għandhom
7 jiġu deskritti fis-subtaqsima 4.3.

8
9 **4.3 Indikazzjoni ta' kull attenzjoni medika immedjata u trattament speċjali meħtieġa**

Test tal-Anness II

Fejn xieraq, għandha tingħata informazzjoni dwar l-ittestjar kliniku u s-sorveljanza medika għal effetti rritardjati, dettalji speċifiċi dwar antidoti (meta magħrufa) u kontraindikazzjonijiet.

Għal xi sustanzi jew taħlitiet, jista' jkun importanti li għandhom ikunu disponibbli fuq il-post tax-xogħol mezz speċjali biex jingħata trattament speċifiku u immedjat.

10
11 Għandu jiġi nnutat li (kif indikat fit-test legali li jintroduċi t-Taqsima 4 b'mod ġenerali) il-kura

1 inizzjali għandha tkun deskritta b'tali mod li tista' tinftiehem u tingħata minn persuna mhux
2 imħarrġa u li jekk tkun meħtieġa attenzjoni medika dan għandu jiġi dikjarat b'mod espliċitu

3 Fejn jidher neċessarju li tkun ipprovduta informazzjoni speċifika għat-tabib (eż. trattament
4 antidotu speċifiku, pressjoni pożittiva tan-nifs, projbizzjoni ta' ċerti mediċini, ikel, xorb jew
5 tipjip, eċċ.) din l-informazzjoni tista' tingħata taħt intestatura bħal "Noti għat-tabib" (sintomi,
6 perikli, trattament). L-informazzjoni pprovduta taħt din l-intestatura tista' tinkludi termini
7 mediċi speċjali li jistgħu jkunu diffiċli li jinftiehem minn persunal mhux mediku. L-informazzjoni
8 għandha tkun preċiża u għalhekk għandha tiġi pprovduta minn esperti jew bl-użu ta' għarfien
9 espert.

10 Għalkemm mhux rekwiżit speċifiku jista' jkun indikat ukoll jekk jistgħux jitwettqu jew xi
11 rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet jew trattamenti speċifiċi, minn dawk li jagħtu l-ewwel
12 għajjnuna kif ukoll minn tobbja mediċi.

13

14 3.5 SDS TAQSIMA 5 Miżuri għat-tifi tan-nar

Test tal-Anness II

*Din it-taqsimha tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tiddekrivi r-rekwiżiti għat-tifi tan-nar
ikkawżat mis-sustanza jew mit-taħlita, jew li jseħħ fil-viċinanza tagħha.*

15

16 5.1 Mezzi għat-tifi tan-nar

Test tal-Anness II

Il-mezzi adattati għat-tifi tan-nar:

Għandha tingħata informazzjoni dwar il-mezzi adattati għat-tifi tan-nar.

Il-mezzi mhux adattati għat-tifi tan-nar:

*Għandhom jingħataw indikazzjonijiet jekk hemm xi mezz għat-tifi tan-nar li mhumiex adattati għal
sitwazzjoni partikolari li tinvolvi s-sustanza jew it-taħlita (eż. jiġu evitati l-mezzi ta' pressjoni
għolja li jistgħu jikkawżaw il-formazzjoni ta' taħlita ta' trab potenzjalment splussiv fl-arja).*

17

18 Mezz mhux adattati għat-tifi tan-nar huma mezz għat-tifi tan-nar li ma għandhomx jintużaw
19 għal raġunijiet ta' sikurezza inklużi mezz li jistgħu jikkawżaw reazzjonijiet kimiċi jew fiżiċi li
20 jirriżultaw f'periklu potenzjali addizzjonali. Pereżempju, fil-preżenza ta' sustanzi li f'kuntatt
21 mal-ilma jemettu gassijiet li jaqbd u jew tossiċi (eż. il-karbur tal-kalċju jirreaġixxi mal-ilma biex
22 jiffurma l-Etin (Aċetilen), gass li jaqbad ħafna, li jista' jirriżulta fi splużjoni).

23

24 5.2 Perikli speċifiċi li joriġinaw mis-sustanza jew it-taħlita

Test tal-Anness II

Għandha tingħata informazzjoni dwar perikli li jistgħu joriġinaw mis-sustanza jew mit-taħlita, bħalma huma prodotti perikolużi ta' kombustjoni li jiffurmaw meta s-sustanza jew it-taħlita tinħaraq, pereżempju "jekk tinħaraq, tista' tipproduċi dħaħen tossiċi ta' monossidu tal-karbonju" jew "tipproduċi ossidi tal-kubrit u nitroġenu waqt il-kombustjoni".

Din is-subtaqsima tinkludi informazzjoni dwar kull periklu speċifiku li jirriżulta mis-sustanza kimika (eż. in-natura ta' kull prodott tal-kombustjoni perikoluż jew riskji ta' splużjoni ta' sħab tal-fwar).

5.3 Parir lil min jiġġieled in-nar

Test tal-Anness II

Għandu jingħata parir dwar kull azzjoni protettiva li trid tittieħed waqt it-tifi tan-nar, pereżempju "il-kontenituri għandhom jinżammu friski bi sprej tal-ilma", u dwar tagħmir protettiv speċjali, bħalma huma bwiez, owverols, ingwanti, protezzjoni tal-għajnejn u l-wiċċ u apparat biex tiegħu n-nifs.

Jista' jkun enfasizzat li ebda lbies ta' protezzjoni kontra sustanzi kimiċi ma jagħti protezzjoni kontra s-sustanzi kimiċi kollha. Skont il-perikli rispettivi ta' sustanzi, il-livelli ta' protezzjoni rakkomandati jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji.

- Apparat Respiratorju Awtonomu (SCBA) b'ingwanti reżistenti għas-sustanzi kimiċi.
- SCBA b'libsa ta' protezzjoni kontra s-sustanzi kimiċi biss meta l-kuntatt personali (mill-qrib) ikun probabbli.
- SCBA b'libsa ta' protezzjoni kontra l-gass meta tkun probabbli l-prossimità mas-sustanza jew il-fwar tagħha.

Il-libsa ta' protezzjoni kontra l-gass tirrappreżenta l-ogħla livell ta' lbies ta' protezzjoni kontra s-sustanzi kimiċi. Dan l-ilbies jista' jkunu manifatturat min-neoprin, minn lastku tal-vinil jew materjali oħra u jintużaw mas-SCBA. Tingħata protezzjoni kontra ħafna sustanzi kimiċi iżda mhux kollha. Jekk ikun hemm xi dubji, wieħed għandu jfittex parir speċjalizzat.

Għal inċidenti li jinvolvu gassijiet imkessħin ħafna u ħafna oħra likwifikati fejn il-kuntatt jikkawża infjammazzjoni tal-ġilda bil-ksieħ u ħsara serja lill-għajnejn, għandu jintlibes lbies ta' taħt termali u insulat li jinkludi ingwanti tessili ħoxnin jew tal-ġilda, u protezzjoni għall-għajnejn. Bl-istess mod, għal inċidenti li jinvolvu radjazzjoni sinifikanti ta' sħana, huwa rakkomandat li jintuża lbies li jirrifletti s-sħana.

L-ilbies għat-tifi tan-nar li jikkonforma mal-istandard Ewropew EN469 jipprovdi livell bażiku ta' protezzjoni għal inċidenti ta' sustanzi kimiċi u jinkludi elmi, bwiez u ingwanti protettivi. L-ilbies li ma jikkonformax ma' EN469 jista' ma jkunx adattat fi kwalunkwe inċident kimiku.

Barra minn hekk, wieħed jista' jinkludi miżuri rakkomandati biex tiġi iżolata ż-żona effettwata, biex tkun limitata l-ħsara f'każ ta' nar jew għar-rimi ta' residwi ta' mezzi għat-tifi tan-nar.

Meta din it-taqsima tkun qed tiġi kkompilata, għandu jiġi kkunsidrat jekk it-tixrid u l-ilma mit-tifi tan-nar jistax jikkawża t-tniġġis tal-passaġġi tal-ilma. Jekk ikun il-każ, għandha tingħata informazzjoni dwar kif għandu jiġi minimizzat l-impatt tagħhom fuq l-ambjent.

Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsima tista' tidher jingħata hawn taħt:

TAQSIMA 5: Miżuri għat-tifi tan-nar

5.1 Mezzi għat-tifi tan-nar:

Mezzi xierqa għat-tifi tan-nar:

Mezzi mhux xierqa għat-tifi tan-nar:

5.2 Perikli speċifiċi li joriġinaw mis-sustanza jew mit-taħlita

Prodotti tal-kombustjoni perikolużi:

5.3 Parir lill-pumpiera

3.6 SDS TAQSIMA 6: Miżuri għar-rilaxx aċċidentali

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tirakkomanda r-reazzjoni adattata f'każ ta' tixrid, nixxigħat jew rilaxxi, biex jiġu evitati jew minimizzati l-effetti negattivi fuq persuni, proprjetà u l-ambjent. Hija għandha tiddistingwi bejn reazzjonijiet għal tixrid kbir u żgħir, fil-każ fejn il-volum tat-tixrid iħalli impatt sinifikanti fuq il-periklu. Jekk il-proċeduri għat-trażżin u l-irkupru jindikaw li tinħtieġ prassi differenti, dawn għandhom jiġu indikati fl-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

[It-test ta' hawn fuq jitqies li ma jeħtieġ ebda spjegazzjoni ulterjuri].

6.1 Prekawzjonijiet personali, tagħmir protettiv u proċeduri ta' emerġenza

Test tal-Anness II

6.1.1. Għall-persunal li mhuwiex persunal ta' emerġenza

Għandu jingħata parir relatat mat-tixrid u r-rilaxx aċċidentali tas-sustanza jew it-taħlita bħalma huma:

(a) l-ilbies ta' tagħmir protettiv adattat (inkluż tagħmir protettiv personali msemmi fit-Taqsima 8 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza) biex tiġi evitata xi kontaminazzjoni tal-ġilda, l-għajnejn u l-ilbies personali;

(b) it-tneħħija ta' sorsi ta' jaqbdun-nar, il-provvista ta' ventilazzjoni suffiċjenti, il-kontroll tat-trab; u

(c) il-proċeduri ta' emerġenza bħalma hija l-ħtieġa li ż-żona ta' periklu tiġi evakwata jew li tikkonsulta espert.

6.1.2. Għal min jintervjeni f'emerġenza

Għandu jingħata parir relatat ma' tessut adattat għal ilbies protettiv personali (pereżempju "adattat: Butilen"; "mhux adattat: PVC").

1
2 [It-test ta' hawn fuq jitqies li ma jeħtieġ ebda spjegazzjoni ulterjuri].
3

4 **6.2 Prekawzjonijiet ambjentali**

Test tal-Anness II

Għandu jingħata parir dwar kull prekawzjoni ambjentali li għandha tittieħed relatata mat-tixrid u r-rilaxx aċċidentali tas-sustanza jew it-taħlita, bħal pereżempju li iż-żamma 'l bogħod minn katusi, ilma tal-wiċċ u tal-qiegħ.

5
6 [It-test ta' hawn fuq jitqies li ma jeħtieġ ebda spjegazzjoni ulterjuri].
7

8 **6.3 Metodi u materjal għat-trażżin u t-tindif**

Test tal-Anness II

6.3.1. Għandu jingħata parir adattat dwar kif jitrażżan it-tixrid. Tekniki adattati ta' trażżin jistgħu jinkludu xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-katusi jiġu iżolati jew jitgħattew;

(b) proċeduri ta' limitazzjoni.

6.3.2. Għandu jingħata parir adattat dwar kif jitnaddaf it-tixrid. Tekniki adattati ta' tindif jistgħu jinkludu xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) tekniki ta' newtralizzazzjoni;

(b) tekniki ta' dekontaminazzjoni;

(c) materjali ta' adsorbiment;

(d) tekniki ta' tindif;

(e) tekniki ta' vvakumjar;

(f) tagħmir mitlub għat-trażżin/tindif (inkluż l-użu ta' għodod u tagħmir li ma jisparkjawx fejn applikabbli).

6.3.3. Għandha tingħata kull informazzjoni oħra relatata ma' tixrid u rilaxxi, inkluż parir dwar trażżin jew tekniki ta' tindif mhux adattati, pereżempju permezz ta' indikazzjonijiet bħal 'qatt tuża ...'.

9
10 Għandek tinnota li l-lista ta' tekniki mhijiex eżawrjenti, jistgħu jintużaw kemm assorbenti kif
11 ukoll adsorbenti.

1 Għandek tkun taf ukoll li "bunding"⁶⁹ u "capping"⁷⁰ hawnhekk għandhom it-tifsiriet definiti fl-
2 Anness 4 tal-GHS⁷¹.

3 Xi eżempji tat-tip ta' rakkomandazzjonijiet li jistgħu jkunu inklużi f'din is-subtaqsima huma:

- 4 • Naddaf is-solidi bl-ilma jew bil-vakum.
- 5 • Tużax xkupilja jew arja kkompessata biex tnaddaf is-superfiċi jew l-ilbies.
- 6 • Naddaf it-tixrid immedjatament

7

8 6.4 Referenza għal taqsimiet oħra

Test tal-Anness II

Fejn xieraq, għandha ssir referenza għat-Taqsimiet 8 u 13.

9

10 Għandu jkun innutat li l-uniċi taqsimiet li għalihom huma meħtieġa hawnhekk (kontro)referenzi
11 (u mbagħad biss jekk xierqa) huma t-taqsimiet 8 u 13 – jiġifieri għandhom isiru
12 kontroreferenzi għal informazzjoni dwar il-kontroll tal-esponiment u konsiderazzjonijiet ta'
13 protezzjoni personali u ta' rimi, rispettivament, li huma rilevanti għal rilaxx inċidentali
14 potenzjali. L-intenzjoni hawnhekk hija li tiġi evitata informazzjoni doppja - li din l-informazzjoni
15 doppja ma tkunx meħtieġa. Kull referenza addizzjonali għal taqsimiet oħrajn li jistgħu isiru
16 hawnhekk mhumiex rekwiżit tar-Regolament.

17 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsimi tista' tidher jingħata hawn taħt⁷²:

TAQSIMA 6: Miżuri għar-rilaxx aċċidentali

6.1 Prekawzjonijiet personali, tagħmir ta' protezzjoni u proċeduri ta' emerġenza

6.1.1 Għall-persunal li mhuwiex ta' emerġenza

Tagħmir ta' protezzjoni:

Proċeduri ta' emerġenza:

6.1.2 Għall-persunal tal-emerġenza

6.2 Prekawzjonijiet ambjentali:

6.3 Metodi u materjal għall-konteniment u għat-tindif

69 "Bund huwa l-provviżjoni ta' faċilitazzjoni għall-ġbir ta' likwidi li, fil-każ ta' xi ċarċir jew tixrid minn tankijiet jew minn xogħol ta' pajpijiet, tiġbor tajjeb ħafna l-eċċess tal-volum tal-likwidi miżmuma, eż. imbankment. Żoni bunded għandhom jibattlu f'tank tal-qbid li għandu jkollu l-faċilitajiet biex jissepara l-ilma/iż-żejt."

70 "jiġifieri jipprovdi kisi jew protezzjoni (eż. għall-prevenzjoni ta' ħsara jew ċarċir)."

71 Is-Sistema Globalment Armonizzata tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikketta ta' Sustanzi Kimiċi (GHS), il-Ħames edizzjoni riveduta 2013. Anness 4 – Gwida dwar il-preparazzjoni ta' Skedi ta' Data ta' Sigurtà, paġna 411; Ara: http://www.unece.org/trans/danger/publi/ghs/ghs_rev05/05files_e.html.

72 Innota li numerazzjoni addizzjonali u substrukturat taħt il-livell tas-subtaqsima mhuwiex rekwiżit legali.

6.3.1 Għall-konteniment:

6.3.2 Għat-tindif:

6.3.3 Informazzjoni oħra:

6.4 Referenza għal taqsimiet oħra

1
2

3 3.7 SDS TAQSIMA 7: Ġestjoni u ħżin

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tipprovdi parir dwar prassi ta' ġestjoni bla periklu. Hija għandha tenfasizza l-prekawżjonijiet li huma adattati għall-użi identifikati msemmija fis-subtaqsima 1.2 u għall-proprjetajiet uniċi tas-sustanza jew it-taħlita.

L-informazzjoni f'din it-taqsimha tal-iskeda tad-daa dwar is-sikurezza għandha tirrelata mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, mas-sikurezza u l-ambjent. Hija għandha tgħin lil min iħaddem biex ifassal proċeduri ta' xogħol u miżuri organizzattivi adegwati skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/24/KE u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Fejn jinħtieġ rapport dwar is-sikurezza kimika, l-informazzjoni f'din it-taqsimha tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija għall-użi identifikati fir-rapport dwar is-sikurezza kimika u x-xenarji ta' esponiment li juru kontroll tar-riskju mir-rapport dwar is-sikurezza kimika stipulat fl-anness tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

Minbarra l-informazzjoni mogħtija f'din it-taqsimha, tista' tinstab informazzjoni rilevanti fit-Taqsimha 8.

4
5 [It-test ta' hawn fuq jitqies li ma jeħtieġ l-ebda spjegazzjoni ulterjuri]
6

7 7.1 Prekawżjonijiet għal trattament sikur

Test tal-Anness II

7.1.1. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu speċifikati biex:

(a) jippermettu l-ġestjoni bla periklu tas-sustanza jew it-taħlita, bħal trażżin u miżuri li jipprevjenu n-nar kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' ajrusols u trab;

(b) jipprevjenu l-ġestjoni ta' sustanzi jew taħlitiet inkompatibbli;

(c) jiġbdu l-attenzjoni għall-operazzjonijiet u l-kundizzjonijiet li joħolqu riskji ġodda billi jbiddu l-proprjetajiet tas-sustanza jew it-taħlita, u l-kontromiżuri xierqa; u

(d) inaqqsu r-rilaxx tas-sustanza jew it-taħlita fl-ambjent, bħal pereżempju jevitaw it-tixrid jew jinżammu 'l bogħod mill-katusi.

7.1.2. Għandu jingħata parir dwar l-iġjene okkupazzjonali ġenerali fuq il-lant tax-xogħol, pereżempju:

(a) biex persuni ma jiklux, ma jixorbux u ma jpejpu f'żoni tax-xogħol;

(b) biex persuni jaħslu jdejhom wara l-użu; u

(c) biex persuni jneħħu l-ilbies u t-tagħmir protettiv kontaminat qabel jidħlu fiż-żoni għall-ikel.

1
2 Din is-subtaqsima għandha tipprovdi informazzjoni li tikkonċerna miżuri ta' protezzjoni għal
3 trattament sigur u miżuri tekniċi rakkomandati bħat-trażżin, miżuri għall-prevenzjoni tal-
4 ġenerazzjoni ta' aerosols u trabijiet u nar, miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-ambjent (eż. l-
5 użu ta' filtri jew purifikaturi fuq il-ventilazzjoni tal-egżost, l-użu f'żoni kollegati, miżuri għall-
6 ġbir u r-rimi ta' tixrid, eċċ) u kull rekwiżit jew regola speċifika li hija relatata mas-sustanza jew
7 it-taħlita (eż. proċeduri jew tagħmir li huma projbiti jew rakkomandati). Jekk possibbli, agħti
8 deskrizzjoni qasira tal-miżura.

9 Eżempju ta' kif tista' tidher l-istruttura ta' din is-subtaqsima jingħata hawn taħt:

TAQSIMA 7: Ġestjoni u ħżin

7.1 Prekawzjonijiet għal trattament sigur

Miżuri ta' protezzjoni:

Miżuri għall-prevenzjoni tan-nar:

Miżuri għall-prevenzjoni tal-aerosols u tat-trabijiet:

Miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent:

Parir dwar iġjene ġenerali fuq il-post tax-xogħol:

10
11

12 **7.2 Kundizzjonijiet għall-ħżin sigur, inkluż kwalunkwe nuqqas ta' kompatibbiltà**

Test tal-Anness II

Il-parir mogħti għandu jkun konsistenti mal-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi deskritti fit-Taqsima 9 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza. Jekk rilevanti, għandu jingħata parir dwar rekwiżiti speċifiċi ta' ħżin inkluż:

(a) Kif tittratta riskji assoċjati ma':

(i) atmosferi splussivi;

(ii) kundizzjonijiet korrużivi;

(iii) perikli ta' fjamabbiltà;

(iv) sustanzi jew taħlitiet inkompatibbli;

(v) kundizzjonijiet evaporattivi; u

(vi) sorsi potenzjali li jgabbdu (inkluż tagħmir elettriku);

(b) Kif għandhom jiġu kontrollati l-effetti ta':

(i) kundizzjonijiet tat-temp;

(ii) pressjoni ambjentali;

(iii) temperatura;

(iv) dawl tax-xemx;

(v) umidità u

(vi) vibrazzjoni.

(c) Kif għandha tinżamm l-integrità tas-sustanza jew tat-taħlita bl-użu ta':

(i) stabbilizzaturi; u

(ii) antiossidanti.

(d) Pariri oħra, inkluż:

(i) rekwiżiti ta' ventilazzjoni;

(ii) disinn speċifiku għall-kmamar jew għall-kontenituri ta' ħżin (inklużi l-ħitan għaż-żamma u l-ventilazzjoni);

(iii) limiti tal-kwantità f'kundizzjonijiet ta' ħżin (jekk rilevanti); u

(iv) kompatibbiltajiet tal-imballaġġ.

1
2 Din is-subtaqsima għandha, jekk rilevanti, tispeċifika l-kundizzjonijiet għal użu sikur bħal:

- 3 • disinn speċifiku għal kmamar jew bastimenti ta' ħżin (inklużi ħitan għaż-żamma u
4 ventilazzjoni)
- 5 • materjali inkompatibbli
- 6 • kundizzjonijiet ta' ħżin (limitu/firxa tal-umdità, dawl, gass inert, eċċ.)
- 7 • tagħmir elettriku speċjali u l-prevenzjoni tal-elettriku statiku
- 8

9 Is-subtaqsima għandha tinkludi wkoll parir - jekk rilevanti - dwar limiti ta' kwantitajiet taħt
10 kundizzjonijiet ta' ħżin (jew eż. indikazzjoni tal-livelli limiti ta' kwantitajiet li meta jinqabżu
11 tibda tapplika d-Direttiva Seveso III⁷³ għas-sustanza jew għall klassi tas-sustanza). Din is-

73 FI-2012 ġiet adottata Seveso III (id-Direttiva 2012/18/UE) filwaqt li tqiesu, fost l-oħrajn, il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanzi kimiċi u d-drittijiet miżjuda għaċ-ċittadini biex jaċċessaw l-informazzjoni u l-ġustizzja: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32012L0018>

- 1 subtaqsima għandha tindika wkoll kull rekwiżit speċjali bħat-tip ta' materjal użat fl-
2 imballaġġ/kontenituri tas-sustanza jew tat-taħlita.
- 3 Għandu jkun innutat li fil-kuntest tal-kontenut ta' informazzjoni li għandu jingħata fis-
4 subtaqsima 7.2 it-terminu "inkompatibiltajiet" għandu jinftehem li jinkludi inkompatibiltajiet
5 tas-sustanza jew tat-taħlita ma' materjali tal-imballaġġ li x'aktarx jidħlu f'kuntatt magħhom.
- 6 Xi fornituri jistgħu jagħżlu li jindikaw hawnhekk informazzjoni dwar sistemi nazzjonali ta' klassi
7 ta' ħżin. Il-klassi tal-ħżin hija derivata mill-klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita pura – l-
8 imballaġġ ma għandux jitqies għal dan l-iskop.
- 9 Mhuwiex rakkomandat li tiżdied informazzjoni tal-ħżin relatata mal-kwalità ma' din is-
10 subtaqsima. Jekk tiżdied din l-informazzjoni, għandu jiġi indikat b'mod ċar li hija informazzjoni
11 relatata mal-kwalità u mhux mas-sikurezza.
- 12 Eżempju ta' kif tista' tidher l-istruttura ta' din is-subtaqsima jingħata hawn taħt:

7.2 Kundizzjonijiet għall-ħżin sikur, inkluż kwalunkwe nuqqas ta' kompatibilità

Miżuri tekniċi u kundizzjonijiet ta' ħżin:

Materjali tal-imballaġġ:

Rekwiżiti għal kmamar u kontenituri tal-ħżin:

Klassi tal-ħżin:

Aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet ta' ħżin:

13
14

15 **7.3 Użu(i) finali speċifiku(ċi)**

Test tal-Anness II

Għal sustanzi u taħlitiet imfassla għal użi finali speċifiċi, ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jirrelataw mal-użu jew l-użi identifikati msemmija fis-subtaqsima 1.2 u jkunu dettaljati u operattivi. Jekk xenarju ta' esponiment huwa meħmuż, trid issir referenza għalih jew trid tingħata l-informazzjoni kif mitlub fis-subtaqsimiet 7.1 u 7.2. Jekk operatur fil-katina tal-forniment wettaq valutazzjoni tas-sikurezza kimika għat-taħlita, huwa biżżejjed li l-iskeda tad-data dwar is-sikurezza u x-xenarji tal-esponiment ikunu konsistenti mar-rapport dwar is-sikurezza kimika għat-taħlita pjuttost milli mar-rapporti dwar is-sikurezza kimika għal kull sustanza fit-taħlita. Jekk teżisti gwida speċifika għall-industrija jew is-settur, tista' ssir referenza dettaljata għaliha (inklużi s-sors u data tal-ħruġ).

- 16
17 Għal prodotti bijoċidali, bħala eżempju ta' sustanzi u taħlitiet maħsuba għal użi finali speċifiċi,
18 flimkien mal-użi identifikati elenkati fis-subtaqsima 1.2 li jridu jkunu elenkati, kwalunkwe użu
19 addizzjonali li għalih il-prodott ġie awtorizzat jista' jkun indikat (eż. il-preservazzjoni tal-injam,
20 id-diżinfezzjoni, il-kontroll tal-ħama, ppreżervar fil-bott, eċċ.) Tista' ssir referenza addizzjonali
21 għal kwalunkwe skeda informattiva teknika li tinkludi aktar informazzjoni li tikkonċerna l-
22 kwantità li għandha tkun applikata u l-istruzzjonijiet ta' trattament għal kull tip ta' użu.

- 23 Jekk l-SDS għandha xenarji tal-esponiment korrispondenti meħmużin, li jagħtu r-
24 rakkomandazzjonijiet neċessarji relatati mat-trattament u l-użu sikur, u ssir referenza

1 għalihom ma hemm l-ebda hteġa li din is-subtaqsima tintuża għal rakkomandazzjonijiet
2 dettaljati għal użi finali speċifiċi.

3 Għal sustanzi li għalihom mhumiex meħtieġa xenarji tal-esponiment (eż. sustanzi li għalihom
4 ma huwa meħtieġ l-ebda CSA, minħabba li mhumiex soġġetti għal reġistrazzjoni $f' \geq 10 \text{ t/a}^{74}$),
5 din it-taqsima tista' tintuża ukoll biex tinkludi informazzjoni simili jew ekwivalenti għal dik li
6 xort'oħra kienet tingħata b'mod aktar komplet f'xenarju tal-esponiment. Din it-taqsima tista'
7 wkoll tkun ta' użu potenzjali fil-każ tal-SDSs għal taħlitiet li għalihom ebda dokument ta'
8 konsolidazzjoni ekwivalenti għal "xenarju tal-esponiment għat-taħlita" ma huwa meħmuż.

9 Eżempju ta' kif tista' tidher l-istruttura ta' din is-subtaqsima jingħata hawn taħt:

7.3 Użu(i) finali speċifiku(ċi):

Rakkomandazzjonijiet:

Soluzzjonijiet speċifiċi għas-settur industrijali:

10

11 3.8 SDS TAQSIMA 8 Kontrolli tal-esponiment/protezzjoni personali

12 Nota: għal dawk li jikkompilaw SDSs għal "taħlitiet speċjali"⁷⁵, informazzjoni addizzjonali dwar
13 kif għandha tkun addattata it-Taqsima 8 tingħata fl-Anness 2.

Test tal-Anness II

Din it-taqsima tal-iskeda ta' data dwar is-sikurezza għandha tiddeskrivi l-limiti applikabbli ta' esponiment waqt ix-xogħol u l-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju neċessarji.

Fejn jinħtieġ rapport dwar is-sikurezza kimika, l-informazzjoni f'din it-taqsima tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija għall-użi identifikati fir-rapport dwar is-sikurezza kimika u x-xenarji ta' esponiment li juru kontroll tar-riskju mir-rapport dwar is-sikurezza kimika stipulat fl-anness tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

14

15 8.1 Parametri ta' kontroll⁷⁶

Test tal-Anness II

74 Nota: Anke għal sustanzi $f' > 10 \text{ t/a}$ li għalihom huwa meħtieġ CSA hemm kriterji ulterjuri skont l-Artikolu 14(4) qabel ma jkun meħtieġ xenarju tal-esponiment, madankollu dawn il-kriterji jkunu japplikaw għall-maġġoranza tas-sustanzi li għalihom tkun meħtieġa SDS.

75 Taħlitiet speċjali huma dawk li fihom fattur komuni huwa li l-proprjetajiet tas-sustanzi kostitwenti huma modulati mill-inklużjoni tagħhom fi ħdan il-matriċi tat-taħlita. Id-disponibbiltà għall-esponiment tas-sustanzi kostitwenti u l-potenzjal tagħhom li jesprimu xi proprjetà ekotossikoloġika/tossika jistgħu jkunu effettwati wara l-inklużjoni tagħhom fil-matriċi.

76 JEKK JOGĦĠBOK INNOTA LI META JINGĤATAW NOTI FIL-QIEGĤ TAL-PAĠNA BĤALA PARTI MIT-TEST LEGALI ORİĠINALI KKWOTAT HUMA RIPRODOTTI (BIL-KORSIV) FIL-FORMA ORİĠINALI TAGĤHOM, ANKE META L-AĠĠORNAMENTI GĤAD-DOKUMENTI ĊITATI JISTGĤU JKUNU DISPONIBBLI DIĠÀ.

8.1.1. Meta disponibbli, għandhom jiġu elenkati għas-sustanza jew għal kull waħda mis-sustanzi fit-taħlita, il-valuri nazzjonali ta' limitu li ġejjin, inkluża l-bażi legali ta' kull wieħed minnhom, li bħalissa huma applikabbli fl-Istat Membru li fih qed tingħata l-iskeda tad-data dwar is-sikurezza. Meta jiġu elenkati l-valuri ta' limitu ta' esponiment, għandha tintuża l-identità kimika kif speċifikat fit-Taqsima 3.

8.1.1.1. il-valuri nazzjonali tal-limitu ta' esponiment fuq il-lant tax-xogħol li jikkorrispondu għall-valuri ta' limitu ta' esponiment fuq il-lant tax-xogħol tal-Unjoni skont id-Direttiva 98/24/KE, inkluż kull notament kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/113/UE (4) ⁽⁷⁷⁾;

8.1.1.2. il-valuri nazzjonali tal-limitu ta' esponiment fuq il-lant tax-xogħol li jikkorrispondu għall-valuri ta' limitu tal-Unjoni skont id-Direttiva 2004/37/KE, inkluż kull notament kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni 2014/113/UE;

8.1.1.3. kull valur nazzjonali ieħor ta' limitu ta' esponiment fuq il-lant tax-xogħol;

8.1.1.4. il-valuri nazzjonali tal-limitu bijoloġiku li jikkorrispondu għall-valuri ta' limitu bijoloġiku tal-Unjoni skont id-Direttiva 98/24/KE, inkluż kull notament kif imsemmi fl-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni 2014/113/UE;

8.1.1.5. kull valur nazzjonali ieħor ta' limitu bijoloġiku fuq il-lant tax-xogħol.

8.1.2. Għandha tingħata informazzjoni dwar proċeduri rakkomandati bħalissa ta' monitoraġġ mill-inqas għall-aktar sustanzi rilevanti.

8.1.3. Jekk meta s-sustanza jew it-taħlita tintuża kif suppost jiffurmaw kontaminanti tal-arja, il-valuri applikabbli tal-limitu ta' esponiment waqt xogħol u/jew il-valuri bijoloġiċi ta' limitu għal dawn għandhom jiġu elenkati wkoll.

8.1.4. Meta jintalab rapport dwar is-sikurezza kimika jew jekk ikun disponibbli DNEL kif imsemmi fit-Taqsima 1.4 tal-Anness I jew PNEC kif imsemmi fit-Taqsima 3.3 tal-Anness I, id-DNELs u l-PNECs rilevanti għas-sustanza għandhom jingħataw għax-xenarji ta' esponiment mir-rapport dwar is-sikurezza kimika stipulat fl-anness tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

8.1.5. Meta tintuża strateġija ta' kontrolli raggruppati biex issir deċiżjoni dwar miżuri ta' ġestjoni tar-riskju fir-rigward ta' użi speċifiċi, għandu jingħata biżżejjed dettall biex jippermetti l-ġestjoni effettiva tar-riskju. Il-kuntest u l-limitazzjonijiet tar-rakkomandazzjoni speċifika ta' kontrolli raggruppati għandhom ikunu ċari.

1
2

Valuri ta' limitu ta' esponiment professjonali

3
4
5
6
7
8

Din is-subtaqsima għandha tinkludi parametri ta' kontroll speċifiċi applikabbli fil-preżent inklużi valuri ta' limitu ta' esponiment professjonali (OEL) u/jew valuri tal-limitu bijoloġiku. Għandhom jingħataw valuri għall-Istat Membru fejn is-sustanza jew it-taħlita titqiegħed fis-suq. Filwaqt li fornitur jista' jsibha Prattika li jipprova OELs għal diversi Stati Membri, hemm rekwiżiti nazzjonali, bħal dawk fis-subtaqsimiet 1.1, 1.4 u 15.1 kif ukoll ir-rekwiżit tal-lingwa nazzjonali, li jfisser li l-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tkun speċifika għal Stat Membru.

9
10
11

Għandu jkun innutat li għalkemm għat-Taqsima 3 tal-SDS ir-rekwiżit huwa b'mod ċar li jkun elenkati sustanzi b'valur limitu tal-Unjoni⁷⁸, għat-Taqsima 8 ir-rekwiżit huwa li l-valuri ta' limitu nazzjonali ta' esponiment professjonali li jikkorrispondu għall-OELs tal-Unjoni għandhom ikunu

77 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/113/UE tat-3 ta' Marzu 2014 li tistabbilixxi Kumitat Xjentifiku għal-Limiti tal-Exponiment għal Aġenti Kimiċi fuq il-Post tax-Xogħol u li tħassar id-Deċiżjoni 95/320/KE (ĠU L 62, 4.3.2014, p. 18).

78 Ara l-punt 3.2.1 (b) tat-test tal-Anness II hawn fuq.

1 elenkati u anke fl-assenza ta' OEL tal-Unjoni kull limitu nazzjonali rilevanti għandu jkun
2 elenkat (ara l-punti 8.1.1.1 + 8.1.1.2. u 8.1.1.3. tat-test legali kkwotat hawn fuq,
3 rispettivament). F'każijiet fejn Valur ta' Limitu Indikattiv ta' Esponiment Professjonali (IOELV)
4 ġie stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea iżda għadu ma ġiex traspost għal-liġi nazzjonali tal-
5 Istat Membru individwali huwa ideali li jingħata l-valur tal-Unjoni, għalkemm mhux meħtieġ
6 b'mod speċifiku.

7

8

9 II-bażi tad-*data* tal-Valuri ta' Limiti Internazzjonali GESTIS tista' tkun partikolarment utli bħala
10 sors ta' dan it-tip ta' informazzjoni: <https://limitvalue.ifa.dguv.de/>

11

12 Hemm ukoll bażijiet tad-*data* kummerċjali disponibbli fejn dan it-tip ta' informazzjoni huwa
13 disponibbli fuq abbonament jew bażi ieħor ta' ħlas.

14 **Informazzjoni dwar proċeduri ta' monitoraġġ**

15 L-informazzjoni f'din is-subtaqsima għandha tinkludi wkoll il-metodi rakkomandati fil-preżent
16 għall-monitoraġġ jew dawk ta' osservazzjoni mill-inqas għas-sustanzi l-aktar rilevanti. Dawn il-
17 metodi ta' monitoraġġ jistgħu jkunu: monitoraġġ tal-arja personali, monitoraġġ tal-arja tal-
18 kamra, monitoraġġ bijoloġiku eċċ. skont standards miftiehma. L-istandard speċifiku għandu
19 jkollu referenzi, pereżempju:

"EN 14042:2003 Identifikatur tat-Titolu: Atmosferi fuq il-post tax-xogħol. Gwida għall-
applikazzjoni u l-użu ta' proċeduri għall-valutazzjoni tal-esponiment għal aġenti kimiċi u bijoloġiċi."

20

21 Għandu jkun innutat li minħabba li l-limiti applikabbli u l-bażi ġuridika tagħhom huma dawk ta'
22 Stati Membri individwali li fis-suq tagħhom qiegħda titqiegħed is-sustanza jew it-taħlita, il-
23 metodi ta' monitoraġġ tal-pajjiż li għalih qiegħda tiġi pprovduta l-SDS għandhom jieħdu
24 preċedenza fuq dawk tal-pajjiż tal-orijini fejn ikun hemm differenza fil-metodi.

25 Għal taħlitiet, għandu jkun ikkunsidrat li r-rekwiżit li "*Informazzjoni dwar proċeduri ta'*
26 *monitoraġġ irrakkmandati fil-preżent għandha tkun ipprovduta għall-inqas għas-sustanzi l-*
27 *aktar rilevanti*" ifisser li għandha tkun ipprovduta mill-inqas għal dawk is-sustanzi kosistwenti li
28 huma meħtieġa li jkunu elenkati fis-subtaqsima 3.2 tal-SDS jekk disponibbli⁷⁹.

29 II-Livelli Derivati ta' Bla Effett (DNELs) u Konċentrazzjonijiet Previsti ta' Bla Effett (PNECs)
30 applikabbli għax-xenarji tal-esponiment fi kwalunkwe anness meħtieġ għall-SDS għal sustanza
31 jew taħlita speċifika jistgħu jkunu elenkati flimkien ma' – u bl-istess mod bħal - l-OELs diskussi
32 hawn fuq, jew jistgħu jkunu elenkati jew tabellati separatament, skont il-preferenza tal-
33 fornitur.

34 Għandu jkun innutat li d-DNELs u l-PNECs applikabbli biss għandhom ikunu elenkati – l-oħrajn
35 għandhom jitneħħew mil-lista kif xieraq.

36 Eżempju ta' kif l-informazzjoni meħtieġa dwar id-DNELs u l-PNECs f'din it-taqsima tista' tkun
37 strutturata jingħata hawn taħt:

79 Għal ċerti tipi ta' sustanzi u taħlitiet (eż. UVCBs kumplessi) metodi bħal dawn jistgħu ma jkunux disponibbli.

I SEM TAS-SUSTANZA

Numru KE:

Numru CAS:

DNELs

Rotta tal-esponiment	Faddiema				Konsumaturi			
	Effetti akuti lokali	Effetti akuti sistemiċi	Effetti kroniċi lokali	Effetti kroniċi sistemiċi	Effetti akuti lokali	Effetti akuti sistemiċi	Effetti kroniċi lokali	Effetti kroniċi sistemiċi
Orali	Mhux meħtieġa							
Teħid man-nifs								
Dermali								

Kull waħda miċ-ċelloli għandha tinkludi xi ħaġa mill-informazzjoni li ġejja: i) valur DNEL b'unità jew ii) periklu identifikat iżda l-ebda DNEL disponibbli jew iii) l-ebda esponiment mistenni, iv) l-ebda periklu identifikat

PNECs

Mira tal-ħarsien tal-ambient	PNEC
Ilma ħelu	
Sedimenti tal-ilma ħelu	
Ilma baħar	
Sedimenti tal-ilma baħar	
Katina alimentari	
Mikroorqaniżmi fit-trattament tad-dranaġġ	
Ħamrija (aġrikola)	
Aria	

Kull waħda miċ-ċelloli għandha tinkludi xi ħaġa mill-informazzjoni li ġejja: i) valur DNEL b'unità jew ii) periklu identifikat iżda l-ebda DNEL disponibbli jew iii) l-ebda esponiment mistenni, iv) l-ebda periklu identifikat

1 L-approċċ ta' raggruppament tal-kontroll

2 Skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, ir-Raggruppament tal-Kontroll jista' jkun
3 deskritt kif ġej⁸⁰:

4 Huwa approċċ kumplimentari għall protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiem b'enfasi fuq ir-riżorsi dwar
5 il-kontrolli tal-esponiment. Minħabba li mhuwiex possibbli li jkun attribwit Limitu ta'
6 Esponiment Professionali għal kull sustanza kimika użata, sustanza kimika hija attribwita għal
7 "raggruppament" għal miżuri ta' kontroll, fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni ta' periklu tagħha skont
8 kriterji internazzjonali, l-ammont tas-sustanza kimika użat, u l-volatilità/it-trab tagħha. L-eżitu
9 huwa wieħed minn erba' strateġiji ta' kontroll rakkomandati:

10 1. Adotta prattika ta' iġjene industrijali tajba

11 2. Uża ventilazzjoni lokali tal-egżost

12 3. Agħlaq il-proċess

13 4. Fittex il-parir ta' speċjalista

14

15 Għandu jkun innutat li l-użu tal-approċċ tar-raggruppament tal-kontroll mhuwiex obligatorju.
16 Madankollu, meta jintuża minbarra l-informazzjoni meħtieġa b'mod legali kif spjegat hawn fuq
17 għandu jingħata dettall suffiċjenti biex tkun possibbli l-ġestjoni effettiva tar-riskju u l-kuntest u
18 l-limitazzjonijiet tar-rakkomandazzjoni speċifika tar-raggruppament tal-kontroll għandhom
19 ikunu magħmula ċari.

20

21 8.2 Kontrolli tal-esponiment

Test tal-Anness II

Għandha tingħata l-informazzjoni mitluba fis-subtaqsima attwali, sakemm ma jkunx hemm xenarju tal-esponiment li fih dik l-informazzjoni meħmuż mal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

Meta l-fornitur ma jkunx applika test skont it-Taqsima 3 tal-Anness XI, huwa għandu jindika l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' użu li ntrabat fuqhom biex jiġġustifika li jwarrab it-test.

Meta sustanza tkun ġiet irreġistrata bħala sustanza intermedja iżolata (fuq il-post jew trasportata), il-fornitur għandu jindika li din l-iskeda ta' data dwar is-sikurezza hija konsistenti mal-kundizzjonijiet speċifiċi li tqiesu għall-ġustifikazzjoni tar-reġistrazzjoni skont l-Artikoli 17 jew 18.

8.2.1. Kontrolli xierqa ta' inġinerija

Id-deskrizzjoni ta' miżuri xierqa ta' kontroll ta' esponiment għandha tirrelata mal-użi identifikati tas-sustanza jew it-taħlita kif imsemmi fis-Subtaqsima 1.2. Din l-informazzjoni għandha tkun biżżejjed biex tippermetti lil min iħaddem li jwettaq valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiem li joriġina mill-preżenza tas-sustanza jew it-taħlita skont l-Artikoli 4 sa 6 tad-Direttiva 98/24/KE u l-Artikoli 3 sa 5 tad-Direttiva 2004/37/KE, fejn xieraq.

Din l-informazzjoni għandha tikkomplimenta dik mogħtija diġà fit-Taqsima 7.

8.2.2. Miżuri individwali ta' protezzjoni, bħalma huwa tagħmir personali protettiv

8.2.2.1. L-informazzjoni dwar l-użu ta' tagħmir personali protettiv għandha tkun konsistenti ma' prassi tajba ta' iġjene waqt ix-xogħol u flimkien ma' miżuri oħra ta' kontroll, inklużi

80 Ara: http://www.ilo.org/legacy/english/protection/safework/ctrl_banding/whatis.htm.

kontrolli ta' inġinerija, ventilazzjoni u iżolazzjoni. Meta xieraq, għandha ssir referenza għat-Taqsima 5 għal parir speċifiku tat-tagħmir protettiv dwar nar/kimika.

8.2.2.2. Filwaqt li jiġi kkunsidrat ir-*Regolament (KE) Nru 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ⁽⁸¹⁾ u b'referenza għall-istandards CEN xierqa, għandhom jingħataw speċifikazzjonijiet dettaljati dwar liema tagħmir għandu jipprovi protezzjoni adegwata u xierqa, inkluż:

(a) *Protezzjoni tal-għajn/tal-wiċċ*

It-tip ta' tagħmir ta' protezzjoni tal-għajn/tal-wiċċ rikjest għandu jiġi speċifikat abbażi tal-periklu tas-sustanza jew it-taħlita u l-potenzja ta' kuntatt, bħalma huma nuċċalijiet tas-sikurezza, goggles tas-sikurezza, maskri tal-protezzjoni tal-wiċċ.

(b) *Protezzjoni tal-ġilda*

(i) *Protezzjoni tal-id*

It-tip ta' ingwanti li għandhom jintlibsu meta tkun qed tinżamm sustanza jew taħlita għandu jiġi speċifikat b'mod ċar abbażi tal-periklu tas-sustanza jew it-taħlita u l-potenzjal ta' kuntatt u fir-rigward tal-ammont u t-tul ta' ħin ta' esponiment għall-ġilda, inklużi:

- *it-tip tal-materjal u l-ħxuna tiegħu,*
- *ir-reżistenza tipika jew minima tal-materjal tal-ingwanti.*

Jekk meħtieġ għandha tiġi indikata kwalunkwe miżura addizzjonali ta' protezzjoni għall-id.

(ii) *Oħra*

Jekk ikun meħtieġ li tiġi protetta parti tal-ġisem apparti l-idejn, it-tip u l-kwalità tat-tagħmir tal-protezzjoni rikjest għandhom jiġu speċifikati, bħalma huma ingwanti twal, bwiez, bodysuit abbażi tal-perikli assoċjati mas-sustanza jew it-taħlita u l-potenzjal ta' kuntatt.

Jekk neċessarju, għandha tiġi indikata kwalunkwe miżura addizzjonali ta' protezzjoni tal-ġilda u miżura speċifika ta' iġjene.

(c) *Protezzjoni respiratorja*

Għal gassijiet, fwar, nida jew trab, it-tip ta' tagħmir protettiv li għandu jintuża għandu jkun speċifikat abbażi tal-periklu u l-potenzjal ta' esponiment, inklużi respiraturi li jippurifikaw l-arja, filwaqt li jiġi speċifikat l-element xieraq ta' purifikazzjoni (kontenitur issiġillat jew ċilindru), il-filtri adegwati għal partiċelli minuskoli separati u l-maskri adegwati, jew apparat awtonomu għan-nifs.

(d) *Perikli termiċi*

Meta jiġi speċifikat tagħmir protettiv li għandu jintlibes għal materjali li joffru periklu termali, għandha tiġi kkunsidrata b'mod speċjali l-ħadma tat-tagħmir personali protettiv.

⁸¹ Ir-Regolament (KE) Nru 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).

8.2.3. Kontrolli ta' esponiment ambjentali

Għandha tiġi speċifikata l-informazzjoni mitluba mill-impjegatur biex jissodisfa l-impenji tiegħu skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ambjentali.

Meta jkun rikjest rapport dwar is-sikurezza, għandha tingħata taqsira tal-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju li jikkontrollaw b'mod xieraq l-esponiment tal-ambjent għas-sustanza għal xenarji ta' esponiment stipulati fl-anness tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

1
2 "II-Kontroll tal-esponiment" għandu hawnhekk jinftiehem li jfisser il-miżuri kollha ta'
3 protezzjoni u l-prekawzjonijiet kollha li għandhom jittiegħdu matul l-użu tas-sustanza jew tat-
4 taħlita biex ikun minimizzat l-esponiment tal-ħaddiem u dak ambjentali. Għaldaqstant kull
5 informazzjoni disponibbli li tikkonċerna l-esponiment fuq il-post tax-xogħol għandha tkun
6 indikata f'din is-subtaqsima, sakemm ma tkunx inkluża f'xenarju tal-esponiment meħmuż
7 f'liema każ għandha ssir referenza għalih.

8 Meta regolamenti dwar id-disinn li jikkonċernaw faċilitajiet tekniċi huma meħtieġa għal kontroll
9 tal-esponiment minbarra l-gwida pprovduta fit-Taqsima 7." II-Ġestjoni u l-ħżin" dawn
10 għandhom ikunu emendati fil-forma ta' "Gwida addizzjonali dwar id-disinn ta' faċilitajiet
11 tekniċi".

12 Din is-subtaqsima tista' tinkludi kontroreferenzi għall-informazzjoni pprovduta fit-Taqsima 7
13 tal-SDSs "II-Ġestjoni u l-ħżin" jekk xieraq.
14

15 **Kontrolli xierqa tal-ingerija** (il-punt 8.2.1 fit-test legali hawn fuq)

16 Għandha tingħata informazzjoni fis-subtaqsima 8.2 tal-SDS li tgħin lill-impjegatur jiżviluppa l-
17 miżuri meħtieġa tal-ġestjoni u tat-tnaqqis tar-riskju skont l-obbligi tiegħu taħt id-
18 Direttivi 98/24/KE u 2004/37/KE⁸² dwar id-disinn ta' metodi tax-xogħol u faċilitajiet ta' kontroll
19 tekniku addattati kif ukoll l-użu ta' tagħmir u materjali tax-xogħol addattati, ibbażati fuq l-użi
20 identifikati (subtaqsima 1.2 tal-SDS). Dawn jinkludu, pereżempju l-implimentazzjoni ta' mezzi
21 ta' protezzjoni kollettiva fis-sors ta' periklu, u ta' miżuri ta' protezzjoni individwali li jinkludu l-
22 provviżjoni ta' tagħmir personali ta' protezzjoni.

23 Għandha tkun ipprovduta informazzjoni addattata dwar dawn il-miżuri biex tkun tista' titwettaq
24 valutazzjoni tar-riskju addattata skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/24/KE. Din l-informazzjoni
25 għandha tkun konsistenti ma' dik mogħtija fis-subtaqsima 7.1 tal-SDS. Jekk xenarju(i) tal-
26 esponiment wieħed jew aktar jiġi(u) meħmuż(in) mal-SDS għal sustanza hemmhekk l-
27 informazzjoni mogħtija għandha tkun konsistenti wkoll ma' dik mogħtija fl-ESs. Fil-każ ta'
28 taħlitiet, l-informazzjoni mogħtija għandha tirrifletti konsolidazzjoni tal-informazzjoni dwar
29 komponenti.
30

31 **Protezzjoni personali** (il-punt 8.2.2 fit-test legali hawn fuq)

32 Huwa rekwiżit li speċifikazzjonijiet dettaljati tat-tagħmir li jipprovdi protezzjoni adegwata u
33 addattata jingħataw fejn tkun meħtieġa protezzjoni personali, b'kont meħud tar-Regolament

82 Rettifika għad-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-esponiment għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE) (verżjoni kodifikata) ĠU L 229, 29.6.2004, p. 23.

1 (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸³ u b'referenza għall-istandards CEN
2 rilevanti.

3 It-tagħmir għandu jkun speċifikat f'dettall suffiċjenti (eż. f'termini ta' xorta, tip u klassi) biex
4 ikun żgurat li jipprovdi protezzjoni adegwata u addattata tul l-użi previsti.

5 Sors utli ta' din l-informazzjoni jista' jkun il-fornituri jew il-manifatturi ta' tagħmir ta'
6 protezzjoni li jista' jkollhom disponibbli linji ta' għajnuna u siti web.

7 Innota li rekwiżiti dettaljati mogħtija fit-test legali mhumiex ikkwotati kompletament mill-ġdid
8 sakemm ma tkunx qiegħda tingħata kjarifika ulterjuri.
9

10 **Protezzjoni tal-għajnejn/wiċċ**

11 It-tip ta' apparat meħtieġ għall-protezzjoni tal-għajnejn, bħal: nuċċali tas-sikurezza, gogils tas-
12 sikurezza, protezzjoni tal-wiċċ, għandu jkun speċifikat fuq il-bażi tal-periklu tas-sustanza jew
13 tat-taħlita u l-potenzjal għal kuntatt.
14

15 **Protezzjoni tal-ġilda**

16 Informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ġilda tista' tkun suddiviża f'(i) "protezzjoni tal-idejn" u ii)
17 "oħrajn" (skont dak issuġġerit mit-test legali, li jeħtieġ li t-tnejn ikunu inklużi jekk neċessarju).
18 F'dan il-kuntest għandu jkun innutat li "ġilda, oħrajn" hija koperta minn "protezzjoni tal-ġisem"
19 bħala subtaqsima tal-informazzjoni dwar il-protezzjoni tal-ġilda, sakemm ma jkunx speċifikat
20 mod ieħor.

21 Għal darba oħra t-tagħmir għandu jkun speċifikat fuq il-bażi ta' periklu u potenzjal għal kuntatt
22 u d-durata potenzjali u l-ammont ta' esponiment.

23 Għandu jkun innutat li meta jkun ikkalkolat il-ħin massimu li għalih tista' tintlibes il-protezzjoni
24 tal-ġilda (eż. ingwanti) huwa neċessarju li jitqies iż-żmien massimu ta' esponiment għas-
25 sustanza(i) rilevanti u mhux sempliċiment il-ħin tax-xogħol totali.

26 F'xi każijiet, ir-referenza għal ingwanti twal (jiġifieri ingwanti bil-pulzier estiż li jgħatti parti
27 mid-dirgħajn) jista' jkollha tiġi inkluża. F'dan il-każ, innota li minħabba li l-protezzjoni tingħata
28 flimkien ma' dik għal parti tal-ġisem għajr l-id innifisha, din tkun taħt is-suddiviżjoni "oħrajn"
29 ta' din is-subtaqsima.
30

31 **Protezzjoni respiratorja**

32 Speċifika t-tip ta' tagħmir ta' protezzjoni li għandu jintuża, bħal apparat respiratorju awtonomu
33 jew maskra, inkluż it-tip ta' filtru meħtieġ. Huwa rakkomandat li għandha tingħata
34 informazzjoni dwar il-fattur ta' protezzjoni attribwit (APF) li għandu jintuża fix-xenarju
35 partikolari, jekk disponibbli. Għandu jiġu nnutat li l-maskri b'filtru jistgħu jkunu ta' użu limitat
36 f'każijiet ta' esponiment għoli jew mhux magħruf, u l-apparat respiratorju awtonomu għandu
37 jintuża biss taħt ċerti kundizzjonijiet.
38

39 **Kontrolli tal-Esponiment Ambjentali** (il-punt 8.2.3 fit-test legali)

83 Ir-Regolament (KE) Nru 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).

- 1 Din is-subtaqsima tinkludi l-informazzjoni meħtieġa mill-impjegatur biex jissodisfa l-obbligi
- 2 tiegħu taħt leġislazzjoni tal-ħarsien tal-ambjent. Jekk xieraq, referenza għat-TAQSIMA 6 tal-
- 3 SDS tista' tkun inkluża⁸⁴.
- 4 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din is-subtaqsima tista' tidher jingħata hawn taħt⁸⁵:

8.2 Kontrolli tal-esponiment

8.2.1 Kontrolli xierqa tal-inġinerija:

Miżuri relatati mas-sustanza/mat-taħlita għall-prevenzjoni tal-esponiment matul użi identifikati:

Miżuri strutturali għall prevenzjoni tal-esponiment:

Miżuri organizzazzjonali għall-prevenzjoni tal-esponiment:

Miżuri tekniċi għall-prevenzjoni tal-esponiment:

8.2.2 Tagħmir ta' Protezzjoni Personali:

8.2.2.1 Protezzjoni tal-għajnejn u tal-wiċċ:

8.2.2.2 Protezzjoni tal-ġilda:

Protezzjoni tal-idejn:

Protezzjoni oħra tal-ġilda:

8.2.2.3 Protezzjoni respiratorja:

8.2.2.4 Perikli termiċi:

8.2.3 Kontrolli tal-esponiment ambjentali:

Miżuri relatati mas-sustanza/mat-taħlita għall-prevenzjoni tal-esponiment:

Miżuri ta' istruzzjoni għall-prevenzjoni tal-esponiment:

Miżuri organizzazzjonali għall-prevenzjoni tal-esponiment:

Miżuri tekniċi għall-prevenzjoni tal-esponiment:

5

6

84 Innota li l-miżuri li għandhom ikunu deskritti taħt is-subtaqsima 8.2 huma dawk li għandhom ikunu implimentati taħt tħaddim normali, filwaqt li dawk fit-TAQSIMA 6 huma għal rilaxx aċċidentali. Jistgħu għaldaqstant ikunu differenti ħafna.

85 Għandek tinnota li n-numerazzjoni taħt il-livell tas-subtaqsima 8.2 fl-eżempju **mhijjex** rekwiżit legali – din iddaħħlet għal raġunijiet ta' ċarezza. Ara wkoll in-nota fil-kapitolu 2.6 ta' din il-gwida dwar n-numerazzjoni tas-subtaqsimiet.

1 3.9 SDS TAQSIMA 9: Proprjetajiet fiżiċi u kimiċi

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda ta' data dwar is-sikurezza għandha tiddeskrivi d-data empirika relatata mas-sustanza jew mat-taħlita, jekk rilevanti. Għandu japplika l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Biex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri xierqa ta' kontroll, għandha tingħata l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sustanza jew dwar it-taħlita. L-informazzjoni f'din it-taqsimha għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija fir-reġistrazzjoni jew fir-rapport tas-sigurtà kimika fejn meħtieġ, u flimkien mal-klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita.

Fil-każ ta' taħlita, meta l-informazzjoni ma tkunx tapplika għat-taħlita fit-totalità tagħha, l-entrati għandhom jindikaw b'mod ċar għal liema sustanza fit-taħlita tapplika d-data.

Il-proprjetajiet rapportati għandhom ikunu identifikati b'mod ċar u għandhom jiġu rapportati fl-unitajiet tal-kejl xierqa. Għandu jingħata l-metodu ta' determinazzjoni, inkluż il-kejl u l-kundizzjonijiet ta' referenza, jekk dawn ikunu rilevanti għall-interpretazzjoni tal-valur numeriku. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, il-kundizzjonijiet standard tat-temperatura u tal-pressjoni huma 20 °C u 101,3 kPa, rispettivament.

Il-proprjetajiet elenkati fis-subtaqsimiet 9.1 u 9.2 jistgħu jingħataw f'forma ta' lista. Fis-subtaqsimiet, l-ordni tal-elenku tal-proprjetajiet tista' tkun differenti jekk jitqies xieraq.

2

3 Huwa għaldaqstant rekwiżit primarju li l-informazzjoni f'din it-taqsimha tkun konsistenti mal-
4 informazzjoni pprovduta fid-dossier ta' reġistrazzjoni u fis-CSR meta meħtieġ, u wkoll mal-
5 klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita – għandha għaldaqstant tkun ta' sostenn għal kull
6 klassifikazzjoni ta' trasport mogħtija fit-Taqsima 14 kif ukoll l-informazzjoni tal-klassifikazzjoni
7 u l-ittikkettar fit-Taqsima 2.

8 Fil-kuntest ta' deċiżjoni dwar jekk l-informazzjoni speċifika għandhiex tidher fit-Taqsima 9 jew
9 fit-Taqsima 10 tal-SDS, storikament il-prattika kienet għat-Taqsima 9 li tinkludi valuri numeriċi
10 (imkejla) għal proprjetajiet fiżiċi u kimiċi, filwaqt li t-Taqsima 10 għandha tagħti deskrizzjoni
11 tal-proprjetajiet intrinżiċi (kwalitattivi) (inklużi interazzjonijiet potenzjalment perikolużi ma'
12 sustanzi oħra) li jirriżultaw minn (jew huma relatati ma') dawn il-valuri.

13 Ir-rekwiżit li "din it-taqsimha tal-iskeda tal-SDS għandha tiddeskrivi d-data empirika relatata
14 mas-sustanza jew it-taħlita, jekk rilevanti" għandha tkun interpretata li tfisser li għandhom
15 jingħataw f'din it-taqsimha l-valuri li x'aktarx ikunu f'firxa rilevanti għall-klassifikazzjoni u l-
16 perikli ta' sustanza jew taħlita. Għaldaqstant, pereżempju, għandu jingħata l-punt ta'
17 f'ammabbiltà ta' likwidu organiku volatili li x'aktarx ikun ikklassifikat bħala li jaqbad, filwaqt li
18 ma hemm l-ebda ħtieġa li dan ikun determinat għal solidu b'punt tat-tidwib għoli. Meta ssir xi
19 dikjarazzjoni biex tindika li proprjetà partikolari ma tapplikax din għandha tkun ibbażata fuq
20 nuqqas ċar ta' rilevanza, li r-raġuni għaliha għandha tkun dikjarata jekk mhux ovvja, u mhux
21 fl-assenza ta' informazzjoni. Diffrenzjar ċar għandu jsir ukoll bejn każijiet fejn l-ebda
22 informazzjoni ma hija disponibbli għall-kompilatur (eż. "l-ebda informazzjoni disponibbli għax
23 mhux prattiku li tiġi mkejla"), u f'każijiet fejn huma disponibbli riżultati tat-test attwali
24 negattivi.

25 Id-data għandha preferibbilment tkun ġiet iġġenerata f'konformità mal-metodi tal-ittestjar
26 imsemmija fir-Regolamenti REACH jew CLP, dispożizzjonijiet tat-trasport jew prinċipji jew
27 proċeduri internazzjonali għall-validazzjoni ta' informazzjoni, sabiex tkun żgurata l-kwalità u l-
28 komparabbiltà tar-riżultati u konsistenza mar-rekwiżiti l-oħra f'livell internazzjonali jew tal-
29 Unjoni. L-informazzjoni f'din it-taqsimha għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija

- 1 fid-dossier ta' reġistrazzjoni u fir-rapport tas-sigurtà kimika fejn meħtieġ, u flimkien mal-
2 klassifikazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita.
- 3 Kif speċifikat fil-metodi tat-test rilevanti, informazzjoni kritika bħat-temperatura tat-test u
4 metodi użati, li jaffettwaw il-valur tal-proprjetajiet fiżiċi-kimiċi u karatteristiċi tas-sigurtà,
5 għandhom ikunu pprovduti għar-riżultati kollha tal-ittestjar u, jekk disponibbli, għal data
6 akkwistata mil-litteratura.
- 7 Għal taħlitiet, fejn l-informazzjoni ma tapplikax għat-taħlita b'mod ġenerali l-iskrizzjonijiet
8 għandhom jindikaw b'mod ċar għal-liema sustanza fit-taħlita tapplika d-data.
9

10 9.1 Informazzjoni dwar proprjetajiet fiċiżi u kimiċi bażiċi

Test tal-Anness II

Kull skeda ta' data ta' sigurtà għandha tinkludi l-proprjetajiet imsemmija hawn taħt. Jekk ikun dikjarat li xi proprjetà partikolari ma tapplikax, jew jekk l-informazzjoni dwar proprjetà partikolari ma tkunx disponibbli, għandhom jingħataw ir-raġunijiet.

(a) *Stat fiżiku*

B'mod ġenerali għandu jiġi indikat l-istat fiżiku (gass, likwidu jew solidu) f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura u ta' pressjoni.

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet tat-termini gass, likwidu u solidu kif mogħtija fit-Taqsima 1.0 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(b) *Kulur*

Għandu jiġi indikat il-kulur tas-sustanza jew tat-taħlita kif fornuta.

Meta tintuża skeda ta' data ta' sigurtà waħda biex tkopri varjanti ta' taħlita li jista' jkollha kuluri differenti, it-terminu "diversi" jista' jintuża biex jiddeskrivi l-kulur.

(c) *Irwejjaħ*

Għandha tingħata deskrizzjoni kwalitattiva tar-riħa jekk fil-letteratura din tkun magħrufa sew jew deskritta.

Jekk disponibbli, għandu jiġi indikat il-limitu massimu tar-riħa (b'mod kwalitattiv jew kwantitattiv)

(d) *Il-punt tat-tidwib/il-punt tal-iffriżar*

Ma japplikax għall-gassijiet.

Il-punt tat-tidwib u l-punt tal-iffriżar għandhom jiġu indikati fi pressjoni standard.

Fil-każ li l-punt tat-tidwib ikun oġġla mill-firxa tal-kejl tal-metodu, għandu jiġi indikat sa liema temperatura ma ġie osservat l-ebda punt tat-tidwib.

Fil-każ li sseħħ dekompożizzjoni jew sublimazzjoni qabel jew matul it-tidwib, dan għandu jiġi indikat.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' xemgħat u pejsts, il-punt/il-firxa tat-trattib jista' jiġi indikat minflok il-punt tat-tidwib u l-punt tal-iffriżar.

Fir-rigward tat-taħlitiet, jekk ma jkunx possibbli teknikament li jiġi determinat il-punt tat-tidwib/il-punt tal-iffriżar, dan għandu jiġi indikat.

(e) *Il-punt tat-togħlija jew il-punt inizjali tat-togħlija u l-firxa tat-togħlija*

Dawn il-proprjetajiet għandhom jiġu indikati fi pressjoni standard. Jista' madankollu jiġi indikat punt tat-togħlija fi pressjoni aktar baxxa, f'każ li l-punt tat-togħlija jkun għoli ħafna jew fil-każ li sseħħ dekompożizzjoni qabel it-togħlija fi pressjoni standard.

Jekk il-punt tat-togħlija jkun ogħla mill-firxa tal-kejl tal-metodu, għandu jiġi indikat sa liema temperatura ma ġie osservat l-ebda punt tat-togħlija.

Fil-każ li sseħħ dekompożizzjoni qabel jew matul it-togħlija, dan għandu jiġi indikat.

Fir-rigward tat-taħlitiet, jekk ma jkunx possibbli teknikament li jiġi determinat il-punt jew il-firxa tat-togħlija, dan għandu jiġi indikat; f'dak il-każ, għandu jiġi indikat ukoll il-punt tat-togħlija tal-ingredjent bl-aktar punt baxx tat-togħlija.

(f) *Fjammabbiltà*

Tapplika għall-gassijiet, għal-likwidi u għas-solidi.

Għandu jiġi indikat jekk is-sustanza jew it-taħlita tistax taqbad, jiġifieri jekk hix kapaċi tieġu n-nar jew li titqabbad bin-nar, anke jekk ma tkunx klassifikata għall-fjammabbiltà.

Jekk tkun disponibbli u xierqa, tista' tiġi indikata aktar informazzjoni, bħal jekk l-effett ta' tqabbid huwiex differenti minn kombustjoni normali (eż. splużjoni) u l-kapaċità għat-tqabbid f'kundizzjonijiet mhux standard.

Tista' tiġi indikata informazzjoni aktar speċifika dwar il-fjammabbiltà abbażi tal-klassifikazzjoni tal-periklu rispettiva. L-informazzjoni provduta fis-subtaqsima 9.2.1 ma għandhiex tingħata f'dan il-punt.

(g) *Il-limiti inferjuri u superjuri ta' splużjoni*

Ma japplikawx għas-solidi.

Fir-rigward tal-likwidi fjammabbli, għandu jkun indikat tal-inqas il-limitu inferjuri ta' splużjoni. Jekk il-punt ta' fjammabbiltà jkun bejn wieħed u ieħor $-25\text{ }^{\circ}\text{C}$ jew ogħla, jista' ma jkunx possibbli li jiġi determinat il-limitu superjuri ta' splużjoni f'temperatura standard; f'dak il-każ, huwa rakkomandat li jiġi indikat il-limitu superjuri ta' splużjoni f'temperatura ogħla. Jekk il-punt ta' fjammabbiltà jkun ogħla minn $20\text{ }^{\circ}\text{C}$, jista' ma jkunx possibbli li jiġi determinat il-limitu inferjuri jew dak superjuri f'temperatura standard; f'dak il-każ, huwa rakkomandat li jiġu indikati kemm il-limitu inferjuri ta' splużjoni kif ukoll dak superjuri f'temperatura ogħla.

(h) *Punt ta' fjammabbiltà*

Ma japplikax għall-gassijiet, għall-aerosols u għas-solidi.

Għat-taħlitiet, għandu jiġi indikat valur għat-taħlita, jekk ikun disponibbli. Inkella, għandu jiġi indikat il-punt(i) ta' fjammabbiltà tas-sustanza(i) bl-aktar punt(i) baxx(i) ta' fjammabbiltà.

(i) *It-temperatura tal-awtofjammabbiltà*

Tapplika biss għall-gassijiet u għal-likwidi.

Fir-rigward tat-taħlitiet għandha tiġi indikata t-temperatura tal-awtofjammabbiltà għat-taħlita, jekk din tkun disponibbli. Jekk il-valur għat-taħlita ma jkunx disponibbli, għandhom

jiġu indikati t-temperatura(i) tal-awtofjammabbiltà tal-ingredjenti bl-aktar temperatura(i) baxx(i) tal-awtofjammabbiltà.

(j) It-temperatura tad-dekompożizzjoni

Tapplika biss għas-sustanzi u għat-taħlitiet awtoreattivi, għall-perossidi organiċi, u għal sustanzi u taħlitiet oħra li jistgħu jiddekomponu.

Għandha tiġi indikata t-temperatura tad-dekompożizzjoni awtoaċċellerata (SADT) u l-volum li għaliha tapplika, jew it-temperatura tal-bidu tad-dekompożizzjoni.

Għandu jiġi indikat jekk it-temperatura mogħtija hix l-SADT jew it-temperatura tal-bidu tad-dekompożizzjoni.

Jekk ma għet osservata l-ebda dekompożizzjoni, għandu jiġi indikat sa liema temperatura ma għet osservata l-ebda dekompożizzjoni, eż. "ma għet osservata l-ebda dekompożizzjoni sa x °C".

(k) pH

Ma japplikax għall-gassijiet.

Għandu jiġi indikat il-pH tas-sustanza jew tat-taħlita kif fornuta, jew meta l-prodott huwa solidu, għandu jiġi indikat il-pH ta' likwidu jew soluzzjoni milwiema f'konċentrazzjoni partikolari.

Għandha tiġi indikata l-konċentrazzjoni tas-sustanza tat-test jew tat-taħlita tat-test fl-ilma.

(l) Il-viskożità kinematika

Tapplika biss għal-likwidi.

L-unità tal-kejl għandha tkun mm²/s.

Għal-likwidi non-Newtonjani, għandha tiġi indikata l-imġiba tixotropika jew reopressika.

(m) Solubilità

Is-solubilità għandha ġeneralment tiġi indikata f'temperatura standard.

Għandha tiġi indikata s-solubilità fl-ilma.

Is-solubilità f'solventi polari u mhux polari oħrajn tista' tiġi inkluża wkoll.

Fir-rigward tat-taħlitiet, għandu jiġi indikat jekk it-taħlita hix solubbli kompletament jew parzjalment fl-ilma jew jekk titħallatx mal-ilma jew ma' solvent ieħor.

Fir-rigward tan-nanoforom, minbarra s-solubilità fl-ilma għandha tiġi indikata wkoll ir-rata ta' taħlil fl-ilma jew f'mezzi bijoloġiċi jew ambjentali rilevanti oħra.

(n) Il-koeffiċjent tal-partizzjoni n-ottanol/ilma (il-valur tal-log)

Ma japplikax għal-likwidi inorganiċi u joniċi u b'mod ġenerali ma japplikax għat-taħlitiet.

Għandu jiġi indikat jekk il-valur rapportat huwiex ibbażat fuq l-ittestjar jew fuq il-kalkolu.

Fir-rigward tan-nanoforom ta' sustanza li għaliha ma japplikax il-koeffiċjent tal-partizzjoni n-ottanol/ilma, għandha tiġi indikata l-istabilità tad-dispersjoni f'mezzi differenti.

(o) *Pressjoni tal-fwar*

Il-pressjoni tal-fwar għandha tiġi indikata b'mod ġenerali f'temperatura standard.

Fir-rigward tal-fluwidi volatili, għandha tiġi indikata wkoll il-pressjoni tal-fwar f'temperatura ta' 50 °C.

Meta tintuża skeda ta' data ta' sigurtà waħda biex tkopri varjanti ta' taħlita likwida jew ta' taħlita ta' gass likwifikat, għandha tiġi indikata firxa għall-pressjoni tal-fwar.

Fir-rigward tat-taħlitiet likwidi jew tat-taħlitiet ta' gass likwifikat, għandha tiġi indikata firxa għall-pressjoni tal-fwar jew tal-inqas il-pressjoni tal-fwar tal-ingredjent(i) volatili, meta l-pressjoni tal-fwar tat-taħlita tkun determinata b'mod predominanti minn dik jew dawk l-ingredjent(i).

Tista' tiġi indikata wkoll il-konċentrazzjoni tal-fwar saturat.

(p) *Id-densità u/jew id-densità relattiva*

Japplikaw biss għal-likwidi u għas-solidi.

B'mod ġenerali d-densità u d-densità relattiva għandhom jiġu indikati f'kundizzjonijiet standard ta' temperatura u ta' pressjoni.

Għandha tiġi indikata d-densità assoluta u/jew id-densità relattiva bbażata fuq l-ilma f'temperatura ta' 4 °C bħala referenza (imsejħa wkoll il-gravità speċifika).

Meta l-varjazzjonijiet fid-densità huma possibbli, eż. minħabba l-manifattura tal-lott, jew meta tintuża skeda ta' data ta' sigurtà waħda biex tkopri diversi varjanti ta' sustanza jew ta' taħlita, tista' tkun indikata firxa.

L-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tindika jekk hix qed tiġi rapportata d-densità assoluta (unitajiet eż. g/cm³ jew kg/m³) u/jew id-densità relattiva (mingħajr dimensjoni).

(q) *Id-densità relattiva tal-fwar*

Tapplika biss għall-gassijiet u għal-likwidi.

Fir-rigward tal-gassijiet, għandha tiġi indikata d-densità relattiva tal-gass ibbażata fuq l-arja f'temperatura ta' 20 °C bħala referenza.

Fir-rigward tal-likwidi, għandha tiġi indikata d-densità relattiva tal-fwar ibbażata fuq l-arja f'temperatura ta' 20 °C bħala referenza.

Fir-rigward tal-likwidi, tista' tiġi indikata wkoll id-densità relattiva D_m tal-fwar/tat-taħlita ta' arja f'temperatura ta' 20 °C.

(r) *Il-karatteristiċi tal-partikoli*

Japplikaw biss għas-solidi.

Għandu jiġi indikat id-daqs tal-partikoli (id-dijametru ekwivalenti medjan, il-metodu ta' kalkolu tad-dijametru (ibbażat fuq in-numru, is-superfiċje jew il-volum) u l-firxa li fiha jvarja dan il-valur medjan). Proprjetajiet oħra jistgħu jiġu indikati wkoll, bħad-distribuzzjoni tad-daqs (eż. bħala firxa), il-proporzjon tal-forma u l-aspett, l-aggregazzjoni u l-istat tal-agglomerazzjoni, l-erja tas-superfiċje speċifika u l-ħolqien ta' trab. Jekk is-sustanza tkun f'nanofoma jew jekk it-taħlita fornuta jkun fiha nanofoma, dawk il-karatteristiċi għandhom jiġu indikati f'din is-subtaqsima, jew għandha ssir referenza għalihom jekk ma jkunux diġà speċifikati xi mkien ieħor fl-iskeda ta' data ta' sigurtà.

1
2 Is-seba' reviżjoni tal-GHS, implimentata mir-Regolament (UE) 2020/878, tiddefinixxi r-
3 rekwiżiti għad-deskrizzjoni ta' kull waħda mill-proprjetajiet fiżiċi u kimiki.

4 Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li jekk l-informazzjoni dwar proprjetà partikolari ma tkunx disponibbli,
5 dan għandu jiġi indikat b'mod ċar, u jingħataw ir-raġunijiet fejn possibbli. Innota li t-test legali
6 jispeċifika f'ċertu dettall liema tip ta' informazzjoni għandha tiġi pprovduta għal kull waħda
7 mill-proprjetajiet, għalhekk gwida addizzjonali hija provduta biss għal xi wħud mill-
8 proprjetajiet, fejn tista' titqies utli.

9 **(h) Punt ta' fjamabbiltà**

10 Għal informazzjoni dwar il-metodi ta' ttestjar eċċ., ara t-Taqsima 2.6.4.4 tal-Anness I tar-
11 Regolament (KE) Nru 1272/2008.

12 **(j) Temperatura tad-dekompożizzjoni**

13 Għad-determinazzjoni tas-SADT ara s-serje tat-test H fit-taqsim 28 tal-Manwal tan-NU dwar
14 it-Testijiet u l-Kriterji, u għat-temperatura tal-bidu tad-dekompożizzjoni ara wkoll it-
15 taqsima 20.3.3.3 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji.

16 **(k) pH**

17 Il-pH ma japplikax għall-gassijiet. Huwa marbut ma' mezzi milwiema mid-definizzjoni tiegħu
18 stess; kejl imwettaq fuq mezzi oħra ma jagħtux il-pH.

19 Fejn il-pH huwa ≤ 2 jew $\geq 11,5$, ara t-taqsim 9.2.2 (d) għal informazzjoni dwar ir-riżerva
20 aċida/alkalina.

21 Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li jekk l-informazzjoni dwar proprjetà partikolari ma tkunx disponibbli,
22 dan għandu jiġi indikat b'mod ċar, u jingħataw ir-raġunijiet fejn possibbli.

23 Id-disponibbiltà (u r-raġuni għan-nuqqas) ta' informazzjoni hija ta' rilevanza speċjali fir-
24 rigward tal-pH ta' taħlita, peress li din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli għall-fini tas-
25 sottomissjoni ta' informazzjoni għal reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa skont l-
26 Artikolu 45 l-Anness VIII tar-Regolament CLP. Il-format li għandu jintuża għas-sottomissjoni
27 tal-informazzjoni meħtieġa mill-Anness VIII jinkludi lista magħluqa ta' raġunijiet aċċettabbli
28 għan-nuqqas ta' għoti ta' valur preċiż tal-pH⁸⁶. L-awtur tal-SDS għandu jikkunsidra li jirreferi
29 għal din il-lista sabiex jiffaċilita t-tnejn tas-sottomissjoni tar-reazzjoni ta' emerġenza relatata
30 mas-saħħa:

- 31 • It-taħlita hija gass
- 32 • It-taħlita mhijiex polari/aprotika
- 33 • It-taħlita ma tinħallx (fl-ilma)
- 34 • pH ogħla minn 15
- 35 • pH inqas minn -3

⁸⁶ Il-lista ġiet diskussa u maqbula mal-Grupp ta' Fidma ta' esperti li jappoġġaw il-preparazzjoni ta' portal tas-Sottomissjoni tal-ECHA. Suġġerimenti ġustifikati għal bidliet f'din il-lista jistgħu jiġu sottomessi permezz ta' formola tal-kuntatt tal-ECHA minn u kkunsidrati fl-ewwel aġġornament tal-format.

1 • It-taħlita tirreaġixxi b'mod vjolenti mal-ilma

2 • It-taħlita mhijiex stabbli

3 F'xi wħud minn dawn il-każijiet għandha xorta tiġi pprovduta indikazzjoni tal-proprjetajiet
4 alkalini, newtrali jew aċidużi (jew firxa wiesgħa ta' pH) jekk disponibbli, peress li din l-
5 informazzjoni hija rilevanti għall-persunal li jipprovdi reazzjoni għal emerġenza.

6

7 (I) Viskożità kinematika

8

9 L-unità ta' kejl għandha tkun mm^2/s , peress li l-kriterji ta' klassifikazzjoni għall-klassi ta'
10 periklu "periklu ta' aspirazzjoni" huma bbażati fuq din l-unità.

11 Il-viskożità dinamika mhijiex meħtieġa fl-SDS, iżda tista' tiġi indikata wkoll jew tista' tiġi
12 kkalkolata mill-utent. Il-viskożità kinematika hija marbuta mal-viskożità dinamika permezz tad-
13 densità:

14 Kinematika viskożità (mm^2/s) =
$$\frac{\text{Viskożità dinamika}(\text{mPa} \cdot \text{s})}{\text{Densità}(\text{g}/\text{cm}^3)}$$

15 (o) Pressjoni tal-fwar

16

17 Il-konċentrazzjoni tal-fwar saturat (SVC) tista' tiġi indikata, u tista' tiġi stmata kif ġejj

18
$$\text{SVC } f\text{ml}/\text{m}^3: \text{SVC} = VP \cdot c_1$$

19
$$\text{SVC } f\text{g}/\text{m}^3: \text{SVC} = VP \cdot MW \cdot c_2$$

20 Fejn VP hija l-pressjoni tal-fwar f hPa (= mbar), MW huwa l-piż molekulari f g/mol, u c_1 u c_2

21 huma fatturi ta' konverżjoni ($c_1 = 987.2 \frac{\text{ml}}{\text{m}^3 \cdot \text{hPa}}$ and $c_2 = 0.0412 \frac{\text{mol}}{\text{m}^3 \cdot \text{hPa}}$).

22 (q) Densità relattiva tal-fwar

23 Barra minn hekk, għal-likwidi, id-densità relattiva D_m tat-taħlita tal-fwar/arja f temperatura ta' 20 °C
24 (arja = 1) tista' tiġi indikata, u tista' tiġi kkalkolata kif ġejj:

25
$$D_m = 1 + (VP_{20} \cdot (MW - MW_{arja}) \cdot c_3)$$

26 Fejn VP_{20} hija l-pressjoni tal-fwar f 20 °C f hPa (= mbar), MW huwa l-piż molekulari f g/mol, MW_{air}
27 hija l-piż molekulari tal-arja (= 29 g/mol), u c_3 huwa fattur ta' konverżjoni ($c_3 = 34 \cdot 10^{-6} \frac{\text{mol}}{\text{g} \cdot \text{hPa}}$).

28

29

30 Għal aktar informazzjoni dwar id-determinazzjoni ta' proprjetajiet fiżiċi u kimiċi fil-kuntest tal-
31 klassifikazzjoni u l-ittikkettar ara l-Gwida dwar l-Applikazzjoni tal-Kriterji CLP fuq:

32 <https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-clp>

33 Għal informazzjoni dwar nanoforum ara t-Taqsima 3.3 f'din il-gwida u l-Appendiċi għan-
34 nanoforum applikabbli għall-Gwida dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Identifikazzjoni ta' Sustanzji⁸⁷ li
35 tipprovdi pariri dwar kif jiġu kkaratterizzati n-nanoforum u s-settijiet ta' nanoforum fir-rigward
36 tar-rekwiżiti tal-Anness VI. Jekk jogħġbok irreferi għall-gwida għal informazzjoni dwar il-
37 karatterizzazzjoni tan-nanoforum rigward id-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli, il-forma u l-
38 morfoloġija (inkluża l-kristallinità), it-ttrattament u l-karatterizzazzjoni tas-superfiċje u l-erja
39 speċifika tas-superfiċje.

40 Gwida ulterjuri fir-rigward tal-informazzjoni disponibbli dwar in-nanomaterjali mqiegħda fis-suq
41 u l-potenzjal redox tagħhom, il-potenzjal ta' formazzjoni radikali u l-proprjetajiet fotokatalitiċi

⁸⁷ https://echa.europa.eu/documents/10162/13655/how_to_register_nano_mt.pdf

1 tagħhom tista' tinstab mill-OECD-WPMN disponibbli
2 fuq: [http://www.oecd.org/env/ehs/nanosafety/publications-series-safety-manufactured-](http://www.oecd.org/env/ehs/nanosafety/publications-series-safety-manufactured-nanomaterials.htm)
3 [nanomaterials.htm](http://www.oecd.org/env/ehs/nanosafety/publications-series-safety-manufactured-nanomaterials.htm)
4

5 9.2 Informazzjoni oħra

Test tal-Anness II

Minbarra l-proprjetajiet imsemmija fis-subtaqsima 9.1, għandhom jiġu indikati parametri fiżiċi u kimiċi oħra, bħalma huma l-proprjetajiet elenkati fis-subtaqsimiet 9.2.1. u 9.2.2., jekk l-indikazzjoni tagħhom hija rilevanti għall-użu sikur tas-sustanza jew tat-taħlita.

9.2.1. Informazzjoni b'rabta mal-klassijiet ta' periklu fiżiku

Din is-subtaqsima telenka l-proprjetajiet, il-karatteristiċi ta' sikurezza u r-riżultati tat-testijiet, li jistgħu jkunu utli biex jiddaħħalu fl-iskeda ta' data ta' sigurtà meta sustanza jew taħlita tiġi klassifikata fil-klassi ta' periklu fiżiku rispettiva. Jista' wkoll ikun xieraq li tiġi indikata d-data meqjusa rilevanti fir-rigward ta' periklu fiżiku speċifiku iżda li ma tirriżultax fil-klassifikazzjoni (eż. riżultati negattivi tat-test qrib il-kriterju).

L-isem tal-klassi ta' periklu li għaliha tirreferi d-data jista' jiġi indikat flimkien mad-data.

(a) Splussivi

Dan il-punt japplika wkoll għas-sustanzi u għat-taħlitiet imsemmija fin-Nota 2 tat-Taqsima 2.1.3. tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, u għal sustanzi u taħlitiet oħra li juru effett pożittiv jekk jissaħħnu fil-magħluq.

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

(i) is-sensittività għax-xokkijiet;

(ii) l-effett tat-tiħin fil-magħluq;

(iii) l-effett tat-tqabbid fil-magħluq;

(iv) is-sensittività għall-impatt;

(v) is-sensittività għall-frizzjoni;

(vi) l-istabbiltà termali;

(vii) il-pakkett (it-tip, id-daqs, il-massa netta tas-sustanza jew tat-taħlita), li abbażi tiegħu ġiet assenjata d-"diviżjoni" fi ħdan il-klassi splussiva, jew abbażi ta' liema s-sustanza jew it-taħlita kienet eżentata milli tiġi klassifikata bħala splussiva.

(b) Gassijiet li jaqbd

Fir-rigward tal-gass fjamabbli pur, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja flimkien mad-data dwar il-limiti ta' splużjoni msemmija fil-punt (g) tas-subtaqsima 9.1.:

(i) it-TCi (il-kontenut massimu ta' gass fjamabbli li, meta jitħallat man-nitroġenu, ma jiħux in-nar fl-arja, f'mol. %);

(ii) il-veloċità tal-kombustjoni fundamentali jekk il-gass jiġi klassifikat bħala tal-kategorija 1B abbażi tal-veloċità tal-kombustjoni fundamentali.

Fir-rigward ta' taħlita ta' gass fjamabbli, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja flimkien mad-data dwar il-limiti ta' splużjoni msemmija fil-punt (g) tas-subtaqsima 9.1.:

(i) il-limiti ta' splużjoni, jekk ittestjati, jew indikazzjoni ta' jekk il-klassifikazzjoni u l-assenjazzjoni tal-kategorija humiex ibbażati fuq kalkolu;

(ii) il-veloċità tal-kombustjoni fundamentali jekk it-taħlita ta' gass tiġi klassifikata bħala tal-Kategorija 1B abbażi tal-veloċità tal-kombustjoni fundamentali.

(c) Aesrosols

Jistgħu jingħataw il-perċentwali totali li ġejjin (skont il-massa) ta' komponenti fjamabbli, sakemm l-aerosol ma jkunx klassifikat bħala Aerosol tal-kategorija 1 għax ikun fih aktar minn 1 % (skont il-massa) ta' komponenti fjamabbli jew ikollu sħana tal-kombustjoni ta' mill-anqas 20 kJ/g u ma jiġix sottomess għall-proċeduri tal-klassifikazzjoni tal-fjamabbiltà (ara n-Nota fil-Paragrafu 2.3.2.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008);

(d) Gassijiet ossidanti

Fir-rigward tal-gass pur, jistgħu jingħataw il-Ci (il-koeffiċjent tal-ekwivalenza ta' ossiġenu) skont l-ISO 10156 "Gassijiet u taħlitiet ta' gass – Determinazzjoni tal-potenzjal tan-nirien u l-kapaċità ossidanti għall-għażla ta' żbokkijiet taċ-ċilindri", jew skont metodu ekwivalenti;

Fir-rigward ta' taħlita ta' gass, il-kliem "gass ossidanti tal-Kategorija 1 (ittestjat skont ISO 10156 (jew skont metodu ekwivalenti))" jistgħu jiġu indikati fir-rigward ta' taħlitiet ittestjati, jew il-potenza ossidanti kkalkulata skont ISO 10156 jew skont metodu ekwivalenti;

(e) Gassijiet taħt pressjoni

Għall-gass pur, tista' tingħata t-temperatura kritika.

Għat-taħlita ta' gass, tista' tingħata temperatura psewdokritika;

(f) Likwidi li jaqbd

Meta s-sustanza jew it-taħlita tiġi klassifikata bħala likwidu fjamabbli, ma hemmx bżonn tingħata data dwar il-punt tat-togħlija u dwar il-punt ta' fjamabbiltà skont dan il-punt billi dik id-data għandha tiġi indikata skont is-subtaqsima 9.1. Tista' tingħata informazzjoni dwar il-kombustibilità sostnuta.

(g) Solidi li jaqbd

Tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

(i) ir-rata tal-kombustjoni, jew il-ħin tal-kombustjoni fir-rigward tat-trab metalliku,

(ii) dikjarazzjoni dwar jekk ġietx issuperata ż-żona umidifikata;

(h) *Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi*

Minbarra l-indikazzjoni tal-SADT kif speċifikat fil-punt (j) tas-subtaqsima 9.1, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

- (i) it-temperatura tad-dekompożizzjoni,*
- (ii) il-proprjetajiet tad-detonazzjoni,*
- (iii) il-proprjetajiet tad-deflagrazzjoni,*
- (iv) l-effett tat-tiħin fil-magħluq,*
- (v) il-potenza splussiva, jekk applikabbli;*

(i) *Likwidi piroforiċi*

Tista' tingħata informazzjoni dwar jekk iseħħx jew le tqabbid spontanju jew karbonizzazzjoni tal-karta tal-filtru.

(j) *Solidi piroforiċi*

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

- (i) dikjarazzjoni dwar jekk iseħħx tqabbid spontanju waqt it-tferrigħ jew sa ħames minuti wara, fir-rigward tas-solidi f'forma ta' trab,*
- (ii) dikjarazzjoni dwar jekk il-proprjetajiet piroforiċi jistgħux jinbidlu maż-żmien.*

(k) *Sustanzi u taħlitiet b'tiħin spontanju*

Tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

- (i) dikjarazzjoni dwar jekk iseħħx tqabbid spontanju u ż-żieda massima fit-temperatura miksuba,*
- (ii) ir-riżultati tat-testijiet tal-iskrinjar imsemmija fit-taqsima 2.11.4.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jekk dawn ikunu rilevanti u disponibbli;*

(l) *Sustanzi u taħlitiet, li jemettu gassijiet li jaqbd u f'kuntatt mal-ilma*

Tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

- (i) l-identità tal-gass emess, jekk din tkun magħrufa,*
- (ii) dikjarazzjoni dwar jekk il-gass emess jaqbadx spontanjament,*
- (iii) ir-rata tal-evoluzzjoni tal-gass;*

(m) *Likwidi ossidanti*

Tista' tingħata informazzjoni dwar jekk iseħħx tqabbid spontanju meta jitħallat maċċelluloża.

(n) *Solidi ossidanti*

Tista tingħata informazzjoni dwar jekk iseħħ tqabid spontanju meta jitħallat maċ-ċelluloża.

(o) Perossidi organiċi

Minbarra l-indikazzjoni tal-SADT kif speċifikat fil-punt (j) tas-subtaqsima 9.1, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

- (i) it-temperatura tad-dekompożizzjoni,*
- (ii) il-proprjetajiet tad-detonazzjoni,*
- (iii) il-proprjetajiet tad-deflagrazzjoni,*
- (iv) l-effett tat-tiħin fil-magħluq,*
- (v) il-potenza splussiva;*

(p) Korrużiv għall-metalli

Tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja:

- (i) il-metalli li jikkorrodaw minħabba s-sustanza jew it-taħlita,*
- (ii.) il-veloċità ta' korrużjoni u dikjarazzjoni dwar jekk din tirreferix għall-azzar jew għall-aluminju,*
- (iii.) ir-referenza għal taqsimiet oħra fl-iskeda ta' data ta' sigurtà rigward materjali kompatibbli jew inkompatibbli.*

(q) Splussivi desensitizzati

Tista' tingħata din l-informazzjoni:

- (i) l-aġent desensitizzanti użat,*
- (ii) l-enerġija tad-dekompożizzjoni esotermika,*
- (iii) il-veloċità tal-kombustjoni korreġuta (A_c);*
- (iv) il-proprjetajiet splussivi tal-isplussiv desensitizzat f'dak l-istat.*

9.2.2. Karatteristiċi oħra tas-sikurezza

Il-karatteristiċi, il-karatteristiċi tas-sikurezza u r-riżultati tat-testijiet elenkati hawn taħt jistgħu jkunu utli biex jindikaw b'rabta ma' sustanza jew ma' taħlita:

- (a) is-sensittività mekkanika;*
- (b) it-temperatura ta' polimerizzazzjoni awtoaċċellerata;*
- (c) il-formazzjoni ta' taħlitiet ta' trab/ta' arja splussivi;*
- (d) ir-riżerva aċida/alkalina;*

- (e) *ir-rata tal-evaporazzjoni;*
- (f) *il-kapaċità għat-taħlit;*
- (g) *il-konduktività;*
- (h) *il-korrużività;*
- (i) *il-grupp ta' gass;*
- (j) *il-potenzjal għall-ossiduriduzzjoni;*
- (k) *il-potenzjal għall-formazzjoni ta' radikali;*
- (l) *il-proprjetajiet fotokatalitiċi.*

Għandhom jiġu indikati parametri fiżiċi u kimiċi oħra jekk l-indikazzjoni tagħhom hija rilevanti għall-użu sikur tas-sustanza jew tat-taħlita.

1
2 **9.2.1. Informazzjoni b'rabta mal-klassijiet ta' periklu fiżiku**

3 Aktar informazzjoni hija pprovduta hawn taħt dwar ċerti klassijiet ta' periklu fit-Taqsima 9.2.1,
4 b'mod partikolari dwar metodi ta' ttestjar applikabbli għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-
5 periklu.

6 **(a) Splussivi**

- 7 (i) is-sensittività għax-xokk hija ġeneralment iddeterminata mit-test tad-distakk tan-NU:
8 test 1 (a) u/jew test 2 (a) (taqsima 11.4 jew 12.4 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-
9 Kriterji) (indika mill-inqas + jew –);
- 10 (ii) l-effett tat-tiġhin fil-magħluq huwa ġeneralment determinat permezz tat-test ta' Koenen:
11 test 1 (b) u/jew test 2 (b) (taqsima 11.5 jew 12.5 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-
12 Kriterji) (indika preferibbilment d-dijametru ta' limitu);
- 13 (iii) l-effett tat-tqabbid fil-magħluq huwa ġeneralment iddeterminat permezz tat-test 1 (c)
14 u/jew it-test 2 (c) (it-taqsima 11.6 jew 12.6 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-
15 Kriterji) (indika mill-inqas + jew –);
- 16 (iv) is-sensittività għall-impatt hija ġeneralment determinata permezz tat-test 3 (a) (it-
17 taqsima 13.4 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji) (indika preferibbilment l-
18 enerġija tal-impatt ta' limitu);
- 19 (v) is-sensittività għall-frizzjoni hija ġeneralment determinata permezz tat-test 3 (b) (it-
20 taqsima 13.5 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji) (indika preferibbilment it-
21 tagħbija ta' limitu);
- 22 (vi) l-istabbiltà termali hija ġeneralment determinata permezz tat-test 3 (c) (it-taqsima 13.6
23 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji) (indika mill-inqas + jew –);

24 **(b) Gassijiet li jaqbadu**

25 Fir-rigward tal-gass pur li jaqbad:

- 26 (i) it-TCi huwa indikat skont l-ISO 10156;

- 1 (ii) il-veloċità fundamentali tal-ħruq hija ġeneralment determinata mill-ISO 817:2014, l-
2 Anness C;

3 Fir-rigward ta' taħlita ta' gassijiet li taqbad:

- 4 (i) il-limiti tal-isplużjoni: ir-referenza għall-kalkolu hija skont l-ISO 10156;
5 (ii) il-veloċità fundamentali tal-ħruq hija ġeneralment determinata mill-ISO 817:2014, l-
6 Anness C;

7 **(e) Gass taħt pressjoni**

8 Għal taħlitiet ta' gassijiet, it-temperatura pseudokritika hija kkalkulata bħala l-medja
9 ponderata tal-frazzjoni molari tat-temperaturi kritiċi tal-komponenti kif ġej:

10
$$\sum_{i=1}^n x_i \cdot T_{crit_i}$$

11 fejn x_i hija l-frazzjoni molari tal-komponent i u $T_{crit,i}$ hija t-temperatura kritika tal-
12 komponent i ;
13

14 **(f) Likwidi li jaqbdu**

15 Tista' tingħata l-informazzjoni addizzjonali li ġejja:

16 Informazzjoni dwar kombustibbiltà sostnuta jekk titqies eżenzjoni abbażi tat-Test L.2 (it-
17 taqsima 32.5.2 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji), skont it-Taqsima 2.6.4.5 tal-
18 Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

19 **(g) Solidi li jaqbdu**

20 Għall-punt (i) ir-rata tal-ħruq (jew il-ħin tal-ħruq għal trabijiet metalliċi) hija ġeneralment
21 determinata mit-Test N.1 (it-taqsima 33.2.4 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji);

22 **(h) Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi**

23 L-informazzjoni li ġejja tista' tiġi pprovduta (għal iktar informazzjoni dwar il-metodi tat-test ara
24 l-Parti II tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji⁸⁸):

- 25 (i) Enerġija tad-dekompożizzjoni: valur u metodu ta' determinazzjoni, ara t-
26 taqsima 20.3.3.3 fil-manwal referenzjat,
- 27 (ii) Proprjetajiet ta' detonazzjoni: indikazzjoni ta' (Iva/Parzjali/Le), anke fl-imballaġġ fejn
28 rilevanti, ara t-Test Serje A fil-manwal referenzjat,
- 29 (iii) Proprjetajiet ta' deflagrazzjoni: indikazzjoni ta' (Iva malajr/Iva bil-mod/Le), anke fl-
30 imballaġġ fejn rilevanti, ara t-Test Serje C fil-manwal referenzjat,
- 31 (iv) Effett tat-tiħin fl-għeluq: indikazzjoni ta' (Vjolenti/Medju/Baxx/Le), anke fl-imballaġġ
32 fejn rilevanti, ara t-Test Serje E fil-manwal referenzjat,

⁸⁸ https://www.unece.org/fileadmin/DAM/trans/danger/publi/manual/Rev7/Manual_Rev7_E.pdf

1 (v) Potenza splussiva jekk applikabbli: indikazzjoni ta' (Mhux baxxa/Baxxa/Xejn), ara t-
2 Test Serje F fil-manwal referenzjat;

3 **(i) Likwidi piroforiċi**

4 Tqabbid spontanju jew karbonizzazzjoni tal-karta filtru hija ġeneralment determinata mit-
5 Test N.3 (Taqsim 33.4.5 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji) (indika eż. "il-likwidu
6 jaqbad spontanjament fl-arja" jew "karta filtru bil-likwidu taġħmel karbonizzazzjoni fl-arja");

7 **(j) Solidi piroforiċi**

8 Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (i) tat-test legali ta' din it-taqsim hija ġeneralment
9 determinata mit-Test N.2 (it-Taqsim 33.4.4 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji)
10 eż. "is-solidu jaqbad spontanjament fl-arja",

11 Eżempju tat-tip ta' informazzjoni li tikkorrispondi mal-punt (ii) tat-test legali huwa: il-
12 proprjetajiet piroforiċi jistgħu jinbidlu maż-żmien permezz tal-formazzjoni ta' saff ta' wiċċ
13 protettiv permezz ta' ossidazzjoni bil-mod;

14 **(k) Sustanzi u taħlitiet b'tiħin spontanju**

15 Id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt (i) tat-test legali f'din it-taqsim, dwar jekk ikunx hemm
16 tqabbid spontanju, tista' tinkludi *data* tal-iskrinjar possibbli u/jew il-metodu użat (ġeneralment
17 Test N.4, Taqsim 33.4.6 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji);

18 **(l) Sustanzi u taħlitiet, li jemettu gassijiet li jaqbd u f'kuntatt mal-ilma**

19 Ir-rata tal-evoluzzjoni tal-gass, kif indikat fil-punt (iii), hija ġeneralment iddeterminata mit-
20 Test N.5 (it-taqsim 33.5.4 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji), sakemm it-test ma
21 jkunx tlesta eż. minħabba li l-gass jaqbad spontanjament;

22 **(m) Likwidi ossidanti**

23 Jekk iseħħ tqabbid spontanju meta jithallat maċ-ċelluloża jista' jidher matul it-Test O.2 (it-
24 taqsim 34.4.2 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji) (eż., "it-taħlita maċ-ċelluloża
25 (ippreparata għat-Test O.2) taqbad spontanjament");

26 **(n) Solidi ossidanti**

27 Jekk iseħħ tqabbid spontanju meta jitħallat maċ-ċelluloża jista' jidher matul it-Test O.1 jew
28 O.3 (it-taqsim 34.4.1 jew 34.4.3 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji) (eż., "it-
29 taħlita maċ-ċelluloża (ippreparata għat-Test O.1 jew O.3) taqbad spontanjament");

30 **(o) Perossidi organiċi**

31 L-informazzjoni li ġejja tista' tiġi pprovduta (għal iktar informazzjoni dwar il-metodi tat-test ara
32 l-Parti II tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u l-Kriterji⁸⁹):

33 (i) Enerġija tad-dekompożizzjoni: valur u metodu ta' determinazzjoni, jekk disponibbli, ara t-
34 taqsim 20.3.3.3 fil-manwal referenzjat,

35 (ii) Proprjetajiet ta' detonazzjoni: indikazzjoni ta' (Iva/Parzjali/Le), anke fl-imballaġġ fejn
36 rilevanti, ara t-Test Serje A fil-manwal referenzjat,

⁸⁹ https://www.unece.org/fileadmin/DAM/trans/danger/publi/manual/Rev7/Manual_Rev7_E.pdf

1 (iii) Proprjetajiet ta' deflagrazzjoni: indikazzjoni ta' (Iva malajr/Iva bil-mod/Le), anke fl-
2 imballaġġ fejn rilevanti, ara t-Test Serje C fil-manwal referenzjat,

3 (iv) Effett tat-tiġhin fl-għeluq: indikazzjoni ta' (Vjolenti/Medju/Baxx/Le), anke fl-imballaġġ fejn
4 rilevanti, ara t-Test Serje E fil-manwal referenzjat,

5 (v) Potenza splussiva: indikazzjoni ta' (Mhux baxxa/Baxxa/Xejn), jekk applikabbli, ara t-Test
6 Serje F fil-manwal referenzjat;

7 **(p) Korrużiv għall-metalli**

8 (i) Xi eżempji ta' dak li jista' jkun mistenni f'dan il-punt (i) huma: "korrużiv għall-aluminju" jew
9 "korrużiv għall-azzar" eċċ.),

10 (ii) Ir-rata ta' korrużjoni u jekk tirreferix għall-azzar jew għall-aluminju hija ġeneralment
11 determinata mit-Test C.1 (it-taqsim 37.4 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji);

12 (iii) Xi eżempji ta' referenzi għal taqsimiet oħra huma: għall-kompatibbiltajiet tal-imballaġġ fit-
13 Taqsim 7, jew għal materjali inkompatibbli fit-Taqsim 10);

14 **(q) Splussivi desensitizzati**

15 Fil-punt (iii) ir-rata tal-ħruq ikkoreġuta (A_c) għandha tiġi determinata skont il-Parti V, it-
16 taqsim 51.4 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji.

17 Dwar il-punt (iv) il-proprjetajiet splussivi tal-isplussiv desensitizzati (f'dak l-istat) huma
18 ġeneralment determinati mis-serje tat-test 1 u/jew 2 (it-taqsimiet 11 u 12 tal-Manwal tan-NU
19 dwar it-Testijiet u I-Kriterji).

20

21 **9.2.2. Karatteristiċi oħra tas-sikurezza**

22 Aktar informazzjoni dwar kif ċerti proprjetajiet jew karatteristiċi ta' sikurezza fis-
23 subtaqsim 9.2.2 jiġu determinati, jew mistennija li jiġu deskritti, hija pprovduta hawn taħt:

24 **(a) Sensittività mekkanika**

25 Meta s-sustanza jew it-taħlita tkun sustanza enerġetika jew taħlita b'enerġija ta'
26 dekompożizzjoni eżotermika ≥ 500 J/g skont il-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji, I-
27 Appendiċi 6, it-taqsim 3.3 (c), tista' tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja:

28 (i) is-sensittività għall-impatt, ġeneralment iddeterminata mit-test 3 (a) (it-taqsim 13.4
29 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji dwar) (indika preferibbilment l-enerġija
30 tal-impatt ta' limitu),

31 (ii) is-sensittività għall-frizzjoni, ġeneralment iddeterminata mit-test 3 (b) (it-
32 taqsim 13.5 tal-Manwal tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji) (indika preferibbilment it-
33 tagħbija ta' limitu);

34 **(b) Temperatura ta' polimerizzazzjoni awtoaċċellerata (SAPT)**

35 Meta s-sustanza jew it-taħlita tista' tippolimerizza lilha nnifisha biex b'hekk tiġġenera ammonti
36 perikolużi ta' sħana u gass jew fwar, tista' tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja:

37 - is-SAPT u l-volum li għalih jingħata s-SAPT, ara s-Serje tat-Test H fil-Parti II tal-Manwal
38 tan-NU dwar it-Testijiet u I-Kriterji;

1 **(c) Formazzjoni ta' taħlitiet ta' trab/arja splussivi**

2 II-formazzjoni ta' taħlitiet ta' trab/ta' arja splussivi mhijiex applikabbli għal gassijiet u likwidi, u
3 lanqas għal solidi li fihom biss sustanzi li huma kompletament ossidizzati (eż. diossidu tas-
4 siliċju).

5 F'każ li I-formazzjoni ta' taħlitiet ta' trab/ta' arja splussivi tista' tkun possibbli abbażi tat-
6 Taqsima 2 tal-SDS, jistgħu jiġu pprovvuti l-karatteristiċi ta' sikurezza rilevanti li ġejjin:

7 (i) II-limitu aktar baxx ta' splużjoni / konċentrazzjoni splussiva minima,

8 (ii) L-enerġija minima meħtieġa għat-tqabbid,

9 (iii) L-inidiċi tad-deflagrazzjoni (Kst);

10 (iv) II-pressjoni ta' splużjoni massima

11 (v) II-karatteristiċi tal-partikoli li għalihom tapplika d-data jekk ikunu differenti mill-
12 karatteristiċi tal-partikoli kif indikat fit-taqsima 9.1;

13 Nota 1: II-kapaċità li jiġu fformati taħlitiet ta' trab/arja splussivi tista' tiġi ddeterminata eż.
14 minn Verein Deutscher Ingenieure, VDI 2263-1 "Dust Fires and Dust Explosions; Hazards -
15 Assessment - Protective Measures; Test Methods for the Determination of the Safety
16 Characteristics of Dusts" jew minn ISO/IEC 80079-20-2 "Explosive atmospheres - Part 20-2:
17 Material characteristics - Combustible dusts test methods".

18 Nota 2: II-karatteristiċi splussivi huma speċifiċi għat-trab ittestjat. Normalment dawn ma
19 jistgħux jiġu trasferiti għal trabijiet oħra anke jekk dawn ikunu komparabbli. Trabijiet ta' daqs
20 fin ta' sustanza partikolari għandhom it-tendenza li jirreaġixxu aktar b'saħħithom mit-trab
21 aħrax.

22 **(d) Riserva aċida/alkalina**

23 Meta s-sustanza jew it-taħlita jkollha pH estrem (pH < 2 jew > 11.5), tista' tingħata l-
24 informazzjoni li ġejja:

25 - Ir-riserva aċida/alkalina meta tintuża għall-evalwazzjoni tal-perikli għall-ġilda u l-
26 għajnejn;

27
28 Din it-taqsima jeħtieġ li tkun ikkontrollata għall-konsistenza mat-taqsimiet li ġejjin:

- 29 • TAQSIMA 2: Identifikazzjoni tar-riskji
- 30 • TAQSIMA 5: Miżuri għat-tifi tan-nar
- 31 • TAQSIMA 6: Miżuri għar-rilaxx aċċidentali
- 32 • TAQSIMA 7: Ġestjoni u ħżin
- 33 • TAQSIMA 11: Informazzjoni tossikoloġika: (jiġifieri pH estrem/karatteristiċi korrożivi)
- 34 • TAQSIMA 12: Informazzjoni ekoloġika: (jiġifieri log Kow / bjoakkumulazzjoni)
- 35 • TAQSIMA 13: Kunsiderazzjonijiet tar-rimi
- 36 • TAQSIMA 14: Informazzjoni dwar it-trasport

37

1 3.10 SDS TAQSIMA 10 Stabbiltà u Reattività

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha fl-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tiddeskrivi l-istabbiltà tas-sustanza jew it-taħlita u l-possibbiltà ta' reazzjonijiet perikolużi li jsejtnu f'ċerti kundizzjonijiet ta' użu u wkoll jekk rilaxxati fl-ambjent, inkluża, meta xierqa, referenza għall-metodi tal-ittestjar użati. Jekk ikun iddikjarat li proprjetà partikolari ma tapplikax, jew jekk l-informazzjoni dwar proprjetà partikolari mhix disponibbli, għandhom jingħataw ir-raġunijiet.

2
3 L-istabbiltà u r-reattività huma funzjoni tal-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi mkejla biex jiġu
4 determinati valuri kkwotati fit-Taqsima 9 tal-SDS. Madankollu, għalkemm mhux dikjarat b'mod
5 espliċitu fir-Regolament, storikament il-prattika kienet li t-Taqsima 9 tintuża biex tindika
6 proprjetajiet li jitkejlu derivati minn proċeduri tat-test filwaqt li t-Taqsima 10 tagħti
7 deskrizzjonijiet (kwalitattivi) ta' konsegwenzi possibbli. Għalhekk, kif diġà spjegat fis-
8 subkapitolu 3.9, it-Taqsima 9 tistieden informazzjoni dwar "proprjetajiet" jew "parametri"
9 filwaqt li t-Taqsima 10 tispeċifika li għandha tingħata "deskrizzjoni".

10 Bl-istess mod tista' tingħata wkoll xi informazzjoni fit-Taqsima 7 tal-SDS (eż. dwar
11 inkompatibilitajiet fis-subtaqsima 7.2). F'tali każijiet ir-repetizzjoni tista' tkun evitata permezz
12 ta' kontroreferenzi, mal-kontenut tat-Taqsima 10 b'enfasi fuq id-**deskrizzjoni** ta' perikli u l-
13 konsegwenzi tagħhom. Meta l-informazzjoni tiddaħħal b'mod korrett f'taqsimha differenti tal-
14 SDS tista' ssir kontroreferenza għaliha mingħajr il-ħtieġa li tiġi ripetuta. Għaldaqstant,
15 pereżempju, ċerta informazzjoni dwar klassijiet ta' periklu hija inkluża fit-Taqsima 9 jew fit-
16 Taqsima 7. Addizzjonalment, informazzjoni dwar miżuri ta' protezzjoni tingħata taħt is-
17 subtaqsima 8.2. "kontrolli tal-esponiment". Għaldaqstant ħafna informazzjoni rilevanti għat-
18 Taqsima 10 tista' tkun mogħtija diġà f'taqsimiet oħra.

19 Minħabba li l-informazzjoni għandha tkun miktuba b'mod ċar u konċiż, ir-repetizzjonijiet
20 għandhom jiġu evitati.

21

22 10.1 Reattività

Test tal-Anness II

10.1.1. Għandhom jiġu deskritti l-perikli ta' reattività tas-sustanza jew it-taħlita. Meta disponibbli, għandha tingħata data speċifika tat-test għas-sustanza jew it-taħlita bħala entità sħiħa. Minkejja dan, l-informazzjoni tista' tkun ibbażata wkoll fuq data ġenerali għall-klassi jew il-familja ta' sustanza jew ta' taħlita, jekk data bħal din tirrappreżenta b'mod adegwat il-periklu antiċipat tas-sustanza jew it-taħlita.

10.1.2. Jekk id-data għat-taħlitiet ma tkunx disponibbli, għandha tingħata d-data dwar sustanzi fit-taħlita. Fid-determinazzjoni tal-inkompatibbiltà, għandhom jiġu kkunsidrati l-kontenituri u l-kontaminanti li s-sustanza jew it-taħlita tista' tkun esposta għalihom matul it-trasport, il-ħażna u l-użu.

23
24 [It-test ta' hawn fuq jitqies li ma jeħtieġ ebda spjegazzjoni ulterjuri].
25

1 10.2 Stabbiltà kimika

Test tal-Anness II

Għandu jiġi indikat jekk is-sustanza jew it-taħlita hiex stabbli jew instabbli f'akkwati normali u f'kundizzjonijiet antiċipati ta' ħażna u ġestjoni ta' temperatura u pressjoni. Għandu jiġi deskritt kwalunkwe stabbilizzatur li huwa, jew jeħtieġ li jkun, użat biex tinżamm l-istabbiltà kimika tas-sustanza jew it-taħlita. Għandu jiġi indikat is-sinifikat ta' sikurezza ta' kwalunkwe bidla fl-apparenza fiżika tas-sustanza jew it-taħlita. Fir-rigward ta' splussivi desensitizzati, għandha tingħata informazzjoni dwar it-tul ta' żmien għall-konservazzjoni tal-prodott u l-istruzzjonijiet dwar kif għandha tiġi verifikata d-desensitizzazzjoni, u għandu jiġi indikat li t-tneħħija tal-aġent desensitizzanti se jittrasforma l-prodott fi splussiv.

2
3 Eżempji ta' frażijiet standard komuni li jistgħu jintużaw f'din is-subtaqsima għal sustanzi jew
4 taħlitiet stabbli jinkludu:

- 5 • "Taħt ħżin f'temperaturi ambjentali normali (inqas minn 40° C sa + 40° C), il-prodott
6 huwa stabbli."
- 7 • "L-ebda reazzjoni perikoluża meta jiġu ttrattat u maħżun skont id-dispożizzjonijiet."
- 8 • "L-ebda reazzjoni perikoluża magħrufa"
- 9

10 10.3 Possibbiltà ta' reazzjonijiet perikolużi

Test tal-Anness II

Jekk rilevanti, għandu jiġi ddikjarat jekk is-sustanza jew it-taħlita hiex se tirreaġixxi jew tippolimerizza, u b'hekk tirrilaxxa pressjoni jew sħana eċċessiva, jew toħloq kundizzjonijiet oħra ta' periklu. Għandhom jiġu deskritti l-kundizzjonijiet li fihom jistgħu jseħħu r-reazzjonijiet perikolużi.

11
12 Innota li l-informazzjoni eż. dwar il-periklu ta' splużjoni ta' trab hija mogħtija fit-Taqsimiet 2 u
13 9, u hemm għaldaqstant hteġa li jsir kontroll għal konsistenza/trikkib potenzjali.

14 Hemm ukoll trikkib potenzjali bejn is-subtaqsima "10.1 Reattività" li tirrelata wkoll mal-perikli
15 ta' reattività u 10.3 preżenti "Possibbiltà ta' reazzjonijiet perikolużi". L-entrata ta' informazzjoni
16 fis-subtaqsima 10.3 tista' tkun restritta għal eżiti perikolużi b'riżultat ta' reattività speċifika.
17 B'hekk b'mod ċar, pereżempju, sustanza tista' tkun deskritta bħala aċidu qawwi fis-
18 subtaqsima 10.1 li jimplika eż. riskju intrinsiku ta' reazzjoni perikoluża ma' bażijiet. Is-
19 subtaqsima 10.3 tista' tkun riżervata għall-eżiti speċifiċi ta' reattività elenkati
20 (polimerizzazzjoni li twassal għal pressjoni jew sħana eċċessiva) u għal informazzjoni dwar
21 kundizzjonijiet ta' reazzjoni. Ma hemm ebda hteġa li l-kontenut jiġi ddupplikant fiż-żewġ
22 subtaqsimiet.
23

1 10.4 Kundizzjonijiet li għandhom jiġu evitati

Test tal-Anness II

Għandhom jiġu elenkati l-kundizzjonijiet bħalma huma t-temperatura, il-pressjoni, id-dawl, it-trawma, l-iskarika tal-istatika, il-vibrazzjonijiet jew il-pressjonijiet fiżiċi l-oħra li jistgħu jirriżultaw f'sitwazzjoni ta' periklu ("kundizzjonijiet li jridu jiġu evitati") u jekk xieraq għandha tingħata deskrizzjoni qasira tal-miżuri li għandhom jittieħdu għall-ġestjoni tar-riskju assoċjati ma' perikli bħal dawn. Fir-rigward tal-isplussivi desensitizzati, għandha tingħata informazzjoni dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi evitata t-tneħħija mhux intenzjonata tal-aġent desensitizzanti, u għandhom jiġu elenkati l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu evitati jekk is-sustanza jew it-taħlita ma tkunx desensitizzata biżżejjed.

2
3 II-kontenut ta' din is-subtaqsima għandu l-potenzjal li jirrepeti dak tas-subtaqsima 7.2
4 "Kundizzjonijiet għal użu sikur, inklużi xi inkompatibilitajiet" u hemm għaldaqstant hteġa li jsir
5 kontroll għal konsistenza/trikkib potenzjali,

6 II-parir mogħti għandu jkun konsistenti mal-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi deskritti fit-Taqsima 9
7 tal-SDS. Jekk rilevanti, għandu jkun ipprovdut parir dwar rekwiżiti speċifiċi għall-ħżin li
8 jinkludu:

9 (a) Kif għandhom ikunu ġestiti riskji assoċjati ma':

- 10 (i) atmosferi splussivi;
- 11 (ii) kundizzjonijiet korrużivi;
- 12 (iii) perikli ta' fjamabbiltà;
- 13 (iv) sustanzi jew taħlitiet inkompatibbli;
- 14 (v) kundizzjonijiet evaporattivi; u
- 15 (vi) sorsi potenzjali li jqabdbu (inkluż tagħmir elettriku);

16 (b) Kif għandhom jiġu kontrollati l-effetti ta':

- 17 (i) kundizzjonijiet tat-temp;
- 18 (ii) pressjoni ambjentali;
- 19 (iii) temperatura;
- 20 (iv) dawl tax-xemx;
- 21 (v) umidità; u
- 22 (vi) vibrazzjoni;

23 (c) Kif għandha tinżamm l-integrità tas-sustanza jew tat-taħlita bl-użu ta':

- 24 (i) stabilizzanti; u
- 25 (ii) antiossidanti.

1 (d) Pariri oħra, inkluż:

2 (i) rekwiżiti ta' ventilazzjoni;

3 (ii) disinn speċifiku għall-kmamar jew għall-kontenituri ta' ħżin (inklużi l-ħitan ta'
4 konteniment u l-ventilazzjoni);

5 (iii) limiti tal-kwantità f'kundizzjonijiet ta' ħżin (jekk rilevanti); u

6 (iv) kompatibilitajiet tal-imballaġġ

7

8 10.5 Materjali inkompatibbli

Test tal-Anness II

Għandhom jiġu elenkati l-familji tas-sustanzi jew tat-taħlitiet jew tas-sustanzi speċifiċi, bħalma huma l-ilma, l-arja, l-aċti, il-bażijiet, l-aġenti tal-ossidazzjoni, li magħhom tista' tirreaġixxi s-sustanza jew it-taħlita biex tipproduċi sitwazzjoni perikoluża (bħal splużjoni, rilaxx ta' materjali tossiċi jew fjamabbli, jew liberazzjoni ta' sħana eċċessiva) u jekk xieraq għandha tingħata deskrizzjoni qasira tal-miżuri li għandhom jittieħdu għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati ma' perikli bħal dawn.

9

10 Innota li mhijiex neċessarjament prattika tajba li tingħata lista twila ta' "materjali
11 inkompatibbli" li tinkludi ħafna sustanzi li mhuwiex probabbli li l-prodott qatt jiġi f'kuntatt
12 magħhom. Għandu jinstab bilanċ bejn id-dilwizzjoni tal-messaġġ dwar l-inkompatibbiltajiet
13 rilevanti b'lista twila wisq u r-riskji potenzjali mill-ommissjoni ta' materjal inkompatibbli
14 speċifiku. L-użu ta' tipi jew klassijiet ta' sustanza (eż. "solventi aromatiċi") aktar mill-elenkar
15 ta' sustanzi individwali jista' jkun preferibbli u jista' jevita listi twal ta' sustanzi individwali.

16 Il-kontenut ta' din is-subtaqsima għandu l-potenzjal li jirrepeti elementi li jittrattaw sustanzi u
17 taħlitiet inkompatibbli fi ħdan is-subtaqsima 7.1 "Prekawzjonijiet għal trattament sikur" u
18 hemm għaldaqstant hteġa li jiġu kkontrollati l-konsistenza/trikkib potenzjali.

19

20 10.6 Prodotti perikolużi ta' dekompożizzjoni

Test tal-Anness II

Għandhom jiġu elenkati l-prodotti magħrufa u raġonevolment antiċipati ta' dekompożizzjoni bħala riżultat tal-użu, l-ħżin, it-tixrid u t-tiżhin. Il-prodotti perikolużi tal-kombustjoni għandhom jiġu inklużi fit-Taqsima 5 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

21

22 Il-possibbiltà ta' degradazzjoni għal prodotti instabbli għandha tkun indirizzata f'din is-
23 subtaqsima.

24 Eżempji ta' frażijiet standard komuni li jistgħu jintużaw meta xieraq f'din is-subtaqsima għal
25 sustanzi jew taħlitiet stabbli jinkludu:

26 • "Ma jiddekomponix meta jintuża għall-użi maħsuba."

27 • "L-ebda prodott perikoluż ta' dekompożizzjoni magħruf."

28

1 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsimha tista' tidher jingħata hawn taħt:

TAQSIMA 10: Stabbiltà u reattività

- 10.1 Reattività
- 10.2 Stabbiltà kimika
- 10.3 Possibbiltà ta' reazzjonijiet perikolużi
- 10.4 Kundizzjonijiet li għandhom jiġu evitati
- 10.5 Materjali inkompatibbli
- 10.6 Prodotti perikolużi ta' dekompożizzjoni

2
3 Din it-taqsimha jeħtieġ li tiġi kkontrollata għal konsistenza b'mod partikolari mat-taqsimiet li
4 ġejjin;

- 5 • TAQSIMA 2: Identifikazzjoni tar-riskji
- 6 • TAQSIMA 5: Miżuri għat-tifi tan-nar
- 7 • TAQSIMA 6: Miżuri għar-rilaxx aċċidentali
- 8 • TAQSIMA 7: Ġestjoni u ħżin
- 9 • TAQSIMA 13: Kunsiderazzjonijiet tar-rimi

10

11 3.11 SDS TAQSIMA 11 Informazzjoni tossikoloġika

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha fl-iskeda tad-data dwar is-sikurezza hija maħsuba primarjament għall-użu mill-professjonisti mediċi, il-professjonisti tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u t-tossikologi. Għandha tingħata deskrizzjoni konċiża iżda kompluta u komprensibbli tal-effetti (fuq is-saħħa) tossikoloġiċi varji u d-data disponibbli użata biex tidentifika dawk l-effetti, inkluż fejn xieraq informazzjoni dwar tossikokinetika, il-metaboliżmu u d-distribuzzjoni. L-informazzjoni f'din it-taqsimha għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija fir-reġistrazzjoni u/jew fir-rapport dwar is-sikurezza kimika fejn mitlub, u flimkien mal-klassifikazzjoni tas-sustanza jew it-taħlita.

11.1. Informazzjoni dwar il-klassi ta' periklu kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008

II-klassijiet rilevanti ta' periklu, li għalihom għandha tingħata informazzjoni, huma:

- (a) tossiċità akuta;*
- (b) korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda;*
- (c) ħsara serja lill-għajnejn/irritazzjoni tal-għajnejn;*
- (d) sensitizzazzjoni respiratorja jew tal-ġilda;*
- (e) mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali;*

(f) *karċinoġeniċità;*

(g) *tossiċità riproduttiva;*

(h) *tossiċità speċifika għall-organiżmi fil-mira (STOT)- esponiment uniku;*

(i) *tossiċità speċifika għall-organiżmi fil-mira (STOT)- esponiment ripetut;*

(j) *periklu ta' aspirazzjoni.*

Dawn il-perikli għandhom dejjem jiġu elenkati fl-iskeda ta' data dwar is-sikurezza.

Għal sustanzi suġġetti għal reġistrazzjoni, għandhom jingħataw sommarji qosra tal-informazzjoni derivata mill-applikazzjoni tal-Annessi VII sa XI, inkluża, meta xierqa, referenza għall-metodi ta' ttestjar użati. Għal sustanzi soġġetti għal reġistrazzjoni, l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll ir-riżultat tat-tqabbil tad-data disponibbli mal-kriterji mogħtija fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għal CMR, il-kategoriji 1 A u 1B, wara l-punt 1.3.1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

11.1.1. L-informazzjoni għandha tingħata għal kull klassi ta' periklu jew differenzjar. Jekk ikun iddikjarat li s-sustanza jew it-taħlita mhix klassifikata għal klassi partikolari ta' periklu jew differenzjar, l-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tiddikjara b'mod ċar jekk dan hux dovut minħabba nuqqas ta' data, impossibilità teknika li tinkiseb id-data, data inkonklussiva jew data konklussiva għalkemm mhix biżżejjed għall-klassifikazzjoni; fil-każ tal-aħħar, l-iskeda tad-data dwar is-sikurezza, għandha tispeċifika 'abbażi tad-data disponibbli, il-kriterji tal-klassifikazzjoni mhumix issodisfati'.

11.1.2. Id-data inkluża f'din is-subtaqsima għandha tapplika għas-sustanza jew it-taħlita kif imqiegħda fis-suq. Fil-każ ta' taħlita, id-data għandha tiddeskrivi l-proprjetajiet tossikoloġiċi tat-taħlita bħala entità sħiħa, ħlief jekk japplika l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Jekk disponibbli, għandhom jingħataw ukoll il-proprjetajiet tossikoloġiċi rilevanti tas-sustanzi perikolużi f'taħlita, bħalma huma l-LD50, l-istimi tat-tossiċità akuta jew l-LC50.

11.1.3. Meta jkun hemm ammont sostanzjali tad-data tat-test dwar is-sustanza jew it-taħlita, jista' jkun meħtieġ li r-riżultati jingħataw f'sommarju tal-istudji kritiċi użati, pereżempju permezz ta' rotta ta' esponiment.

11.1.4. Meta l-kriterji ta' klassifikazzjoni għal klassi partikolari ta' periklu ma jiġux sodisfatti, għandha tingħata informazzjoni li tappoġġa din il-konklużjoni.

11.1.5. Informazzjoni dwar il-modi probabbli ta' esponiment

Għandha tingħata informazzjoni dwar il-modi probabbli ta' esponiment u l-effetti tas-sustanza jew tat-taħlita permezz ta' kull mod possibbli ta' esponiment, jiġifieri, permezz ta' inġestjoni (meta tinbela'), permezz ta' ġbid man-nifs, jew permezz ta' esponiment tal-għajnejn/tal-ġilda. Jekk l-effetti fuq is-saħħa ma jkunux magħrufa, dan għandu jiġi dikjarat.

11.1.6. Sintomi relatati mal-karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tossikoloġi

Għandhom jiġu deskritti l-effetti potenzjalment negattivi fuq is-saħħa u s-sintomi assoċjati mal-esponiment għas-sustanza jew għat-taħlita u l-ingredjenti jew il-prodotti sekondarji tagħha. Għandha tingħata l-informazzjoni disponibbli dwar is-sintomi relatati mal-karatteristiċi, fiżiċi, kimiċi u tossikoloġiċi tas-sustanza jew tat-taħlita wara l-esponiment. Id-deskrizzjoni għandha tkopri l-firxa kollha ta' sintomi mill-ewwel sintomi tal-esponiment baxx u jibqgħu sejrini sal-konsegwenzi tal-esponiment qawwi, pereżempju "jistgħu jseħħu wġiġh ta' ras u sturdament, li jwasslu għall-ħass ħażin jew għat-telf mis-sensi; dożi kbar jistgħu jirriżultaw f'koma jew f'mewt".

11.1.7. Effetti mdewma u immedjati kif ukoll effetti kroniċi minn esponiment fuq medda qasira u twila ta' żmien

Għandha tingħata informazzjoni dwar jekk għandhomx jiġu mistennija effetti rritardjati jew immedjati wara esponiment li jifrex fuq medda qasira jew medda twila ta' żmien. Għandha tingħata wkoll informazzjoni dwar effetti akuti u kroniċi relatati mal-esponiment uman għas-sustanza jew it-taħlita. Meta ma tkunx disponibbli data umana, għandha tingħata fil-qosor l-informazzjoni dwar id-data sperimentali, bid-dettalji dwar data tal-annimali u dwar l-ispeċi identifikati b'mod ċar jew dwar it-testijiet in vitro u t-tipi ta' ċelloli identifikati b'mod ċar. Għandu jiġi indikat jekk id-data tossikoloġika hijiex ibbażata fuq data umana jew fuq data tal-annimali jew fuq testijiet in vitro.

11.1.8. Effetti interattivi

Għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar interazzjonijiet jekk rilevanti u disponibbli.

11.1.9. Nuqqas ta' data speċifika

Mhux dejjem jista' jkun possibbli li tinkiseb informazzjoni dwar il-perikli ta' sustanza jew taħlita f'każijiet fejn id-data dwar is-sustanza jew it-taħlita speċifika ma tkunx disponibbli, tista' tintuża data dwar sustanzi jew taħlitiet simili, jekk xieraq, bil-kundizzjoni li s-sustanza jew it-taħlita simili rilevanti tkun identifikata. Fejn ma tintużax data speċifika, jew meta data ma tkunx disponibbli, dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar.

11.1.10. Taħlitiet

Għal effett speċifiku fuq is-saħħa, jekk taħlita ma tkunx ġiet ittestjata bħala entità sħiħa għall-effett tagħha fuq is-saħħa, għandha tingħata informazzjoni rilevanti fuq is-sustanzi elenkati fit-Taqsima 3.

11.1.11. Taħlita b'paragon mal-informazzjoni tas-sustanza

11.1.11.1. Is-sustanzi f'taħlita jistgħu jinteraġixxu ma' xulxin fil-ġisem li jirriżulta f'rati differenti ta' assorbiment, ta' metaboliżmu u ta' eskrezzjoni. Bħala riżultat, l-azzjonijiet tossiċi jistgħu jinbidlu u t-tossiċità globali tat-taħlita tista' tkun differenti minn dik tas-sustanzi ġo fiha. Dan għandu jiġi kkunsidrat meta tingħata l-informazzjoni tossikoloġika f'din it-taqsimha tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

11.1.11.2. Jeħtieġ li jitqies jekk il-konċentrazzjoni ta' kull sustanza hiex biżżejjed biex tikkontribwixxi għall-effetti globali ta' saħħa tat-taħlita. L-informazzjoni dwar effetti tossiċi għandha tiġi ppreżentata għal kull sustanza, minbarra għall-każijiet li ġejjin:

(a) jekk l-informazzjoni hija duplikata, din għandha tiġi elenkata b'kollox darba biss għat-taħlita, pereżempju meta żewġ sustanzi jikkawżaw ir-rimettar u d-dijarea t-tnejn li huma;

(b) jekk ikun improbabbli li dawn l-effetti jsejnhu fil-konċentrazzjonijiet preżenti, bħal meta irritant minuri jiġi dilwit f'inqas minn ċerta konċentrazzjoni f'soluzzjoni mhux irritanti;

(c) meta informazzjoni jew interazzjonijiet bejn is-sustanzi f'taħlita mhumiex disponibbli, ma għandhomx isiru assunzjonijiet u minflok għandhom jiġu elenkati l-effetti fuq is-saħħa ta' kull sustanza b'mod separat.

11.2 Informazzjoni dwar perikli oħrajn

11.2.1. Proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali

Meta tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni dwar l-effetti negattivi fuq is-saħħa kkawżati minn proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali, għas-sustanzi identifikati fis-subtaqsima 2.3 li għandhom proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali. Din l-informazzjoni għandha tikkonsisti minn taqsiriet konċiżi talinformazzjoni li tkun ġejja mill-applikazzjoni tal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolamenti korrispondenti ((KE) Nru 1907/2006, (UE) 2017/2100,

(UE) 2018/605), u li tkun rilevanti biex il-proprjetajiet i jfixklu s-sistema endokrinali jiġu valutati għas-saħħa tal-bniedem.

11.2.2. Informazzjoni oħra

L-informazzjoni rilevanti l-oħra fuq effetti negattivi fuq is-saħħa għandha tiġi inkluża anki jekk ma tkunx mitluba mill-kriterji tal-klassifikazzjoni.

- 1
2 Din it-taqsimha hija ta' importanza kbira tul il-proċess ta' kumpilazzjoni ta' SDS minħabba li
3 għandha tirrifletti l-informazzjoni miġbura u l-konklużjonijiet li wieħed jasal għalihom tul il-
4 valutazzjoni tas-sustanza jew tat-taħlita għall-iskopijiet tad-determinazzjoni tal-perikli tagħha
5 u l-klassifikazzjoni u l-ittikkettar konsegwenti.
- 6 Isegwi mit-test ta' introduzzjoni għat-Taqsimha 11 li, għal taħlitiet li jinkludu sustanzi soġġetti
7 għal reġistrazzjoni l-informazzjoni mogħtija f'din it-taqsimha għal sustanzi bħal dawn għandha
8 tkun konsistenti wkoll ma' dik mogħtija fir-reġistrazzjonijiet rilevanti għas-sustanzi individwali.
- 9 Minħabba li kwantità kbira ta' informazzjoni tista' tkun trid tiġi pprovduta taħt din it-taqsimha,
10 partikolarment f' SDS għal taħlita, huwa ideali li l-preżentazzjoni tagħha tkun irranġata b'tali
11 mod li tkun stabbilita separazzjoni ċara bejn id-data li tapplika għal taħlita b'mod ġenerali
12 (meta applikabbli) u dik għal sustanzi (komponenti) individwali. Informazzjoni li tikkonċerna l-
13 klassijiet ta' periklu differenti għandha tkun irrappurtata b'mod ċar u separatament.
- 14 Preżentazzjoni ċara u konċiża ta' informazzjoni ewlenija u studji kritiċi pprovduti tista',
15 pereżempju, tintlaħaq billi jintużaw kaxxi tat-test jew tabelli.
- 16 Jekk ma tkun disponibbli l-ebda data għal ċerti klassijiet jew differenzjar ta' periklu għandhom
17 jingħataw ir-raġunijiet għad-data nieqsa⁹⁰.
- 18 Innota li għar-rekwiżiti mogħtija taħt il-punti 11.1.8 il-frażi "jekk rilevanti u disponibbli" fil-
19 kument ta' informazzjoni dwar effetti interattivi għandha tintfiehemi li tfigher li l-kompilatur tal-
20 SDS huwa mistenni jagħmel ftitxija raġonevoli għal din l-informazzjoni jekk ma jkunx diġà
21 għandu.
- 22 Skont is-subtaqsimha 11.2 Informazzjoni dwar perikli oħra, għandha tiġi indikata informazzjoni
23 dwar l-effetti negattivi minħabba proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali. Gwida dwar l-
24 interferenti endokrinali u l-identifikazzjoni tagħhom tinsab fuq:
25 <https://echa.europa.eu/mt/hot-topics/endocrine-disruptors>
26
- 27 It-tip ta' informazzjoni li tista' tirrappreżenta "sommarju qasir" ta' informazzjoni dwar il-
28 proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għas-saħħa tal-bniedem tista' tinstab fl-opinjoni
29 ppubblikata tal-Kumitat dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPC) dwar it-2,2-Dibromo-2-
30 ċjanoacetammid (DBNPA)⁹¹, paġna 6:
31
- 32 *Id-DBNPA huwa meqjus li għandu proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali fir-rigward tal-
33 bnedmin peress li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fit-Taqsima A tar-Regolament (UE) 2017/2100.
34 Il-konklużjoni hija bbażata fuq l-effetti negattivi osservati fil-glandola tat-tirojde fl-istudji dwar
35 il-firien u l-klieb flimkien mad-data miksuba minn ftitxija fil-letteratura mwettqa dwar l-effetti
36 tal-bromur fuq it-tirojde. Il-bromur jista' jissostitwixxi l-jodur fis-simportatur natrium/jodur
37 tat-tirojde, u b'hekk joħloq insuffiċjenza tal-jodur relattiva għal sinteżi ulterjuri tal-ormoni tat-*

90 Kif meħtieġ mill-punt 11.1.1 tat-test legali kkwotat hawn fuq.

91 <https://echa.europa.eu/documents/10162/085a4896-b067-bdbc-e38c-8f794e60e4f3>

1 *tirojde. Dan juri rabta bejn l-effetti negattivi osservati fit-tirojde u l-attività endokrinali, li hija*
2 *rilevanti għall-bnedmin u għall-ispeċijiet mhux fil-mira.*

4 **EFFETTI TOSSIKOLOĠIĊI (FUQ IS-SAĦĦA)**

5 F'din is-subtaqsima tal-SDS għandhom jiġu deskritti l-effetti/s-sintomi potenzjalment negattivi
6 fuq is-saħħa wara esponiment għas-sustanza, għat-taħlita u għal prodotti sekondarji
7 magħrufa. Is-sintomi kkawżati mill-proprjetajiet fiżiċi, kimiċi u tossikoloġiċi tas-sustanza jew
8 tat-taħlita għandhom ikunu elenkati. Sintomi li jseħħu wara l-esponiment għandhom ikunu
9 rranġati b'mod sekwenzjali skont il-livelli tal-esponiment (jew minn għoli għal baxx jew minn
10 baxx għal għoli) u jkun indikat jekk l-okkorrenza tal-effetti hijex immedjata jew tardjata.
11

12 **GĦAL SUSTANZI**

13 Għandha tiġi pprovduta informazzjoni (bħal pereżempju riżultati ewlenin) għall-klassijiet jew
14 id-differenzjar rilevanti ta' periklu, kif speċifikat fit-test legali kkwotat hawn fuq. Dan għandu
15 jiġi separat skont ir-rota tal-esponiment, l-ispeċijiet (far, ġurdien, bniedem ...), u d-durata tal-
16 istudju u l-metodu tal-istudju. Fil-każ ta' informazzjoni dwar it-tossiċità speċifika għall-organi
17 fil-mira (STOT), l-informazzjoni għandha ovvjament tinkludi indikazzjoni tal-organu fil-mira
18 speċifiku. Jekk ma tkunx disponibbli *data* għal sustanza speċifika u jiġu applikati read-across
19 jew QSARs dan għandu jissema b'mod ċar. Għal sustanzi soġġetti għal reġistrazzjoni,
20 sommarji qosra tal-informazzjoni derivata mill-applikazzjoni tal-Annessi VII sa XI (għal REACH
21 – jiġifieri tar-riżultati tal-ittejtjar (inkluż ittejtjar mhux fuq l-animali) jew mezzi alternattivi
22 oħra tal-ġenerazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa għal skopijiet ta' reġistrazzjoni) għandhom
23 jingħataw b'referenza qasira, meta xieraq, għall-metodi tal-ittejtjar użati.

24 Għandu jiġi nnutat li huwa rekwiżit li informazzjoni rilevanti oħra dwar effetti negattivi għas-
25 saħħa **għandha** tkun inkluża anke meta ma tkunx meħtieġa mill-kriterji ta' klassifikazzjoni.
26

27 **GĦAL TAĦLITJET**

28 Għal taħlitiet, għandu jiġi nnutat li r-rekwiżiti għall-informazzjoni kienu differenti skont l-
29 Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 453/2010 u l-Anness II tar-Regolament
30 tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/830⁹² (jiġifieri l-verżjonijiet tal-Anness II ta' REACH fis-seħħ
31 mill-1 ta' Diċembru 2010 u dak fis-seħħ mill-1 ta' Ġunju 2015). Sal-1 ta' Ġunju 2015 kienet
32 informazzjoni dwar l-**effetti rilevanti** (ibbażata fuq DPD), kif elenkati hawn fuq, li kellha tiġi
33 pprovduta. Mill-1 ta' Ġunju 2015 il-**klassijiet ta' periklu rilevanti** (ibbażati fuq CLP) li
34 għalihom għandha tiġi pprovduta informazzjoni huma l-istess bħal għas-sustanzi (infatti t-test
35 legali korrispondenti ma għadux jagħmel differenza bejn ir-rekwiżiti għal sustanzi u taħlitiet fir-
36 rigward ta' dawn il-klassijiet ta' periklu). Madankollu għandu jiġi nnutat li fil-każ ta' taħlitiet li
37 għalihom hija disponibbli informazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi komponenti (eż. LD50, stimi
38 ta' tossiċità akuta (ATE), LC50) din għandha tiġi pprovduta wkoll **minbarra** informazzjoni li
39 tapplika għat-taħlita kif imqiegħda fis-suq.

40 Għal aktar informazzjoni dwar kif it-taħlitiet għandhom ikunu kklassifikati għandha ssir
41 referenza fir-regolament CLP innifsu (b'mod partikolari l-Artikolu 6 tas-CLP).

42 Meta taħlita tkun ġiet ikklassifikata skont is-CLP bl-użu ta' stima ta' tossiċità akuta (ATE), il-
43 valur tal-ATE_{mix} ikkalkolat għandu jiġi inkluż f'din is-subtaqsima, pereżempju bl-użu ta'
44 struttura kif ġej:

92 Li jissostitwixxi l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 453/2010.

ATE _{mix} (orali)	=	xxx mg/kg
ATE _{mix} (dermali)	=	yyy mg/kg
ATE _{mix} (teħid man-nifs)	=	z mg/l/4 h (fwar)

- 1
2 Jekk l-informazzjoni dwar it-taħlita nfisha mhijiex disponibbli għal ċerta klassi jew diffrenzjar
3 ta' periklu iżda diversi sustanzi fiha għandhom l-istess effett tas-saħħa, dan l-effett jista'
4 jissemma għat-taħlita u mhux għas-sustanzi individwali.
- 5 Fl-assenza ta' data speċifika dwar it-taħlita li tirrigwarda interazzjonijiet bejn sustanzi
6 komponenti, **ma għandhomx** isiru assunzjonijiet u minflok l-effetti rilevanti tas-saħħa ta' kull
7 sustanza għandhom jitniżżlu b'mod separat (ara l-Anness II il-punt 11.1.11.2.)
- 8 Għandu jiġi nnutat li, huwa rekwiżit li informazzjoni rilevanti oħra dwar l-effetti negattivi fuq is-
9 saħħa **għandha** tiġi inkluża anke meta ma tkunx meħtieġa mill-kriterji ta' klassifikazzjoni.
- 10 Din it-taqsimha jeħtieġ li tkun ikkontrollata għal **konsistenza** b'mod partikolari fit-taqsimiet li
11 ġejjin:
- 12 • TAQSIMA 2: Identifikazzjoni tar-riskji
 - 13 • TAQSIMA 4: Miżuri tal-ewwel għajjnuna
 - 14 • TAQSIMA 6: Miżuri għar-rilaxx aċċidentali
 - 15 • TAQSIMA 7: Ġestjoni u ħżin
 - 16 • TAQSIMA 8: Kontrolli tal-esponiment/protezzjoni personali
 - 17 • TAQSIMA 9: Proprjetajiet Fiżiċi u Kimiċi
 - 18 • TAQSIMA 13: Kunsiderazzjonijiet tar-rimi
 - 19 • TAQSIMA 14: Informazzjoni dwar it-trasport
 - 20 • TAQSIMA 15: Informazzjoni regolatorja
- 21
- 22 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsimha tista' tidher għall-każ ta' sustanza jingħata hawn
23 taħt:

TAQSIMA 11: Informazzjoni tossikoloġika
11.1 Informazzjoni dwar il-klassijiet ta' periklu kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
<ul style="list-style-type: none"> • Tossiċità akuta: • Korrużjoni/irritazzjoni tal-ġilda: • Ħsara serja lill-għajnejn/irritazzjoni serja tal-għajnejn: • Sensitizzaturi respiratorji jew tal-ġilda • mutaġeniċità għaċ-ċelloli ġerminali; • karċinoġeniċità; • tossiċità għar-riproduzzjoni; • Sommarju ta' evalwazzjoni tal-proprjetajiet CMR; • STOT-esponiment ta' darba;

- STOT-esponiment ripetut;
- periklu ta' aspirazzjoni:

1
2 Fi ħdan kull waħda mill-klassijiet ta' periklu rilevanti ta' hawn fuq, is-substruttura tista'
3 mbagħad tkun kif ġej, bl-użu tal-entrata għal Tossiċità Akuta bħala eżempju:

11.1.1⁹³ Tossiċità Akuta:

Metodu:

Speċi:

Rotot tal-esponiment:

Doża Effettiva:

Fin tal-esponiment:

Riżultati:

4
5 Fil-każ ta' taħlitiet l-istruttura tista' tkun simili għal dik mogħtija fuq għal sustanza, iżda
6 għandu jkun magħmul ċar jekk id-*data* li tingħata tapplikax għat-taħlita jew għall-komponenti
7 tagħha.

8

9 **3.12 SDS TAQSIMA 12 Informazzjoni ekoloġiku**

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tipprovdi l-informazzjoni biex tkun tista' ssir l-evalwazzjoni l-impatt ambjentali tas-sustanza jew it-taħlita fejn tiġi rilaxxata fl-ambjent. Is-subtaqsimiet 12.1 sa 12.6 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandhom jagħtu sommarju qasir tad-data inkluża, fejn disponibbli, id-data rilevanti tat-test u għandhom jindikaw b'mod ċar l-ispeċi, il-mezzi, l-unitajiet, it-tul ta' żmien tat-test u l-kundizzjonijiet tat-test. Din l-informazzjoni tista' tgħin fil-ġestjoni tat-tixrid, u l-evalwazzjoni tal-prassi ta' trattament tal-iskart, fil-kontroll ta' rilaxx, fil-miżuri ta' rilaxx aċċidentali u fit-trasport. Għandhom jiġu indikati r-raġunijiet fil-każ li jkun iddikjarat li proprjetà partikolari ma tapplikax (għaliex id-data disponibbli turi li s-sustanza jew it-taħlita ma tissodisfax il-kriterji għall-klassifikazzjoni) jew fil-każ li l-informazzjoni dwar proprjetà partikolari ma tkunx disponibbli. Barra minn hekk, jekk sustanza jew taħlita mhijiex klassifikata għal raġunijiet oħra (pereżempju, minħabba impossibilità teknika li tinġabar id-data jew minħabba data inkonklużiva), dan għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar fl-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

Xi proprjetajiet bħall-bijoakkumulazzjoni, il-persistenza u d-degradabbiltà, huma speċifiċi għal sustanza partikolari, u din l-informazzjoni għandha tingħata fejn disponibbli u fejn ikun xieraq, għal kull sustanza rilevanti fit-taħlita (jiġifieri dawk li huma mitluba li jiġu elenkati fit-Taqsima 3 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza u jkunu ta' periklu għall-ambjent jew sustanzi PBT/vPvB). Għandha tingħata wkoll informazzjoni għal prodotti ta' trasformazzjoni perikoluża li toriġina mid-degradazzjoni ta' sustanzi jew taħlitiet.

93 Innota li numerazzjoni addizzjonali u substrutturat taħt il-livell tas-subtaqsima mhuwiex rekwiżit legali.

L-informazzjoni f'din it-taqsimha għandha tkun konsistenti mal-informazzjoni mogħtija fir-reġistrazzjoni u/jew fir-rapport dwar is-sikurezza kimika fejn mitlub, u flimkien mal-klassifikazzjoni tas-sustanza jew it-taħlita.

Meta jkun hemm id-disponibilità ta' data sperimentali affidabbli u rilevanti, għandha tingħata dik id-data u din għandha tiegħu preċedenza fuq l-informazzjoni miksuba mill-mudelli.

1
2 L-ebda kjarifika ulterjuri ma hija kkunsidrata neċessarja (ara l-Kummenti ġenerali dwar l-
3 entrati fit-Taqsimha 12 ġenerali fl-aħħar ta' din it-taqsimha).
4

5 12.1 Tossiċità

Test tal-Anness II

Meta din tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni dwar it-tossiċità bl-użu ta' data minn testijiet magħmula fuq organiżmi tal-ilma u/jew tal-art. Din għandha tinkludi data rilevanti disponibbli dwar it-tossiċità akkwatika, kemm akuta kif ukoll kronika għall-ħut, il-krustaċji, l-alga u l-pjanti akkwatiċi l-oħra. Barra minn hekk, għandha tiġi inkluża meta tkun disponibbli, data dwar it-tossiċità tal-mikrorganiżmi u l-makrorganiżmi tal-ħamrija u organiżmi oħra ambjentalment rilevanti, bħall-ġhasafar, in-naħal u l-pjanti. Fejn is-sustanza jew it-taħlita jkollha effetti inibitorji fuq l-attività tal-mikrorganiżmi, għandu jissewma l-impatt possibbli fuq l-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ.

Meta ma tkunx disponibbli data sperimentali, il-fornitur għandu jikkunsidra jekk tistax tingħata informazzjoni affidabbli u rilevanti miksuba minn mudelli.

Għal sustanzi suġġetti għal reġistrazzjoni, għandhom jiġu inklużi sommarji ta' informazzjoni derivata mill-applikazzjoni tal-Annessi VII sa XI ta' dan ir-Regolament.

6
7 L-ebda kjarifika ulterjuri ma hija kkunsidrata neċessarja (ara l-Kummenti ġenerali dwar l-
8 entrati fit-Taqsimha 12 ġenerali fl-aħħar ta' din it-taqsimha).
9

10 12.2 Persistenza u degradabbiltà

Test tal-Anness II

Id-degradabbiltà hija l-potenzjal li s-sustanza, jew li s-sustanzi xierqa f'taħlita, jiddegradaw fl-ambjent permezz tal-bijodegradazzjoni jew bi proċessi oħra bħall-ossidazzjoni jew l-idrolożi. Il-persistenza hija n-nuqqas ta' evidenza ta' degradazzjoni fis-sitwazzjonijiet definiti fit-Taqsimiet 1.1.1 u 1.2.1 tal-Anness XIII. Meta disponibbli, għandhom jingħataw ir-risultati tat-testijiet rilevanti biex jivvalutaw il-persistenza u d-degradabbiltà. Jekk id-degradazzjoni qed tiġi kkwotata fil-forma ta' nofs ħajjiet, irid jiġi indikat jekk dawn in-nofs ħajjiet jirreferux għal mineralizzazzjoni inkella għal degradazzjoni primarja. Għandu jissewma wkoll il-potenzjal tas-sustanza, jew ta' ċerti sustanzi f'taħlita, li jiddegradaw fl-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ.

Meta ma tkunx disponibbli data sperimentali, il-fornitur għandu jikkunsidra jekk tistax tingħata informazzjoni affidabbli u rilevanti miksuba minn mudelli.

Din l-informazzjoni għandha tingħata meta disponibbli u xierqa, għal kull sustanza individwali fit-taħlita li mitluba li tiġi elenkata fit-Taqsimha 3 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

1
2 L-ebda kjarifika ulterjuri ma hija kkunsidrata neċessarja (ara l-Kummenti ġenerali dwar l-
3 entrati fit-Taqsima 12 ġenerali fl-aħħar ta' din it-taqsima).

5 12.3 Potenzjal bjoakkumulattiv

Test tal-Anness II

Il-potenzjal bjoakkumulattiv huwa l-potenzjal tas-sustanza, jew ta' ċerti sustanzi f'taħlita, li jakkumulaw f'bijota u, eventwalment jgħaddu mill-katina tal-ikel. Għandhom jingħataw ir-riżultati tat-testijiet rilevanti biex jiġi vvalutat il-potenzjal bjoakkumulattiv. Dawn għandhom jinkludu referenza għall-koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma (Kow) u l-fattur ta' bijokonċentrazzjoni (BCF), jew parametri rilevanti oħrajn relatati mal-bjoakkumulazzjoni, jekk ikunu disponibbli.

Meta d-data sperimentali ma tkunx disponibbli, għandu jitqies jekk jistgħux jingħataw mudelli tat-tbassir.

Din l-informazzjoni għandha tingħata meta disponibbli u xierqa, għal kull sustanza individwali fit-taħlita li mitluba li tiġi elenkata fit-Taqsima 3 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

6
7 L-ebda kjarifika ulterjuri ma hija kkunsidrata neċessarja (ara l-Kummenti ġenerali dwar l-
8 entrati fit-Taqsima 12 ġenerali fl-aħħar ta' din it-taqsima).

10 12.4 Mobilità fil-ħamrija

Test tal-Anness II

Il-mobbiltà fil-ħamrija hija l-potenzjal tas-sustanza jew il-komponenti ta' taħlita, jekk rilaxxati fl-ambjent, li jiċċaqilqu taħt forzi naturali għall-ilma tal-pjan jew għal distanza mil-lok tar-rilaxx. Meta disponibbli, għandu jingħata l-potenzjal għall-mobbiltà fil-ħamrija. L-informazzjoni dwar il-mobbiltà fil-ħamrija tista' tiġi determinata mid-data rilevanti tal-mobbiltà bħalma huma l-istudji tal-assorbiment jew l-istudji tal-iskular, id-distribuzzjoni magħrufa jew imbassra għal kompartimenti ambjentali, jew it-tensjoni tal-wiċċ. Pereżempju, il-valuri Koc jistgħu jitbassru mill-koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol/ilma (Kow). L-iskular u l-mobbiltà jistgħu jitbassru minn mudelli.

Din l-informazzjoni għandha tingħata meta disponibbli u xierqa, għal kull sustanza individwali fit-taħlita li mitluba li tiġi elenkata fit-Taqsima 3 tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

Fejn teżisti data sperimentali, dik id-data, b'mod ġenerali, għandha tiegħu preċedenza fuq mudelli u tbassir.

11
12 L-ebda kjarifika ulterjuri ma hija kkunsidrata neċessarja (ara l-Kummenti ġenerali dwar l-
13 entrati fit-Taqsima 12 ġenerali fl-aħħar ta' din it-taqsima).

14

1 12.5 Riżultati tal-valutazzjoni PBT u vPvB

Test tal-Anness II

Meta jinħtieġ rapport dwar is-sikurezza kimika, għandhom jingħataw ir-riżultati tal-valutazzjoni PBT u vPvB kif stipulat fir-rapport dwar is-sikurezza kimika.

2
3 Għandu jiġi nnutat li mhuwiex neċessarju li tingħata informazzjoni dettaljata dwar id-data
4 użata biex wieħed jasal għall-konklużjoni dwar il-proprjetajiet PBT jew vPvB partikolarment
5 meta l-konklużjoni hija li dak il-prodott ma għandux dawn il-proprjetajiet. Dikjarazzjoni
6 sempliċi għandha tkun biżżejjed, pereżempju:

7 *"Skont ir-riżultati tal-valutazzjoni tagħha, din is-sustanza mhijiex PBT jew vPvB" jew*

8 *"Din it-taħlita ma fihiex sustanzi li għandhom jiġu vvalutati bħala PBT jew vPvB"*

9
10 Madankollu, meta l-kriterji għal PBT jiġu ssodisfati huwa rakkomandat li jiġu indikati fil-qosor
11 hawnhekk ir-raġunijiet li għalihom huma ssodisfati bħala parti mir-riżultati tal-valutazzjoni li
12 għandhom jingħataw f'kull każ.

14 12.6 Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali

Test tal-Anness II

Meta tkun disponibbli, għandha tingħata informazzjoni dwar l-effetti negattivi fuq l-ambjent kkawżati minn proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali, għas-sustanzi identifikati fis-subtaqsima 2.3 li għandhom proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali. Din l-informazzjoni għandha tikkonsisti minn taqsiriet konċiżi tal-informazzjoni li tkun ġejja mill-applikazzjoni tal-kriterji għall-valutazzjoni stipulati fir-Regolamenti korrispondenti ((KE) Nru 1907/2006, (UE) 2017/2100, (UE) 2018/605), u li tkun rilevanti biex jiġu valutati l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għall-ambjent.

16
17 Gwida dwar l-interferenti endokrinali u l-identifikazzjoni tagħhom tinsab fuq:

18 <https://echa.europa.eu/mt/hot-topics/endocrine-disruptors>

19
20 It-tip ta' informazzjoni li tista' tirrappreżenta "sommarju qasir" ta' informazzjoni dwar il-
21 proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali għall-ambjent tinsab fl-opinjoni ppubblikata tal-
22 Kumitat dwar il-Prodotti Bijocidali (BPC) dwar it-2,2-dibromo-2-ċjanoacetammid (DBNPA)⁹⁴,
23 paġna 8:

24
25 *Id-DBNPA għandu proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali fir-rigward ta' organiżmi mhux*
26 *fil-mira peress li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fit-taqsima B tar-Regolament (UE)*
27 *Nru 2017/2100. Din il-konklużjoni hija bbażata fuq evidenza minn studji mwettqa fuq DBNPA*
28 *fil-firien u studji mwettqa fuq bromur fil-far, il-gapi u l-medaka flimkien ma' informazzjoni*
29 *addizzjonali li turi li l-Modalità ta' Azzjoni postulata taffettwa l-metamorfosi tal-amfibji, li hija*
30 *kkunsidrata rilevanti fil-livell tal-popolazzjoni.*

⁹⁴ <https://echa.europa.eu/documents/10162/085a4896-b067-bdbc-e38c-8f794e60e4f3>

1 Għal sustanzi fejn ma hemmx proprjetajiet li jfixxlu s-sistemi endokrinali għall-ambjent,
2 dikjarazzjoni sempliċi għal dan il-għan għandha tkun biżżejjed, pereżempju:

3 *"Din is-sustanza ma għandhiex proprjetajiet li jfixxlu s-sistema endokrinali fir-rigward ta' organiżmi*
4 *mhux fil-mira peress li ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti fit-taqsimi B tar-Regolament*
5 *(UE) 2017/2100."*

6

7 12.7 Effetti l-oħra ta' ħsara

Test tal-Anness II

Meta tkun disponibbli, għandha tiġi inkluża informazzjoni dwar kwalunkwe effett ieħor ta' ħsara fuq l-ambjent, pereżempju d-destin ambjentali (l-esponiment), il-potenzjal tal-ħolqien ta' ożonu fotokimiku, il-potenzjal tat-tnaqqis tal-ożonu, il-potenzjal tal-effett ta' tħarbit endokrinali jew il-potenzjal tat-tiħin globali.

8

9 Kummenti ġenerali dwar l-entrati fit-Taqsimi 12 b'mod ġenerali

10 Meta tkun qed tiġi ppreparata SDS għal taħlitiet, jeħtieġ li jkun ċar jekk id-data tapplikax
11 għall-ingredjenti jew għat-taħlita fit-totalità tagħha.

12 Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari meta t-taħlita sħiħa tkun ġiet ittestjata biex tkun
13 determinata t-tossiċità akkwatika tagħha, f'dan il-każ tista' tintuża LC₅₀ jew EC₅₀ adegwata
14 tat-tossiċità akuta biex ikun determinat il-periklu akut skont il-kriterji li kienu miftiehma għal
15 sustanzi, iżda mhux għal periklu għal żmien twil. Mhuwiex possibbli li t-tossiċità akuta tkun
16 applikata f'kombinazzjoni ma' data tal-ittejtjar tad-destin ambjentali (id-degradabbiltà u l-
17 bjoakkumulazzjoni) għal klassifikazzjoni tal-periklu għal żmien twil minħabba li d-data minn
18 testijiet ta' degradabbiltà u bjoakkumulazzjoni ta' taħlitiet ma tistax tkun interpretata; dawn
19 huma sinifikanti biss għal sustanzi waħidhom (Ara r-Regolament CLP il-punti 4.1.3.3.1. u
20 4.1.3.3.2.).

21 Is-CLP jippermetti wkoll il-klassifikazzjoni tat-taħlitiet għal periklu fit-tul abbażi ta' data
22 adegwata dwar it-tossiċità kronika (ara l-punt 4.1.3.3.4.). Għal aktar informazzjoni dwar il-
23 klassifikazzjoni ta' taħlitiet għal perikli ambjentali, ara (l-abbozz tal-aġġornament) tal-Gwida
24 tal-ECHA dwar l-Applikazzjoni tal-Kriterji CLP⁹⁵.

25 Meta tkun qed tinkiteb din it-taqsimi, għandu jkun speċifikat jekk id-data msemija toriġinax
26 minn data sperimentali (riżultati tal-ittejtjar) jew minn mudelli (regoli ta' tqarrib eċċ.).

27 Din it-taqsimi jeħtieġ li tiġi kkontrollata għal konsistenza b'mod partikolari mat-taqsimiet li
28 ġejjin:

- 29 • TAQSIMA 2: Identifikazzjoni tar-riskji
- 30 • TAQSIMA 3: Il-kompożizzjoni/informazzjoni dwar l-ingredjenti
- 31 • TAQSIMA 6: Miżuri ta' rilaxx aċċidentali – (jiġifieri prekawzjonijiet għall-ħarsien tal-
32 ambjent)
- 33 • TAQSIMA 7: It-trattament u l-ħżin – (jiġifieri miżuri għall-prevenzjoni ta' emissjonijiet
34 (filtri...))

95 Disponibbli fuq: <https://echa.europa.eu/mt/support/guidance> (paġna 145 fuq "4.1.4.3 Kriterji ta' klassifikazzjoni għal taħlitiet perikolużi għall-ambjent akkwatiku fuq il-bażi tad-data tal-ittejtjar dwar it-taħlita kollha").

- 1 • TAQSIMA 9: Proprjetajiet Fiżiċi u Kimiċi – (jiġifieri log Kow, mixxibbiltà)
- 2 • TAQSIMA 13: Konsiderazzjonijiet ta' rimi
- 3 • TAQSIMA 14: Informazzjoni dwar it-trasport
- 4 • TAQSIMA 15: Informazzjoni regolatorja
- 5

6 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsimha tista' tidher jingħata hawn taħt:

TAQSIMA 12: Informazzjoni ekoloġika

12.1 Tossiċità

Tossiċità akuta (għal żmien qasir):

Ħut:

Krustaċċi:

Alga/pjanti akkwatiċi:

Organiżmi oħrajn:

Tossiċità kronika (għal żmien twil):

Ħut:

Krustaċċi:

Alga/pjanti akkwatiċi:

Organiżmi oħrajn:

12.2 Persistenza u degradabbiltà

Degradazzjoni Abijotika:

Eliminazzjoni fiżika u fotokimika:

Bijodegradazzjoni:

12.3 Potenzjal bjoakkumulattiv

Koeffiċjent ta' partizzjoni n-ottanol/ilma (log Kow):

Fattur ta' bijokonċentrazzjoni (BCF):

12.4 Mobilità fil-ħamrija

Distribuzzjoni magħrufa jew prevista għall-kompartimenti ambjentali:

Tensjoni tas-superfiċje:

Adsorbiment/Desorbiment:

12.5 Riżultati tal-valutazzjoni PBT u vPvB

12.6 Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinal

12.7 Effetti negattivi oħra

12.8 Informazzjoni addizzjonali

1
2

3 3.13 SDS TAQSIMA 13: Kunsiderazzjonijiet ta' rimi

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tipprovdi informazzjoni għall-ġestjoni xierqa tal-iskart tas-sustanza jew it-taħlita u/jew il-kontenitur tagħha, biex tgħin fid-determinazzjoni ta' alternattivi ta' ġestjoni tal-iskart bla periklu u ambjentalment preferiti, f'konsistenza mar-rekwiżiti skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (96) mill-Istat Membru li fih l-iskeda tad-data dwar is-sikurezza qed tiġi fornuta. L-informazzjoni rilevanti għas-sikurezza tal-persuni li jwettqu attivitajiet ta' ġestjoni tal-iskart għandha tikkomplimenta l-informazzjoni mogħtija fit-Taqsima 8.

Fejn jinħtieġ rapport dwar is-sikurezza kimika u fejn tkun twettqet analiżi tal-isadju tal-iskart, l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' ġestjoni tal-iskart għandha tkun konsistenti mal-użi identifikati fir-rapport dwar is-sikurezza kimika u x-xenarji ta' esponiment mir-rapport dwar is-sikurezza kimika stipulat fl-anness tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza.

- 4
5 Biex ikun żgurat li r-riskji huma kkontrollati b'mod adegwat fl-istadju tal-iskart, ir-rimi għandu
6 jkun skont il-liġijiet u r-regolamenti u l-karatteristiċi materjali preżenti applikabbli fil-ħin tar-
7 rimi. Wieheġ għandu jiftakar li sa fejn is-sustanza ssir skart, REACH jieqaf japplika u l-
8 leġiżlazzjoni tal-iskart issir qafas legali korrett li għandha topera fih.
- 9 Jekk it-trattament tas-sustanza jew tat-taħlita fl-istadju tal-iskart (iż-żejjed jew l-iskart li
10 jirriżulta mill-użu prevedibbli) jippreżenta periklu, għandha tingħata deskrizzjoni tal-perikli li
11 jirriżultaw u informazzjoni dwar kif ikun żgurat it-trattament sikur.
- 12 Il-metodi xierqa għal trattament kemm għall-iskart tas-sustanza jew tat-taħlita nnifsu u (meta
13 applikabbli) għal kwalunkwe skart tal-imballaġġ kontaminat (inkluż skart tal-imballaġġ
14 nominalment "vojt" iżda mhux imnaddaf li jkun għadu jinkludi ffit mis-sustanza jew taħlita)
15 għandu jkun indikat, b'kont meħud tal-ġerarkija tal-iskart kif definita fid-Direttiva Qafas tal-
16 Iskart (jiġifieri preparazzjoni għal użu mill-ġdid; riċiklaġġ; irkupru ieħor, eż. irkupru tal-
17 enerġija; rimi)⁹⁷.
- 18 Meta jkunu applikabbli rakkmandazzjonijiet oħra għar-rimi tas-sustanza jew tat-taħlita użata
19 għall-iskop maħsub, dawn ir-rakkmandazzjonijiet jistgħu jiġu kkwotati separatament.
- 20 Meta l-użu rakkomandat mill-fornitur jippermetti l-previżjoni tal-orġini tal-iskart jista' jkun
21 ikkunsidrat ideali li jiġi speċifikat il-Kodiċi tal-Lista tal-Iskart (LoW)⁹⁸ (jew għan-Norveġja, il-
22 kodiċi EAL tal-Lista Ewropea tal-Iskart).

96 Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p.3).

97 Għal aktar informazzjoni: <https://ec.europa.eu/environment/waste/framework/>

98 Il-Katalgu ta' Skart Ewropew (EWC) kien sostitwit minn Lista Ewropea tal-Iskart (LoW) kkumbinata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skartijiet

1

2 13.1 Metodi tat-trattament tal-iskart

Test tal-Anness II

Din is-subtaqsima tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha:

(a) tispeċifika l-kontenituri u l-metodi tat-trattament tal-iskart inklużi l-metodi xierqa tat-trattament tal-iskart kemm tas-sustanza jew it-taħlita kif ukoll għal kwalunkwe ippakkjar kontaminat (pereżempju l-inċinerazzjoni, ir-riċiklaġġ, ir-rimi fir-radam);

(b) tispeċifika l-proprjetajiet fiżiċi/kimiċi li jistgħu jeffettwaw alternattivi ta' trattament tal-iskart;

(c) tevita r-rimi tad-drenaġġ;

(d) fejn xieraq, tidentifika prekawzjoni speċjali għal xi alternattiva rakkomandata tat-trattament tal-iskart.

Għandha ssir referenza għal dispożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart jew, fin-nuqqas ta' dawn, għal dispożizzjoni nazzjonali jew reġjonali fis-seħħ.

3

4 Għandu jkun innutat li l-frażi "Rimi tad-drenaġġ għandu jkun skoraġġit" fit-test legali fuq (li
5 huwa ttrasportat mit-test GHS) hija infatti maħsuba biex tindika li r-rimi tas-sustanza jew tat-
6 taħlita f'sistemi tad-drenaġġ għandu jkun skoraġġit, aktar mir-rimi ta' drenaġġ per se hekk kif
7 tista' timplika interpretazzjoni litterali. Dan ir-reqwizit għal skoraġġiment pożittiv jista',
8 pereżempju, jkun implimntat billi tkun inkluża frażi bħal "L-iskart ma għandux⁹⁹ jintrema fid-
9 drenaġġ".

10 Mezzi addattati għan-newtralizzazzjoni jew id-deattivazzjoni ta' residwi u skart tal-prodott
11 jistgħu jkunu speċifikati. Riskji speċjali għas-sikurezza, għas-saħħa jew ambjentali li jistgħu
12 jirriżultaw meta jkun ittrattat l-iskart għandhom ikunu speċifikati, eż. riskju ta'
13 awtofjammabbiltà li tirriżulta mill-interazzjoni ma' ċerti materjali.

14 Mezzi għat-trattament tal-iskart minn skart mill-imballaġġ ta' prodotti użati jew kontaminati li
15 huma magħrufa bħala mhux addattati għandhom jissemmew jekk applikabbli.

16 Informazzjoni rilevanti (eż. il-kodiċijiet-H relatati kif definit fl-Anness III "Karatteristiċi tal-
17 iskart li jirrenduh perikoluż" tad-Direttiva 2008/98/KE¹⁰⁰) tista' tingħata biex ikun indikat jekk
18 kwantitajiet li jifdal ta' sustanza jew taħlita mhux użata għandhom jitqiesu bħala skart
19 perikoluż jew le. Meta dan isir għandu jkun magħmul ċar lir-riċevituri li meta kontaminanti
20 addizzjonali jistgħu jkunu preżenti bħala riżultat tal-użu tas-sustanza/tat-taħlita jkollhom
21 jitqiesu u jiġi attribwit kwalunkwe kodiċi H addizzjonali applikabbli.

skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3).

99 "ma għandux" qiegħda tintuża hawnhekk minflok "ma jridx" minħabba li t-test legali jeħtieġ li rimi bħal dan jkun skoraġġut, u mhux li jkun ipprojbit.

100 Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi.

- 1 Għandu jkun hemm konformità mal-leġiżlazzjoni tal-immaniġġjar tal-iskart lokali, nazzjonali u
- 2 Ewropea għall-forma partikolari ta' konteniment użat.
- 3 Għandu jkun innutat li deċiżjonijiet finali dwar il-metodu xieraq ta' mmaniġġjar tal-iskart,
- 4 skont il-leġiżlazzjoni reġjonali, nazzjonali u Ewropea, u adattament possibbli għal
- 5 kundizzjonijiet lokali, jibqgħu ir-responsabbiltà tal-operatur għat-trattament tal-iskart.
- 6 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsimha tista' tidher jingħata hawn taht¹⁰¹:

TAQSIMA 13: Konsiderazzjonijiet ta' rimi

13.1 Metodi tat-trattament tal-iskart

13.1.1 Rimi tal-Prodott / Imballaġġ:

Kodiċijiet tal-iskart / deżinjazzjonijiet tal-iskart skont il-LoW:

13.1.2 Informazzjoni rilevanti dwar it-trattament tal-iskart:

13.1.3 Informazzjoni rilevanti dwar ir-rimi tad-dranaġġ:

13.1.4 Rakkomandazzjonijiet oħra tar-rimi:

7
8

9 3.14 SDS TAQSIMA 14: Informazzjoni dwar it-trasport

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda tad-data dwar is-sikurezza għandha tagħti l-informazzjoni bażika ta' klassifikazzjoni għat-trasport/trasport bil-baħar ta' sustanzi jew taħlitiet imsemmija fit-Taqsima 1 bit-triq, il-ferrovija, il-baħar, il-passaġġi fuq l-ilma intern jew bl-ajru. Meta informazzjoni bħal din ma tkunx disponibbli jew rilevanti dan għandu jiġi ddikjarat.

Fejn rilevanti, f'din it-taqsimha għandha tingħata informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni ta' trasport għal kull wieħed mill-ftehimiet internazzjonali li ġejjin li jitrassponu r-Regolamenti Mudelli tan-NU għal modi speċifiċi tat-trasport: il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR), ir-Regolamenti dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bil-Ferrovija (RID) u l-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi fuq l-Ilma Interni (ADN), li kollha kemm huma ġew implimentati permezz tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹⁰²), kif ukoll il-Kodiċi Marittima Internazzjonali dwar Oġġetti Perikolużi (IMDG) (¹⁰³) għat-trasport ta' oġġetti ppakkjati u l-kodiċijiet rilevanti tal-OMI għat-

101 Għandek tinnota li n-numerazzjoni addizzjonali u s-substrutturar taħt il-livell tas-subtaqsima mhuwiex rekwiżit legali.

¹⁰² Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

¹⁰³ Il-konformità mal-Kodiċi IMDG hija obligatorja għall-ġarr bil-baħar ta' oġġetti perikolużi ppakkjati kif previst fil-Kapitolu VII/Reg. 3 tas-SOLAS u fl-Anness III tal-Konvenzjoni MARPOL għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Sustanzi Perikolużi Trasportati bil-Baħar f'Forma Ppakkjata.

trasport bil-baħar ta' merkanzija bl-ingrossa ⁽¹⁰⁴⁾ u *I-Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport Sikur ta' Oġġetti Perikolużi bl-Ajru (ICAO TI)* ⁽¹⁰⁵⁾.

14.1. Numru tan-NU jew numru tal-ID

Għandu jingħata n-numru tan-NU jew in-numru tal-ID (jiġifieri n-numru ta' identifikazzjoni b'erba' ċifri tassustanza, tat-taħlita jew tal-oġġett ippreċedut mill-ittri "UN" jew "ID") mir-Regolamenti Mudell tan-NU, IMDG, ADR, RID, ADN jew ICAO TI.

14.2. Isem uffiċjali tat-trasport tan-NU

Għandu jingħata l-isem uffiċjali tat-trasport kif previst fil-kolonna 2, "Isem u deskrizzjoni", tat-Tabella A tal-Kapitolu 3.2 Lista ta' Oġġetti Perikolużi tar-Regolamenti Mudell tan-NU, fl-ADR, fl-RID u fit-Tabelli A u C tal-Kapitolu 3.2 tal-ADN, issupplementat, meta applikabbli, bl-isem tekniku fil-parentesi kif meħtieġ, diment li ma kienx intuża bħala l-identifikatur tal-prodott fis-subtaqsima 1.1. Jekk in-numru tan-NU u l-isem uffiċjali tat-trasport ma jinbidlux fil-modi tat-trasport differenti, ma hemmx hteġġa li din l-informazzjoni tiġi ripetuta. Fir-rigward tat-trasport marittimu, minbarra l-isem uffiċjali tat-trasport tan-NU, għandu jiġi indikat l-isem tekniku għall-oġġetti li se jiġu trasportati koperti mill-Kodiċi IMDG, meta jkun xieraq.

14.3. Klassi(jiet) ta' periklu tat-trasport

Għandha tingħata l-klassi tal-periklu tat-trasport (u riskji sussidjarji) assenjati lis-sustanzi jew it-taħliliet abbażi tal-periklu predominanti li jippreżentaw skont ir-Regolamenti Mudell NU. Fir-rigward tat-trasport intern, għandha tingħata l-klassi ta' periklu tat-trasport (u r-riskji sussidjarji) assenjata lis-sustanzi jew lit-taħliliet abbażi tal-periklu predominanti li jirrappreżentaw skont l-ADR, l-RID u l-ADN.

14.4. Grupp tal-imballaġġ

Għandu jingħata n-numru tal-grupp tal-ippakkjar mir-Regolamenti Mudell tan-NU, jekk applikabbli, kif meħtieġ mir-Regolamenti Mudell tan-NU, ADR, RID u ADN. In-numru tal-grupp tal-imballaġġ jiġi assenjat lil ċerti sustanzi skont il-grad tagħhom ta' periklu.

14.5. Perikli ambjentali

Għandu jiġi indikat jekk is-sustanza jew it-taħlita hix perikoluża ambjentalment skont il-kriterji tar-Regolamenti Mudell tan-NU (kif riflessi fl-ADR, fl-RID u fl-ADN), u jekk hijiex sustanza niġġiesa tal-baħar skont il-Kodiċi IMDG u skont il-proċeduri ta' rispons ta' emerġenza għall-bastimenti li jgħorru prodotti perikolużi. Jekk is-sustanza jew it-taħlita tkun awtorizzata, jew maħsuba għat-trasport f' bastimenti tat-tankijiet permezz tal-passaġġi fuq l-ilma intern, għandu jiġi indikat jekk is-sustanza jew it-taħlita hijiex ambjentalment perikoluża fil-bastimenti tat-tankijiet skont l-ADN biss.

14.6. Prekawzjonijiet speċjali għall-utent

Għandha tingħata informazzjoni dwar kwalunkwe prekawzjoni speċjali li l-utent għandu jew irid jieħu jew inkella jkun konxju minnha fir-rigward tat-trasport jew tal-ġarr kemm 'il ġewwa kif ukoll 'il barra mill-proprietà tiegħu., għall-modi tat-trasport rilevanti kollha.

14.7. Trasport marittimu bl-ingrossa skont l-istrumenti tal-OMI

¹⁰⁴ L-OMI żviluppat diversi strumenti legali relatati ma' merkanzija perikoluża u li tniġġes u tidifferenzja bejn kif jingħarru l-oġġetti (ippakkjati u bl-ingrossa) u skont it-tip ta' merkanzija (gassijiet solidi, likwidi u fl-stat likwidu). Ir-regoli dwar il-ġarr ta' merkanzija perikoluża u l-bastimenti li jgħorru dawn it-tagħbijiet jinsabu fil-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Flajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS, 1974), kif emendata, u l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL 73/78), kif emendata. Dawn il-konvenzjonijiet huma supplementati mill-kodiċijiet li ġejjin: IMDG, IMSBC, IBC u IGC.

¹⁰⁵ IATA, edizzjoni 2007-2008.

Din is-subtaqsima tapplika biss meta l-merkanzija tkun maħsuba biex tinġarr bl-ingrossa skont l-istrumenti tal-OMI li ġejjin: il-Kapitolu VI jew il-Kapitolu VII tas-SOLAS ⁽¹⁰⁶⁾, l-Anness II jew l-Anness V tal-MARPOL, il-Kodiċi IBC ⁽¹⁰⁷⁾, il-Kodiċi IMSBC ⁽¹⁰⁸⁾, u l-Kodiċi IGC ⁽¹⁰⁹⁾ jew il-verżjonijiet preċedenti tiegħu, jiġifieri l-Kodiċi EGC ⁽¹¹⁰⁾, jew il-Kodiċi GC ⁽¹¹¹⁾.

Fir-rigward tal-merkanzija bl-ingrossa likwida, għandu jingħata l-isem tal-prodott (jekk l-isem ikun differenti minn dak mogħti fis-subtaqsima 1.1) kif meħtieġ skont id-dokument ta' trasport u skont l-isem użat fil-listi ta' ismijiet ta' prodotti mogħtija fil-Kapitolu 17 jew 18 tal-Kodiċi IBC jew fl-aħħar edizzjoni ta' Ċirkolari tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent Marittimu (MEPC).2 tal-OMI ⁽¹¹²⁾. Għandhom jiġu indikati t-tip ta' bastiment meħtieġ u l-kategorija tat-tniġġis, kif ukoll il-klassi ta' periklu tal-OMI, skont l-Anness I(3)B(a) tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹³⁾.

Fir-rigward tal-merkanzija solida bl-ingrossa, għandu jingħata l-isem tal-ġarr tal-merkanzija bl-ingrossa. Għandu jiġi indikat jekk il-merkanzija hix meqjusa ta' ħsara għall-ambjent tal-baħar (HME) jew le, skont l-Anness V tal-MARPOL, jekk hijiex materjal perikoluż biss meta tkun bl-ingrossa (MHB) ⁽¹¹⁴⁾ skont il-Kodiċi IMSBC, u għal liema grupp ta' merkanzija għandu jiġi kkunsidrat skont l-IMSBC.

Fir-rigward ta' tagħbijiet bl-ingrossa ta' gass likwifikat, għandu jingħata l-isem tal-prodott u t-tip ta' bastiment meħtieġ skont il-Kodiċi IGC jew skont il-verżjonijiet preċedenti tiegħu, jiġifieri l-Kodiċi EGC jew il-Kodiċi GC.

- 1
2 It-test tal-Anness II ta' REACH jispeċifika fil-punt 0.5 ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin, rilevanti
3 għat-Taqsima 14 tal-SDS:
- 4 "L-informazzjoni addizzjonali ta' sigurtà u dwar l-ambjent hija meħtieġa sabiex jiġu indirizzati
5 l-ħtiġijiet tal-baħħara u ta' ħaddiema oħra tat-trasport bl-ingrossa ta' oġġetti perikolużi bil-
6 baħar jew fuq passaġġi tal-ilma interni jew fuq bastimenti tat-tankijiet permezz tal-passaġġi
7 tal-ilma interni soġġetti għar-regolamenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI)
8 jew għal regolamenti nazzjonali. Is-subtaqsima 14.7 tirrakkomanda l-inklużjoni ta'
9 informazzjoni bażika dwar il-klassifikazzjoni meta dawn it-tipi ta' merkanzija jkun u trasportati
10 bl-ingrossa skont l-istrumenti rilevanti tal-OMI. Barra minn hekk, il-bastimenti li jgħorru ż-żejt
11 jew il-fjuwil taż-żejt, kif definit fl-Anness I tal-MARPOL (1), jew il-fjuwil taż-żejt għar-
12 riforniment tal-bastimenti, huma meħtieġa li qabel ma jgħabbu jkollhom "skeda ta' data ta'
13 sigurtà tal-materjali" skont ir-riżoluzzjoni tal-Kumitat għas-Sikurezza Marittima (l-MSC) tal-
14 OMI "Recommendations for Material Safety Data Sheets (MSDS) for MARPOL Annex I Oil Cargo
15 and Oil Fuel" (MSC.286(86)). Għalhekk, sabiex ikun hemm skeda ta' data ta' sigurtà unika u
16 armonizzata għall-użu marittimu kif ukoll għal dak mhux marittimu, meta jkun xieraq jistgħu
17 jiddaħħlu fl-iskedi ta' data ta' sigurtà d-dispożizzjonijiet addizzjonali tar-Riżoluzzjoni

¹⁰⁶ SOLAS tfisser il-il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, 1974, kif emendata.

¹⁰⁷ II-Kodiċi IBC tfisser il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-kostruzzjoni u t-tagħmir ta' bastimenti li jgħorru kimiċi perikolużi bl-ingrossa, kif emendat.

¹⁰⁸ II-Kodiċi IMSBC tfisser il-Kodiċi Marittimu Internazzjonali għall-Merkanzija Solida bl-Ingrossa, kif emendat.

¹⁰⁹ II-Kodiċi IGC tfisser il-Kodiċi Internazzjonali dwar il-kostruzzjoni u t-Tagħmir ta' Bastimenti li jgħorru Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa, inkluż l-emendi applikabbli skonthom ikun ġie ċertifikat il-bastiment.

¹¹⁰ II-Kodiċi EGC tfisser il-Kodiċi għal Bastimenti Eżistenti li jgħorru Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa, kif emendat.

¹¹¹ II-Kodiċi GC tfisser il-Kodiċi dwar il-Kostruzzjoni u t-Tagħmir ta' Bastimenti li jgħorru Gassijiet Likwifikati bl-Ingrossa (Kodiċi tat-Trasportaturi tal-Gass), kif emendat.

¹¹² MEPC.2/Circular, Provisional categorisation of liquid substances, il-verżjoni 19, effettiva mis-17 ta' Diċembru 2013).

¹¹³ Id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 10).

¹¹⁴ Materjali perikolużi biss bl-ingrossa (MHB) tfisser materjali li jista' jkollhom perikli kimiċi meta jinġarru bl-ingrossa, ħlief il-materjali klassifikati bħala oġġetti perikolużi fil-Kodiċi IMDG.

1 *MSC.286(86) għat-trasport marittimu tal-merkanzija u ż-żjut tal-fjuwil marini tal-Anness I tal-*
2 *MARPOL."*

3 Għandu jkun innutat fir-rigward ta' informazzjoni dwar it-trasport bl-ajru li r-Regolamenti dwar
4 Merkanzija Perikoluża tal-IATA (IATA DGR) jinkorporaw ir-rekwiżiti kollha tal-ICAO (infatti in-
5 nota fil-qiegħ tal-paġna fit-test legali tirreferi fil-preżent għal pubblikazzjoni tal-IATA aktar milli
6 oriġinal tal-ICAO).

7 Hija meħtieġa b'mod speċifiku informazzjoni dwar in-numru tan-NU, isem xieraq għat-
8 trasbord, klassijiet ta' periklu tat-trasport, grupp ta' imballaġġ, perikli ambjentali,
9 prekawzjonijiet speċjali għall-utenti u informazzjoni dwar it-trasport bl-ingrossa bil-baħar meta
10 applikabbli. L-isem xieraq għat-trasbord jista' jvarja xi ftit f'modi differenti tat-trasport, iżda
11 jekk jibqa' l-istess ma għandux għalfejn jiġi ripetut.

12 Fil-prattika, informazzjoni addizzjonali li normalment tkun inkluża f'din it-Taqsima tista'
13 tinkludi:

- 14 • Għal ADR/RID/ADN: Ċifra tat-tikketti ta' periklu (periklu prinċipali u subperiklu jekk
15 eżistenti), kodiċi ta' klassifikazzjoni fil-każ tal-klassi 1.
- 16 • Għal bastimenti bit-tankijiet ADN: Iċ-ċifri tat-tikketti ta' periklu u l-Kodiċijiet ta' periklu
17 kif jidhru fil-kolonna 5 tat-tabella C f'ADN kapitolu 3.2
- 18 • Għal Kodiċi IMDG: Il-klassi u riskji sussidjarji, u indikazzjoni tas-sustanza niġġiesa tal-
19 baħar jekk applikabbli.
- 20 • Għal ICAO-TI /IATA-DGR: Klassi u riskju sussidjarju.
- 21

22 Meta informazzjoni dwar "Prekawzjonijiet speċjali għall-utent" li inkella tkun tidher fis-
23 subtaqsima 14.6 tkun diġà mogħtija xi mkien ieħor fl-SDS tista' ssir kontroreferenza għall-post
24 fejn tinsab biex ma jkunx hemm repetizzjoni. Subtaqsima ma tistax sempliċiment titħalla
25 vojta.

26 Barra minn hekk, informazzjoni applikabbli oħra (eż. kategorija tat-trasport, il-kodiċi tar-
27 restrizzjoni tal-mina, il-grupp ta' segregazzjoni, id-dispożizzjonijiet speċjali kif ukoll l-
28 eżenzjonijiet (sustanzi viskużi, ftehimiet multilaterali, eċċ.) jistgħu jkunu utli Meta din l-
29 informazzjoni addizzjonali li tmur lil hinn mir-rekwiżiti attwali tal-leġiżlazzjoni tkun ipprovdata
30 il-kompilatur għandu jkun konfidenti li jista' jżommha kurrenti. Inkella tista' ssir referenza
31 għall-emendi effettivi rilevanti tat-test sħiħ tar-regolamenti applikabbli.

32 **Informazzjoni addizzjonali ADN:**

33 Skont l-ADN, kriterji ta' klassifikazzjoni estiżi huma meħtieġa għal likwidi ttrasportati
34 f'bastimenti bit-tankijiet, eż. għal Perikli ambjentali il-kriterji tal-GHS akuta 2, akuta 3 u
35 kronika 3. Din l-informazzjoni hija rilevanti biss għal likwidi bl-ingrossa li jimtlew f'tankijiet tal-
36 merkanzija ta' bastimenti bit-tankijiet u kklassifikati bħala perikolużi skont il-kriterji ADN.

37 Jekk applikabbli, din l-informazzjoni ta' klassifikazzjoni estiża hija inkluża bħala kodiċi(jiet) tal-
38 periklu fid-deskrizzjoni tal-merkanzija perikoluża skont l-ADN 5.4.1.1.2, eż.

39 *NU 1114 BENŻEN, 3 (N3, CMR), II*

40 Għal materjali maħsuba biss biex ikunu ttrasportati f'pakketti jew f'tankijiet (kontejners bit-
41 tankijiet jew vetturi bit-tankijiet), mhijex meħtieġa indikazzjoni ta' klassifikazzjoni għal
42 bastimenti bit-tankijiet biss.

43

1 **Informazzjoni addizzjonali IMDG:**

2 Skont it-taqsimha 5.4.1.5.11.1 tal-Kodiċi IMDG, il-grupp ta' segregazzjoni jeħtieġ li jkun indikat
3 għal sustanzi li jappartjenu – fl-opinjoni ta' min jikkonsenja – għal grupp wieħed ta'
4 segregazzjoni msemmi f'3.1.4.4, iżda huma kklassifikati taħt l-iskrizzjoni "Mhux speċifikat mod
5 ieħor" ("N.O.S.") mhux inkluża fil-lista ta' sustanzi elenkati taħt dan il-grupp ta'
6 segregazzjoni¹¹⁵.
7 Ma hemm, madankollu, l-ebda rekwiżit espliċitu taħt REACH biex din l-informazzjoni tal-grupp
8 ta' segregazzjoni tiġi trasferita għall-SDS, għalkemm jista' jkun ideali li dan isir.

9 **"Aktar informazzjoni dwar it-trasport marittimu bl-ingrossa skont l-istrumenti tal-**
10 **OMI:**

11 Huma biss is-sustanzi msemmija fl-istrumenti tal-IMO jew li huma maħsuba li jiġu inklużi
12 fihom, li jistgħu jintbagħtu bl-ingrossa. Għaldaqstant, din l-informazzjoni hija neċessarja biss
13 għal sustanzi, li huma maħsuba biex ikunu ttrasportati bl-ingrossa. Innota li jekk ma jkunx
14 maħsub li s-sustanza/taħlita tkun ittrasportata bl-ingrossa għandu jkun hemm dikjarazzjoni
15 għal dan il-għan taħt is-subtaqsimha 14.7 minħabba li ma għandhiex titħalla kompletament
16 vojta, pereżempju: "Il-prodott mhux ittrasportat bl-ingrossa." jew "Il-prodott mhux permess li
17 jiġi ttrasportat bl-ingrossa."

18 **Merkanzija gassuża bl-ingrossa**

19 Ipprovdli l-isem tal-prodott, it-tip ta' Bastiment eż. "Metan (LNG), Tip ta' Bastiment: 2G", jew
20 "Ammonja, anidra, Tip ta' Bastiment: 2G/2PG".

21 **Merkanzija likwida bl-ingrossa**

22 Ipprovdli l-isem tal-prodott, it-tip ta' bastiment u l-kategorija tat-tniġġis mogħtija fil-kodiċi IBC
23 eż. "Anidride aċetiku, Kategorija ta' Tniġġis: Z, Tip ta' Bastiment: 2", jew "Aċidu sulfuriku,
24 Kategorija ta' Tniġġis: Y, Tip ta' Bastiment: 2".

25 **Merkanzija solida bl-ingrossa**

26 Ipprovdli l-isem tat-trasport tal-merkanzija bl-ingrossa (BCSN) u informazzjoni dwar jekk il-
27 materjal huwiex perikoluż għall-ambjent tal-baħar (HME) jew materjal perikoluż bl-ingrossa
28 (MHB), tista' tingħata informazzjoni oħra bħal informazzjoni tal-Grupp eż. "QATRAN TAL-
29 FAĦAM, Grupp B, HME: iva, MHB: TX", jew "SULFAT TAL-POTASSJU, Grupp C, HME: Ie, MHB:
30 Ie".

31 Eżempju li juri l-intestaturi tas-subtaqsimha meħtieġa għat-Taqsima 14 jingħata hawn taħt:

"TAQSIMA 14: Informazzjoni dwar it-trasport

14.1. Numru tan-NU jew numru tal-ID

14.2. Isem uffiċjali tat-trasport tan-NU

14.3. Klassi(jiet) tal-periklu tat-trasport

14.4. Grupp tal-imballaġġ

115 Ma hemm, madankollu, l-ebda rekwiżit espliċitu taħt REACH biex din l-informazzjoni tal-grupp ta' segregazzjoni tiġi trasferita għall-SDS, għalkemm jista' jkun ideali li dan isir.

14.5. Perikli ambjentali

14.6. Prekawzjonijiet speċjali għall-utent

14.7. Trasport marittimu bl-ingrossa skont l-istrumenti tal-OMI

1
2

3 3.15 SDS TAQSIMA 15 Informazzjoni regolatorja

Test tal-Anness II

Din it-taqsimha tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tiddeskrivi l-informazzjoni regolatorja l-oħra dwar is-sustanza jew dwar it-taħlita li ma tkunx ingħatat fl-iskeda ta' data ta' sigurtà (pereżempju jekk is-sustanza jew it-taħlita hijiex soġġetta għar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ⁽¹¹⁶⁾, ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE ⁽¹¹⁷⁾ jew ir-Regolament (KE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ⁽¹¹⁸⁾).

4

5 15.1 Regolamenti/leġislazzjoni dwar is-sikurezza, dwar is-saħħa u dwar l-ambjent li 6 huma speċifiċi għas-sustanza jew għat-taħlita

Test tal-Anness II

Għandha tingħata informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni dwar is-sikurezza, dwar is-saħħa u dwar l-ambjent (pereżempju l-kategorija Seveso/is-sustanzi msemmija fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE ⁽¹¹⁹⁾ jew informazzjoni dwar l-istatus regolatorju nazzjonali tas-sustanza jew tat-taħlita (inkluż is-sustanzi fit-taħlita), inkluż parir dwar l-azzjoni li jenħtieġ jieħu r-riċevitur minħabba dawk id-dispożizzjonijiet. Jekk ikun rilevanti, għandha ssir referenza għall-lijijiet nazzjonali tal-Istati Membri rilevanti li jimplimentaw dawk id-dispożizzjonijiet u kull miżura nazzjonali oħra li tista' tkun rilevanti.

Jekk is-sustanza jew it-taħlita koperta minn din l-iskeda ta' data ta' sigurtà hija s-suġġett ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent fil-livell tal-Unjoni (pereżempju awtorizzazzjonijiet mogħtija skont it-Titolu VII jew restrizzjonijiet skont it-Titolu VIII) dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu dikjarati. [Meta awtorizzazzjoni li tingħata skont it-Titolu VII timponi kundizzjonijiet jew arranġamenti ta' monitoraġġ għal utent downstream tas-sustanza jew tat-taħlita, dawn għandhom jiġu provduti.](#)

116 Ir-Regolament (KE) Nru 1005/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (ĠU L 286, 31.10.2009, p.1.)

117 Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p.7). Innota li r-Regolament (C) 850/2004 ġie mħassar u sostitwit bir-Regolament (KE) 2019/1021.

118 Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

119 Id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta'

1
2 Minbarra l-informazzjoni dwar dispożizzjonijiet u regolamenti speċifiċi mogħtija fit-test legali
3 hawn fuq, it-tip ta' informazzjoni li għejja tista' tkun inkluża f'din is-subtaqsima (din hija lista
4 mhux eżawrjenti):

- 5 • liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri rilevanti li jimplementaw dispożizzjonijiet bħad-
6 direttiva dwar il-ħaddiema żgħażaġh u d-direttiva dwar il-ħaddiema tqal, minħabba li
7 dawn jistgħu jeħtieġu li ħaddiema żgħażaġh jew ħaddiema tqal ma jaħdmux b'ċerti
8 sustanzi u taħlitiet;
- 9 • informazzjoni mil-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-bijoċidi,
10 bħall-istatus/numri tal-aprovazzjoni/awtorizzazzjoni, informazzjoni tal-ittikkettar
11 addizzjonali mil-leġiżlazzjoni speċifika;
- 12 • informazzjoni dwar l-elementi applikabbli tad-Direttiva Qafas dwar l-Iilma;
- 13 • informazzjoni dwar Direttiva(i) tal-UE relatata(i) ma' Standards tal-Kwalità Ambjentali
14 (EQS) – eż. id-Direttiva 2008/105/KE¹²⁰ – fejn applikabbli;
- 15 • għal prodotti taż-żebgħa u tal-verniċi, jekk applikabbli referenza għad-
16 Direttiva 2004/42/KE¹²¹ dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' komposizzjonijiet
17 organiċi volatili tista' tkun inkluża hawnhekk;
- 18 • għal deterġenti, id-dikjarazzjoni tal-ingredjenti skont ir-Regolament tad-
19 Deterġenti 648/2004/KE¹²² (jekk mhux diġà mogħtija fis-subtaqsima 3.2);
- 20 • informazzjoni nazzjonali dwar l-istatus regolatorju tas-sustanza jew tat-taħlita (inklużi
21 s-sustanzi fit-taħlita), inklużi pariri li jirrigwardaw l-azzjoni li għandha tittieħed mir-
22 riċevitur bħala riżultat ta' dawn id-dispożizzjonijiet;
- 23 • liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri rilevanti li jimplementaw dawn id-dispożizzjonijiet;
- 24 • kull miżura nazzjonali oħra li tista' tkun rilevanti eż. bħal (din mhijiex lista eżawrjenti):

25 **Fil-Ġermanja:**

26 i. Klassijiet dwar il-periklu tal-ilma (Wassergefährdungsklassen)

27 ii. Istruzzjoni teknika tal-arja (TA-Luft)

28 iii. Regoli tekniċi għal sustanzi perikolużi (Technische Regeln für Gefahrstoffe), eż.
29 TRGS 220 "Aspetti nazzjonali fil-kompilazzjoni tal-iskedi ta' data ta' sigurtà".

30 **Fi Franza:**

31 i. tableaux de maladies professionnelles

32 ii. nomenclature des installations classées pour la protection de l'environnement

sustanzi perikolużi (ĠU L 10, 14.1.1997, p.13).

120 Id-Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 82/176/KEE, 83/513/KEE, 84/156/KEE, 84/491/KEE, 86/280/KEE u li temenda d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 348/84 24.12.2008, paġni 84-97).

121 Id-Direttiva 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar il-limitazzjonijiet ta' emissjonijiet ta' komposizzjonijiet organiċi volatili minħabba l-użu ta' solventi f'ċertu żebgħa u lostri u prodotti ta' lostru mil-ġdid ta' vetturi u li jemenda d-Direttiva 1999/13/KE (ĠU L 143/87, 30.4.2004, paġni 87-96).

122 Ir-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar diterġenti (ĠU L 104/1 8.4.2004, paġni 1-35).

- 1 **Fin-Netherlands:**
- 2 i. Lijst van kankerverwekkende, mutagene, en voor de voortplanting giftige stoffen
- 3 SZW.
- 4 ii. De Algemenebeoordelingsmethodiek Water (ABM)
- 5 iii. De Nederlandse Emissierichtlijn (NeR)

6 **Fid-Danimarka:**

- 7 Lister over stoffer og processer, der anses for at være kræftfremkaldende
- 8 Għandu jiġi nnutat ukoll li t-Taqsima 15.1 teħtieġ għarfien tar-regolamenti u d-dispożizzjonijiet
- 9 tal-Istati Membri rilevanti, u bħala tali ma tistax sempliċiment tiġi tradotta minn verżjoni
- 10 lingwistika oħra. Ir-regolamenti nazzjonali għandhom jingħataw fil-lingwa oriġinali tagħhom.
- 11 Fejn tkun ingħatat awtorizzazzjoni, id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni jista' jkun fiha obbligi li
- 12 jikkonċernaw lill-utent downstream. Dawn l-obbligi għandhom jiġu deskritti f'din it-taqsima,
- 13 bħala parti mill-aġġornament meħtieġ mingħajr dewmien skont l-Artikolu 31(9), ladarba tkun
- 14 ingħatat awtorizzazzjoni. Dawn jistgħu jkunu, pereżempju, arranġamenti ta' monitoraġġ għall-
- 15 utenti downstream inkluż kwalunkwe rekwiżit li jittrażmettu l-informazzjoni miġbura.

16 **15.2 Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika**

Test tal-Anness II

Din is-subtaqsima tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tindika jekk il-fornitur ikunx wettaq valutazzjoni tas-sigurtà kimika għas-sustanza jew għat-taħlita.

- 17
- 18 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-taqsima tista' tidher jingħata hawn taħt:

TAQSIMA 15: Informazzjoni Regulatorja

15.1 Regolamenti/leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza, dwar is-saħħa u dwar l-ambjent li huma speċifiċi għas-sustanza jew għat-taħlita

Regolamenti tal-UE

Awtorizzazzjonijiet u/jew restrizzjonijiet dwar l-użu:

Awtorizzazzjonijiet:

Restrizzjonijiet dwar l-użu:

Regolamenti oħra tal-UE:

Informazzjoni skont 1999/13/KE dwar il-limitazzjoni ta' emissjonijiet ta' komposti organiċi volatili (linja gwida dwar il-VOC)

Regolamenti nazzjonali (il-Ġermanja):

Restrizzjonijiet tal-professjoni:

Störfallverordnung (12.BImSchV):

Wassergefährdungsklasse (water hazard class):

Technische Anleitung Luft (TA-Luft):

Regolamenti, restrizzjonijiet u regolamenti ta' projbizzjoni oħrajn:

15.2 Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika:

L-ebda Valutazzjoni tas-Sigurtà Kimika ma twettqet għal din is-sustanza/it-taħlita mill-fornitur.

1
2

3 3.16 SDS TAQSIMA 16 Informazzjoni oħra

Test tal-Anness II

Din it-taqsimta tal-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tinkludi inflormazzjoni oħra li mhix inkluża fit-Taqsimiet 1 sa 15, fosthom l-informazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-iskeda ta' data ta' sigurtà bħal:

(a) fil-każ ta' skeda ta' data ta' sigurtà riveduta, indikazzjoni ċara ta' fejn saru l-bidliet fil-verżjoni preċedenti tal-iskeda ta' data ta' sigurtà, sakemm ma tkunx ingħatat indikazzjoni ta' dan it-tip xi mkien ieħor fl-iskeda ta' data ta' sigurtà, bi spjegazzjoni tal-bidliet, jekk ikun xieraq. Fornitur ta' sustanza jew ta' taħlita għandu jkun jista' jipprova spjegazzjoni għall-bidliet jekk jintalab jagħmel hekk;

(b) spjega jew didaskalija għall-abbrevjazzjonijiet u għall-akronomi użati fl-iskeda ta' data ta' sigurtà;

(c) referenzi ewlenin għal-letteratura u għas-sorsi għad-data;

(d) fil-każ tat-taħlitiet, indikazzjoni ta' liema metodu ta' evalwazzjoni tal-informazzjoni minn fost il-metodi msemmija fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ntuża għall-fini tal-klassifikazzjoni;

(e) lista bid-dikjarazzjonijiet tal-periklu, u/jew bid-dikjarazzjonijiet tal-prekawżjoni rielvanti. Ikteb it-test sħiħ ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li ma tkunx inkitbet b'mod sħiħ fit-Taqsimiet 2 sa 15;

(f) parir dwar xi taħriġ adattat għall-ħaddiema biex jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa umana u l-ambjent.

4
5
6
7

Din it-taqsimta għandha tintuża biex tinkludi kull informazzjoni addizzjonali rilevanti, tat-tip elenkat fit-test legali hawn fuq li għadu ma ġiex inkluż fi kwalunkwe waħda mit-Taqsimiet preċedenti.

8
9
10

Din it-taqsimta tista' addizzjonalment tinkludi tabella tal-indiċi jew werrej għax-xenarji tal-esponiment meħmużin. Jekk din tkun inkluża hawnhekk, tista' tiġi introdotta referenza għaliha fis-subtaqsima 1.2.

11
12
13

Fil-każ ta' taħlitiet, hawnhekk għandhom jiġu pprovduti dettalji fuq il-bażi użata biex tiġi determinata l-klassifikazzjoni tat-taħlita għall-klassijiet ta' periklu fejn il-kriterji tal-klassifikazzjoni huma ssodisfati u fejn il-klassifikazzjoni(jiet) tkun(ikunu) ingħatat(ngħataw)

1 taħt is-subtaqsimiet 2.1 jew 3.2 mingħajr il-metodu użat biex tiġi(jiġu) derivata(i)¹²³. Mhuwiex
2 meħtieġ li tkun elenkata l-bażi għad-determinazzjoni li taħlita ma tissodisfax il-kriterji ta'
3 klassifikazzjoni għal klassi ta' periklu partikolari. L-istruttura tal-eżempju li tinkludi t-tabella
4 hawn taħt tipprovdi eżempju ta' kif din l-informazzjoni tista' tkun ippreżentata. Innota li
5 elementi ta' informazzjoni li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni attribwita u l-proċedura użata biex
6 tiġi derivata, mogħtija fl-intestatura u fit-tabella taħt it-TAQSIMA 16 il-punt (iv) fi ħdan l-
7 eżempju hawn taħt, jistgħu alternattivament jitqiegħdu fit-TAQSIMA 2 tal-SDS.

8 Jekk kumpaniji jixtiequ jinkludu każda ta' responsabbiltà fl-SDS, dawn jistgħu jitqiegħdu barra
9 kwalunkwe waħda mit-Taqsimiet definiti biex ikun ċar li mhumiex parti mill-format u mill-
10 kontenut speċifikat. Għandek tinnota li ċ-każiet ta' responsabbiltà ma jistgħux jintużaw biex
11 tiġi evitata l-konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti fl-Anness II.

12
13 Għandek tinnota li fil-każ partikolari tat-TAQSIMA 16 ma hemm l-**ebda** numru jew titolu tas-
14 subtaqsima speċifikati fil-Parti B tal-Anness II. Kull numerazzjoni u substrukturar addizzjonali fi
15 ħdan din it-TAQSIMA hija fid-diskrezzjoni tal-kompilatur u mhijiex rekwiżit legali.

16 Eżempju ta' kif l-istruttura ta' din it-TAQSIMA tista' tidher jingħata hawn taħt. L-eżempju
17 jingħata (taħt il-punt (iv) biss) biex juri kemm preżentazzjoni kif ukoll kontenut possibbli tas-
18 substrukturar tal-informazzjoni dwar klassifikazzjoni u proċedura għal klassifikazzjoni ta' taħlita
19 sempliċi (eż. f'soluzzjoni milwiema) fi ħdan din it-TAQSIMA.

TAQSIMA 16: Informazzjoni oħra	
(i) Indikazzjoni tal-bidliet:	
(ii) Abbrevjazzjonijiet u akronimi:	
(ii) Referenzi tal-letteratura u sorsi ewlenin għad- <i>data</i>	
(iv) Klassifikazzjoni u proċedura użati biex tiġi derivata l-klassifikazzjoni għal taħlitiet skont ir-Regolament (KE) 1272/2008 [CLP]:	
Klassifikazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nr. 1272/2008	Proċedura ta' klassifikazzjoni
Fjam. Lik. 2, H225	Abbażi ta' <i>data</i> tal-ittejtjar
Toss. Akuta 3, H301	Metodu tal-kalkolu
Toss. Akuta 3, H311	Metodu tal-kalkolu
Toss. Akuta 3, H331	Metodu tal-kalkolu
STOT SE 1, H370	Metodu tal-kalkolu

123 Jekk kemm il-klassifikazzjonijiet rilevanti kif ukoll il-metodi użati biex jiġu derivati diġà ngħataw xi mkien ieħor fl-SDS din l-informazzjoni ma għandhiex għalfejn tkun duplikata hawnhekk.

(v) Dikjarazzjonijiet H rilevanti (numru u test sfiħ):

(vi) Parir tat-taħriġ:

(vii) Informazzjoni ulterjuri:

- 1
2 Metodi oħra ta' evalwazzjoni possibbli li għandhom jintużaw għal klassifikazzjonijiet (ara l-
3 Artikolu 9 tar-Regolament CLP) huma bħala eżempju:
- 4 • Abbażi ta' *data* tal-ittestjar
 - 5 • Metodu tal-kalkolu.
 - 6 • Prinċipju ta' tqarrib "Diluwizzjoni".
 - 7 • Prinċipju ta' tqarrib "Raggruppament".
 - 8 • Prinċipju ta' tqarrib "Konċentrazzjoni ta' taħlitiet perikolużi ħafna".
 - 9 • Prinċipju ta' tqarrib "Interpolazzjoni fi ħdan kategorija waħda ta' tossiċità".
 - 10 • Prinċipju ta' tqarrib "Taħlitiet sostanzjalment simili".
 - 11 • Prinċipju ta' tqarrib "Aerosols".
 - 12 • Ġudizzju espert
 - 13 • Piż tal-evidenza
 - 14 • Esperjenza tal-bniedem
 - 15 • Klassifikazzjoni minima

Appendiċi 1. L-inklużjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar ix-xenarju tal-esponiment fl-iskedi ta' data ta' sigurtà

Għażliet possibbli għall-inklużjoni ta' informazzjoni rilevanti tax-xenarju tal-esponiment ta' sustanza fi skeda ta' data ta' sigurtà ġew spjegati fil-kapitolu 2.22 u 2.23 ta' din il-gwida. Dan l-Appendiċi jipprovdi gwida addizzjonali dwar dan is-suġġett.

I t-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar l-użu sikur 'l isfel fil-katina tal-provvista

Is-CSR għal sustanza jista' jinkludi xenarju tal-esponiment wieħed jew aktar fl-intestatura 9 tiegħu Valutazzjoni tal-Esponiment. Ix-xenarji tal-esponiment fis-CSR huma maħsuba biex jiddokumentaw il-kundizzjonijiet dwar l-użu sikur (kundizzjonijiet operazzjonali (OC) u miżuri tal-ġestjoni tar-riskju (RMM)) li kienu vvalutati mir-reġistrant. Kull xenarju tal-esponiment jindirizza użu identifikat wieħed jew aktar. Stima tal-esponiment u, meta fattibbli, karatterizzazzjoni tar-riskju huma meħtieġa għal kull xenarju tal-esponiment sabiex jintwera kontroll adegwat tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. REACH jeħtieġ li r-reġistrant (jew kwalunkwe attur fil-katina tal-provvista li huwa meħtieġ jipprepara CSR) iqiegħed ix-xenarji tal-esponiment rilevanti fl-anness mal-SDS (biex b'hekk issir skeda ta' data ta' sigurtà estiża) li jforni lil-utenti downstream tiegħu aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista. L-iskop tax-xenarju tal-esponiment fil-komunikazzjoni lil utenti downstream huwa li jipprovdi gwida dwar kif is-sustanza għandha tintuża b'mod li l-kontroll tar-riskji jkun żgurat. Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni fix-xenarji tal-esponiment annessi mal-SDS għal sustanza għandha tiffoka fuq dak li r-riċevituri tal-SDS jeħtieġ li jkunu jafu sabiex jiżguraw l-użu sikur tas-sustanza. Madankollu huwa meħtieġ ukoll li jkun hemm konsistenza bejn informazzjoni tax-xenarju tal-esponiment fis-CSR u x-xenarju(i) tal-esponiment mehmuż(in) mal-SDS. Ix-xenarju(i) tal-esponiment anness(i) mal-SDS għandu jkopri l-użi kollha fl-istadji kollha taċ-ċikli tal-ħajja li huma rilevanti għar-riċevitur tas-sustanza. Dan ifisser li x-xenarju(i) tal-esponiment għandu/hom jindirizza(w) użi speċifiċi ta' utenti downstream immedjati u użi aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista li għalihom ġew iddokumentati kundizzjonijiet tal-użu sikur fis-CSR¹²⁴. Sabiex jiġi ssodisfat dan ir-rekwiżit, ir-reġistranti (jew l-utenti downstream li jippreparaw is-CSR) jeħtieġ li jifhmu l-katina tal-provvista tas-sustanza fis-suq, l-użi tas-sustanza mill-klijenti tagħhom u użi prevedibbli tas-sustanza aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista. Il-kundizzjonijiet dwar l-użu sikur (u xenarji tal-esponiment relatati) jistgħu jkunu differenti għal kull użu individwali jew jistgħu jkunu l-istess għal grupp ta' użi. Għal din ir-raġuni, l-għadd ta' xenarji tal-esponiment inklużi fl-SDS għal sustanza speċifika jista' jvarja skont l-għadd ta' użi individwali jew gruppi ta' użi koperti għas-sustanza¹²⁵. Jekk sustanza tispiċċa fi ktajjen tal-provvista differenti (b'użi u kundizzjonijiet tal-użu differenti), xenarji tal-esponiment mehmuża mal-SDS għandhom ikopru użi u kundizzjonijiet tal-użu li huma rilevanti għal kull katina tal-provvista. Il-komunikazzjoni fi ħdan il-katina tal-provvista u sostenn minn organizzazzjonijiet tas-settur huma elementi primarji biex jgħinu lil reġistranti (jew lil utenti downstream li jippreparaw CSR) jidentifikaw xenarji tal-esponiment rilevanti li għandhom ikunu mehmuża mal-SDSs. L-annessi mal-SDSs tax-xenarji tal-esponiment kollha li jkopru l-użi identifikati kollha mingħajr ma jqisu r-rilevanza tagħhom għal utenti downstream li lihom huma indirizzati, għandhom jiġu evitati.

Meta reġistrant jikkunsidra l-gradazzjoni applikabbli għas-sustanza tiegħu għandu jindika b'mod espliċitu, għal kull użu speċifiku (u xenarju tal-esponiment), possibbiltajiet applikabbli ta' gradazzjoni inklużi liema determinanti tal-esponiment jistgħu jiġu modifikati bil-gradazzjoni

124 Informazzjoni addizzjonali dwar ESs għal SDS u xenarju tal-esponiment għal u CSR hija disponibbli fil-*Gwida tal-ECHA dwar rekwiżiti tal-informazzjoni u CSA Parti D* <https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-information-requirements-and-chemical-safety-assessment>.

125 Innota li għal fornitur ta' sustanza manifatturata jew importata f'volum annwali ta' inqas minn 10 tpa u għaldaqstant li ma teħtieġx CSA jista' b'mod leġittimu ma jkun hemm l-ebda ESs mehmuż mal-SDS.

1 u l-għodda(od) speċifika tal-gradazzjoni li tista' tintuża (eż. algoritmu jew għodda tal-IT)¹²⁶.
2 Barra minn hekk huwa importanti wkoll li informazzjoni dwar il-gradazzjoni tiġi kkomunikata
3 minn utenti downstream meta SDSs estiżi jiġu ppreparati minnhom għal komunikazzjoni ta'
4 informazzjoni ta' sigurtà lill-klijenti tagħhom aktar 'l isfel fil-katina tal-provvista.

5 L-informazzjoni fl-SDS estiża tista' tinkludi konsulenza li tirreferi għal użi u stadji ta' ċikli tal-
6 ħajja lil hinn mill-"użi downstream" kif maħsuba minn REACH (eż. użi minn konsumaturi, ċiklu
7 tal-ħajja ta' oġġetti, stadju tal-iskart eċċ..). F'dan il-każ, l-utenti downstream li jirċievu
8 informazzjoni ta' SDS estiża huma mistennija:

- 9 • jinfirmaw/jagħtu istruzzjoni lil utenti ta' sustanzi jew taħlitiet li huma membri tal-
10 pubbliku ġenerali, jiġifieri konsumaturi, anke jekk l-ebda skeda ta' data ta' sigurtà ma
11 tkun meħtieġa li tiġi pprovduta lilhom,
- 12 • jissodisfaw id-dmirijiet tagħhom li huma relatati maas-sigurtà jew l-emissjoni ta'
13 oġġetti furnuti minnhom, kif stabbilit f'leġiżlazzjoni oħra (eż. ġugarelli, prodotti ta'
14 kostruzzjoni), u li jikkonformaw mad-dmirijiet tagħhom taħt l-Artikolu 33 (jekk huma
15 produtture ta' oġġetti) u
- 16 • jissodisfaw id-dmir tagħhom li jagħżlu metodi xierqa għar-rimi tal-iskart.

17 **Inklużjoni fl-SDS ta' informazzjoni tax-xenarju tal-esponiment rilevanti għall-utent** 18 **downstream immedjat u l-utenti sussegwenti**

19 L-għan aħħari ta' fornitur ta' sustanza li jipprovi SDS estiża lill-utenti downstream
20 immedjati tiegħu huwa li jikkomunika informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar kif is-
21 sustanza (jew weħida jew f'taħlita) tista' tintuża minnhom "b'mod sikur". Reġistranti jew
22 utenti downstream li jippreparaw CSR għal sustanza li għaliha huwa meħtieġ xenarju tal-
23 esponiment, huma meħtieġa jehmżu xenarju(i) tal-esponiment rilevanti mal-iskeda ta'
24 data ta' sigurtà għall-prodotti (li jinkludu s-sustanza) li huma jikkonsenjaw lill-utenti
25 downstream immedjati tagħhom. Informazzjoni addizzjonali hija disponibbli fil-
26 kapitoli 2.22 u 2.23.

27 Meta utent downstream jirċievi xenarju tal-esponiment għal sustanza mill-fornitur tiegħu,
28 għandu jikkontrolla jekk l-użu u l-kundizzjonijiet tal-użu humiex koperti mix-xenarju.
29 Konsulenza Prattika dwar kif tikkontrolla jekk użu huwiex kopert u kif għandha tingħażel
30 u titwettaq l-azzjoni xierqa hija pprovduta fil-kapitoli 4 u 5 tal-*Gwida għal utenti*
31 *downstream u fil-gwida Prattika "Kif utenti downstream jistgħu jitrattaw xenarji tal-*
32 *esponiment"*¹²⁷.

33 Utent downstream ta' sustanza jista' jforni dik is-sustanza fil-prodotti tiegħu aktar 'l isfel fil-
34 katina tal-provvista. Dan huwa tipikament il-każ għal formulaturi li jużaw sustanzi fit-taħlitiet
35 tagħhom u li jfornu taħlitiet lil formulaturi oħra u/jew lil utenti finali. Utent downstream li jforni
36 sustanza (eż. f'taħlita), li għaliha ġiet ipprovduta SDS estiża mill-fornitur tas-sustanza, għandu
37 jikkontrolla jekk l-użi prevedibbli tat-taħlitiet tiegħu (li jinkludu s-sustanza) humiex koperti fix-
38 xenarji tal-esponiment li huwa rċieva għas-sustanza. Jekk l-użi huma koperti, l-utent
39 downstream għandu jinkludi x-xenarju tal-esponiment (tas-sustanza) fl-SDS tat-taħlitiet tiegħu
40 jekk:

- 41 • tkun meħtieġa SDS għat-taħlita u

126 Ara l-Gwida għal utenti downstream għal aktar dettalji (<https://www.echa.europa.eu/mt/web/guest/guidance-documents/guidance-on-reach>).

127 Fuq <https://www.echa.europa.eu/mt/practical-guides>.

1 • I-konċentrazzjoni tas-sustanza fit-taħlita taqbeż il-limiti indikati fl-Artikolu 14 ta' REACH.
2 Skont kemm ivarjaw I-OCs u I-RMMs għas-sustanzi fit-taħlita aktar 'l isfel, **I-inklużjoni**
3 tax-xenarju tal-esponiment tista' ssir f'diversi modi, kif deskritt fil-kapitolu 2.23.

4 Utenti downstream jista' jkollhom livelli differenti ta' kompetenza teknika biex
5 jidentifikaw, japplikaw u jirakkomandaw miżuri xierqa sabiex jikkontrollaw ir-riskji
6 identifikati fl-SDS fornuta lilhom. Għaldaqstant, meta tiġi kkompilata SDS estiża għal
7 sustanza, il-fornitur (manifattur, importatur jew utent downstream) ikollu jantiċipa r-rwol
8 tal-utent downstream immedjat tiegħu fil-katina tal-provvista u jippreżenta l-
9 informazzjoni b'mod li jippermetti lill-utent downstream *jidentifika* l-miżuri li jkunu
10 rilevanti biex *jirakkomandahom* lill-klijenti tiegħu stess.

11 Huwa għaldaqstant kruċjali li l-fornitur jipprepara xenarju tal-esponiment li jinkludi
12 informazzjoni Prattika u utli relatata mal-proċessi tal-utent downstream, strutturata
13 f'format "possibbilment standardizzata" u miktuba b'lingwa teknika li tinftiehem mill-
14 utent downstream. Informazzjoni aktar dettaljata dwar ix-xenarji tal-esponiment għal
15 komunikazzjoni tista' tinsab fil-manwal tal-utent Chesar 2¹²⁸. Barra minn hekk, gwida
16 għall-formulaturi dwar kif jgħaddu l-informazzjoni dwar taħlitiet 'l isfel fil-katina tal-
17 provvista hija pprovduta fil-*Gwida għal Utenti downstream*¹²⁹ (kapitolu 7).

18 Il-fornitur huwa mistenni jiffurmula l-OC u l-RMMs sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu *inklużi*
19 u *rakkomandati* fl-SDS għal taħlita mingħajr ma jkollhom jiġu fformulati mill-ġdid¹³⁰ mill-
20 utenti downstream immedjati (eż. bl-użu ta' dawk magħrufa bħala "frazzjiet
21 standard"¹³¹).

22 **Distributori**

23 Id-distributori, anke jekk mhumiex utenti downstream taħt REACH, għandhom rwol
24 fundamentali fil-fluss tal-komunikazzjoni 'l fuq u 'l isfel fil-katina tal-provvista, inkluż
25 permezz tal-SDS. Għandhom pożizzjoni ċentrali minħabba li jista' jkollhom kuntatt dirett
26 mal-manifattur/l-importatur u l-utent finali tas-sustanza. Taħt REACH, il-konsumatur ta'
27 distributtur huwa kkunsidrat bħala utent downstream *immedjat* tar-reġistrant. Huwa
28 għaldaqstant rakkomandat li r-reġistrant jagħmel kuntatt b'mod attiv mad-distributori
29 biex ifittex ftehim dwar kif ir-reġistrant jista' jżid l-għarfien tiegħu dwar il-kundizzjonijiet
30 tal-użu fis-suq tad-distributtur, għall-iskopijiet tax-xenarju tal-esponiment u informazzjoni
31 oħra tal-SDS mingħajr ma jeħtieġ li d-distributtur jiżvela informazzjoni kummerċjali
32 kunfidenzjali (CBI). Aktar informazzjoni dettaljata dwar ir-rwol u l-obbligi tad-distributtur
33 huma provduti fil-*Gwida għal utenti downstream*.

34 **Ix-xenarju tal-esponiment u t-Taqsimiet korrispondenti fl-iskeda ta' data ta' sigurtà.**

35
36 It-Tabella 3 tagħti ħarsa ġenerali lejn i-relazzjoni bejn it-taqsimiet tal-SDS u l-entrati
37 standard tax-xenarju tal-esponiment.

128 [Disponibbli fuq \[echa.europa.eu/support\]\(https://echa.europa.eu/support\)](https://echa.europa.eu/support). Jekk jogħġbok innota li hija r-responsabbiltà tar-reġistrant individwali li jiddeċiedi liema format tax-xenarju tal-esponiment jixtieq juża, sakemm il-kontenut tax-xenarju tal-esponiment ikun jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I ta' REACH.

129 <https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-reach>.

130 Il-frazzjiet standard għall-miżuri tal-ġestjoni tar-riskju (kif inklużi fil-katalgu RMM indikat fl-aħħar taqsima ta' dan l-Appendiċi) għandhom għaldaqstant jifaslu b'tali mod li jkunu jinftiehem mill-atturi kollha fil-katina tal-provvista.

131 Ara l-aħħar subkapitolu ta' dan l-anness għal aktar informazzjoni dwar katalgu disponibbli wieħed ta' frazzjiet standard.

- 1 Skont il-profil ta' periklu tas-sustanza, il-wisa' tas-suq u l-istruttura tal-katina tal-
 2 provvista, hemm varjetà ta' possibiltajiet biex tiġi modifikata l-organizzazzjoni prinċipali
 3 ta' informazzjoni fix-xenarji tal-esponiment u fl-SDSs estiżi, eż.:
- 4 • It-Taqsima 2 tax-xenarju tal-esponiment tista' tiġi distingwita aktar fir-rotot tal-
 5 esponiment u fil-mudelli tal-esponiment. Jista' jkun utli wkoll li l-pariri dwar il-ġestjoni
 6 tar-riskju għal kull rotta ta' esponiment u l-punt tat-tmiem ikunu marbuta direttament
 7 mad-DNEL u l-previżjoni tal-esponiment rilevanti.
 - 8 • F'xenarju tal-esponiment wiesa' għal sustanza b'punt tat-tmiem wieħed jew tnejn biss
 9 ta' periklu li jikkawżaw tħassib, jista' jkun possibbli wkoll li jiġu elenkati l-RMMs speċifiċi
 10 għal ċerti attivitajiet fit-Taqsima 2 ta' xenarju tal-esponiment wieħed.
 11

12 **Tabella 2 Relazzjoni bejn ix-xenarju tal-esponiment u t-Taqsimiet tal-SDS**
 13

Taqsimi ES	Taqsimi(iet) tal-SDS
Titolu qasir tax-xenarju tal-esponiment	1.2
Kondizzjonijiet operazzjonali u miżuri tal-ġestjoni tar-riskju	7 + 8
Kontroll tal-esponiment tal-ħaddiema	
Karatteristika tal-prodott	7 + 8 + 9
Ammonti użati	7 + 8
Frekwenza u kemm ser idum jintuża	7 + 8
Fatturi umani mhux influwenzati mill-ġestjoni tar-riskju	7 + 8
Kundizzjonijiet tekniċi u miżuri fil-livell tal-proċess (sors) sabiex jiġi pprevenut ir-rilaxx	7 + 8
Kundizzjonijiet u miżuri tekniċi biex tiġi kkontrollata d-dispersjoni mis-sors għall-ħaddiem	7 + 8
Miżuri organizzazzjonali biex jiġu pprevenuti/limitati r-rilaxxi, d-dispersjoni, u l-esponiment	(5, 6), 7, 8
Kundizzjonijiet u miżuri relatati mal-protezzjoni personali, l-iġjene u l-evalwazzjoni tas-saħħa	(5, 6), 7, 8
Kundizzjonijiet oħra li jaffettwaw l-esponiment tal-ħaddiema	7 + 8
Kontroll tal-esponiment tal-konsumatur¹³²	
Karatteristika tal-prodott	7 + 8 + 9
Ammonti użati	7 + 8
Frekwenza u kemm ser idum jintuża	7 + 8
Kundizzjonijiet oħra li jaffettwaw l-esponiment tal-konsumatur	7 + 8

132 Innota li informazzjoni speċifika dwar l-esponiment tal-**konsumatur** fit-Taqsima 8 tal-SDS mhijiex rekwiżit legali.

Kontroll tal-esponiment ambjentali	
Karatteristika tal-prodott	7 + 8 + 9
Ammonti użati	7 + 8
Frekwenza u kemm ser idum jintuża	7 + 8
Fatturi ambjentali mhux influwenzati mill-ġestjoni tar-riskju	
Kundizzjonijiet tekniċi u miżuri fil-livell tal-proċess (sors) sabiex jiġi pprevenut ir-rilaxx	7
Kundizzjonijiet tekniċi fuq il-post u miżuri għat-tnaqqis jew biex jiġu llimitati l-iskariki, l-emissjonijiet tal-arja u l-iskariki fil-ħamrija	7 + 8
Miżuri organizzazzjonali biex jiġi pprevenut/limitat ir-rilaxx mis-sit	6 + 7 + 8
Kundizzjonijiet u miżuri relatati mal-impjant għat-trattament tad-drenaġġ municiċipali	8 + 13
Kundizzjonijiet u miżuri relatati mat-trattament estern ta' skart għar-rimi	13
Kundizzjonijiet u miżuri relatati mal-irkupru estern tal-iskart	13
Kundizzjonijiet operazzjonali oħrajn li jaffettwaw l-esponiment ambjentali	7

1

2 L-Anness II ta' REACH jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar kif għandhom jiġu strutturati l-miżuri
3 għat-trattament sikur, il-ħarsien tal-ambjent u l-kontroll tar-riskji fit-Taqsimiet 7 u 8 tal-
4 SDS. Dawn it-taqsimiet huma deskritti fid-dettall fil-paragrafu 3.7 u 3.8 ta' din il-gwida.
5 L-Anness II ta' REACH jindika wkoll (għat-Taqsimiet 7 u 8 tal-SDS) li fejn hija meħtieġa
6 CSR għas-sustanza, l-informazzjoni f'dawn it-taqsimiet għandha tkun konsistenti mal-
7 informazzjoni mogħtija fis-CSR għall-użi identifikati u x-xenarju tal-esponiment relatat u
8 li meta xenarju tal-esponiment jkun meħmuż ma' SDS, l-informazzjoni dwar kontrolli tal-
9 esponiment (is-subtaqsima 8.2) tista' tiġi pprovduta fix-xenarju tal-esponiment biss u ma
10 għandhiex tiġi rduppjata fis-subtaqsima 8.2 tal-SDS.

11 Sabiex dawn ir-rekwiżiti jiġu implimentati b'mod konsistenti u faċli biex jinftiehem mill-
12 utent, għandhom jiġu applikati l-linji gwida li ġejjin¹³³:

- 13 • L-Anness II jiddistingwi bejn kundizzjonijiet okkupazzjonali fis-subtaqsimiet 7.1 -
14 "prekawzjonijiet għal trattament sikur" tas-sustanza jew taħlita - u "kontrolli tal-
15 esponiment" fis-subtaqsima 8.2). Ċerti miżuri madankollu huma msemmija fiż-żewġ
16 taqsimiet.
- 17 • L-Anness II jeħtieġ li l-lingwa użata f'SDS tkun ċara u speċifika. Pereżempju,
18 dikjarazzjonijiet bħal "evita li tibla' l-fwar" jew "evita kuntatt mal-ġilda" ma
19 jissodisfawx ir-rekwiżiti għad-deskrizzjoni ta' kif jistgħu jintlaħqu l-prevenzjoni jew il-
20 kontroll tal-esponiment¹³⁴.
- 21 • Id-deskrizzjoni tal-RMMs relatati mal-użi kollha koperti fix-xenarji tal-esponiment
22 annessi għandha tiġi inkluża fit-Taqsima 8 jew fix-xenarji tal-esponiment meħmuża

133 Jekk jogħġbok innota li r-rakkomandazzjonijiet irrappurtati hawnhekk ma jipprekludux li rakkomandazzjonijiet prattiċi ġodda u aġġornati għat-trasferiment ta' informazzjoni tax-xenarju tal-esponiment fil-parti prinċipali tal-SDS se jiġu elaborati bħala l-eżitu ta' proġetti attwali u futuri. F'dan il-każ il-gwida preżenti tiġi aġġornata.

134 Ara eż. il-punt 0.2.4 tal-Parti A tal-Anness II.

- mal-SDS (jekk applikabbli). Meta informazzjoni dwar l-RMM tiġi pprovduta fix-xenarju tal-esponiment, huwa rakkomandat li tiġi pprovduta referenza speċifika għax-xenarji tal-esponiment rilevanti li jkunu jinkludu l-informazzjoni fis-subtaqsima 8.2 tal-SDS. Huwa rakkomandat ukoll li jkun ipprovdut sommarju tal-RMM (eż. it-tip ta' RMM) fis-subtaqsima 8.2. NOTA: REACH jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi kollha għall-kontrolli tal-esponiment indikati fl-Anness II (is-subtaqsima 8.2 tal-Anness II u s-subtaqsimiet kollha relatati) jiġu pprovduti jew fis-subtaqsima 8.2 tal-SDS jew fix-xenarji tal-esponiment meħmużin. Fil-każ li parti mill-informazzjoni meħtieġa fis-subtaqsima 8.2 tal-Anness II ma tkunx ipprovduta fix-xenarju tal-esponiment meħmuż, għandha tiġi pprovduta fis-subtaqsima 8.2 tal-SDS.
- Is-subtaqsima 7.1 tal-SDS għandha tinkludi miżuri biex jiġu kkontrollati r-riskji waqt it-trattament ta' sustanzi u taħlitiet. Din tinkludi firxa sħiħa ta' azzjonijiet, bħal pereżempju: it-tfassil u l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' ħidma; tagħmir addattat u l-manutenzjoni regolari tiegħu; il-minimizzazzjoni tad-durata u l-firxa tal-esponiment permezz ta' miżuri organizzazzjonali; ventilazzjoni ġenerali u miżuri tal-iġjene xierqa¹³⁵. Huwa rakkomandat li d-deskrizzjonijiet ta' dawn il-miżuri ma jiġux ripetuti f'kull xenarju tal-esponiment anness mal-SDS, minħabba li mhumiex immirati lejn użu individwali sakemm ma jkunux rilevanti għax-xenarju tal-esponiment speċifiku (eż. minħabba li jkunu derivati minn valutazzjoni).
 - Is-subtaqsima 7.3 hija ta' rilevanza limitata fil-każ ta' SDS estiża minħabba li tinkludi gwida speċifika għal użi finali speċifiċi u l-informazzjoni għandha tkun inkluża fix-xenarju tal-esponiment relatat mal-użu finali tas-sustanza (eż. f'taħlita) jew fil-ħajja operattiva ta' oġġett (f'każijiet fejn is-sustanza tispiċċa f'oġġett). F'din is-subtaqsima għandha ssir referenza għax-xenarju tal-esponiment rilevanti. Madankollu jekk reġistrant ikollu disponibbli informazzjoni dwar l-użu sikur tas-sustanza tiegħu fi prodotti finali (eż. pakkett ta' ġestjoni tar-riskju relatat mat-trattament ta' prodotti li jinkludu l-isocyanides) jista' jagħmel referenza hawnhekk.
 - Is-subtaqsima 8.2 tinkludi miżuri relatati mal-użu ta' miżuri ta' protezzjoni individwali (bħal tagħmir ta' protezzjoni personali (PPE)). L-użu tal-PPE huwa ġeneralment ikkunsidrat bħala l-aħħar alternattiva biex jiġu kkontrollati r-riskji, fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar is-saħħa okkupazzjonali. Il-PPE għandu jintuża flimkien ma' miżuri oħra ta' kontroll bħat-tfassil tal-proċess (eż. il-livell ta' konteniment, proċess magħluq, estrazzjoni lokali), it-tfassil tal-prodott (eż. gradi ta' trab baxxi), il-post tax-xogħol (ventilazzjoni b'diluwiżzjoni) jew il-metodu ta' ħidma (awtomatizzazzjoni). Il-PPE għandu jintuża bħala RMM addizzjonali meta miżuri oħra ma jkunux suffiċjenti biex jiggarrantixxu l-kontroll tar-riskji jew, bħala RMM uniku f'każijiet partikolari (eż. attivitajiet bi frekwenza baxxa għal żmien qasir, jew użu mill-professjonisti) bħal tindif u manutenzjoni, l-installazzjoni ta' tagħmir ġdid jew l-isprejjar manwali barra stabbilimenti industrijali. Jekk diversi xenarji tal-esponiment jkunu annessi mal-SDSs, il-PPE jista' jkun jew jista' ma jkunx meħtieġ skont l-OCs ta' kull xenarju tal-esponiment li jistgħu jkunu differenti. Huwa għaldaqstant rakkomandat li jiġi indikat, f'kull xenarju tal-esponiment, it-tip u l-ispeċifikazzjoni teknika tal-PPE meħtieġ (jekk ikun meħtieġ), għal liema kompiti/attivitajiet ikun meħtieġ (eż. tindif/manutenzjoni) u l-effettività tiegħu, filwaqt li fis-subtaqsima 8.2 għandhom jiġu indikati t-tipi ta' PPE li huma meħtieġa biex jiggarrantixxu protezzjoni minn perikli speċifiċi għas-sustanza.
 - L-Anness II ma jsemmix speċifikament l-RMMs u l-OCs relatati mal-konsumaturi iżda huwa indikat li l-RMMs għall-użi identifikati kollha għandhom jiġu deskritti fit-Taqsima 8 tal-SDS. L-esponiment potenzjali tal-konsumaturi għal sustanza għandu jiġi kopert fis-CSR għal sustanza jekk ikun previst li s-sustanza tista' tispiċċa fi prodotti għall-konsumatur (taħlitiet jew oġġetti). Huwa għaldaqstant rakkomandat li tiżdied informazzjoni (jew li tagħti informazzjoni li xenarji tal-esponiment għal użi tal-konsumatur huma annessi) taħt is-subtaqsima 8.2 (eż. billi żżid intestatura ġdida "użi tal-konsumatur" wara l-punt 8.2.3 indikat fl-Anness II) fl-SDS estiża biex tinkludi

135 Għal aktar dettall ara l-parti I Kapitolu 2 tal-Linji Gwida Prattiċi tal-UE li huma relatati mad-Direttiva 98/24/KE.

1 miżuri li jirrelataw mal-użi tal-konsumatur tas-sustanza (weħidha jew f'taħlitiet), mal-
2 ħajja operattiva tas-sustanza f'oġġetti jew ma' informazzjoni fit-ticketta tal-prodott
3 (eż. fil-każ ta' bijoċidi jew prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti). Din l-informazzjoni
4 hija rilevanti skont REACH għad-DUs jekk i) iqiegħdu taħlitiet għal użu mill-pubbliku
5 ġenerali fis-suq u/jew ii) jipproċessaw sustanzi jew taħlitiet f'oġġetti. Din tista'
6 tiffaċilita wkoll il-komunikazzjoni li hija relatata ma' sustanzi ta' tħassib serju ħafna, li
7 għalihom tista' tkun meħtieġa konsulenza dwar l-immaniġġjar tar-riskji għal użi tal-
8 konsumatur u sustanzi f'oġġetti skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 33 ta' REACH.

11 **Frażijiet standard għal informazzjoni tax-xenarju tal-esponiment**

13 Organizzazzjonijiet tas-settur, reġistranti u utenti downstream f'diversi livelli qegħdin jaħdmu
14 għall-ħolqien ta' "katalgu ta' frażijiet standard" bl-iskop li tiġi ssimplifikata u tiżdied l-effettività
15 tal-komunikazzjoni fil-katina tal-provvista. L-użu ta' frażijiet standard jiffaċilita l-
16 armonizzazzjoni tal-komunikazzjoni tar-riskji u jippermetti t-traduzzjoni tal-konsulenza dwar il-
17 ġestjoni tar-riskju bil-lingwi nazzjonali kollha (kif meħtieġ minn REACH). Katalgu armonizzat
18 ta' frażijiet għall-komunikazzjoni ta' pariri dwar l-immaniġġjar tar-riskji (ESCom) ġie ppubblikat
19 u huwa disponibbli fuq l-internet¹³⁶. L-utenti tal-għodda tal-ECHA għall-Valutazzjoni u r-
20 Rapportar tas-Sigurtà Kimika (Chesar) jistgħu jimportaw dan il-katalgu biex jużaw il-frażijiet
21 armonizzati meta jiġġeneraw ix-xenarji tal-esponiment tagħhom għal komunikazzjoni¹³⁷.

136 <http://www.esdscom.eu/english/euphrac-phrases/>.

137 L-għodda u l-materjal ta' sostenn huwa disponibbli fuq: chesar.echa.europa.eu/.

1 **Appendiċi 2. SDS għal Taħlitiet Speċjali**

2 **Introduzzjoni: X'inhuma Taħlitiet Speċjali?**

3 Taħlitiet Speċjali¹³⁸ huma dawk li fihom, karatteristika komuni hija li l-proprjetajiet tas-
4 sustanzi kosistwenti huma modulati mill-inklużjoni tagħhom **fi ħdan il-matriċi tat-taħlita**
5 (matriċi polimeri, taċ-ċeramika, jew tal-metall). B'mod partikolari, id-**disponibbiltà** għall-
6 esponiment tas-sustanzi kostitwenti u l-potenzjal tagħhom li jesprimu xi proprjetà
7 ekotossikoloġika/tossika tista' tkun affettwata wara l-inklużjoni tagħhom f'matriċi solidi.
8 Eżempji ta' taħlitiet speċjali huma: liġi, komposti tal-gomma.

9 *Nota: Ħafna mill-esperjenza dwar it-taħlitiet speċjali hija bil-liegi, u konsegwentement dan l-*
10 *Appendiċi jirreferi l-aktar għall-abbozzar tal-SDS għal-"liegi bħala Taħlitiet Speċjali". Bis-*
11 *sostenn tal-evidenza preliminari, madankollu, wieħed jemmen li raġunament simili jista' jkun*
12 *segwit għat-Taħlitiet Speċjali l-oħra. Madankollu huwa rrakkomandat ħafna – u lil hinn mill-*
13 *possibbiltajiet u mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Appendiċi bbażat biss fuq l-esperjenzi tas-*
14 *settur tal-metalli li tiġi vverifikata l-validità tar-rota 'l quddiem issuġġerita mal-eżempji l-oħra*
15 *ta' Taħlitiet Speċjali.*

16 Ir-riżultat tal-inklużjoni tiegħu f'matriċi hija li s-sempliċi preżenza ta' metall jew jon inorganiku
17 f'taħlita speċjali ma jagħtix neċessarjament lil dik it-taħlita speċjali il-proprjetajiet bijoloġiċi tal-
18 metall/jon inorganiku; ikun 1) id-disponibbiltà tal-jon fis-sit tal-azzjoni fl-organiżmu li huwa l-
19 aktar fattur importanti fid-determinazzjoni tat-tossiċità għal metalli u minerali, u 2) il-potenzjal
20 għal proprjetajiet differenti ta' tossiċità ta' partikoli speċjali tat-taħlita.

21 Informazzjoni dwar id-disponibbiltà tista' tiġi derivata minn sorsi *in vivo* (testijiet
22 tossikokinetiċi jew tossikoloġiċi li jipprovdu *data* tal-esponiment u tal-effett) jew metodi *in*
23 *vitro*. *In vitro*, jitkejjel ir-rilaxx ta' jon tal-metall jew minerali fi fluwidi bijoloġiċi simulati (eż.
24 fluwidu gastriku, fluwidu intestinali, għaraq artifiċjali, fluwidu alveolari/tal-pulmun, eċċ.
25 *testijiet ta' bjoaċċessibbiltà*) jew fl-ilma (*Protokoll ta' Dissoluzzjoni tat-Trasformazzjoni*), bħala
26 riflessjoni tad-disponibbiltà tagħhom. Bl-użu ta' dawn il-konfigurazzjonijiet, huwa possibbli li
27 jkun imqabbel ir-rilaxx ta' joni mill-kostitwenti individwali kontra dak mill-kostitwenti inklużi fil-
28 matriċi (eż. il-kostitwenti tal-metall tal-liga kontra metalli fil-liga).

29 *Data* affidabbli li turi differenzi fir-rilaxx jew f'espressjoni ta' tossiċità għandha tintuża f'xenarji
30 tal-esponiment sabiex ikunu rfinuti l-RMMs u l-OCs proposti, bl-użu eż. tal-Approċċ tal-
31 Komponent Kritiku. Stimi tar-rilaxx u kif dawn huma kkunsidrati fil-kuntest ta' Xenarji tal-
32 Esponiment jiġu ddokumentati fis-CSR.
33

34 **Il-kunċett ta' Taħlita Speċjali fejn se jkollu impatt fuq il-kontenut tal-SDS?**

35 'Inklużjoni fil-matriċi' u l-inflwenza tagħha fuq id-disponibbiltà tal-kostitwenti tista' fil-preżent
36 tkun ikkunsidrata fit-Taqsima 8 tal-SDS "Kontrolli tal-esponiment/protezzjoni personali". Miżuri
37 proposti dwar il-ġestjoni tar-riskju jistgħu ikunu rfinuti sakemm ikun hemm *data* u
38 informazzjoni disponibbli li tiddokumenta r-rilaxx, id-disponibbiltà u/jew l-espressjoni differenti
39 tat-tossiċità. Fl-assenza ta' *data* affidabbli, it-taħlita speċjali tkun ikkunsidrata awtomatikament
40 bħala taħlita sempliċi, u jkunu japplikaw ir-regoli tat-taħlita.

138 "Taħlitiet speċjali" mhumiex definiti per se f'eż. l-Artikolu 3 ta' REACH. Madankollu, it-tip ta' kompożizzjonijiet li t-terminu huwa maħsub li jirreferi għalihom fi ħdan ir-regolament REACH jistgħu jkunu inferiti mit-test tal-Premessa 31 ta' REACH (kif emendat – oriġinarjament kien jirreferi għal "preparati speċjali") u l-Anness I dwar l-CSA (il-punt 0.11).

1 Spazju riżervat: għaddej ix-xogħol fuq il-valutazzjoni tal-possibbiltà li kunsiderazzjonijiet ta'
2 bijodisponibbiltà jiġu inklużi fil-klassifikazzjoni ta' liga bħala Taħlita Speċjali. Dan jista' jkollu xi
3 impatt fuq l-informazzjoni mogħtija fit-Taqsima 2: Identifikazzjoni tal-periklu.

4 Kif għandhom jiġu rfinuti l-miżuri proposti għall-kontroll tal-esponiment/il-protezzjoni personali
5 b'data ta' Taħlitiet Speċjali:

- 6 • Ġeneralment, il-produzzjoni ta' Taħlita Speċjali tista' tinvolvi serje ta' kostitwenti. Il-
7 produttur tat-Taħlita Speċjali, li għandu jiġġenera SDS għat-Taħlita Speċjali, jista'
8 jirċievi ammont sinifikanti ta' informazzjoni li minnha jkun diffiċli li tiġi identifikata u
9 estratta *informazzjoni primarja u rilevanti* biex din tkun inkluża fl-SDS tiegħu minħabba
10 proprjetajiet differenti, xenarji tal-esponiment differenti, eċċ.
- 11 • Bħala l-ewwel pass, huwa ssuġġerit li l-formulatur responsabbli għat-tnejjija ta' SDS
12 għal liga għandu jikkompila l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-kostitwenti tat-taħlita
13 u t-taħlita kollha fi spreadsheet jew format simili (ara t-tabella ta' eżempju mogħtija
14 għal sustanza fid-diskussjonijiet ta' DNELS u PNECS taħt is-subtaqsima 8.1 fil-kapitolu 3
15 ta' dan id-dokument) u mbagħad joħroġ l-informazzjoni meħtieġa għat-taqsimiet tal-
16 kostitwenti tal-SDS rispettivi.
17

18 Skont l-informazzjoni miġbura u l-kwalità/l-affidabbiltà tal-informazzjoni, il-formulatur ikollu
19 jiddeċiedi jekk għandux l-għarfien biex iqis it-taħlita tiegħu bħala Taħlita Speċjali (bi rfinar
20 possibbli tal-RMMs). Dan ikun jeħtieġ li jiġi ddokumentat, sabiex l-utent tal-SDS ikun jista'
21 jifhem kull irfinar li jirriżulta mill-użu ta' data disponibbli.
22

23 Eżempju: data ta' disponibbiltà tista' tintuża għall-irfinar ta' RMMs u OC.

24 **Esponiment għal trab ta' liġi u massivi**

25 Meta jiġu ttrattati trab iktar oħxon (mhux respirabbli/inalabbli) u massivi (>20 µm), ir-rotta
26 tat-teħid man-nifs hija inqas rilevanti. F'dan il-każ, l-esponimenti orali u dermalni huma aktar
27 rilevanti għal perikli għas-saħħa tal-bniedem. Tossiċità li tirriżulta minn dawn ir-rotot tal-
28 esponiment tiddependi fuq id-disponibbiltà ta' joni fis-siti fil-mira. Din id-disponibbiltà tista'
29 tkun stmata in vitro billi jitkejjel ir-rilaxx ta' joni mil-liga fil-fluwidu gastriku u fl-għaraq u jiġi
30 mqabbel mar-rilaxx mill-kostitwenti. Ir-riżultati ta' testijiet ta' disponibbiltà fuq liġi jistgħu
31 jintużaw biex jirfinaw konsiderazzjonijiet ta' esponiment attwali mil-"liga" kontra l-esponiment
32 attwali mill-"metalli fil-liga". Jekk l-esponiment jiġi mnaqqas b'inklużjoni fil-matriċi, hemmhekk
33 jistgħu jiġu applikati miżuri għat-tnaqqis tar-riskji inqas stretti.

1 **Appendiċi 3. Kwistjonijiet speċifiċi rilevanti għall-** 2 **kumpilazzjoni tal-SDSs għal sustanzi u taħlitiet irkuprati**¹³⁹.

3 **Raġuni għall-inklużjoni ta' dan l-Appendiċi**

4 L-Artikolu 2(2) ta' REACH jipprovdi li "*I-iskart kif definit fid-Direttiva 2008/98/KE* ¹⁴⁰ *tal-*
5 *Parlament Ewropew u tal-Kunsill mhuwiex sustanza, preparat jew oġġett fis-sens tal-Artikolu 3*
6 *ta' dan ir-Regolament.*" Għaldaqstant, ir-rekwiżiti ta' REACH għas-sustanzi, għat-taħlitiet u
7 għall-oġġetti ma japplikawx għall-iskart¹⁴¹.

8 Madankollu, meta sustanza jew taħlita tiġi rkuprata mill-iskart u l-materjal "ma jibqax skart",
9 ir-rekwiżiti ta' REACH japplikaw fil-prinċipju bl-istess mod bħal għal kull materjal ieħor,
10 b'għadd ta' eċċezzjonijiet li jingħataw taħt kundizzjoni. Il-leġiżlazzjoni rilevanti li tapplika għal
11 dawn it-tranżizzjonijiet u l-kundizzjonijiet biex jingħataw l-eċċezzjonijiet huma diskussi f'aktar
12 dettall fil-*Gwida dwar l-iskart u sustanzi rkuprati*. B'mod partikolari il-*Gwida dwar l-iskart u*
13 *sustanzi rkuprati* tinkludi siġra tad-deċiżjonijiet li tippermetti konferma ta' jekk hijiex
14 SDSmeħtieġa għal sustanza rkuprata taħt REACH. Dawn il-kriterji, u l-kontenut meħtieġ tal-
15 SDS li jirriżulta huma essenzjalment l-istess bħal għal kull sustanza jew taħlita oħra (kif
16 diskuss f'aktar dettall fil-bqija ta' dan id-dokument ta' gwida) hekk kif ikun għe stabbilit li s-
17 sustanza jew it-taħlita rkuprata ma għadhiex skart.

18 Jekk tiġi ġġenerata sustanza "ġdida" matul il-proċess ta' rkupru mbagħad tiġi soġġetta għad-
19 dispożizzjonijiet normali għal reġistrazzjoni taħt REACH.

20 Meta jkun għe stabbilit li sustanza jew taħlita infatti ma għadhiex skart l-Artikolu 2(7) (d) ta'
21 REACH jippermetti ċerti eżenzjonijiet kif ġej:

22 "2.7. *Li ġejjin għandhom jiġu eżentati mit-Titoli II, V u VI:*

23 [...]

24 (d) *Sustanzi, waħedhom, f'taħlitiet jew f'oġġetti, li ġew reġistrati skont it-Titolu II u li huma rkuprati fil-*
25 *Komunità jekk:*

26 (i) *is-sustanza li tirriżulta mill-proċess ta' rkupru tkun l-istess bħas-sustanza li għet reġistrata skont it-*
27 *Titolu II; u*

28 (ii) *l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikoli 31 jew 32 relatata mas-sustanza li għet reġistrata skont it-*
29 *Titolu II tkun disponibbli lill-istabbiliment li jwettaq l-irkupru."*
30

31 Bħala konsegwenza, operatur tal-irkupru jista' jipproduċi SDS li ma tikkwota ebda numru tar-
32 reġistrazzjoni. Jista' jkun jixtieq jispjega għaliex dan huwa l-każ fi ħdan l-SDS¹⁴².

33 Bl-istess mod, ir-rekwiżit biex titwettaq CSA, jitlesta CSR u li potenzjalment jiġi ġġenerat
34 xenarju tal-esponiment għal ċerti sustanzi li jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikolu 14(4) ta'
35 REACH (li huwa wkoll parti mit-Titolu II), jista' jkun is-suġġett ta' eżenzjoni skont l-
36 Artikolu 2(7)(d).

139 Dan l-Appendiċi għandu jinqara flimkien mal-*Gwida dwar l-iskart u Sustanzi Rkuprati* tal-ECHA (disponibbli fuq:
<https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-reach>).

140 Imħassar bid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u
li tħassar ċerti Direttivi (Direttiva Qafas dwar l-iskart).

141 Aktar spjegazzjoni dwar din l-eżenzjoni tingħata fil-*Gwida dwar ir-reġistrazzjoni*,
<https://echa.europa.eu/mt/guidance-documents/guidance-on-reach> (il-kapitolu 1.6.3.4).

142 Ara t-test u l-eżempji mogħtija fil-kapitolu 3 fid-diskussjoni tas-subtaqsima 1.1 f'din il-gwida.

1 It-Titolu II jirreferi għar-Reġistrazzjoni ta' sustanzi, it-Titolu V għal rekwiżiti għal Utenti
2 downstream u t-Titolu VI għall-Valutazzjoni. Dawn l-eżenzjonijiet notevolment ma jkoprux it-
3 Titolu IV (Informazzjoni fil-katina tal-provvista) li jinkludi rekwiżiti tal-Artikolu 31 (kif ukoll ir-
4 rekwiżiti tal-Artikolu 32) għad-dispożizzjoni tal-SDSs, meta applikabbli għal sustanzi u taħlitiet
5 irkuprati li ma għadhomx skart (kif ukoll ir-rekwiżiti tal-Artikolu 32).

6 Madankollu, għalkemm mid-definizzjoni, biex wieħed jibbenefika mill-eżenzjonijiet l-
7 informazzjoni dwar is-sustanza jew it-taħlita meħtieġa mill-Artikolu 31 jew 32 għandha tkun
8 disponibbli għall-istabbiliment li jkun qed iwettaq l-irkupru, hemm xi kwistjonijiet speċifiċi li
9 jirriżultaw (eż. minn bidliet fil-profil tal-impurità jew aspetti oħra tal-kompożizzjoni tas-
10 sustanza rkuprata bi tqabbil mas-sustanzi kif ġew irregjstrati oriġinarjament) li jistgħu
11 jaffettwaw il-kontenut tal-SDS kompilata għal sustanza jew taħlita rkuprata. Hemm ukoll
12 kwistjonijiet li jirriżultaw mid-diskontinwità fit-trasferiment ta' informazzjoni dwar xenarji tal-
13 esponiment 'l isfel fil-katina tal-provvista li tiġi interrotta mill-bidla temporanja tal-istatus ta'
14 sustanza jew taħlita bħal skart jew "ma għadhiex skart". Dawn il-kwistjonijiet huma
15 kkunsidrati f'aktar dettall hawn taħt sa fejn dawn jaffettwaw il-kontenut tal-SDS.

16 **II-kompożizzjoni ta' sustanzi u taħlitiet irkuprati**

17 Għal materjali rkuprati li huma komposti primarjament minn sustanzi li mhumiex kimikament
18 modifikati mill-proċess tal-irkupru, dawn is-sustanzi komponenti weħidhom jew f'taħlitiet
19 ġeneralment ikunu magħrufa u jkunu ġew irregjstrati.

20 Madankollu, matul il-manifattura oriġinali diversi sustanzi oħra (li jinkludu potenzjalment
21 addittivi stabilizzanti) jistgħu jkunu ġew ikkombinati mas-sustanza(i) primarja(i). Il-parti l-
22 kbira tas-sustanzi (jew addittivi) jkunu għadhom fil-produzzjoni u jkunu għaldaqstant ġew
23 irregjstrati taħt REACH. Madankollu, oħrajn ikunu waqfu jiġu prodotti, jew permezz ta' azzjoni
24 volontarja jew waħda regolatorja, għalkemm jistgħu jibqgħu jkunu preżenti f'materjali tal-
25 iskart għal numru ta' snin.

26 Xi setturi li jwettqu attivitajiet tal-irkupru diġà għandhom aċċess relattivament faċli għall-
27 informazzjoni neċessarja dwar is-sustanzi/taħlitiet li jipproduċu u jfornu, biex ikunu jistgħu
28 jikkompilaw SDS li tkun tikkonforma mal-Artikolu 31 u l-Anness II ta' REACH. Għal oħrajn,
29 tista' tkun meħtieġa kunsiderazzjoni ulterjuri ta' kwistjonijiet bħas-'similarità'.

30 **Valutazzjoni tal-applikabbiltà ta' informazzjoni tal-SDS disponibbli u s-'similarità' ta'** 31 **sustanzi rkuprati**

32 Anke waqt il-kumpilazzjoni tal-SDS tiegħu stess abbażi tal-SDSs disponibbli għal sustanzi
33 rkuprati mill-iskart, l-operatur ta' rkupru jkun jeħtieġ li huwa stess jissodisfa li kull
34 informazzjoni li jiddependi fuqha għall-kumpilazzjoni tal-SDS tkun relatata ma' sustanzi li
35 huma l-istess bħal dawk fil-materjal irkuprat.

36 Aktar diskussjoni tas-'similarità' fil-kuntest ta' sustanzi rkuprati tingħata fil-*Gwida tal-ECHA*
37 *dwar l-iskart u sustanzi rkuprati*. Dan b'mod partikolari juri li '*d-deċiżjoni dwar is-similarità*
38 *għandha tkun ibbażata fuq il-kostitwenti prinċipali. Informazzjoniis-similarità dwar l-*
39 *impuritajiet fil-prinċipju ma tbiddilx il-konklużjoni dwar*¹⁴³.

143 Informazzjoni dwar l-impuritajiet għandha titqies għal kwistjonijiet bħall-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar u l-
abbozzar tal-SDSs.

1 Kumpilazzjoni tal-SDSs bl-użu ta' informazzjoni ġenerika

2 Fil-każ li l-informazzjoni ġenerika dwar il-materjal ta' input tintuża biex tipproduċi SDS, għandu
3 jkun hemm proċess biex tiġi stabbilita l-kunfidenza fl-affidabbiltà ta' din l-informazzjoni.
4 Proċess bħal dan jista' pereżempju jinkludi:

- 5 • Ivv valuta dak li huwa magħruf dwar il-materjal tal-iskart li minnu għandha tiġi rkuprata
6 s-sustanza. Din tinkludi informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-iskart, u kull storja
7 rilevanti magħrufa tal-materjal bħal, fejn applikabbli:
 - 8 ○ l-applikazzjoni preċedenti,
 - 9 ○ it-trattament u l-ħżin matul l-istadji tal-użu, tal-iskart u tat-trasport
 - 10 ○ kull trattament imwettaq (eż. mattul l-ipproċessar mill-ġdid).
- 11 • Valutazzjoni u fejn rilevanti reġistrazzjoni tal-kontenut kollu magħruf, inklużi l-
12 materjal(i) oriġinali kif ukoll kull ħaġa li x'aktarx tkun preżenti minn addittivi użati fl-
13 applikazzjoni oriġinali (eż. sustanzi tal-illigar, kisi, koloranti, jew stabilizzaturi).
14 Informazzjoni dwar is-sustanzi u t-taħliliet preżenti fl-iskart u l-kwantitajiet rilevanti
15 tagħhom jippermettu l-informazzjoni tal-SDS dwar materjali rilevanti li għandhom ikunu
16 jinkisbu u jintużaw bħala l-bażi tal-SDS għall-materjal riċiklat. Pereżempju, jekk ikun
17 hemm sustanzi soġġetti għal restrizzjoni, li jissodisfaw il-kriterji tal-klassifikazzjoni
18 bħala perikoluża skont CLP, CMR, PBT, vPvB jew sustanzi tal-lista tal-kandidati fil-
19 materjal riċiklat hemmhekk il-kompożizzjoni kimika ta' dan il-kontenut kollu għandha
20 tkun stabbilita
- 21 • Karatterizzazzjoni tal-materja prima li tkun dieħla u tas-sustanza(i) rkuprata(i) biex
22 ikun stabbilit il-kontenut medju għal kull sustanza rilevanti u l-firxa probabbli tal-
23 kontenut tagħha f'kull taħlita (massimu u minimu). Alternattivament il-profil ta' periklu
24 tat-taħlita rkuprata per se tista' tkun stabbilita. Din l-informazzjoni tista' tintuża biex
25 jiġu vvalutati riskji u jiġu stabbiliti miżuri għall-ġestjoni tar-riskju fl-SDS għal użi
26 aċċettati.

27 Għal sustanzi rkuprati (bħal għal sustanzi oħra) li jinkludu impuritajiet li huma kklassifikati u li
28 jikkontribwixxu għall-klassifikazzjoni, l-impuritajiet għandhom jiġu indikati.

29 Wieħed għandu jinnota li l-preżenza tal-impuritajiet weħida ma tagħtix okkażjoni għal obbligu
30 li tkun fornuta SDS taħt l-Artikolu 31(1) ta' REACH. Obbligi bħal dawn jistgħu jirriżultaw biss
31 permezz tar-rekwiżiti tal-Artikolu 31(3).
32

33 Konsegwenzi oħra ta' eżenzjoni tal-Artikolu 2(7)(d) rilevanti għall-SDSs

34 Operatur ta' rkurpu li jkollu l-informazzjoni meħtieġa disponibbli għall-istess sustanza u jista'
35 għaldaqstant jistrieħ fuq eżenzjonijiet skont l-Artikolu 2(7)(d) ta' REACH (anke jekk l-użu ta'
36 sustanza rkuprata mhuwiex kopert mir-reġistrazzjoni tal-istess sustanza), mhuwiex meħtieġ li:

- 37 • jiġġenera xenarju tal-esponiment għall-użu tas-sustanza rkuprata;
- 38 • jirreġistra s-sustanza rkuprata;
- 39 • jinnotifika l-użu tas-sustanza rkuprata.
40

41 Madankollu għandu jqis l-informazzjoni disponibbli u għandu jipprovdi informazzjoni dwar il-
42 miżuri xierqa tal-ġestjoni tar-riskju fl-SDS, jekk applikabbli.

43 L-SDS għandha tkun ikkompilata skont it-test tal-Artikolu 31 u l-Anness II ta' REACH. Meta
44 jkun xieraq għandha tiġi kkonsultata gwida stabbilita fil-parti ewlenija ta' dan id-dokument

- 1 flimkien ma' gwida addizzjonali għal kwistjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dan l-Appendiċi jew fil-
- 2 *Gwida dwar l-iskart u sustanzi rkuprati.*

- 3 Assoċjazzjonijiet Kummerċjali li jirrappreżentaw setturi speċifiċi ta' rkupru ta' materjal jistgħu
- 4 jipprovdu lill-membri tagħhom b'eżempji ta' kif għandhom jużaw din il-gwida. Jistgħu jkunu
- 5 jixtiequ jiżviluppaw aktar gwida għal kull kwistjoni speċifika għax-xejra materjali tagħhom.

1 Appendiċi 4. Glossarju / Lista ta' akronimi

Lista ta' Akronimi	
ADN	Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni
ADR	Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq
ATE	Stima tat-Tossiċità Akuta
C&L	Klassifikazzjoni u Ttikkettar
CAS#	Numru tal-Chemical Abstracts Service
CEN	Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni
CLP	Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ; ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008
CMR	Karċinoġenu, Mutaġenu, jew Tossiku Riproduttiv
CSA	Valutazzjoni dwar is-Sigurtà Kimika
CSR	Rapport tas-Sigurtà Kimika
DNEL	Livell Derivat ta' Bla Effett
DPD	Id-Direttiva dwar Preparati Perikolużi 1999/45/KE
DSD	Id-Direttiva dwar Sustanzi Perikolużi 67/548/KEE
DU	Utent Downstream
ECHA	Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
EINECS	Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti
ELINCS	Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi notifikati
EN	Standard Ewropew

EQS	Standard tal-Kwalità Ambjentali
Euphrac	Katalgu Ewropejw tal-Frażijiet
EWC	Katalgu ta' Skart Ewropew (sostitwit b'LoW – ara taħt)
ĠU	Ġurnal Uffiċjali
GES	Xenarju tal-Esponiment Ġeneriku
GHS	Sistema Globalment Armonizzata
IATA	Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru
ICAO-TI	Istruzzjonijiet Tekniċi għat-Trasport Sikur ta' Merkanzija Perikoluża bl-Ajru
IMDG	Kodiċi tal-Merkanzija Perikoluża Marittima Internazzjonali
IMSBC	Kodiċi tat-Tagħbija Solida bl-Ingrossa Marittima Internazzjonali
IT	Teknoloġija tal-Infommazzjoni
IUCLID	Bażi tad- <i>Data</i> Internazzjonali għall-Infommazzjoni Kimika Uniformi
IUPAC	Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata
JRC	Ċentru Konġunt tar-Riċerka
KE	Komunità Ewropea
KEE	Komunità Ekonomika Ewropea
Kow	koeffiċjent ta' partizzjoni ottanol-ilma
LC50	Konċentrazzjoni Letali sa 50 % ta' popolazzjoni tat-test
LD50	Doża Letali sa 50 % ta' popolazzjoni tat-test (Doża Letali Medjana)
LE	Entità Legali

LoW	Lista ta' Skart (ara http://ec.europa.eu/environment/waste/framework/list.htm)
LR	Reġistrant Prinċipali
M/I	Manifattur / Importatur
MS	Stati Membri
MSDS	Skeda tad-Data dwar is-Sikurezza tal-Materjal
NU	Nazzjonijiet Uniti
Numru KE	Numru EINECS u ELINCS (ara wkoll EINECS u ELINCS)
OC	Kondizzjonijiet Operazzjonali
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi
OEL	Limitu ta' Esponiment Professjonali
OR	Rappreżentant Uniku
OSHA	Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
PBT	Sustanza Persistenti, Bijoakkumulattiva u Tossika
PEC	Konċentrazzjoni b'Effett Previst
PNEC(s)	Konċentrazzjoni(jiet) Mingħajr Effett Previsti
PPE	Tagħmir ta' Protezzjoni Personali
(Q)SAR	Relazzjoni ta' Attività Strutturali Kwalitattiva
REACH	Ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006
RID	Regolamenti dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bil-Ferrovija
RIP	Proġett ta' Implimentazzjoni REACH

RMM	Miżura tal-Ġestjoni tar-Riskju
SCBA	Apparat Respiratorju Awtonomu
SDS	Skeda ta' <i>data</i> ta' sigurtà
SIEF	Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar is-Sustanzi
SME	Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju
STOT	Tossiċità Speċifika għall-Organu fil-Mira
(STOT) RE	Espożizzjoni Ripetuta
(STOT) SE	Espożizzjoni ta' Darba
SVHC	Sustanzi ta' Tassib Serju Ħafna
UE	Unjoni Ewropea
UFI	Identifikatur Uniku tal-Formula
vPvB	Persistenza Għolja u Bijoakkumulazzjoni Għolja
ŻEE	Żona Ekonomika Ewropea (l-UE + l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja)

AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
P.O. BOX 400, FI-00121 HELSINKI, FINLAND
ECHA.EUROPA.EU

LOREM IPSUM DOLOR SIT AMET